



Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kunsill

2018/C 320/01	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Belġju	1
2018/C 320/02	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Bulgarija	7
2018/C 320/03	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Repubblika Ċeka	12
2018/C 320/04	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tad-Danimarka	16
2018/C 320/05	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Ġermanja	19
2018/C 320/06	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Estonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Estonja	24
2018/C 320/07	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Irlanda	27
2018/C 320/08	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Spanja	33

2018/C 320/09	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Franca u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Franca	39
2018/C 320/10	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Kroazja	44
2018/C 320/11	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Italja	48
2018/C 320/12	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Ċipru	55
2018/C 320/13	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Latvja	60
2018/C 320/14	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Litwanja	64
2018/C 320/15	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Lussemburgu	68
2018/C 320/16	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Ungerija	72
2018/C 320/17	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Malta	76
2018/C 320/18	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tan-Netherlands u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tan-Netherlands	80
2018/C 320/19	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Awstrija	84
2018/C 320/20	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Polonja għall-2018 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja għall-2018	88
2018/C 320/21	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Portugall	92
2018/C 320/22	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija tal-2018	98
2018/C 320/23	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tas-Slovenja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tas-Slovenja	103

2018/C 320/24	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tas-Slovakkja	107
2018/C 320/25	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Finlandja	112
2018/C 320/26	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Iżvezja	116
2018/C 320/27	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Renju Unit	119

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Lulju 2018

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Belġju

(2018/C 320/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Qies il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Belġju jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018 għall-Belġju ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Belġju biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽¹⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Belġju lejn il-miri nazzjonali tiegħu tal-Ewropa 2020.
- (4) Fis-27 ta' April 2018, il-Belġju ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tiegħu. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Belġju jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2018, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali minn defiċit ta' 1,0 % tal-PDG fl-2017 għal surplus ta' 0,1 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju, li huwa pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali, huwa ppjanat li jintlaħaq sal-2020. Madankollu, il-bilanċ strutturali rikalkulat ⁽³⁾ għadu jindika defiċit ta' 0,2 % fl-2020. Wara li tela' sa kważi 107 % tal-PDG fl-2014 u niżel għal madwar 103 % tal-PDG fl-2017, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 94,6 % sal-2021, skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2019 'l hemm ma ġewx speċifikati u dan jikkontribwixxi għad-deterjorazzjoni proġettata tal-bilanċ strutturali fl-2019 jekk il-politika ma tinbidilx, skont it-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2018.
- (7) Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, billi l-Belġju ma għamilx biżżejjed progress biex jikkonforma mal-punt referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2017. Wara valutazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti, billi bħalissa ma hemmx evidenza robusta għall-konklużjoni dwar l-eżistenza ta' devjazzjoni sinifikanti fil-Belġju fl-2017 u matul l-2016 u l-2017 flimkien, ir-rapport ma setax jikkonkludi bis-sħiħ jekk kienx hemm konformità jew le mal-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni se terġa' tivvaluta l-konformità mal-punt referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fuq il-bażi tad-data ex-post għall-2018 li għandha tiġi notifikata fir-rebbiegħa 2019.
- (8) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jindika li l-impatt baġitarju tal-miżuri relatati mas-sigurtà fl-2017 huwa sinifikanti, u jipprovdii evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa eliġibbli addizzjonali fl-2017 tammonta għal 0,02 % tal-PDG minħabba miżuri

⁽¹⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽³⁾ Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

relatati mas-sigurtà. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, billi l-gravità tat-theddida tat-terroriżmu hija avveniment eċċezzjonali, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi tal-Belġju huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx compromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju għall-2017 tnaqqas biex jitqiesu dawn l-ispejjeż addizzjonali.

- (9) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rakkomandat li l-Belġju jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali ta' nefqa primarja netta tal-gvern ⁽¹⁾ ma taqbiżx 1,6 % fl-2018, ekwivalenti għal aġġustament annwali strutturali ta' 0,6 % tal-PDG. Fl-istess ħin, ġie ddikjarat li l-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tal-eżiti tal-baġit tal-2018 se jkollhom iqisu l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm biex jissaħħaħ l-irkupru li għaddej kif ukoll li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Belġju. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-saħħa tal-irkupru fil-Belġju filwaqt li jingħataw il-konsiderazzjonijiet dovuti għall-isfidi tas-sostenibbiltà tiegħu, li twettqu fil-kuntest tal-opinjoni tagħha fuq l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2018, ma hemm bżonn jittieħdu l-ebda elementi addizzjonali f'dan ir-rigward. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustamenti rakkomandat lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018 u matul l-2017 u l-2018 flimkien.
- (10) Fl-2019, fid-dawl tal-fatt li d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG tal-Belġju huwa 'l fuq minn 60 % tal-PDG u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' 0,4 %, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett jenħtieġ li ma taqbiżx il-1,8 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit fl-2019 u matul l-2018 u l-2019 flimkien. Prima facie mhuwiex previst li l-Belġju se jikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2018 u fl-2019. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2018 jenħtieġ li jittieħdu miżuri neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-użu ta' xi gwadann mhux previst biex jitnaqqas iktar il-proporzjon ta' dejn pubbliku ikun rispons prudenti.
- (11) Is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tibqa' sfida. Ir-riformi tal-pensjonijiet adottati fl-2015 kienu pass sinifikanti li jindirizza riskji marbuta mat-tixjib fit-tul, iżda r-Rapport dwar it-Tixjib 2018 jindika żieda ikbar milli mistennija qabel fin-nefqa fit-tul relatata mat-tixjib kemm għan-nefqa tal-pensjonijiet kif ukoll tal-kura fit-tul. L-infiq fuq il-pensjonijiet huwa pproġettat li jiżdied bi 2,9 punti perċentwali tal-PDG fl-2070, meta mqabbel maż-żieda ta' 1,3 punti perċentwali fl-2060 (u tnaqqis ta' 0,1 punt perċentwali tal-PDG bħala medja għall-Unjoni) fl-aġġornament preċedenti. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan direzzjonali ta' riforma tal-gvern tista' tikkontribwixxi lejn l-indirizzar ta' dawk ir-riskji. Barra minn hekk, in-nefqa fuq il-kura fit-tul hija proġettata li tiżdied, minn livell li huwa diġà 'l fuq mill-medja tal-Unjoni ta' 2,3 % tal-PDG għal 4,0 % tal-PDG sal-2070. It-tnaqqis tal-frammentazzjoni fix-xenarju organizzazzjonali tal-kura fit-tul, minħabba t-tqassim tal-kompetenzi fost livelli amministrattivi differenti, għandu l-potenzjal li jżid l-effiċjenza tan-nefqa f'dan il-qasam.
- (12) Huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni effettiva tal-baġit fi Stat Membru federali bħall-Belġju, fejn il-parti kbira tas-setgħat tan-nefqa ġiet ittrasferita lill-gvernijiet sottonazzjonali. Biex titjeb il-koordinazzjoni interna u biex jiġi traspost il-komponent fiskali tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja ("il-Patt Fiskali"), il-Gvern federali u l-gvernijiet reġjonali u tal-komunitajiet laħqu ftehim ta' kooperazzjoni fl-2013, bil-għan li jiġu ddefiniti l-perkorsi fiskali multiannwali kumplessivi u individwali, li se jiġi mmonitorjat mill-Kunsill Għoli għall-Finanzi. Intlaħaq ftehim dwar miri fiskali individwali li għandhom jinkisbu sal-2020, li huwa pass pożittiv. Madankollu, għad m'hemmx ftehim formali dwar il-miri fiskali annwali fil-livelli kollha tal-gvern. Sar progress fir-rigward tal-istabbiliment ta' salvagwardji suffiċjenti fir-rigward tal-indipendenza tal-Kunsill Għoli tal-Finanzi.
- (13) Hemm lok li jingħata rwol akbar ta' trażżin ta' nfiq għall-konsolidament fiskali. In-nefqa pubblika totali bħala perċentwal tal-PDG hija 'l fuq mill-medja taż-Żona tal-Euro. Minkejja l-potenzjal tiegħu biex fuq perjodu ta' żmien twil jistimola t-tkabbir ekonomiku, l-investment pubbliku huwa baxx meta mqabbel mal-istandards Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tan-nefqa pubblika totali. Mhux biss l-istokk tal-kapital pubbliku huwa

⁽¹⁾ In-nefqa primarja netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li huma korrisposti bis-sħiħ minn dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fuq in-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinażjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

baxx, il-kwalità tal-infrastruttura pubblika ttekklet ukoll. Analiżi tan-nefqa tista' tikkontribwixxi għal allokkazzjoni aktar intelliġenti ta' nefqa u tappoġġa l-konsolidazzjoni favur it-tkabbir. Fil-livell reġjonali biss il-Flanders qed jippjana li jdaħħal approċċ ta' rieżami tal-infiq fil-proċess baġitarju tiegħu. B'żieda ma' dan, l-ebda livell ta' gvern fil-Belġju ma huwa marbut b'regoli ta' nfiq domestiċi, bl-eċċezzjoni ta' limitu massimu għall-infiq fuq il-kura tas-saħħa. Dan huwa f'kontrast mal-adozzjoni dejjem tiżdied ta' tali regoli fl-Unjoni u tipprevjeni l-konsolidazzjoni fiskali bbażata fuq in-nefqa. Barra minn hekk, kontribuzzjonijiet għall-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti Belġjana ma jiġux investiti f'portafoll separat ta' assi b'riskju baxx.

- (14) Id-distribuzzjoni ta' dejn u assi madwar l-unitajiet domestiċi Belġjani tiżvela xi każijiet ta' vulnerabbiltà, minkejja l-pożizzjoni tal-ġid ġenerali favorevoli tagħhom. Perjodu mtawwal ta' żieda iktar mgħaġġla fil-prezzijiet tad-djar milli fuq l-introjt disponibbli tal-unitajiet domestiċi akkumpanjat ma żidiet fil-livell ta' dejn tal-unitajiet domestiċi għamlu is-sitwazzjoni finanzjarja tal-familji aktar fraġli. Miżura makroprudenzjali, li tiffoka primarjament fuq ir-reżiljenza tas-settur bankarju, ġiet implimentata f'April 2018 biex tindirizza żieda fir-riskji sistemiċi relatati mas-settur immobiljari residenzjali. Fil-futur, il-qafas nazzjonali għat-teħid tad-deċiżjonijiet makroprudenzjali jista' jissaħħaħ biex iżid l-abbiltà tal-awtorità makroprudenzjali li tapplika strumenti makroprudenzjali f'waqthom. Bħalissa l-prezzijiet tad-djar jidhru kemxejn sopravvalutati.
- (15) Kif indikat fir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa hija essenzjali biex timpedixxi d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni bejn id-ditti, tipprovi trattament ġust lill-kontribwenti u tissalvagwardja l-finanzi pubbliċi. L-effetti sekondarji ta' strateġiji ta' ppjanar tat-taxxa aggressivi tal-kontribwenti bejn l-Istati Membri jirrikjeduh azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dak li qabel kienet is-sistema ta' Tnaqqis ta' Interess Nozzjonali li kienet ibbażata fuq l-istokk ta' ekwità ġiet sostitwita b'sistema inkrementali. Is-sistema l-ġdida, li tikkondividi linja bażi inkriminali mal-Allokazzjoni għat-Tkabbir u l-Investment proposta fil-bażi komuni tat-taxxa korporattiva, se tkun limitata għal żieda fil-kapital tal-ekwità kkalkulat fuq bażi ta' medja ta' ħames snin. Din il-bidla hija maħsuba biex tikkontribwixxi għan-newtralità tal-baġit ta' riforma tat-taxxa korporattiva filwaqt li tindirizza l-użu potenzjali tas-sistema fl-ippjanar aggressiv tat-taxxa kif ukoll ittaffi l-kwistjoni ta' preġudizzju tad-dejn/tal-ekwità. Filwaqt li n-nuqqas ta' xi regoli speċifiċi kontra l-abbuż kien ta' tħassib, issa qed tiġieja riforma tal-qafas kontra l-abbuż. Dan huwa pass pożittiv. Dan se jkun immonitorjat mill-qrib biex jiġu żgurati li r-regoli l-ġodda jindirizzaw il-forom rilevanti kollha tal-abbuż. Abbażi ta' skambji reċenti, il-Kummissjoni se tkompli d-djalogo kostruttiv tagħha fil-ġlieda kontra l-istrateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa tal-kontribwenti.
- (16) It-tkabbir ekonomiku reċenti kien frott iż-żieda fl-impjeg. It-tkabbir fl-impjegi kien qawwi fl-2017 u r-rata ta' qgħad issa tinsab qrib il-livell ta' qabel il-kriżi. Madankollu, rigward ir-rata ta' impjeg tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena (68,5 % fl-2017), il-Belġju mhuwiex fit-triq it-tajba sabiex jilħaq il-mira tiegħu tal-Ewropa 2020 ta' 73,2 %. Sar progress limitat dwar il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi żvantaġġati, minħabba li l-inattività u l-qgħad huma kkonċentrati l-aktar fost il-ħaddiema b'ħiliet baxxi, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u ħaddiema ikbar fl-età, li jissuġġerixxi li kemm fatturi strutturali kif ukoll speċifiċi għall-grupp jostakolaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. B'mod partikolari, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, li huma proporzjon kbir tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, qed ikomplu jiffaċċjaw żvantaġġi fis-suq tax-xogħol u b'hekk jirrappreżentaw potenzjal sinifikanti mhux sfruttat tal-potenzjal tas-suq tax-xogħol. Fl-2016, ir-rata ta' impjeg ta' dawk li twieldu barra mill-UE kienet ta' 49,1 %, li hija aktar minn 20 punt perċentwali anqas għan-nattivi (id-distakk kien ferm aktar evidenti għan-nisa). Miżuri ta' attivazzjoni jistgħu jgħinu lil nies minn ambjenti żvantaġġati, iżda hemm xi evidenza li dawk il-miżuri ta' attivazzjoni mhumiex effettivi b'mod ugwali għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni. Filwaqt li tteħdu xi miżuri sabiex jgħinu l-wasliet ġodda biex jintegraw u biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni, għad hemm nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-setturi ta' politika u l-livelli politiċi biex tiġi indirizzata l-isfida ta' integrazzjoni ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Għadhom jippersistu disparitajiet reġjonali qawwija fil-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol.
- (17) Minkejja l-isforzi biex jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol, diziċentivi għax-xogħol jibqgħu għolja għal ċerti gruppi, bħal pereżempju unitajiet domestiċi uniċi li jaqilgħu l-paga medja u t-tieni sors ta' dħul. Minkejja miżuri preċedenti, il-porzjon ta' taxxa għal unità domestika uniċi li jaqilgħu l-paga medja baqa' fost l-ogħla tal-Unjoni fl-2016. In-nassa tal-qgħad għall-ħaddiema b'paga baxxa (67 % tal-paga medja għal unità domestika unika) hija wkoll fost l-ogħla tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-diziċentivi fiskali għat-tieni sors ta' dħul — l-aktar nisa — jibqgħu.
- (18) Ir-rata ta' postijiet vakanti hija fost l-ogħla fl-Unjoni u tindika nuqqas ta' tlaqqiġ ta' ħiliet kbar relatati, fost fatturi oħra, mal-livell baxx ta' mobbiltà u, speċjalment fir-reġjuni bilingwi ta' Brussell, ħiliet lingwistiċi mhux adegwati. Il-parteciċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja hija baxxa. Aktar impenji minn individwi u impjegaturi lejn it-tagħlim tul il-ħajja kontinwu huwa importanti biex in-nies ikunu jistgħu jimmaniġġaw it-tranżizzjonijiet ta' impjeg.

- (19) Sar xi progress fir-rigward ta' opportunitajiet indaqs biex jipparteċipaw f'edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità billi l-Komunitajiet Fjammingi u dawk li jikkellmu bil-Franċiż għadhom qed idaħħlu r-riformi fl-iskejjel. Madankollu, minkejja l-prestazzjoni medja tajba meta mqabbla mal-livell internazzjonali, għad fadal inugwaljanzi edukattivi għoljin għal żmien twil. L-eżiti edukattivi tal-studenti ta' 15-il sena turi varjazzjoni sinifikanti marbuta mal-isfond soċjoekonomiku u l-istatus ta' migrant. Id-differenzi fil-prestazzjoni bejn il-Komunitajiet Fjammingi u dawk li jikkellmu bil-Franċiż kif ukoll in-nuqqas ta' rappreżentanza ta' gruppi żvantaġġati fost l-ogħla kisbiet fix-xjenza, il-qari u l-matematika qegħdin iqajmu tħassib. Differenzi kbar fil-prestazzjoni bejn l-iskejjel jimxu id f'id ma' inugwaljanza f'opportunitajiet edukattivi. Is-sehem ta' gradwati fl-edukazzjoni terzjarja huwa għoli. Madankollu, huma osservati inugwaljanzi fl-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, nuqqasijiet fil-ħiliet u differenzi reġjonali. Il-proporzjon ta' gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija u l-matematika huwa fost l-aktar baxxi fl-Unjoni u nuqqasijiet f'dawn l-oqsma jista' jsir ostaklu ewlieni għat-tkabbir u l-innovazzjoni. In-nuqqas ta' għalliema qegħdin iqajmu tħassib, iżda l-progress fir-riformi tat-taħriġ tal-għalliema miexi bil-mod. Hemm il-ħtieġa li l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema jiġi adattat. Kemm tal-Komunitajiet Fjammingi kif ukoll dawk Franċiżi bdew riformi maġġuri tas-sistemi edukattivi tagħhom. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi hija ppjanata matul l-10 snin li ġejjin u lil hinn. Madankollu, fi tmiem l-2017, il-Flanders ħa d-deċiżjoni li jiġi pospost id-dħul fis-seħħ ta' miżuri ewlenin ta' dawn ir-riformi b'sena. L-impatt tar-riformi u l-miżuri se jiddependi ħafna fuq l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tagħhom.
- (20) Saru biss riformi limitati biex jindirizzaw il-qafas regolatorju restrittiv fis-servizzi. Il-Flanders abolixxa l-Att ta' Stabbiliment għal numru magħżul ta' professjonijiet artiġjanali. Madankollu, ir-regolament jibqa' għoli fuq mis-servizzi professjonali. B'riżultat ta' dan, il-kompetizzjoni hija baxxa f'dawn is-setturi b'rati baxxi ta' dħul ta' kumpaniji ġodda deħlin fis-suq. Fis-settur tal-konstruzzjoni, l-iskemi ta' awtorizzazzjoni orizzontali għall-aċċess għas-suq tal-konstruzzjoni huma imposti u l-permessi tal-bini jibqgħu kumplessi minkejja miżuri adottati fis-snin reċenti. Ir-rati ta' attrizzjoni fis-settur tal-konstruzzjoni tal-Belġju huma sostanzjalment inqas mill-medja tal-Unjoni, li jista' jindika li s-settur isofri minn kompetizzjoni insuffiċjenti. Dan jaffettwa wkoll it-tlestija ta' proġetti importanti tal-infrastruttura. Hemm ukoll restrizzjonijiet importanti fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija u s-servizzi tat-trasport bit-triq. It-tkabbir baxx fil-produttività tal-ekonomija Belġjana huwa fil-parti l-kbira xprunat minn tkabbir baxx fil-produttività fis-settur tas-servizzi. Restrizzjonijiet regolatorji wkoll għandhom effett konsegwenzjali negattiv fuq utenti ta' dawn is-servizzi, b'mod partikolari s-settur tal-manifattura. Riformi strutturali iktar approfonditi ta' setturi ta' servizzi ewlenin għandhom jgħinu biex itejbu t-tkabbir fil-produttività, li huwa essenzjali għal tkabbir futur kif ukoll għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
- (21) Sar ukoll progress limitat fit-titjib tal-funzjonament tas-settur tal-bejgħ bl-imnut. Minkejja r-riformi reċenti, ir-restrizzjonijiet regolatorji għadhom piż fuq ir-rendiment tas-settur u jiskoraġġixxu l-investment. Il-prezzijiet għal ħafna kategoriji tal-prodotti jibqgħu ogħla milli huma fil-pajjiżi ġirien. Hemm bżonn ta' aktar sforz biex jagħmlu l-ambjent tan-negozju kompetittiv u favur l-investment biex jippermetti lill-konsumaturi jibbenefikaw minn għażla akbar ta' prodotti u minn prezzijiet aktar baxxi. F'April 2018, il-Kummissjoni pproponiet l-aħjar Prattiki biex jigwidaw ir-riformi tal-Istati Membri fis-settur tal-bejgħ bl-imnut.
- (22) Il-prestazzjoni tal-intraprenditorija fil-Belġju għadha baxxa, minkejja xi riformi f'dawn l-aħħar snin u l-miżuri reċenti li l-impatt tagħhom għad irid jiġi vvalutat. Id-dinamiżmu kummerċjali huwa baxx, peress li r-rata tal-ħolqien tan-negozju għadha fost l-aktar baxxi fl-Ewropa, ħafna iktar baxxa mill-medja tal-Unjoni, akkumpanjata b'rata baxxa ta' qerda. Barra minn hekk, il-piż amministrattiv għall-kumpaniji jibqa' għoli, ikkaratterizzat minn proċeduri kumplessi u livell baxx ta' ċertezza regolatorja.
- (23) Il-Belġju għandu prestazzjonijiet medji fis-servizzi pubbliċi diġitali. Meta mqabbla mal-pożizzjoni ġenerali tajba fl-iżvilupp ta' ekonomija diġitali tiegħu, jinsab f'pożizzjoni medja fis-servizzi pubbliċi diġitali. L-istruttura federali tal-Belġju toħloq sfidi speċifiċi fl-istabbiliment koerenti u mifruxa mal-pajjiż kollu ta' servizzi ta' gvern elettroniku. Sistemi diversi li mhumix sistemi neċessarjament interoperabbli joħlqu telf ikkaġunat mill-frizzjoni. Jibqa' tħassib serju dwar is-sistema ġudizzjarja b'mod partikolari fir-rigward ta' azzjonijiet li qed idumu, id-diġitalizzazzjoni, u l-affidabbiltà, il-komparabilità u l-uniformità tad-data tal-qorti. It-tnejja ta' inizjattivi biex jiddiġitalizzaw ċerti servizzi fil-qorti għall-qorti kollha b'ħall-e-box jew l-e-deposit qegħdin jaqgħu lura. Madankollu, sakemm din is-sistema ta' kodifika uniformi ma tiġix applikata fil-qorti kollha, id-data dwar l-effiċjenza tal-proċedimenti tal-qorti se tibqa' limitata fl-affidabbiltà u l-komparabbiltà.
- (24) Minkejja r-riformi reċenti, is-sistema fiskali Belġjana tibqa' kumplessa. Ir-riforma tat-taxxa korporattiva se tnaqqas tar-rati statutorji u tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tas-sistema. Madankollu, ħafna eżenzjonijiet u inċentivi distortivi jibqgħu hemm, minħabba li hemm xejra dejjem tikber fl-ammont totali ta' eżenzjonijiet mit-taxxa. L-opportunità li t-taxxi jinbidlu għal bażijiet li aktar jiffavorixxu t-tkabbir tista' tintuża aktar. Dħul minn taxxi

relatati mal-ambjent huma fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Hemm potenzjal konsiderevoli għal ċaqliq ġenwin għal taxxa "ambjentali" li jittratta fost oħrajn trattament favorevoli tal-karozzi tal-kumpaniji, li jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja, il-konġestjoni u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

- (25) Kien hemm progress limitat fl-indirizzar ta' konġestjoni tat-traffiku. Il-mobilità ssofri minn nuqqas ta' investiment pubbliku fl-infrastruttura, inċentivi fiskali distorsivi u nuqqas ta' kompetizzjoni fis-servizzi tat-trasport, li jikkawża konġestjoni kbira u jostakola t-tkabbir tal-produttività. Il-konġestjoni fit-toroq sejra għall-aġġar sena wara sena, li jiskoraġġixxu l-investment barrani u li joħloq spejjeż ekonomiċi, soċjali u ambjentali għolja. L-aktar sfidi urġenti huma li titlesta u tiġi aġġornata l-infrastruttura tat-trasport bil-ferrovija u bit-triq, speċjalment madwar u f'Antwerp u Brussell. Hemm ukoll restrizzjonijiet importanti fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija u s-servizzi tat-trasport bit-triq. L-awtoritajiet jistgħu jħeġġu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura eżistenti u bidla modali minn użu ta' trasport individwali lejn alternattivi iktar kollettivi u b'emissjonijiet baxxi.
- (26) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Belġju u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Belġju fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Belġju imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (27) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Belġju jieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma jeċċedix il-1,8 % fl-2019, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Juża l-qligħ mhux mistenni biex iħaffef it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn ġenerali tal-gvern. Jiżgura r-riformi tal-pensjoni previsti u jillimita ż-żieda proġettata fin-nefqa tal-kura għat-tul. Isegwi l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2013 biex jikkoordina l-politiki fiskali fil-livelli kollha tal-gvern. Itejjeb l-effiċjenza u l-kompożizzjoni tal-infiq pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern biex jinħoloq spazju għall-investment pubbliku, b'mod partikolari billi jwettaq analiżi tan-nefqa.
2. Jelimina d-diżinċentivi għax-xogħol u jsaħħaħ l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għal dawk b'ħiliet baxxi, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u ħaddiema akbar fl-età. Ikompli r-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi jrawwem l-ekwità, u jżid is-sehem ta' gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-ingenierija u l-matematika.
3. Inaqqas l-piż regolatorju u amministrattiv biex jinċentiva l-impreditorija u tiżdied il-kompetizzjoni fis-servizzi, b'mod partikolari il-bejgħ bl-immut, il-kostruzzjoni u s-servizzi professjonali. Jiġu indirizzati l-isfidi tal-mobbiltà li dejjem jiżdiedu, b'mod partikolari permezz ta' investiment f'infrastruttura tat-trasport għada jew eżistenti u jissaħħu l-inċentivi għal trasport tal-użu kollettiv u b'emissjonijiet baxxi.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Bulgarija**

(2018/C 320/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Qieset il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih trid issir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għall-Bulgarija ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport vvaluta l-progress tal-Bulgarija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Bulgarija lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha wkoll ġew ippubblikati fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Bulgarija għaddejja minn iżbilanċi makroekonomiċi. Il-vulnerabbiltajiet fis-settur finanzjarju jingħaqdu ma' pożizzjoni ta' dejn għolja u self improduttiv fis-settur korporattiv, fil-kuntest ta' aġġustament mhux komplut tas-suq tax-xogħol.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠUC 261, 9.8.2017, p. 1.

- (3) Fid-19 ta' April 2018, il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Bulgarija jinkludi impenji kemm għat-terminu qasir kif ukoll għat-terminu medju u jkopri l-isfidi identifikati fir-rapport tal-pajjiż 2018. B'mod partikolari, iħabbar miżuri għat-tisħiħ tas-superviżjoni bankarja u mhux bankarja, biex itejjeb il-qafas tal-insolvenza u biex inaqqas id-dgħufijiet li għad fadal identifikati fl-eżerċizzji tas-simulazzjoni ta' kriżi fl-2016. Hemm ukoll miżuri oħra biex isaħħu l-għbir tat-taxxi u jindirizzaw l-ekonomija sotterranja, biex itejbu l-indirizzar tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol, biex iżidu l-protezzjoni soċjali u biex jindirizzaw sfidi varji fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni. B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni effettiva tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 għandu jirfed il-korrezzjoni tal-iżbilanċi.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Il-Bulgarija bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza 2018 tiegħu, il-Gvern, li beda minn surplus nominali ta' 0,9 % tal-PDG fl-2017, jimmira għal baġit ibbilanċjat fl-2018 u surplus ta' 0,3 % tal-PDG fl-2019, 0,5 % fl-2020 u 0,2 % fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — hu ppjanat li jkompli jintlaħaq b'marġni pożittiv tul il-perjodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment minn 25,4 % tal-PDG fl-2017 għal 19,4 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li jibqa' f'surplus iżda li jonqos minn 0,9 % tal-PDG fl-2017 għal 0,5 % tal-PDG fl-2018 u jibqa' fl-istess livell fl-2019. Il-bilanċ strutturali huwa pproġettat li se jibqa' 'l fuq mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju fis-sentejn li huma. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2018 u fl-2019 il-Bulgarija hija proġettata li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Iż-żieda fl-effiċjenza tal-politika fiskali hija ta' importanza ewlenija. Id-dħul mit-taxxa u l-konformità tat-taxxa qed jitjiebu iżda iktar bħala riżultat ta' prospetti ekonomiċi aħjar milli minħabba amministrazzjoni fiskali u għbir imtejba. L-effiċjenza tal-infiq pubbliku f'xi setturi hija baxxa ħafna. Riformi fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi huma importanti f'dan ir-rigward u l-kundizzjonijiet ekonomiċi u fiskali attwali huma partikolarment favorevoli għal riformi bħala dawn. Il-prestazzjoni ekonomika tal-intrapriża tal-Istat hija dgħajfa meta mqabbla ma' pajjiżi fir-reġjun u mas-settur privat, u hija wkoll sors ta' inċertezza u riskju għal finazi pubbliċi billi l-arretrati ta' dawn il-kumpaniji jirrappreżentaw obbligazzjonijiet kontinġenti. B'mod ġenerali il-governanza korporattiva ta' intrapriża tal-Istat tibqa' sfida u ma tissodisfax l-istandards internazzjonali. Barra minn hekk, ir-riformi f'dan il-qasam huma importanti ħafna għall-ambjent tan-negozju.
- (7) Is-saħħa tas-settur finanzjarju kompliet titjeb minkejja l-vulnerabbiltà li għad fadal. Self improduttiv korporattiv għadu għoli, għalkemm naqas xi ftit. Kapital ta' lqugħ huma komdi b'mod ġenerali, u għalhekk jipprovdri spazju għat-tindif ta' karta tal-bilanċ. Kien hemm progress notevoli fit-titjib tas-superviżjoni tas-settur finanzjarju, iżda għad iridu jiġu implimentati xi miżuri importanti. Il-mitigazzjoni tar-riskji li għad fada assoċjati mal-esponiment relatat mal-partijiet u t-titjeb tal-valwazzjoni tal-assi huma importanti biex jissaħħu iktar il-karta tal-bilanċi u biex titjeb ir-reżiljenza tal-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni.
- (8) In-nuqqas ta' effettività tal-qafas ta' insolvenza qed joħloq dewmien fit-tnaqqis tad-dejn tas-settur privat u s-soluzzjoni tas-self improduttiv. Il-proċeduri huma twal u r-rata tal-irkupru hija baxxa. Uħud mill-elementi ta' qafas ta' funzjonament għadhom nieqsa, b'mod partikolari regoli għal ħelsien mid-dejn u għall-għoti tat-tieni

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

opportunità lill-imprendituri bi żmien raġonevoli wara falliment. In-nuqqas ta' ġbir ta' data u għodod ta' monitoraġġ adegwati ma jippermettux valutazzjoni tal-effettività ta' proċeduri kemm qodma kif ukoll ġodda, inkluż għal ristrutturar tan-negozju.

- (9) Livelli ta' xogħol mhux iddikjarat jibqa' għoli, li għandha implikazzjonijiet konsiderevoli għad-dħul mit-taxxa, il-kundizzjonijiet tal-impjeg u l-adegwatezza ta' dħul wara l-irtirar. Il-Bulgarija ħadet numru ta' miżuri reċenti li għandhom l-għan li jtejbu s-sitwazzjoni. Dawn jinkludu kuntratti ta' ġurnata fl-agrikoltura, kooperazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet fiskali u tal-impjeg u iktar sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi negattivi għall-impjegati. L-effiċjenza tagħhom se tiddependi fuq implimentazzjoni effettiva. It-tħaffif tat-tranżizzjoni għall-ekonomija formali hija essenzjali għall-ksib ta' tkabbir inklużiv u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd.
- (10) Is-suq tax-xogħol tjeb iżda għad fadal sfidi. Ir-rata ta' impjegi laħqet livelli ta' qabel il-kriżi u r-rata tal-qgħad hija inqas mill-medja tal-Unjoni. Madankollu, l-iżviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol mhumiex qed jibbenefikaw u l-pożizzjoni kollha fl-età tax-xogħol bl-istess mod. Dawn li jkunu f'sitwazzjoni ta' qgħad fit-tul, il-persuni żgħażagħ mhux attivi, ir-Rom u l-persuni li jgħixu f'reġjuni iktar foqra u żoni rurali għadhom iħabtu wiċċhom ma' diffikultajiet sinifikanti meta jipprovaw jidħlu jew jergġhu jidħlu f'impjieg. Il-popolazzjoni li qed tixji u li qed tiċkien, flimkien ma' rata ta' attività iktar baxxa mill-medja tal-Unjoni, twassal għal nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħliet, li jdgħajef il-prospetti tal-ekonomija fit-terminu twil. Attenzjoni msaħħa fuq it-titjib tal-ħliet u t-taħriġ għalhekk ikun xieraq. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-impjegabbiltà jista' jitrawwem permezz ta' taħlita ta' miżuri effettivi ta' komunikazzjoni, politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi soċjali.
- (11) Inugwaljanza tad-dħul u aċċess għal servizzi (edukazzjoni, kura tas-saħħa u l-abitazzjoni), kif ukoll ir-riskju ta' faqar jew esklużjoni jibqgħu fost l-oġhla fl-Unjoni. Fl-2016, żewġ partijiet minn ħamsa tal-popolazzjoni kienet friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali filwaqt li d-dħul tal-20 % l-iktar sinjuri tal-unitajiet kien kważi tmien darbiet dak tal-ifqar 20 %. In-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali hija baxxa, inkluż dwar l-iskema ġenerali ta' dħul minimu, li l-kopertura u l-adegwatezza tagħha huma limitati, kif ukoll l-impatt fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza. Mekkaniżmu oġġettiv biex jiġi rivedut il-livell ta' benefiċċji huwa nieqes. Minkejja titjib reċenti fl-adegwatezza tal-benefiċċji għall-assistenza soċjali u l-pensjonijiet minimi, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali ma tipprovdux livelli suffiċjenti għall-persuni l-iktar vulnerabbli jew żvantaġġati, bħar-Rom, it-tfal, ix-xjuħ, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni li jgħixu f'żoni rurali. Il-provvista ta' servizzi soċjali tibqa' dgħajfa u l-integrazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-suq tax-xogħol u servizzi oħra għadha mhix kompluta.
- (12) Il-paga minima hija stabbilita mingħajr mekkaniżmu ċar u trasparenti u l-persentaġġ tal-ħaddiema fuq il-paga minima żdied iktar minn darbtejn matul l-aħħar sitt snin. In-nuqqas ta' tali mekkaniżmu jista' jpoġġi friskju il-kisba ta' bilanċ xieraq bejn l-għanijiet tal-appoġġ għall-impjegi u l-kompetittività, filwaqt li tissalvagwardja d-dħul mill-impjegi. Barra minn hekk, joħloq inċertezza li tista' tħalli impatt negattiv fuq il-prevedibbiltà tal-kundizzjonijiet tan-negozji. Il-Gvern ressaq proposti għal mekkaniżmu tal-iffissar tal-pagi minimi li jindirizzaw dan in-nuqqas. Madankollu, ma hemm ebda ftehim bejn l-imsieħba soċjali fuq din il-kwistjoni. B'żieda ma' dan, fil-previżjonijiet baġitarji, il-Gvern inkluda żidiet fil-paga minima sal-2020. Fl-2018, il-Bulgarija rratifikat il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-Iffissar tal-Paga Minima. Din tista' tkun bażi tajba għall-istabiliment ta' mekkaniżmu oġġettiv.
- (13) Aċċess limitat għall-kura tas-saħħa kkawżat minn livell baxx ta' nfiq pubbliku, tqassim inugwali ta' riżorsi limitati u kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa baxxa jibqgħu sfida sinifikanti. Il-livell baxx ta' nefqa pubblika jeħtieġ li jiġi kkompensat minn infiq privat għoli, b'mod partikolari fil-forma ta' ħlas mill-but. Il-proporzjoni ta' Bulgari mingħajr assigurazzjoni tas-saħħa huwa għoli meta mqabbel mal-proporzjoni relatata fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE. Differenzi fil-livelli tad-distretti ta' distribuzzjoni ta' tobba u n-numru baxx ta' infermiera jibqgħu problematiċi. Fuq nota pożittiva, in-numru ta' tobba li jutilqu mill-Bulgarija riċentement tbaxxa. Miżuri bħall-Istrateġija Nazzjonali tas-Saħħa għandhom jintużaw biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet.
- (14) Minkejja miżuri reċenti biex tiġi modernizzata s-sistema tal-edukazzjoni, l-eżiti tal-edukazzjoni huma baxxi u influwenzati ħafna mill-istatus soċjoekonomiku. Tfal minn familji żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom, ma jgawdux minn opportunitàjiet indaqs. Livelli għolja ta' waqfien bikri mill-iskola għandhom konsegwenzi negattivi fuq l-impjegabbiltà futura u prestazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-provvediment ta' kindergartens, skejjel u klassijiet

imħallta għadha sfida għall-provvediment ta' edukazzjoni standard inklużiva. Riforma kurrikulari tfittex li ttejjeb ir-riżultati tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Madankollu, il-livell tal-ħiliet diġitali għadu fost l-iktar baxxi fl-Unjoni u jvarja ħafna bejn il-gruppi soċjoekonomiċi differenti. Minkejja miżuri reċenti, ir-relevanza tas-suq tax-xogħol ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali jibqa' insuffiċjenti. Ir-riforma tal-edukazzjoni għolja hija għaddejja, iżda l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet hija sfida minħabba profili żbilanċjati tal-gradwati skont is-setturi. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tal-adulti hija baxxa ħafna minkejja l-ħtieġa ta' titjib tal-ħiliet. Fil-kuntest ta' tixjib qawwi fost l-għalliema, bdew miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-futur. Minkejja t-titjib reċenti, programmi ta' edukazzjoni għall-għalliema jeħtieġu tisħiħ ulterjuri.

- (15) Ħafna mill-miżuri inklużi fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist ġew implimentati. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħmlu aktar sforzi biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Skont organizzazzjonijiet ta' negozju u nongovernattivi, ix-xenarju ġenerali tal-akkwist pubbliku diġà beda jitjeb. Madankollu, it-trasparenza u l-korruzzjoni għadhom kwistjoni ta' tħassib. L-użu iktar ta' għotjiet diretti u l-għadd għoli ta' offerti singoli jistgħu jfixklu b'mod sinifikanti t-trasparenza u l-effettività tas-sistema. L-ewwel evalwazzjoni indipendenti tal-funzjonijiet il-ġodda ta' kontroll tal-Aġenzija għall-Akkwist Pubbliku għadha għaddejja. Aġġornamenti regolari jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-ottimizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' kontroll tal-Aġenzija. Il-problemi li jifdal bil-kapaċità amministrattiva, inkluż fil-livell municijali, tirrikjedi iktar sforzi ta' professjonalizzazzjoni u standardizzazzjoni, u kunsiderazzjoni serja tal-possibiltajiet offruti minn korpi ċentrali ta' akkwist. Aggregazzjoni tad-domanda tista' wkoll ittejjeb l-effettività u tiġġenera ekonomiji fis-sistema ta' akkwisti fil-qasam tas-saħħa. Li tinstab soluzzjoni għall-prevenzjoni ta' dewmien relatati ma' proġetti pubbliċi importanti għad jeħtieġ aktar riflessjoni.
- (16) Nuqqasijiet strutturali u frammentazzjoni għolja fis-sistema ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni jillimitaw il-kontribut tagħha lejn il-produttività u t-tkabbir. Segmenti iktar baxxi tat-teknoloġija għadhom jiddominaw il-manifattura u l-innovazzjoni għadha baxxa ħafna. Il-livell tan-nefqa pubblika kif ukoll tan-negozju fuq ir-riċerka u l-iżvilupp huwa partikolarment baxx. Ir-riformi bil-mod ixekklu l-progress lejn sistema orjentata lejn l-innovazzjoni. Filwaqt li hemm bosta universitajiet u istituti ta' riċerka, biss uħud minnhom qed jipproduċu output xjentifiku ta' kwalità għolja. Il-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka tibqa' dgħajfa ħafna. Is-sistema ta' finanzjament ta' riċerka hija nieqsa minn sejħiet kompetittivi, evalwazzjoni internazzjonali, u finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni ta' istituzzjonijiet tar-riċerka. Il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat fir-riċerka u l-iżvilupp huwa dgħajf. Il-"Sofia Tech Park" ewlieni għadu qed jiffaċċa numru ta' sfidi, inkluż: governanza insuffiċjenti, ġestjoni instabbli, infrastruttura xjentifika mhux uttilizzata biżżejjed u nuqqas ta' impenn finanzjarju fit-terminu twil mill-Gvern. Trasformazzjoni strutturali, flimkien ma' governanza effettiva u livell stabbli ta' riċerka pubblika u riżorsi ta' innovazzjoni jistgħu jimmassimizzaw l-impatt fuq il-produttività u t-tkabbir u jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-ekonomija għal inċentivi ta' valur miżjud f'konformità mal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.
- (17) L-ambjent tan-negozju jeħtieġ aktar titjib. Filwaqt li numru ta' riformi ġew adottati, l-implimentazzjoni Prattika tagħhom għadha lura. In-negozji għadhom imħassba dwar il-korruzzjoni, in-nuqqasijiet istituzzjonali u forza tax-xogħol insuffiċjenti. Il-progress fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-gvern elettroniku huwa bil-mod. Il-governanza fis-settur pubbliku tista' tibbenefika minn iktar trasparenza. regoli iktar ċari u perspettiva fit-tul. Barra minn hekk, ir-rwol tad-djalogu soċjali jista' jevolvi iktar, iffaċilitat, fejn meħtieġ, mill-awtoritajiet pubbliċi. Nuqqasijiet fl-infrastruttura huma riflessi fl-effettività baxxa u l-prestazzjoni tas-settur tat-trasport. Is-suq ferrovarju tal-passiġġieri ilu jbati minn nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva. Miżuri effettivi u mmirati tajjeb biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja għadhom ma' ġewx implimentati.
- (18) Fl-2017, il-Bulgarija kompliet l-isforzi tagħha biex tirriforma l-ġudikatura u tindirizza nuqqasijiet fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Elezzjonijiet ġodda fil-Kunsill Superjuri Ġudizzjarju kkonferma l-impatt pożittiv tar-riformi konstituzzjonali u leġislattivi li twettqu fl-2015 u l-2016. Ir-riformi tal-kodiċi kriminali ġew adottati biex itejbu s-sistema tal-prosekuzzjoni f'każijiet ta' korruzzjoni flivell għoli u riformi ulterjuri qed jiġu kkunsidrati. Kmieni fl-2018 ġiet adottata liġi li tistabilixxi awtorità ġdida unifikata kontra l-korruzzjoni biex issaħħaħ il-prevenzjoni u d-deterrenza tal-korruzzjoni ta' livell għoli. Skont il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika, il-Kummissjoni tkompli timmonitorja r-riformi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-Bulgarija. Għalhekk dawn l-oqsma mhumiex koperti fir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż għall-Bulgarija, iżda huma rilevanti għall-iżvilupp ta' ambjent tan-negozju pożittiv fil-Bulgarija.

- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Bulgarija fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Bulgarija imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li l-Bulgarija hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (21) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (2) u (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Ittejjeb il-ġbir tat-taxxa u l-effiċjenza tan-nefqa pubbliku, inkluż billi żżid l-infurzar ta' miżuri biex tnaqqas il-firxa tal-ekonomija informali. Taġġorna l-qafas ta' governanza korporattiva tal-intrapriżi proprjetà tal-Istat f'konformità ma' prattiki tajba internazzjonali.
2. Tieħu miżuri ta' segwitu li jirriżultaw minn reviżjonijiet fis-settur finanzjarju u timplimenta pjanijiet ta' azzjoni superviżorji sabiex issaħħaħ is-sorveljanza u l-istabbiltà tas-settur. Tiżgura valutazzjoni adegwata tal-assi, inkluż kollateral tal-bank, billi ttejjeb il-proċessi ta' evalwazzjoni u awditjar. Tiffaċilita r-riforma tal-qafas tal-insolvenza u tippromwovi suq sekondarju li jiffunzjona għal self improduktiv.
3. Ittejjeb l-impjegabbiltà ta' gruppi żvantaġġati b'miżuri ta' titjeb tal-ħiliet u tisħiħ tal-attivazzjoni. Ittejjeb il-provvista għal edukazzjoni inklużiva tradizzjonali ta' kwalità, b'mod partikolari għar-Rom u gruppi żvantaġġati oħra. F'konformità mal-Istrateġija tas-Saħħa Nazzjonali u l-pjan ta' azzjoni tagħha, ittejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, inkluż billi tnaqqas il-ħlas mill-but u l-indirizzar tan-nuqqasijiet ta' professjonisti tas-saħħa. Tintroduċi skema ta' reviżjoni regolari u trasparenti għad-dħul minimu u ttejjeb il-kopertura u l-adegwatezza tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Repubblika Ċeka**

(2018/C 320/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Ġie kkunsidrat b'mod xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, proklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Repubblika Ċeka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għar-Repubblika Ċeka ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress tar-Repubblika Ċeka biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Repubblika Ċeka lejn il-miri tal-Ewropa 2020 nazzjonali tagħha.
- (3) Fit-30 ta' April 2018, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Ir-Repubblika Ċeka bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2018, il-Gvern qed jipjana surplus baġitarju f'termini nominali matul l-2018-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 1,0 % tal-PDG — se jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perjodu kollu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni jonqos gradwalment għal 29,9 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Riskji għall-kisbiet ta' objettivi baġitarji jidhru fil-parti l-kbira bilanċjati, b'żieda mistennija fl-investment pubbliku u żieda ulterjuri fil-pagi pubbliċi. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jonqos għal madwar 0,9 % tal-PDG fl-2018 u għal 0,2 % tal-PDG fl-2019 biex b'hekk jibqa' ogħla mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Komplexivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2018 u fl-2019 ir-Repubblika Ċeka hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Ir-Repubblika Ċeka qed tkompli turi riskji ta' livell medju għas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu ta' żmien twil. Filwaqt li l-ispejjeż tat-tixjeh joħlqu sfida għal kura tas-saħħa u kura fit-tul, bidliet fis-sistema tal-pensjonijiet jeħtieġu attenzjoni partikolari. Projezzjonijiet aġġornati tan-nefqa relatata mat-tixjeh jindikaw żieda ogħla minn dik indikata fir-"Rapport dwar it-Tixjeh" tal-2015. L-infiq fuq il-pensjonijiet huwa mistenni li jżied minn 8,2 % tal-PDG fl-2016 għal 10,9 % tal-PDG fl-2070. Din iż-żieda ogħla mistennija fin-nefqa tal-pensjoni tirrifletti fil-biċċa l-kbira l-limitu massimu tal-età statutorja tal-irtirar għal 65 sena. Fil-fatt, l-allinjament tal-istennija tal-ħajja mal-età statutorja tal-irtirar mhijiex awtomatika; minflok, il-limitu għandu jiġi rivedut kull ħames snin mill-Gvern, mill-2019 'il quddiem. Billi dan jitħalla għad-diskrezzjoni tal-Gvern, in-nefqa attwali tal-projezzjonijiet tal-pensjoni ma jikkunsidrawx dawn ir-reviżjonijiet tal-età tal-irtirar. Barra minn hekk, l-indiċjar tal-pensjoni issa huwa iktar ġeneruż, billi jqis 50 % tat-tkabbir reali tal-pagi minflok 33 % tat-tkabbir fil-pagi reali preċedenti. L-impatt ta' dawn il-bidliet fuq in-nefqa jammonta għal 2 punti perċentwali tal-PDG fl-2070. Bidliet oħra li qed jiġu diskussi bħalissa, bħal pereżempju ż-żieda tal-ammont bażiku tal-pensjoni u pensjonijiet ogħla għal pensjonanti li huma akbar fl-età, jaggravaw l-indikaturi tas-sostenibbiltà. Fir-rigward tan-nefqa pubblika għall-kura tas-saħħa, fit-terminu twil hija proġettata li tiżdied b'1,1 punti perċentwali tal-PDG, ogħla miż-żieda medja stmata ta' 0,9 punti perċentwali għall-Unjoni. F'dan il-kuntest, hemm sinjali ta' użu ineffiċjenti tar-riżorsi fil-kura ta' pazjenti ta' barra u rikoverati.
- (7) Il-liġi l-ġdida dwar ir-responsabilità fiskali li daħlet fis-seħħ mill-bidu tal-2017 saħħet b'mod sinifikanti l-qafas fiskali tar-Repubblika Ċeka u stabbilixxiet il-kunsill fiskali indipendenti. Abbozz ta' liġi dwar awditi indipendenti bħalissa tinsab fil-proċedura ta' konsultazzjoni ta' bejn is-servizzi u għandha l-għan li tindirizza t-traspożizzjoni li għad fadal tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE ⁽²⁾.
- (8) Il-Bank Nazzjonali Ċek jista' jstabilixxi limiti ta' rakkomandazzjoni makroprudenzjali għas-self ipotekarju, iżda s-setgħat ta' sanzjonar tiegħu huma limitati minħabba li ma għandux l-awtorità formali li jinfurzahom. Filwaqt li banek Ċeki jikkonformaw ma' ċerti limiti aggregati ta' livell, għadhom ma aderixxewx bis-siġħ mal-linji gwida tal-2016 tal-Bank Nazzjonali Ċek. Limiti leġislativi vinkolanti x'aktarx iżidu l-livell ta' konformità fost il-banek Ċeki, u jiżguraw stabbiltà finanzjarja u riskji ridotti għal min jissellef. Proposta leġislativa, li temenda l-Att dwar il-Bank Nazzjonali Ċek, hija mistennija li tiġi diskussa fil-Parlament fl-2018.
- (9) Ir-Repubblika Ċeka għadha qed tħabbat wiċċha ma' sfiċi fir-rigward tat-titjib fit-trasparenza u l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku u biex tipprevjeni l-korruzzjoni. Filwaqt li ċerti passi ttieħdu biex jittejjeb il-qafas tal-akkwist pubbliku, il-livell ta' kompetizzjoni għadu kwistjoni ta' tħassib peress li kważi nofs l-offerti pubbliċi kollha jirriżultaw fi proċedura ta' offerta waħda. Fl-istess ħin, id-dħul fis-seħħ tal-użu obligatorju ta' proċeduri elettroniċi għandu l-potenzjal li jżid it-trasparenza u l-effiċjenza. L-awtoritajiet Ċeki investew fil-pjattaforma ta' akkwist elettroniku li tappartjeni lill-istat l-"Għodda Elettronika Nazzjonali", li għandha ssir dejjem iktar affidabbli u faċli għall-utent, minbarra l-pjattaformi privati li jservu s-suq Ċek. Xorta għad hemm ambitu wiesa' biex

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41).

jitneħħew l-ostakli amministrattivi u jiġi sfruttat il-potenzjal tal-akkwist pubbliku aggregat u strateġiku biex jikseb valur aħjar għall-flus pubbliċi. Min-naħa l-oħra, kemm l-awtoritajiet ċentrali kif ukoll lokali bdew inizjattivi mmirati biex iħarrġu l-persunal involut fil-proċeduri tal-akkwist. Madankollu, l-istabbiliment ta' miżuri tal-akkwist konġunt u l-akkwist ta' għarfien espert speċjalizzat f'ċerti oqsma għadhom sfidi kbar. Barra minn hekk, il-korruzzjoni u t-tixħim huma ta' tħassib kontinwu għaċ-ċittadini u l-intrapriżi. Filwaqt li ġew adottati diversi riformi maġġuri tal-istrateġija kontra l-korruzzjoni, ċerti oqsma għadhom ma ġew indirizzati.

- (10) Filwaqt li l-prestazzjoni tal-gvern elettroniku tibqa' iktar baxxa mill-medja fl-Unjoni, miżuri leġislativi rilevanti ġew adottati biex jiżguraw iż-żieda tal-aċċessibilità u d-disponibilità ta' dawn is-servizzi. Ċerti inizjattivi fuq skala kbira huma mistennija jiġu introdotti fl-2018 iżda s-suċċess tagħhom jiddependi fuq l-abbiltà tal-awtoritajiet li jissensibilizzaw u l-forniment ta' soluzzjonijiet li jkunu faċli għall-utent.
- (11) Ċerti piżijiet amministrattivi u regolatorji qegħdin iżommu lura l-investiment. Dawn il-piżijiet jikkonċernaw fil-parti l-kbira permessi ta' kostruzzjoni u l-kumplessità tat-taxxa. Madankollu, huwa rikonoxxut li l-awtoritajiet adottaw emenda għall-Att dwar il-Kostruzzjoni li tissimplifika l-proċedura tal-għoti ta' permessi tal-bini billi tinkludi valutazzjoni tal-impatt ambjentali fid-deċiżjoni tat-tqassim f'żoni jew fil-permess konġunt tat-tqassim f'żoni u ta' bini. Madankollu, għadu mhux ċar jekk din tistax tissimplifika wkoll il-proċeduri għal proġetti infrastrutturali kbar, peress li diversi awtorizzazzjonijiet oħra ma ġew inklużi f'din is-sistema ta' permessi konġunti. Emenda għal-liġi eżistenti li tirregola l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport qed tiġi diskussa fil-Parlament. Filwaqt li saru bidliet fis-sistema tat-taxxa mmirati biex itejbu l-ġbir tat-taxxa, ir-regolamenti tat-taxxa u r-rati resqu 'l quddiem fil-lista ta' preokkupazzjonijiet bħala oqsma problematiċi biex isir negozju. Il-Gvern il-ġdid indika bidliet possibbli sabiex tiżdied it-trasparenza u tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa, inkluż il-ħidma li għaddeja biex jimmodernizza l-leġiżlazzjoni tat-taxxa. L-ispejjeż ta' konformità żdiedu ftit u jibqgħu 'l fuq mill-medja tal-Unjoni. Għalkemm daħħal dħul addizzjonali mit-taxxa, "id-dikjarazzjoni tal-kontroll tat-taxxa fuq il-valur miżjud" żiedet il-ħin meħtieġ għall-konformità mar-rekwiżiti tat-taxxa. Minkejja t-tnaqqis sinifikanti f'sigħat biex jikkonformaw mal-Kodiċi tat-Taxxa meta mqabbla mal-passat, ir-Repubblika Ċeka għadha fuq in-naħa għolja tal-iskala. Barra minn hekk, rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud imnaqqsa ġodda jstgħu jżidu mal-kumplessità tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud, b'mod partikolari għall-impriżi żgħir u medji.
- (12) Filwaqt li l-ekonomija Ċeka qed tersaq lejn attivitajiet aktar iffokati fuq l-għarfien, bosta ostakli għadhom ifixklu l-iżvilupp ta' prestazzjoni tajba fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni. Iż-żieda ta' investiment fir-R&Ż tan-negozju hija xprunata primarjament minn investimenti barranin diretti. In-nefqa fuq ir-R&Ż minn ditti domestiċi naqset matul dawn l-aħħar sentejn. Minkejja investiment sostanzjali fir-R&Ż pubbliċi, ir-Repubblika Ċeka għadha prestazzjoni baxxa f'termini ta' kwalità tal-bażi xjentifika pubblika tagħha. Miżuri ta' politika ġew adottati biex jinbnew rabtiet bejn l-akkademja u n-negozji u tiżdied il-prestazzjoni tal-bażi pubblika tax-xjenza, iżda nkisbu riżultati limitati s'issa u r-riformi għad iridu jiġu implimentati bis-sħiħ. Barra minn hekk, il-governanza tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni għadha frammentata.
- (13) Edukazzjoni inklużiva u taħriġ ta' kwalità huma ta' importanza ewlenija fid-dawl tal-effetti lemtu li qed jiżdiedu fis-suq tax-xogħol Ċek. Il-prestazzjoni tal-edukazzjoni qed tkompli tiġi affettwata ħafna mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Miżuri ta' edukazzjoni inklużiva għad iridu jiġu implimentati bis-sħiħ, b'mod partikolari għat-tfal Rom. Nuqqasijiet ta' għalliema kkwalfikati, flimkien ma' projezzjonijiet demografiċi, jindikaw li tista' tkun aktar diffiċli li jiġu reklutati u jinżammu l-għalliema. Is-sistema tal-karrieri l-ġdida pjanata għall-għalliema, li kellha torbot l-iżvilupp professjonali kontinwu, il-karriera u s-salarji, ma ġiet adottata mill-Parlament. Il-pagi tal-għalliema għadhom baxxi meta mqabbla ma' dawk ta' ħaddiema oħra b'edukazzjoni terzjarja, iżda żidiet fil-pagi huma previsti fis-snin li ġejjin. Għalhekk l-attrazzjoni tal-professjoni fit-tagħlim għaż-żgħażaġh b'talent għadha baxxa. Fl-aħħarnett, is-suċċess tar-riforma lejn edukazzjoni inklużiva (introdotta fl-2016 bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew) se tiddependi fuq id-disponibilità ta' finanzjament nazzjonali suffiċjenti u sostenibbli, aktar taħriġ għall-għalliema u l-assistenti għalliema u s-sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni ġenerali dwar il-benefiċċji tal-edukazzjoni inklużiva.
- (14) Ir-Repubblika Ċeka qed tesperjenza prestazzjoni qawwija fis-suq tax-xogħol. L-impjeg żdied b'mod kostanti matul dawn l-aħħar sitt snin u l-qgħad naqas b'mod konsiderevoli. Il-potenzjal tan-nisa, il-persuni b'ħiliet baxxi u l-persuni b'diżabbiltà jibqgħu madankollu mhuwiex użat biżżejjed. Fl-isfond tan-nuqqas ta' ħaddiema, jidher ċar li hemm lok biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Id-distakk bejn il-ġeneri fl-impjeg u l-pagi għadhom għoljin minkejja l-miżuri reċenti li għamlu l-liv tal-ġenituri iktar flessibbli u żiedu l-għadd ta' faċilitajiet ta' indukrar tat-tfal. Ir-rata tal-impjeg fost in-nisa għadha ħafna inqas dik tal-irġiel. Il-maternità għad għadha impatt kbir fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, marbuta mad-disponibilità baxxa ta' indukrar tat-tfal affordabbli, intitolamenti tal-liv twil tal-ġenituri, użu baxx ta' arranġamenti flessibbli tax-xogħol u n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' kura fit-tul. Fl-2016 kien hemm biss 4,7 % tat-tfal taħt it-tliet snin li kienu f'ċentri formali tal-indukrar tat-tfal. Għalkemm huma proporzjon żgħir tal-popolazzjoni, ir-rata tal-impjegi b'livell baxx ta' hillet hi ferm naqas minn dik b'hillet medji u dawk tas-senġha. Bl-istess mod, ir-rata tal-impjeg ta' persuni b'diżabbiltà

hija iktar baxxa mill-medja tal-Unjoni, minkejja r-rata ta' qgħad l-iktar baxxa u n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol. Dan jista' jhegġegħ l-isfruttar tal-potenzjal mhux użat tal-persuni b'diżabbiltà. Minħabba kapaċità limitata, is-servizzi pubbliċi tal-impjieg bħalissa mhux qed jipprovdu appoġġ personalizzat, kontinwu suffiċjenti lil dawk li qed ifittxu l-impjieg. Aktar attività ta' lħiq u ta' attivazzjoni tal-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjieg pubbliku, flimkien ma' politiki effettivi tas-suq tax-xogħol u mmirati sew u servizzi individwalizzati, ikunu ta' għajjnuna biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' dawn il-gruppi. Inizjattivi ta' titjib tal-kompetenzi (li jkopru wkoll ħiliet diġitali) jistgħu jtejjbu l-aċċess għas-suq tax-xogħol.

- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Repubblika Ċeka u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Repubblika Ċeka fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Repubblika Ċeka iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li r-Repubblika Ċeka mistennija li tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Repubblika Ċeka tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Ittejjeb is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu twil, b'mod partikolari tas-sistema tal-pensjoni. Tindirizza d-dgħufijiet fil-prattiki tal-akkwist pubbliku, inkluż billi tippermetti aktar kompetizzjoni bbażata fuq il-kwalità u bl-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni.
2. Tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-investiment, b'mod partikolari billi jitħaffu l-proċeduri tal-permessi kollha għall-ħidma infrastrutturali. Telimina l-effetti lembut li jxekklu r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, b'mod partikolari billi żżid il-kapaċità ta' innovazzjoni tad-ditti domestiċi. Issaħħaħ il-kapaċità tas-sistema tal-edukazzjoni biex tipproduċi edukazzjoni inklużiva ta' kwalità, inkluż billi tippromwovi l-professjoni tat-tagħlim. Trawwem l-impjieg tan-nisa, il-ħaddiema b'ħiliet baxxi u l-persuni b'diżabbiltà, inkluż billi titjeb l-effikaċja tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tad-Danimarka**

(2018/C 320/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lid-Danimarka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għad-Danimarka kien ippubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tad-Danimarka biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tad-Danimarka lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (3) Fl-24 ta' April 2018, id-Danimarka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-iprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320).

l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

- (5) Attwalment, id-Danimarka tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Gvern jipjana li jikseb defiċit nominali ta' 0,7 % tal-PDG fl-2018 u li jkompli jissodisfa l-obiettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — matul il-perjodu tal-programm sal-2025. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni jonqos sa 35,6 % fl-2018 u jkompli jonqos sa 34,2 % fl-2020, qabel jiżdied sa kważi 40 % sal-2025. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli matul il-perjodu ta' programmar. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jilħaq surplus ta' 0,3 % tal-PDG fl-2018 u ta' 0,9 % tal-PDG fl-2019, xi ftit 'il fuq mill-mira tal-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u aħjar mill-obiettiv baġitarju fit-terminu medju. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2018 u fl-2019 id-Danimarka mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Biex ikun hemm tkabbir sostenibbli fid-Danimarka, hemm bżonn li tiġi żgurata l-provvista tal-ħaddiema fi żminijiet ta' sfida demografika u li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema li qed ifeġġ f'setturi speċifiċi. Riforri li għandhom l-għan li jżidu r-rati tal-parteċipazzjoni u t-tlestija tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll miżuri li jiffokaw fuq li jitravmu livelli ta' hilit fl-ICT x'aktarx li se jżidu l-provvista ta' ħaddiema mħarrġa. Barra minn hekk, miżuri li jinkludu gruppi emarġinati u żvantaġġati fis-suq tax-xogħol se jkun ta' benefiċċju f'dan ir-rigward. Dan japplika għal iżgħażaġh b'livell baxx ta' edukazzjoni, persuni b'kapaċità ta' xogħol imnaqqsa u b'diżabbiltà u persuni bi sfond migratorju. Il-miżuri riċenti għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol bdew bil-mod, iżda jidher li qed itejbu s-sitwazzjoni tar-refuġjati li għadhom kif waslu. L-integrazzjoni tat-tfal bi sfond ta' migrazzjoni fis-sistema edukattiva għadha sfida ewlenija, li tirriżulta fi prestazzjoni tal-edukazzjoni aktar baxxa bħala medja meta mqabbla ma' tfal oħra.
- (7) Tkabbir kbir fil-produttività huwa ta' importanza fundamentali biex isostni l-livell relattivament għoli ta' benessri soċjali fid-Danimarka u jiżgura l-kompetittività tal-pajjiż. Għalkemm il-livell ta' produttività fid-Danimarka huwa għoli meta mqabbel ma' Stati Membri oħra, it-tkabbir tal-produttività ilu f'xejra 'l isfel għal perjodu twil u hemm firxa wiesgħa ta' impedimenti possibbli għat-tkabbir tal-produttività (li ġew identifikati wkoll mill-Bord tal-Produttività Daniż u mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni). B'mod partikolari s-servizzi li huma orjentati lejn is-suq domestiku kienu kkaratterizzati minn żviluppi fqar fil-produttività u l-Gvern ħa biss miżuri limitati fl-2017 biex iżid il-kompetizzjoni f'dan is-settur, fejn xi partijiet, bħall-banek ipotekarji, ma humiex esposti għal kompetizzjoni barranija. Il-kompetizzjoni dgħajfa f'diversi setturi ta' servizzi li huma orjentati domestikament (pereż. fil-bejgħ bl-imnut, il-finanzi, id-distribuzzjoni tal-utilitajiet, it-trasport u l-bejgħ bl-ingrossa ta' farmaċewtiċi) għadhom ta' piż fuq il-produttività, l-investimenti u l-ħolqien tal-impjiegi.
- (8) Wara diversi snin ta' żidiet sostanzjali fil-prezzijiet tad-djar, qed jifacċaw riskji ta' sopravvalwazzjoni, b'mod partikolari fiż-żoni urbani prinċipali. Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ħareġ twissija lil tmien pajjiżi tal-Unjoni, inkluża d-Danimarka, fejn indika vulnerabbiltajiet fuq żmien medju fis-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali minħabba l-prezzijiet tad-djar li qed jiżdiedu, ikkombinati ma' dejn għoli tal-unitajiet domestiċi. L-unitajiet domestiċi komplew inaqqsu d-dejn tagħhom fl-2017, iżda d-dejn jibqa' fost l-ogħla fl-Unjoni (bħala perċentwali tal-PDG) u ogħla minn dak iġġustifikat mill-prinċipji ekonomiċi fundamentali u mil-limiti prudenzjali, skont l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-proporzjon ta' ipoteki b'livelli għoljin ħafna tas-self meta mqabbel mal-introjtu żdied b'mod qawwi mill-2013, partikolarment ġewwa u madwar Kopenhagen. L-awtoritajiet Daniżi adottaw diversi miżuri makroprudenzjali ġodda li jkomplu jirrestrinġu t-teħid ta' self riskjuż (effettivi mill-2018 u mill-2020), kif ukoll riforma tat-taxxa fuq il-proprjetà (effettiva mill-2021) biex tindirizza l-iżbilanċi reġjonali fil-prezzijiet tad-djar. Minkejja dan, il-kombinament ta' livell għoli ħafna ta' proporzjonijiet tas-self mal-introjtu, dejn għoli b'sensittività għolja tar-rati tal-imgħax u prezzijiet tad-djar potenzjalment sopravvalutati qed iżid ir-riskju ta' korrezzjoni tal-prezzijiet li tista' tagħmel ħsara lill-ekonomija reali u lis-settur bankarju.
- (9) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tad-Danimarka u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lid-Danimarka fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fid-Danimarka imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazżjonali futuri.

- (10) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li d-Danimarka hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka tieħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Iżżid il-kompetizzjoni fis-setturi tas-servizzi li huma orjentati domestikament, pereżempju fid-distribuzzjoni tal-utilitajiet u fis-settur finanzjarju.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Ġermanja**

(2018/C 320/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Qies il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Ġermanja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Ġermanja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) u (2) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż 2018 għall-Ġermanja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ievaluta l-progress tal-Ġermanja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾,

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Ġermanja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu wkoll ġew ippubblikati fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Ġermanja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, is-surplus persistentement għoli tal-kont kurrenti huwa ta' rilevanza transfruntiera u jirrifletti livell baxx ta' investiment relattiv għal tfaddil kemm fis-settur privat kif ukoll pubbliku. Is-surplus, li fil-parti l-kbira huwa ma' pajjiżi li mhumiex parti mill-Unjoni, naqas xi ftit sa mill-2016 u huwa mistenni li jonqos gradwalment minħabba żieda fid-domanda domestika fis-snin li ġejjin filwaqt li jibqa' flivelli storikament għoljin matul il-perjodu ta' tbassir. Filwaqt li bħalissa hemm bidla lejn aktar tkabbir xprunata mid-domanda domestika, kemm il-konsum kif ukoll l-investiment jibqa' baxx bħala proporzjon tal-PDG minkejja l-kundizzjonijiet ċikliċi u finanzjarji favorevoli u l-infrastruttura meħtieġa mill-investiment li għalih hemm spazju fiskali. Filwaqt li ttieħdu bosta miżuri biex isaħħu l-investiment pubbliku, dawn l-isforzi ma rriżultawx f'xejra sostenibbli 'l fuq fl-investiment pubbliku bħala proporzjoni tal-PDG. Il-progress fl-indirizzar ta' rakkomandazzjonijiet f'oqsma oħra wkoll kien limitat.

- (4) Il-Ġermanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 fit-30 ta' April 2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018 fid-19 ta' April 2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivalutati fl-istess ħin.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Ġermanja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2018, il-Gvern qed jippjana surplus baġitarju ta' bejn 1 u 1 ½ % tal-PDG matul 2018-2021. L-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — se jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perjodu kollu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni jonqos gradwalment għal 53 % fl-2021. Filwaqt li l-Programm ta' Stabbiltà jelenka u jiddeskrivi bosta miżuri pplanati tal-ftehim ta' koalizzjoni ta' Marzu 2018, li jammontaw għal madwar 1½ % tal-PDG matul il-perjodu 2018-2021, daww għadhom mhumiex inklużi fil-projezzjonijiet tal-Programm ta' Stabbiltà billi sa issa għadhom ma ġewx adottati. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji, li ma ġiex ikkonfermat minn korp indipendenti, huwa plawisibbli ⁽²⁾. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jirreġistra surplus ta' 1,2 % tal-PDG fl-2018 u ta' 1,0 % tal-PDG fl-2019, 'il fuq mill-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju. Id-dejn pubbliku huwa mbassar li se jibqa' fuq xejra soda 'l isfel. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Ġermanja hija pproġettata li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u fl-2019. Fl-istess ħin, filwaqt li jiġu rrispettati l-oġġettiv fit-terminu medju, hemm skop għall-użu ta' politiki fiskali u strutturali biex tinkiseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment pubbliku u privat, b'mod partikolari fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.
- (7) L-investiment pubbliku reali żdied b'mod qawwi fl-2015-2017. Din it-tendenza tirrifletti l-isforzi mill-Gvern biex issaħħaħ l-investiment. L-investiment pubbliku qed jiżdied, iżda bħala sehem tal-PDG iż-żieda għadha modesta, u għad hemm akkumulazzjoni sinifikanti fil-livell muniċipali, stmat għal 4 % tal-PDG. L-istokk tal-kapital pubbliku bħala sehem tal-PDG għadu qed jonqos, minħabba investiment nett negattiv fil-livell muniċipali (madwar EUR 6 biljun fis-sena fl-2010-2016). L-eliminazzjoni tal-akkumulazzjoni fl-investiment fil-livell muniċipali jkun jeħtieġ investiment annwali addizzjonali pubbliku ta' 0,3 % tal-PDG matul id-deċennju li jmiss. L-investiment bħala perċentwal ta' stokk ta' kapital fis-settur tal-gvern, u investiment pubbliku bħala perċentwal tan-nefqa pubblika huma aktar baxxi mill-medja taż-Żona tal-Euro. Aġenzija ta' servizz imwaqqfa biex tappoġġa l-investiment pubbliku fil-livell muniċipali bdiet taħdem fl-2017, iżda huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jindirizzaw l-akkumulazzjoni tal-investiment. Flimkien mal-pożizzjoni baġitarja favorevoli, dan jindika li hemm ambitu biex jiżdied l-investiment fil-livelli kollha tal-gvern, b'mod partikolari fil-livelli reġjonali u muniċipali.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Skont ir-Regolament dwar il-Projezzjonijiet Ekonomiċi tal-Gvern Federali (*Vorausschätzungsverordnung*) li daħal fil-liġi mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Enerġija bi ftehim mal-Ministeru għall-Finanzi u li jidħol fis-seħħ fl-Lulju 2018, il-grupp konġunt tal-proġett Previżjoni Ekonomika (*Gemeinschaftsdiagnose*) ġie dikjarat il-korp indipendenti inkarigat mill-valutazzjoni tal-projezzjonijiet ekonomiċi li sottostanti għall-Abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji u l-Programmi ta' Stabbiltà fis-sens tal-Liġi dwar il-Projezzjonijiet Ekonomiċi (*Vorausschätzungsgesetz*).

- (8) In-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni baqgħet 4,2 % tal-PDG fl-2016, taħt il-medja tal-Unjoni ta' 4,7 %. In-nefqa fuq l-edukazzjoni u r-riċerka baqgħat 9,0 % tal-PDG fl-2016, li ma laħqitx il-mira nazzjonali ta' 10 % tal-PDG. Dan jikkorrispondi għal diskrepanza fl-investment stmata għal madwar EUR 33 biljun. Filwaqt li n-nefqa fl-edukazzjoni żdiedet f'termini reali, għad fadal investment konsiderevoli pendenti. Fl-istess ħin, sfidi bħal numru li qed jikber ta' studenti, nuqqasijiet ta' għalliema u l-espansjoni ulterjuri tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal se jkomplu jeħtieġu finanzjament pubbliku adegwat. Infiq addizzjonali fuq l-edukazzjoni u fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni huwa kruċjali għat-tkabbir potenzjali tal-Ġermanja.
- (9) Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija Ġermaniża qed tagħmel progress bil-mod u l-pajjiż qed tthabbat wiċċu ma' sfidi konsiderevoli. Hemm distakk diġitali evidenti bejn iż-żoni urbani u dawk rurali fir-rigward tal-kopertura tal-internet veloċi (aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss sa 30 Mbit) (biss 54 % f'żoni rurali). Il-Ġermanja għadha lura fl-iskjerar tal-broadband ta' kapaċità għolja ħafna (> 100 Mbit). Proporzjon relattivament żgħir biss fit-territorju tal-Ġermanja (7,3 %) huwa kopert minn netwerks ta' aċċess ta' prestazzjoni għolja bbażati fuq il-fibrottika, fejn il-medja tal-Unjoni hija ta' 26,8 %. Minflok, l-aġġornament tan-netwerks tal-kejbils tar-ram (*vectoring*) kompli jkun is-soluzzjoni teknoloġika preferita dominanti tal-operatur attwali. Bosta servizzi jiddependu fuq il-konnettività mgħaġġla ħafna u fl-2017, 25,3 % tal-impriżi Ġermaniżi sabu li l-konnessjoni tagħhom fuq l-internet mhijiex mgħaġġla biżżejjed għall-bżonnijiet ta' negozju tagħhom. Nuqqas ta' konnettività żżomm lura l-investment, b'mod partikolari dak ta' negozji żgħar u ta' daqs medju, li bosta minnhom jinsabu f'żoni rurali u semi-rurali. Il-prestazzjoni fis-servizzi pubbliċi diġitali u fis-saħħa elettronika hija wkoll ħafna inqas mill-medja tal-Unjoni.
- (10) L-investment fir-riċerka u l-iżvilupp tan-negozju qed jikber u l-Ġermanja hija qrib li tilħaq il-mira tal-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp tagħha tal-Ewropa 2020. Madankollu, l-investment huwa dejjem iktar ikkonċentrat fuq ditti kbar u fil-manifattura b'teknoloġija medja / għolja filwaqt li l-kontribuzzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju qed jonqos. Ittieħdu għadd ta' miżuri biex tissaħħa l-attività intraprenditorjali, b'mod speċjali bl-attrazzjoni ta' investimenti privati fil-kapital ta' riskju. Madankollu, is-suq tal-kapital ta' riskju tal-Ġermanja għadu inqas żviluppat meta mqabbel ma' mexxejja tal-innovazzjoni internazzjonali oħra.
- (11) Minkejja xi titjib fis-snin reċenti, is-sistema fiskali tal-Ġermanja għadha ineffiċjenti, b'mod partikolari minħabba li hija kumplessa u tgħawweġ it-teħid ta' deċiżjonijiet, pereżempju dwar parteċipazzjoni tal-investment, tal-finanzjament u s-suq tax-xogħol. Il-Ġermanja tqiegħed enfasi relattivament b'saħħitha dwar taxxi diretti li jiġġeneraw dħul u hemm potenzjal biex titnaqqas id-distorsjoni mit-tassazzjoni diretta jew għal bidla lejn taxxi inqas distorsivi fuq il-proprietà, il-wirt u l-konsum. Il-livelli tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali fuq dħul minn impjeg huma s-sitt l-ogħla fl-Unjoni fl-2015. L-ispiża tal-kapital u r-rata tat-taxxa korporattiva medja effettiva, li tvarja fost ir-reġjuni, huma fost l-ogħla fl-Unjoni (28,2 % bħala aggregat nazzjonali, meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 20,9 %). Minħabba l-interazzjoni bejn it-taxxa korporattiva, it-taxxa kummerċjali lokali u s-soprataxxa ta' solidarjetà, is-sistema tat-taxxa korporattiva hija kumplessa, tinvolvi spejjeż amministrattivi għolja u toħloq distorsjonijiet dwar il-livell u l-pożizzjoni tal-investimenti. Barra minn hekk, it-taxxa korporattiva toħloq distorsjoni fid-deċiżjonijiet ta' finanzjament, b'tendenza favur il-finanzjament tad-dejn. Din it-tendenza hija s-seba' l-ogħla fl-Unjoni. It-tnaqqis tal-ispejjeż kapitali fuq il-kapital ta' ekwità jista' jsaħħa l-investment privat u s-suq tal-kapital ta' riskju li huwa relattivament sottożviluppat. Barra minn hekk, dispożizzjonijiet għat-trasferiment tat-telf jibqgħu relattivament stretti, li jillimitaw l-ammont għal 60 % tad-dħul taxxabbi għal sena partikolari.
- (12) Ir-regolament fil-Ġermanja għadu restrittiv ħafna, b'mod speċjali fir-rigward tas-servizzi tan-negozju, il-professjonijiet regolati u l-formalitajiet amministrattivi għal forniment transfruntiera ta' servizzi. Restrizzjonijiet ewlenin jikkonċernaw fost oħrajn il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja. Ir-rati ta' attrizzjoni fis-setturi tas-servizzi kummerċjali ewlenin bħal dawk legali, tal-kontabbiltà, l-arkitettura u l-inġinerija huma inqas mill-medja tal-Unjoni, filwaqt li r-rati operattivi gross f'dawk is-setturi huma 'l fuq mill-medja, li jissuġġerixxi pressjonijiet kompetittivi iktar baxxi. Minħabba r-rwol tas-servizzi bħala inputs intermedji, ir-regolament restrittiv ta' servizzi jżid il-produttività fl-industriji intensivi fis-servizzi iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet.
- (13) Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-Ġermanja kienet b'saħħitha. Il-qgħad niżel għal livell rekord ta' 3,6 % fir-raba' kwart tal-2017 u l-impjeg laħaq 79,8 %. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh (6,8 % fl-2017) huwa wieħed mill-iktar baxxi fl-Unjoni. Il-Ġermanja għaddeja minn nuqqasijiet dejjem jikbru ta' ħaddiema b'ħiliet speċjali, filwaqt li l-potenzjal ta' ċerti gruppi tas-suq tax-xogħol għadu mhuwiex utilizzat biżżejjed. Il-proporzjon ta' persuni li jaħdmu part-time, b'mod partikolari n-nisa u dawk bi sfond migratorju u b'responsabbiltajiet ta' kura, huwa fost l-ogħla fl-Unjoni. Għan-nisa, il-fatturi ewlenin jinkludu diżinċentivi biex jaħdmu sigħat twal, flimkien mannuqqas ta' indukrar tat-tfal suffiċjenti u faċilitajiet tal-iskola matul il-ġurnata kollha. Regoli tat-taxxa speċifiċi, b'mod partikolari għat-tieni sors ta' dħul u l-ħaddiema bi dħul baxx, flimkien mal-effetti lock-in ta' limitu ta' qligħ ta' EUR 450 minn xogħlijiet żgħar iġġeneraw diżinċentivi biex wieħed jaħdem għal aktar sigħat. Il-Ġermanja għandha wieħed mill-ogħla porzjon tat-taxxa fuq ħaddiema b'paga baxxa, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa.

Ir-rata għolja ta' nisa li jaħdmu part-time hija akkumpanjata minn waħda mill-ogħla differenzi bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-Unjoni (37,5 % kontra l-medja tal-Unjoni ta' 23,1 %). Dan jikkontribwixxi għal differenza wiesgħa ħafna bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fil-Ġermanja.

- (14) It-tkabbir tal-pagi nominali baqa' moderat fl-2017, bi 2,4 % minkejja rekord baxx ta' qgħad u rati għolja ta' postijiet vakanti tax-xogħol. Din ir-rata relattivament baxxa hija parzjalment minħabba żieda bil-mod fil-produttività fis-servizzi, kopertura baxxa ta' negozjar kollettiv fxi setturi u tnaqqis fil-qgħad strutturali. Ir-reazzjoni għaż-żieda fl-inflazzjoni kienet limitata, bi tnaqqis fit-tkabbir tal-pagi reali jonqos minn 1,8 % fl-2016 għal 0,7 % fl-2017. Ftehimiet kollettivi minn kmieni fl-2018 jistgħu jwasslu għal xi aċċellerazzjoni tal-pagi; ta' min jimmonitorja l-iżviluppi f'dan il-qasam. Il-proporzjon ta' dawk b'paga baxxa għadu għoli u hemm skop għal żieda fin-numru ta' siġhat maħduma fid-deċili l-iktar baxxi tal-pagi. Żieda fl-immigrazzjoni ma waqfitx it-tkabbir tal-pagi fis-segmenti l-iktar baxxi tal-pagi. L-introduzzjoni ta' paga minima statutorja ġenerali fl-2015, u ż-żieda sussegwenti tagħha fl-2017, żiedu l-pagi fil-livell l-iktar baxx tad-distribuzzjoni. Minbarra ż-żidiet fil-pagi, l-imsieħba soċjali qed jiffokaw fuq il-flessibilità tal-ħin tax-xogħol fin-negozjati attwali dwar il-pagi.
- (15) B'mod ġenerali l-Ġermanja għandha sistema soda ta' ħarsien soċjali. Madankollu, ir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar għall-popolazzjoni totali żdiedet b'mod kostanti sal-2015 qabel ma nqalbet ftit it-tendenza fl-2016. L-inugwaljanza fid-dħul ukoll beda jonqos li juri tnaqqis modest fil-proporzjon ta' S80/S20 minħabba titjib fl-introjt tal-ifqar familji. It-titjib reċenti tal-faqar fost dawk f'impjeg fl-2016 kien modest u bbenefika biss lil irġiel.
- (16) Il-Ġermanja tista' ttejjeb ir-rabta ta' ħaddiema iktar kbar fl-età mas-suq tax-xogħol, li għandha żżid id-dħul fost dawk li huma kbar fl-età, ittejjeb l-eżitu potenzjali, tgħin tadatta għal suq tax-xogħol limitat, u tnaqqas il-ħtieġa għal tfaddil prekawzjonarju għax-xjuħija. Ir-riskji tas-sostenibbiltà fiskali bħalissa huma baxxi, fil-parti l-kbira minħabba surplus primarju relattivament għoli. Minkejja dan, il-Ġermanja hija mistennija li jkollha waħda mill-ogħla żidiet fin-nefqa tal-pensjoni fl-Unjoni sal-2070 skont ir-Rapport dwar it-Tixjij 2018. Bi 17,6 % fl-2016, ir-riskju tal-faqar fix-xjuħija (jiġifieri l fuq minn 65 sena) kien 'il fuq mill-medja tal-Unjoni ta' 14,7 %. Id-deterjorament futur tal-adegwatezza tal-pensjoni fl-ewwel pilastru statutorju huwa mistenni li jżid ir-riskju ta' faqar fis-xjuħija, b'mod partikolari għal dawk li jaqilgħu paga baxxa, persuni b'kuntratti atipiċi u dawk li esperjenzaw interruzzjonijiet mill-impjeg tagħhom. Barra minn hekk, id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni. Fl-istess ħin, filwaqt li r-rata tal-impjeg għal ħaddiema fl-età ta' 60-64 sena (58,4 % fl-2017) kien fost l-ogħla fl-Unjoni, ir-rata tal-impjeg għal ħaddiema bejn 65-69 kienet fin-nofs tat-terz tal-Istati Membri (16,1 %).
- (17) L-isfond soċjoekonomiku jibqa' fattur determinanti konsiderevoli ta' eżiti tal-edukazzjoni u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Fix-xjenza tikkontribwixxi għal differenza fil-prestazzjoni ta' tliet snin ta' edukazzjoni skolastika bejn l-inqas u l-ogħla kwartili soċjali skont il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjanti fl-2015. Data nazzjonali tikkonferma l-korrelazzjoni sostanzjali wkoll fl-edukazzjoni primarja. Sfidi partikolari jeżistu għal studenti bi sfond migratorju. Meta mqabbla ma' studenti li twieldu l-Ġermanja, għandhom tendenza li ma jkollhomx riżultati tajbin fil-ħiliet bażiċi u jtitlqu mill-iskola kmieni jew jieqfu matul il-kors tal-università. Barra minn dan, il-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' persuni bi sfond migratorju mhux qiegħed jintuża bis-sħiħ. Fl-2017, il-qgħad fost ċittadini ta' pajjiżi terzi (età 20-64 sena) kien iktar minn 27 punt perċentwali inqas minn dak għal ċittadini Ġermaniżi (32 punt perċentwali inqas fil-każ ta' ċittadini nisa ta' pajjiżi terzi). Il-parteciġazzjoni tan-nisa fit-tagħlim għall-adulti hija ta' tħassib għall-prestazzjoni futura tal-ħaddiema tas-suq tax-xogħol partikolarment għall-popolazzjoni adulta b'ħiliet baxxi ta' 7,5 miljun persuna li m'għandhomx il-ħiliet bażiċi ta' qari u kitba.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ġermanja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ġermanja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Ġermanja iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà 2018 u huwa tal-opinjoni (1) li l-Ġermanja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tiegħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Filwaqt li jiġi rrispettat l-oġġettiv fit-terminu medju, tuża politiki fiskali u strutturali biex tikseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment pubbliku u privat, u b'mod partikolari fuq edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni fil-livelli kollha tal-gvern, b'mod partikolari fil-livelli reġjonali u municiċipali. Iżżid l-isforzi biex tiżgura d-disponibbiltà ta' infrastruttura nazzjonali tal-broadband b'kapaċità għolja. Ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa u trendiha favorevoli għall-investiment. Issaħħaħ il-kompetizzjoni fis-servizzi tan-negozji u l-professjonijiet regolati.
2. Tnaqqas id-diżinċentivi biex in-nies jaħdmu aktar, inkluż il-porzjon għoli ta' taxxa, b'mod partikolarment għal dawk b'paga baxxa u dawk li huma t-tieni sors ta' paga. Tiegħu miżuri biex tippromwovi haġja ta' impjieg itwal. Toħloq kundizzjonijiet biex tippromwovi tkabbir oġhla fil-pagi, filwaqt li jiġi rrispettat ir-rwol tal-imsieħba soċjali. Ittejjeb l-eżiti tal-edukazzjoni u l-livelli ta' ħiliet ta' gruppi żvantaġġati.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Estonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Estonja**

(2018/C 320/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjeggi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Estonja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, jenħtieġ li l-Estonja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn isfel, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni (1).
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għall-Estonja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Estonja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Estonja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Estonja mhux qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.
- (4) Fis-26 ta' April 2018, l-Estonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Attwalment, l-Estonja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Gvern jippjana li jgħaddi minn defiċit pubbliku ġenerali ta' 0,3 % tal-PDG fl-2017 għal surplus ta' 0,2 % tal-PDG fl-2018, 0,5 % tal-PDG fl-2019 u jgħaddi finalment għal baġit ibbilanċjat. L-oġettiv baġitarju fit-terminu medju tagħha huwa defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, id-defiċit strutturali rikalkulat ⁽²⁾ għandu jammonta għal 0,8 % tal-PDG fl-2018, 0,4 % tal-PDG fl-2019 u jibqa' f'defiċit żgħir wara dan. Id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG għandu jibqa' taħt id-9 % tal-PDG fl-2018 u l-2019, filwaqt li jonqos għal 5,3 % tal-PDG sal-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. Ir-riskji negattivi marbuta mas-suppożizzjonijiet tar-rendiment tad-dħul huma relatati ma' uħud mill-miżuri li mhumiex speċifikati sew, li jaffettwaw is-snin kollha tal-perjodu ta' żmien tal-programm.
- (7) Fl-2018, l-Estonja ġiet rakkomandata tibqa' tirrispetta l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali massimu tal-infiq pubbliku primarju nett ⁽³⁾ ta' 6,1 %, li jikkorrispondi ma' aġġustament strutturali ta' 0,2 % tal-PDG. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dan ir-rekwiżit fl-2018. Fl-2019, fid-dawl tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni previst ta' 2,7 % tal-PDG għall-Estonja u t-tkabbir previst tal-PDG li hu inqas mir-rata stmata ta' tkabbir potenzjali, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett jenħtieġ li ma taqbiżx 4,1 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li jirriżulta matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni ta' rekwiżiti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, jekk il-politiki ma jinbidlux, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dan ir-rekwiżit fl-2019, u fl-2018 u l-2019 meta dawn jitqiesu flimkien. Kollox ma' kollox, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Estonja jeħtieġ li tkun lesta li tieħu aktar miżuri biex tiżgura l-konformità fl-2018 u l-2019.
- (8) Sistema ta' protezzjoni soċjali iktar adegwata sostnuta minn provvista aħjar tas-servizzi għadha sfida ewlenija għall-Estonja. L-Estonja tonfoq inqas fuq il-protezzjoni soċjali (madwar 16 % tal-PDG) mill-medja tal-Unjoni (madwar 28 % tal-PDG). L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar qed jitjieb iżda għadu dgħajef u aktar baxx mill-medja tal-Unjoni. L-Estonja għad għandha rata għolja ta' riskju ta' faqar, partikolarment għall-persuni b'diżabbiltà, għall-unitajiet domestiċi fejn ħadd ma jaħdem u għall-persuni anzjani, speċjalment dawk li jgħixu waħedhom. L-inugwaljanza fl-introjt, li laħqet 5,6 % fl-2016, għadha ogħla mill-medja tal-Unjoni (5,2 % fl-2016) minkejja titjib reċenti. Qed jittieħdu xi passi biex jiġu pprovduti benefiċċji tal-familja adegwati għal familji kbar, li kompli naqqas il-faqar relattiv fost it-tfal. Il-livell tal-benefiċċju tal-introjt minimu żdied, akkumpanjat b'inċentivi għar-ritorn lejn ix-xogħol. Il-pagament ta' benefiċċju ta' EUR 115-il lill-persuni b'pensjonijiet baxxi u li jgħixu waħedhom kien l-ewwel pass biex tiġi indirizzata r-rata għolja ħafna ta' riskju ta' faqar f'dan il-grupp. L-ispariġġ tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajrha (20,9 % fl-2016) huwa wkoll ogħla mill-medja tal-Unjoni (10,1 %). Il-finanzjament tas-servizzi ta' kura fit-tul ma jissodisfax il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni li qed tixjieħ. Wieħed għad irid jara l-impatt tar-riforma amministrattiva li għaddejjha fuq il-provvista ta' servizzi ta' kwalità għolja.
- (9) Id-differenza ta' 25,3 % bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa hija fost waħda mill-ogħla fl-Unjoni, għalkemm qed tonqos. Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata qed jiġi promoss mill-bidliet reċenti fil-liv tal-ġenituri u s-sistema tal-benefiċċji. Dawn il-bidliet huma mistennija jagħtu lin-nisa inċentiv biex jirritornaw lejn ix-xogħol iktar kmieni u għalhekk jikkontribwixxu biex inaqqsu d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa. Il-bidliet se jiġu implimentati bejn l-2018 u l-2020. Qed tiġi diskussa l-proposta dwar it-tieni stadju tar-riforma tal-liv tal-ġenituri.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

⁽³⁾ In-nefqa primarja netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li huma korrisposti bis-shif minn dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fuq in-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

L-involviment kontinwu mas-šhab soċjali u t-tiŝih tal-kapaċità tagħhom, fid-dawl ta' rati ta' ŝhubija baxxi ħafna, jibqa' importanti f'dan il-kuntest u lil hinn minnu. Għad iridu jiġu adottati Emendi tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri sabiex titjieb it-trasparenza fil-pagi u ladarba dawn jiġu adottati, se japplikaw biss għall-entitajiet tas-settur pubbliku. Strument biex janalizza d-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri mhux mistenni li jiġi żviluppat qabel l-2019.

- (10) It-tkabbir bil-mod fil-produttività tal-Estonja huwa marbut mal-prestazzjoni moderata tagħha fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. B'inqas minn 0,5 % tal-kumpaniji Estonjani jirraportaw attivitajiet ta' riċerka fl-2016, l-intensità tar-R&Ż tan-negozji hija biss ta' 0,7 % tal-PDG — nofs il-medja tal-Unjoni ta' 1,3 %. Barra minn hekk, għadd ta' indikaturi li jkejlu l-innovazzjoni — bħalma huma l-kumpaniji żgħar u medji li jgħolqu prodotti u proċessi ġodda jew li jagħmlu innovazzjonijiet interni — naqsu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Filwaqt li l-ekonomija għandha xi attivitajiet b'valur miżjud għoli u b'użu intensiv tal-għarfien, l-intensità tar-R&Ż tan-negozji, il-konnessjonijiet bejn ix-xjenza u l-kummerċ u l-kapaċità ta' innovazzjoni u teknoloġika tal-kumpaniji għadhom baxxi. L-infiq tas-settur pubbliku fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni kienet tradizzjonalment oġhla mill-medja tal-Unjoni. Madankollu, l-istabbiliment insuffiċjenti tal-prijoritajiet fir-riċerka pubblika jippreżenta sfidi. L-Estonja implimentat diversi miżuri biex issaħħaħ il-prestazzjoni tar-riċerka u innovazzjoni tal-ekonomija, iżda l-isfida hija li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom.
- (11) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Estonja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Estonja imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (12) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja tieħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx 4,1 % fl-2019, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Ittejjeb l-adegwatezza tas-sistema ta' protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għall-persuni anzjani u għall-persuni b'diżabbiltà. Tieħu miżuri biex tnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, inkluż billi ttejjeb it-trasparenza fil-pagi fis-settur privat.
2. Tippromwovi r-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari billi ttipprovi inċentivi effettivi biex titwessa' l-bażi tal-innovazzjoni.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Irlanda**

(2018/C 320/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Irlanda bħala wieħed mill-Istati Membri li dvaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Irlanda tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn isfel, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet (1) u (2).
- (3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018 għall-Irlanda ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Irlanda biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Irlanda lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Irlanda għaddejjja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, stokkijiet kbar ta' dejn privat u pubbliku u ta' obligazzjonijiet esterni netti jikkostitwixxu

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

vulnerabbiltajiet. Madankollu, it-titjib kien sostanzjali. Tkabbir qawwi fil-produttività f'dawn l-aħħar snin wassal għal titjib fil-kompetittività u bilanċ pożittiv tal-kont kurrenti li jnvolvi tnaqqis mgħaġġel fl-istokk għoli ta' obbligi barranin netti. Tkabbir ekonomiku b'saħħtu jkompli jappoġġa t-tnaqqis fl-ingranaġġ privat. Madankollu, l-istokk ta' dejn privat jibqa' għoli, għalkemm l-influenza qawwija tal-attivitajiet tal-kumpaniji multinazzjonali għandu jiġi kkunsidrat fl-evalwazzjoni tad-dejn korporattiv, filwaqt li d-dejn tal-unitajiet domestiċi jidher ġeneralment konformi mal-prinċipji fundamentali. Id-dejn tal-gvern huwa previst li jibqa' fuq perkors ta' tnaqqis, u d-defiċit qed jersaq aktar qrib lejn bilanċ. Il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni qed jikbru b'pass mgħaġġel, għalkemm minn livelli x'aktarx sottovalutati, li żżid ukoll il-karti tal-bilanċ tal-familji. Il-banek huma rikapitalizzati sew u l-profittabbiltà tagħhom qed titjeb gradwalment. L-istokk ta' self improduttiv, għalkemm għadu għoli, kompli jonqos. Ittieħdet azzjoni ta' politika biex jiġu indirizzati dawn il-vulnerabbiltajiet, iżda xi miżuri se jieħdu ż-żmien biex jiġġeneraw l-effetti mistennija.

- (4) L-Irlanda ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 fit-18 ta' April 2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018 fit-30 ta' April 2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivalutati fl-istess ħin.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-iprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Irlanda qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tranżitorja tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2018, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit nominali se jonqos kemxejn għal 0,2 % tal-PDG fl-2018 u li minn hemm 'il quddiem se jibqa' jitjeb gradwalment u jinbidel f'żieda ta' 0,4 % ta' PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — huwa mistenni li jintlaħaq mill-2019 lil hemm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jaqa' għal 66 % fl-2018 u li jibqa' jinżel għal 58,7 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfered dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex jiġu appoġġati l-miri pplanati tad-defiċit mill-2019 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lill-Irlanda biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix 2,4 % fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Fl-istess ħin il-Kunsill iddikjara li jenħtieġ li tingħata konsiderazzjoni lill-kisba ta' pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali, kif ukoll għall-iżgurar tas-sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi tal-Irlanda. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, hemm riskju ta' xi devjazzjoni mill-aġġustament fiskali rakkomandat fl-2018 u matul l-2017 u l-2018 meta dawn jitqiesu flimkien.
- (8) Fl-2019, jenħtieġ li l-Irlanda tilħaq l-objettiv baġitarju fit-terminu medju tagħha. Dan huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett (²) li ma teċċedix 5,3 % (³), li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,1 % tal-PDG. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jilħaq defiċit ta' 0,4 % tal-PDG fl-2019, 'il fuq mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. L-Irlanda hija mistennija tikkonforma mar-regola tranżitorja tad-dejn fl-2018 u r-regola tad-dejn fl-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Irlanda għandha tkun lesta biex tieħu iktar miżuri biex tiżgura l-konformità, fl-2018 u li hi proġettata li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019. Fid-dawl tad-differenza bejn il-kejl tal-PDG u l-produzzjoni domestika fl-Irlanda u l-impatt assoċjat fuq il-proporzjon tad-dejn mal-PDG, il-kundizzjonijiet ċikliċi attwali tal-Irlanda u l-riskji esterni iktar akuti, l-użu ta' xi gwadann mhux previst biex jitnaqqas iktar il-proporzjon ta' dejn tal-gvern ġenerali jkun rispons prudenti.

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(²) L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi. Il-livell referenzjarju tal-infiq għall-Irlanda jirrifletti aġġustament biex jikkoreġi distorsjoni fir-rata ta' referenza ta' 10 snin ta' tkabbir potenzjali kkawżat minn żieda eċċezjonalment għolja fit-tkabbir reali tal-PDG fl-2015. Skont l-approċċ meħud mill-awtoritajiet Irlandiżi fil-kalkoli tal-Baġit tagħhom fl-2017, il-Kummissjoni ħadet il-medja tar-rati ta' tkabbir potenzjali fl-2014 u fl-2016.

(³) Bħal fl-2018, il-livell referenzjarju tal-infiq jirrifletti aġġustament biex jikkoreġi distorsjoni fir-rata ta' referenza ta' 10 snin ta' tkabbir potenzjali kkawżat minn żieda eċċezjonalment għolja fit-tkabbir reali tal-PDG fl-2015.

- (9) Il-finanzi pubbliċi komplew jitlejbu minħabba tkabbir robust tal-output, iżda li jgħib miegħu riskji ta' volatilità tad-dħul, u għad hemm ambitu biex isir dħul iktar reżiljenti għaċ-ċaqliq ekonomiku u x-xokkijiet avversi. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u n-numru ta' spejjeż tat-taxxa u t-twessigħ tal-bażi tat-taxxa se jtejbju l-istabbiltà tad-dħul f'każ ta' instabbiltà ekonomika. Madankollu, xi miżuri tat-taxxi riċenti f'fokaw fuq tnaqqis u għajnuniet, u jidhru li żiedu aktar id-dipendenza fuq sorsi ta' dħul proċikliċi. Barra minn hekk, l-Irlanda għandha iktar potenzjal li ttejjeb il-mod kif is-sistema tat-taxxa tagħha jistgħu jappoġġaw l-oġettivi ambjentali.
- (10) Kif indikat fir-rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro tal-2018, il-ġlieda kontra strateġiji ta' pjanar aggressiv tal-persuna taxxabbli hija essenzjali biex timpedixxi d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni bejn id-ditti, tipprovdi trattament ġust ta' min iħallas it-taxxa u tissalvagwardja l-finanzi pubbliċi. Effetti konsegwenzjali ta' strateġiji ta' pjanar aggressiv tat-taxxa bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-livell għoli ta' royalties u ħlasijiet ta' dividendi, bħala perċentwali tal-PDG, jissuġġerixxi li r-regoli fiskali tal-Irlanda huma użati minn kumpaniji li jinvolvu ruħhom f'ipjanar aggressiv tat-taxxa. Applikazzjoni limitata ta' taxxi minn ras il-ġħajn fuq royalties u ħlasijiet ta' dividendi li jħallu l-pajjiż (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni lil residenti ta' pajjiżi terzi) minn kumpaniji bbażati fl-Irlanda jistgħu jwasslu biex dawk il-pagamenti jevadu t-taxxa kompletament, jekk huma wkoll mhux soġġetti għat-taxxa fil-ġurisdizzjoni riċeventi. Barra minn hekk, il-kumpaniji jistgħu jużaw ċerti dispożizzjonijiet fi trattati bilaterali dwar it-taxxa bejn l-Irlanda u xi pajjiżi oħra li jannullaw ir-regola dwar it-taxxa fuq ir-residenza l-ġdida stabbilita fl-Irlanda fl-2015 u tenħtieġ analiżi ulterjuri ta' din il-kwistjoni. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni meħuda mill-Irlanda wara r-Rieżami Indipendenti tal-Kodiċi tat-Taxxa Korporattiva se jkunu rilevanti għat-tfassil ta' riformi fit-taxxa mħabbra. Il-Kummissjoni tinnotta l-passi pożittivi riċenti mħabbra jew adottati (jiġifieri l-passi meħuda biex tiġi indirizzata l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva fil-livell domestiku; miżuri difensivi possibbli kontra ġurisdizzjonijiet elenkati li ma jikkoooperawx). Fuq il-bażi ta' skambji riċenti, il-Kummissjoni se tkompli bid-djalogu kostruttiv tagħha biex tiġieled kontra strateġiji ta' pjanar aggressiv tat-taxxa.
- (11) Ir-riskji ta' sostenibbiltà fiskali fit-tul relatati man-nefqa tat-tixjiħ tal-popolazzjoni għadhom hemm. L-Irlanda introduċiet xi miżuri ta' effiċjenza sinifikanti, bħall-ftehim għall-iffrankar tal-ispejjeż mal-industrija farmaċewtika, sistema ta' ġestjoni finanzjarja, u finanzjament ibbażat fuq l-attività. Xi miżuri tteħdu wkoll sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-kura tas-saħħa primarja. Madankollu, is-sistema tal-kura tas-saħħa Irlandiża hija għalja u qed tħabbat wiċċha ma' bosta sfidi, li huma aggravati minn popolazzjoni li qed tixjeh malajr. Barra minn hekk, is-servizzi tal-kura primarja u fil-komunità għadhom mhumiex kapaċi jtaffu l-pressjoni li qed tiżdied fuq il-kapaċità u l-ispejjeż ta' kura fl-isptar. Il-bidla pjanata lejn kura tas-saħħa universali trid tiġi appoġġata permezz ta' bbaġitjar pluriennali u kontroll tan-nefqa aħjar. Barra minn hekk, hija għandha tiġi infurmata bil-konklużjonijiet minn rieżami komprensiv tal-infiq tal-effettività u l-effiċjenza tas-settur tas-saħħa. Barra minn hekk, it-tisħiħ tar-rwol tal-kura primarja bħala salvagwardja għall-isptarijiet mgħobbija żżejjed tal-Irlanda jenħtieġ li jiġi kkunsidrat. Minkejja firxa wiesgħa ta' riformi biex irażżnu n-nefqa pubblika għall-pensjonijiet, id-defiċit fis-sistema tal-pensjoni ġenerali huwa mistenni li jikber b'mod sinifikanti fit-terminu twil. Implimentazzjoni f'waqtha tal-pjan direzzjonali preżentat għal riforma tal-pensjonijiet hija essenzjali sabiex tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet.
- (12) Snin ta' investment baxx wara l-falliment ekonomiku qed ikollhom impatt negattiv fuq id-disponibbiltà tal-infrastruttura xierqa fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija nadifa, l-ilma, id-djar u s-servizzi ta' telekomunikazzjoni. L-iskarsezza persistenti ta' disponibbiltà, flimkien ma' domanda dejjem tikber, ikomplu jimbuttaw 'il fuq il-prezzijiet tad-djar. Għalkemm il-prezzijiet ma dehrux sopravvalutati fl-2016, l-affordabbiltà hija kwistjoni ta' tħassib. Jekk ma tiġix indirizzata, restrizzjonijiet li jllimitaw il-forniment ta' akkomodazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fl-iżbilanċi. Flimkien mal-ippjanar spazjali, l-infrastruttura mtejbja hija fattur kruċjali għal rispons ta' forniment ta' akkomodazzjoni xierqa, it-tisħiħ tal-investment privat, il-produttività, it-tkabbir tal-produttività u l-iżvilupp ekonomiku reġjonali bbilanċjat. Barra minn hekk, investment infrastrutturali f'teknoloġiji ta' enerġija nadifa, u trasport pubbliku nadif u l-ilma, kif ukoll sforzi intensifikati fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u l-ekonomija ċirkolari se jkun essenzjali biex l-Irlanda tikseb suċċess f'ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ekonomija reżistenti għat-tibdil ambjentali. Il-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali 2018-2027 u l-Qafas ta' Pjanar Nazzjonali, li huma parti minn "Strateġija Irlandiża 2040", se jkunu passi sodi fid-direzzjoni t-tajba ladarba titteħed azzjoni fuqhom u jiġu implimentati f'koordinazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati.
- (13) L-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima eżistenti mhux se jippermettu lill-Irlanda sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi tagħha tal-Ewropa 2020 fil-livell nazzjonali. Inkiseb biss progress limitat fid-dekarbonizzazzjoni ta' partijiet ewlenin tal-ekonomija, prinċipalment fl-agrikoltura, it-trasport bit-triq u s-settur residenzjali. Dan se

jagħmel neċessarju għall-Irlanda li tuża l-flessibbiltajiet disponibbli biex tikkonforma mad-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, bħal xiri tal-allokkazzjonijiet minn Stati Membri oħra. Il-projezzjonijiet nazzjonali, ippubblikati fl-2017, jenfasizzaw l-iskala tal-isforzi addizzjonali meħtieġa: emissjonijiet skont id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (tistabbilixxi miri annwali vinkolanti għall-emissjonijiet ta' gass serra għall-Istati Membri għall-perjodu 2013-2020) huma mistennija li jiżiedu sal-2025, qabel ma jstabbilizzaw fl-ivell fit inqas mill-emissjonijiet tal-2005, fuq il-bażi ta' politiki eżistenti. L-Irlanda reċentement adottat Pjan Nazzjonali ta' Mitigazzjoni li jstabbilixxi pjan direzzjonali lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u qafas koerenti biex jingħelbu l-isfidi persistenti fis-settur tal-enerġija. Kif inhu bħalissa, madankollu, il-pjan joffri fit miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni ġodda. Il-Qafas ta' Pjanar Nazzjonali ukoll għandu komponent dwar il-klima, b'riconoxximent tal-fatt li pjanar spazjali adegwat se jkun fattur kritiku ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima minħabba li l-popolazzjoni hija tant mifruxa u l-Irlanda għandha biss numru żgħir ta' żoni urbani kbar, li kollha jiffaċċjaw kwistjonijiet serji ta' konġestjoni u trasport pubbliku. Fl-aħħar nett, il-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali 2018-2027 u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu se jkollhom rwol kruċjali biex l-ekonomija tiġi dekarbonizzata. Il-pjan se jiddetermina sa liema punt se jiġu mobbilizzati mezzi oħra ta' dekarbonizzazzjoni għas-settur tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-titjib tat-trasport pubbliku u l-effiċjenza enerġetika.

- (14) L-iżgurar ta' tkabbir inklużiv jibqa' sfida fl-Irlanda. Il-qgħad naqas għal 6,7 % fl-2017, iżda ċerti gruppi għadhom fil-parti l-kbira maqtugħin mis-suq tax-xogħol u esklużi soċjalment. Is-sistema ta' protezzjoni soċjali u tat-tassazzjoni huma effettivi ferm biex irażżnu l-faqar u n-nuqqas ta' ugwajanza u l-Irlanda ħadet miżuri għal inċentivi ta' impjeg bit-tnaqqis gradwali ta' benefiċċji u pagamenti supplementari. Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għolja persistenti tal-Irlanda hija marbuta ma' proporzjon għoli ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol (kważi d-doppju tal-medja tal-Unjoni u l-ogħla fl-Unjoni — 18,2 % kontra 10,5 % fl-2016). Dan huwa partikolarment prevalenti għal unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed. Kważi tliet kwarti tan-nies li mhumiex jaħdmu fl-Irlanda huma inattivi. Kemm ir-rati ta' tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali ġenerali kif ukoll tat-tfal naqsu kemxejn fl-2016 iżda għadhom ogħla mill-medja tal-Unjoni. Bħala riżultat ta' dan, l-Irlanda teħtieġ li tlesti l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Unitajiet Domestiċi bla Impjeg, inkluż billi jittejjeb l-appoġġ integrat tan-nies li huma l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol. Il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali teħtieġ attenzjoni kontinwa sabiex tilħaq miri ambizzjużi u domanda għolja.
- (15) L-aċċess għall-indukrar tat-tfal affordabbli, full-time u ta' kwalità jibqa' sfida. Skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Żvilupp Ekonomiċi, l-ispejjeż tal-kura tat-tfal fl-Irlanda — fir-rigward tal-pagi — fl-2015 kienet l-ogħla fl-Unjoni għall-ġenitur waħdu u t-tieni l-ogħla fl-Unjoni għall-koppji. L-ispejjeż għolja għall-indukrar tat-tfal jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-aċċess għal impjeg bi ħlas, b'mod partikolari fil-familji bi dħul baxx, inkluż l-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed. Dan għandu effett negattiv fuq ir-rata ta' impjeg tan-nisa, li fl-2016 kienet 65,4 %, li hi qrib il-medja tal-Unjoni. Liġi dwar l-Iskema Unika ta' Indukrar tat-Tfal Affordabbli tinsab qrib il-finalizzazzjoni fil-Parlament. Dewmien fl-implimentazzjoni diġà huwa evidenti. Il-kwalità tal-forniment ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal ġiet ukoll promossa b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi biex jiġu żgurati kwalifiki robusti tal-persunal.
- (16) Id-differenzi bejn ir-rati ta' impjeg bejn ħaddiema b'ħiliet baxxi, medji u għolja kienu fost l-ogħla fl-Unjoni fl-2016 u r-rata ta' impjeg ta' dawk bi kwalifiki baxxi hija 10 punti perċentwali aktar baxxi minn qabel il-kriżi ekonomika. Bħala konsegwenza, u marbuta mal-bidla fl-attività ekonomika, in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet qed isiru aktar evidenti f'diversi oqsma. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi aċċellerat titjib tal-ħiliet u jkun hemm politiki u miżuri ta' taħriġ mill-ġdid. L-Irlanda għandha b'mod partikolari livell baxx ta' parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja fost nies b'ħiliet baxxi fl-impjegi, u dan jagħmilhom vulnerabbli għal bidliet fid-domanda tax-xogħol. L-Irlanda għandha wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ħiliet diġitali fl-Unjoni, li huwa f'kuntrastrast ċar mal-proporzjon għoli ta' gradwati fix-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika li joħorġu mis-sistema edukattiva ogħla Irlandiża. L-Irlanda huwa pajjiż li għandu waħda mill-iktar rati baxxi ta' impjeg ta' persuni b'diżabbiltà fl-Unjoni.
- (17) It-tkabbir tal-produttività fl-Irlanda hija xprunata l-aktar minn kumpaniji multinazzjonali. Id-diskrepanza fil-prestazzjoni tal-produttività bejn dawn l-impriżi u kumpaniji indiġeni Irlandiż — l-iktar intrapriżi żgħar u ta' daqs medju — qed jiżded. Il-mobbiltà internazzjonali għolja ta' xi kumpaniji multinazzjonali u l-inċertezzi attwali jistgħu jpoġġu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-ekonomija Irlandiża friskju fuq perjodu twil ta' żmien. Riċerka reċenti wriet li l-kumpaniji Irlandiżi għandhom effetti u benefiċċji limitati konsegwenzjali f'termini ta' tkabbir tal-produttività, l-innovazzjoni u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni mill-attivitàjiet ta' kumpaniji multinazzjonali fl-Irlanda. Madankollu, negozji Irlandiżi li jwettqu sforzi ta' R&Ż, jibbenefikaw mill-effetti konsegwenzjali ta' kumpaniji multinazzjonali. Inċentivi fis-settur pubbliċi biex jitwettqu r-R&Ż u tiżded id-disponibbiltà ta' ħaddiema mħarrġa Irlandiżi, għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jrawmu t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda f'dawk l-impriżi. Barra minn hekk u kif indikat ripetutamente mill-Kunsill Nazzjonali Irlandiż tal-Kompetittività, l-iżgurar

tal-kompetittività għan-negozji Irlandiżi jeħtieġ li jiġi limitat it-tkabbir ta' ċerti inputs u ta' spejjeż legali b'mod partikolari. L-ostakli fis-suq għas-servizzi legali għadhom jirrappreżentaw sfida, idgħajfu l-kompetizzjoni u jgħollu l-ispejjeż għal min jirċievi s-servizz. Dawn jaffettwaw l-aktar lin-negozji żgħar għax iżidu l-ispejjeż tal-litigazzjoni. L-ebda regolamenti ta' implimentazzjoni għadhom ma daħlu fis-seħħ mill-Att il-ġdid dwar ir-Regolament tas-Servizzi Legali. Konsultazzjonijiet pubbliċi, li huma prerekwiżit għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, qed jesperjenzaw dewmien sinifikanti.

- (18) Anke jekk is-settur finanzjarju tal-Irlanda jinsab fit-triq tal-irkupru sostenibbli, kwistjonijiet ta' legat għadhom joħlqu restrizzjonijiet. Għalkemm l-Irlanda kompliet tagħmel progress fit-tnaqqis ta' self improduttiv, il-proporzjon tagħhom ta' self gross totali (11,2 % f'Settembru 2017) għadu fost l-oġhla fl-Unjoni. Il-piż żejjed tad-dejn, il-konċentrazzjoni tas-suq u aktar inċertezza f'xi setturi li jesportaw qed ikunu ta' piż fuq id-domanda għall-kreditu minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li għadha baxxa. Huwa kruċjali li jitnaqqsu dawk l-arretrati fit-tul, li minnhom dawk dovuti għal aktar minn sentejn jammontaw għal madwar 60 % mit-total ta' self ipotekarju arretrati fl-2017. It-tnaqqis tal-arretrati fit-tul jista' jgħin ukoll biex tiġi indirizzata l-problema ta' dejn eċċessiv, li tnaqqas l-inċentivi tal-kumpaniji, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji, biex ipoġġu l-kreditu fuq aktar produttivi. Għalkemm ir-Rapport tiegħu tar-Raba' Kwart tal-2017 dwar l-Arretrati ta' Mutwi Ipotekarji Residenzjali u Pussess mill-Ġdid innota li madwar 87 % tal-mutwi ipotekarji qed jissodisfaw l-arranġamenti, il-Bank Ċentrali tal-Irlanda enfasizza li r-ristrutturar li jinvolvi tnaqqis temporanju fil-ħlas huwa partikolarment suxxettibbli għar-riandempjenza. Il-vijabbiltà ta' pussess mill-ġdid u tħassir bħala l-aħħar alternattivi possibbli tista' tittejjeb u tiġi kkomplementata minn qafas b'saħħtu għall-protezzjoni tal-konsumatur li jissalvagwardja l-iżviluppi pożittivi fil-bejgħ tas-self tas-suq sekondarju u d-durabbiltà ta' soluzzjonijiet ta' ristrutturar tas-self.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Irlanda u ppubblikatha fir-rapport għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Irlanda fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Irlanda iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri.
- (20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (21) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda tieħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Jintlaħaq l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2019. Tuża qligħ mhux mistenni biex iħaffef it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali. Tillimita l-ambitu u n-numru ta' nfiq tat-taxxa u twessa' l-bażi tat-taxxa. Tindirizza ż-żieda mistennija fl-infiq marbut mal-età billi żżid il-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa u billi jiġu segwiti r-riformi tal-pensjonijiet previsti.
2. Tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, inkluż f'termini ta' enerġija nadifa, trasport, akkomodazzjoni, servizzi tal-ilma u indukrar tat-tfal ta' kwalità bi prezz raġonevoli. Tippijoritizza t-tijib tal-ħiliet tal-popolazzjoni adulta, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Trawwem it-*tkabbir* tal-*produttività* tal-*kumpaniji* Irlandiżi, l-*intrapriżi* *żgħar* u ta' *daqs* medju b'*mod* partikolari, billi *tiġi* *stimulata* r-*riċerka* u l-*innovazzjoni* b'*politiki* mmirati, forom aktar *diretti* ta' *finanzjament* u aktar *kooperazzjoni* *strateġika* ma' *kumpaniji* *multinazzjonali* barranin, *ċentri* tar-*riċerka* *pubbliċi* u *universitajiet*. *Tippromwovi* tnaqqis b'*aktar* *ħeffa* u *permanenti* tal-*arretrati* fit-tul bl-*użu* ta' *swieq* *sekondarji*, billi *tibni* fuq *inizjattivi* għal *familji* *vulnerabbli* u, *fejn* *neċessarju*, tuża t-*tħassir* ta' *skoperturi* mhux *rekuperabbli*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Spanja**

(2018/C 320/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lil Spanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnexxjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li Spanja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għal Spanja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress ta' Spanja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress ta' Spanja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li Spanja għaddejjja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, stokkijiet kbar ta' dejn estern u intern, kemm pubbliku kif ukoll privat, f'kuntast ta' livell għoli ta' qgħad, qed ikomplu jikkostitwixxu vulnerabbiltajiet b'rilevanza transfruntiera. Ir-riekwilibrju estern qed javvanza, bis-saħħa

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

tas-surpluses fil-kont kurrenti rreġistrati mill-2013 'il quddiem, li huma sostnuti minn titjib strutturali fil-prestazzjoni kummerċjali. Madankollu, l-obbligazzjonijiet esterni netti għadhom għoljin. It-tnaqqis fid-dejn tas-settur privat qiegħed ukoll jagħmel progress, appoġġat minn kundizzjonijiet favorevoli tat-tkabbir, imma l-bżonnijiet ta' diżingranaġġ jippersistu. Settur finanzjarju iktar b'saħħtu qed jappoġġa l-attività ekonomika. Minkejja tkabbir b'saħħtu fil-PDG nominali, id-dejn tal-gvern bħala proporzjon mill-PDG qed jonqos bil-mod wisq. Ir-rata tal-qgħad kompliet it-tnaqqis rapidu tagħha, imma għadha għolja ħafna u l-grad għoli ta' segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jimpedixxi tkabbir fil-produttività iktar mgħaġġel. Wara l-momentum qawwi ta' riformi bejn l-2012 u l-2015, il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet sar aktar limitat. Is-sitwazzjoni ekonomika attwali tipprovi tieqa ta' opportunità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' riforma pendenti bil-għan li l-ekonomija Spanjola ssir iktar reżiljenti u jiżdied it-tkabbir tal-produttività.

- (4) Attwalment, Spanja tinsab fil-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tagħha, Spanja tippjana li tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2018, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/984 li tagħti avviż lil Spanja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv⁽¹⁾. Il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika huwa ppjanat li jkompli jitjeb u jilħaq iż-0,1 % tas-surplus tal-PDG fl-2021. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jinkorpora l-miżuri kollha inklużi fl-abbozz tal-liġi baġitarja ppreżentata lill-Parlament fit-3 ta' April 2018, kif ukoll miżuri addizzjonali mħabbra sa tmiem April tal-2018. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju ta' pozzizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali mhuwiex ipplanat li jintlaħaq matul iż-żmien tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jipprevedi li d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG jonqos sa 97,0 % fl-2018, 95,2 % fl-2019, u 89,1 % fl-2021. Is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 huma plawsibbli. B'mod ġenerali, il-kisba ppjanata tal-miri tad-defiċit nominali tibqa' tiddependi fuq perspettiva ekonomika b'saħħitha u nfiq pubbliku li jikber b'inqas mill-PDG nominali. Ir-riskji għall-kisba tal-miri fiskali jirrelataw kemm ma' tkabbir ta' dħul aktar b'saħħtu, kif ukoll ma' żidiet fl-infiq iktar imrażżna minn dawk proġettati mal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, u mal-materjalizzazzjoni possibbli ta' obbligazzjonijiet kontinġenti oħrajn.
- (5) Fid-Deċiżjoni (UE) 2017/984, il-Kunsill talab lil Spanja biex iġġib fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2018 u, b'mod partikolari, biex tnaqqas id-defiċit pubbliku għal 4,6 % tal-PDG fl-2016, 3,1 % tal-PDG fl-2017 u 2,2 % tal-PDG fl-2018. Skont il-previżjoni aġġornata tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2016, it-titjib fil-bilanċ pubbliku tqies bħala konsistenti ma' deterjorament fil-bilanċ strutturali b'0,4 % tal-PDG fl-2016, u ma' titjib ta' 0,5 % tal-PDG kemm fl-2017 kif ukoll fl-2018. Spanja laħqet id-defiċit nominali ta' 3,1 % tal-PDG fl-2017, kif meħtieġ fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/984. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, id-defiċit nominali se jonqos għal 2,6 % tal-PDG fl-2018, 0,4 % tal-PDG 'il fuq mill-mira tad-defiċit nominali fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u dik stabbilita mill-Kunsill. Meta mqabbla mal-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni tistenna inqas tkabbir fid-dħul pubbliku u infiq kemxejn ogħla. Fil-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jiddeterjora b'0,3 % tal-PDG fl-2018, fil-kuntest tal-miżuri li jżidu d-defiċit inklużi fl-abbozz tal-liġi baġitarja għall-2018 li ġew ippreżentati fil-Parlament fit-3 ta' April 2018 u li jitjeb biss ftit fl-2019. Għalhekk, l-isforz fiskali fl-2018, kif ukoll matul il-perjodu 2016-2018, mhuwiex mistenni li jiġi ggarantit. Filwaqt li l-espansjoni ekonomika qed tappoġġa t-tnaqqis tad-defiċit, mhijiex qed tintuża biex issaħħaħ strutturalment il-finanzi pubbliċi. Għalhekk, fl-Opinjoni tagħha dwar l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 ta' Spanja, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pjan huwa ġeneralment konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, billi skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, id-defiċit eċċessiv se jiġi kkorreġut b'mod f'waqtu, iżda huwa espansjonarju.
- (6) Għall-2019, jekk tikseb korrezzjoni f'waqtha u dejjiema tad-defiċit eċċessiv, Spanja tkun soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għar-regola tranżitorja tad-dejn. Bil-ħsieb li d-dejn pubbliku ta' Spanja bħala proporzjon tal-PDG ikun aktar minn 60 % u l-marġni pozzittiva tal-potenzjal tal-produzzjoni proġettata hija ta' 2,3 % tal-PDG, l-infiq pubbliku primarju nett⁽²⁾ jenħtieġ li jonqos b'tal-inqas 0,3 % fl-2019, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 1,0 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-istess ħin, hemm sinjali li l-kapaċità mhux użata qed tiġi sottovalutata. Fl-2019, Spanja hija mistennija tirreġistra waħda mill-ogħla rati ta' qgħad fl-Unjoni, li għandu jillimita l-pressjonijiet fuq il-pagi, speċjalment fis-settur privat, filwaqt li l-inflazzjoni hija mistennija tibqa' ferm taħt it-2 %. Dan jindika staġnar li jippersisti fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, anki jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

(1) ĠUL 148, 10.6.2017, p. 38.

(2) L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

tal-plawżibbiltà tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ma timmarkax id-differenzi fl-istimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fuq il-bażi ta' metodoloġija miftiehma b'mod komuni bħala implawżibbli, hija tindika firxa pjuttost wiesgħa ta' stimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għal Spanja. Fuq din il-bażi, aġġustament strutturali annwali ta' 0,65 % tal-PDG, li jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir massimu ta' nfiq pubbliku primarju nett ta' 0,6 %, jidher adegwat. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, jekk il-politiki ma jinbidlux, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament fiskali meħtieġ fl-2019. Barra minn hekk, Spanja mhijiex prevista tikkonforma mar-rekwiżit tar-regola tranżitorja tad-dejn fl-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-fehma li jeħtieġ li Spanja tkun lesta tieħu miżuri ulterjuri biex tiżgura l-konformità fl-2018 u li l-miżuri meħtieġa jenħtieġ li jittieħdu mill-2019 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-użu ta' gwadanni mhux previsti biex ikompli jitnaqqas il-proporzjon tad-dejn pubbliku jkun prudenti.

- (7) Barra minn hekk, fid-Deċiżjoni (UE) 2017/984, il-Kunsill talab ukoll lil Spanja tieħu miżuri biex ittejjeb il-qafas fiskali tagħha, bil-għan li żżid l-awtomatizzazzjoni tal-mekkaniżmi biex tipprevjeni u tikkoreġi d-devjazzjonijiet mill-miri fiskali u biex issaħħaħ il-kontribut tar-regoli tal-infiq tal-Liġi ta' Stabbiltà għall-konsolidazzjoni fiskali. Madankollu, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ma jirrapportax pjanijiet biex jirrinforza r-regoli tal-infiq domestiku. Lanqas ma jirrapporta miżuri biex iżid l-awtomatizzazzjoni tal-mekkaniżmi korrettivi u ta' prevenzjoni fil-liġi. Il-Kunsill talab ukoll lil Spanja tieħu miżuri biex ittejjeb il-qafas politiku ta' akkwist pubbliku tagħha. Spanja għamlet progress bl-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-kuntratti tas-settur pubbliku f'Novembru 2017. Madankollu, il-leġiżlazzjoni ġdida tista' biss ittejjeb l-effiċjenza u t-trasparenza tal-akkwist pubbliku jekk tiġi implimentata malajr u b'mod ambizzjuż billi tistabbilixxi l-istruttura ta' governanza ġdida u ttejjeb il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-proċeduri ta' akkwist fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni. B'mod partikolari, l-Istrategġija Nazzjonali ta' Akkwist Pubbliku jenħtieġ li tispeċifika l-kontrolli ex ante u ex post li għandhom jitwettqu mill-istrutturi l-ġodda. F'Ġunju 2017, il-Gvern ikkummissjona lill-awtorità fiskali indipendenti biex twettaq rieżami tal-infiq fuq sussidji magħżula tas-settur pubbliku. Il-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rieżami, li huwa mistenni jitlesta sal-bidu tal-2019.
- (8) Fis-27 ta' April 2018, Spanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess ħin.
- (9) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (10) L-impjeggi komplew jżiedu b'ritmu sod fi Spanja, sostnuti bl-effetti tar-riformi fis-suq tax-xogħol li saru fil-passat u bil-moderazzjoni tal-pagi. Ir-rata ta' qgħad qed tkompli tonqos, iżda għadha 'l fuq sew mill-livelli ta' qabel il-kriżi fil-pajjiż u hija fost l-ogħla fl-Unjoni. Dan jinvolvi potenzjal konsiderevoli mhux sfruttat ta' hiliyet, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh qiegħda. Il-proporzjon ta' persuni li ilhom mingħajr impjeg għal iktar minn sena qed jonqos, iżda għadu jirrappreżenta għal 44,5 % tal-persuni kollha qiegħda. Spanja adottat sett ta' inizjattivi politiċi biex testendi l-appoġġ individwali lil persuni qiegħda fit-tul u biex tgħin liż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom, b'mod partikolari billi żżid l-għadd ta' benefiċjarji tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. L-effettività ta' dawn il-miżuri tiddependi wkoll fuq il-kapaċità tal-impjeggi pubbliċi reġjonali u s-servizzi soċjali li jipprovdu appoġġ personalizzat lil dawk li qed ifittxu x-xogħol, li qed tittejjeb, iżda bil-mod. Hemm ukoll lok għal aktar kooperazzjoni ma' min iħaddem, b'mod partikolari billi jżied il-perċentwal ta' postijiet battala ġestiti mis-servizzi għall-impjeg, u billi jittejjeb it-tfassil tal-profilu u t-tqabbil ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol mal-ħtiġijiet ta' min iħaddem. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jinżammu l-isforzi biex jiġu kkoordinati l-impjeggi u s-servizzi soċjali, fejn sar progress mill-2017.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (11) Il-proporzjon ta' impjegati b'kuntratti temporanji huwa fost l-ogħla fl-Unjoni, u jinkludi l-iktar ħaddiema żgħażaġh u ħaddiema bi ftit kwalifiki. Il-kuntratti temporanji huma spiss fit-terminu qasir u rari jservu bħala pass 'il quddiem lejn kuntratt permanenti. L-użu mifrux tagħhom, inkluż f'setturi li huma inqas suxxettibbli għal attività staġjonali jew ċiklika, jista' jimpedixxi iktar tkabbir fil-produttività u huwa spiss assoċjat ma' intitolamenti iktar baxxi għall-benefiċċji soċjali u riskji ikbar ta' faqar. Filwaqt li l-kuntratti indefiniti żdiedu bħala perċentwal tat-tkabbir tal-impjeg netti f'dawn l-aħħar sentejn, jeħtieġ azzjoni ulterjuri biex jingħataw inċentivi għal tranżizzjonijiet minn kuntratti temporanji għal dawk indefiniti. Is-sistema ta' inċentivi għar-reklutaġġ għadha frammentata u ma timmirax b'mod effettiv biex jiġu promossi l-impjegati indefiniti. Spanja adottat pjan biex tnaqqas id-dipendenza fuq l-impjegati b'terminu fiss fis-settur pubbliku, iżda l-implimentazzjoni tiegħu għadha kif bdiet, u hemm bżonn li jingħata spinta sabiex tintlaħaq il-mira ta' 8 % stipulata għall-2019. Il-kapaċità u l-effikaċja ikbar tal-ispettorati tax-xogħol biex jiġġieldu kontra l-abbuż tal-kuntratti temporanji rriżultat f'għadd akbar minnhom li qed jiġu kkonvertiti f'kuntratti permanenti, iżda ma jidherx li qed jiskoraġġixxi lil min iħaddem milli jkompli jużahom b'mod estensiv. Il-mejda tonda tripartitika stabbilita fil-bidu tal-2017 biex tiddiskuti l-kwalità tal-impjegati għadha ma għamlitx proposti speċifiċi. L-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika żdied riċentement iżda għad hemm lok għal aktar titjib.
- (12) It-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegati qed jgħinu biex jonqos il-proporzjon ta' persuni li jgħixu friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, li minkejja kollox għadu iktar mill-medja tal-Unjoni, kif ukoll l-inugwaljanza fl-introjtu. Il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa ta' tħassib, speċjalment fost unitajiet domestiċi b'membri impjegati b'kuntratti temporanji jew part-time. Ir-rata ta' faqar fost it-tfal, għalkemm qed tonqos, għadha għolja ħafna. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa inqas mill-medja tal-Unjoni u qed jonqos. L-iskemi ta' garanzija tal-introjtu għadhom karatterizzati minn differenzi kbar fil-kondizzjonijiet tal-aċċess f'reġjuni differenti u mill-frammentazzjoni tal-ħafna skemi nazzjonali mmirati lejn gruppi differenti ta' persuni li qed ifittxu impjeg u ġestiti minn amministrazzjonijiet differenti. B'riżultat ta' dan, għadd ta' persuni fil-bżonn ma jirċevux appoġġ. Wara l-istudju reċenti li jivvaluta l-effettività tal-iskemi ta' garanzija ta' dħul nazzjonali u reġjonali, għadu ma ġie maqbul l-ebda pjan ta' azzjoni. It-tnejn ta' sistema ta' Karta Soċjali Universali għandha twassal biex il-benefiċċji soċjali mogħtija jsiru iktar trasparenti u tiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' attivazzjoni assoċjati, għalkemm mhijiex se tindirizza direttament id-dgħufiji tal-iskemi eżistenti. L-effettività tal-benefiċċji tal-familja hija wkoll baxxa u l-kopertura mhijiex konsistenti. Is-sistema tal-pensjonijiet Spanjola tilgħab rwol importanti fiż-żamma tal-kwalità tal-ħajja tal-anzjani, li minħabba dan jiffaċċaw riskju iktar baxxa ta' faqar mill-ġenerazzjonijiet iżgħar. Meta maqabbla mal-pagi, il-pensjonijiet attwali huma fost l-ogħla fl-Unjoni. Il-projezzjonijiet fir-Rapport tal-2018 dwar it-Tixjiih u r-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet⁽¹⁾ jindika li r-riformi tal-2011 u l-2013 għenu biex jiżguraw is-sostenibbiltà u l-adeqwatezza relattiva tal-pensjonijiet fit-tul. Madankollu, iż-żidiet fil-pensjonijiet u l-posponiment tal-fattur ta' sostenibbiltà propost matul il-proċess tal-adozzjoni tal-abbozz tal-baġit tal-2018 joħlqu dubbi dwar l-impenn ta' dawn ir-riformi. Fl-istess ħin, huma ma jindirizzawx l-isfida ewlenija għall-adeqwatezza tal-introjtu tal-pensjonanti futuri, li hija pjuttost relatata mal-qgħad għoli u mas-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol.
- (13) L-indirizzar tan-nuqqasijiet fil-kapaċità tal-innovazzjoni tad-ditti Spanjoli jista' jtejjeb il-produttività tagħhom. Il-prestazzjoni tal-innovazzjoni u t-tkabbir fil-produttività huma mxekkla minn livelli ta' investiment persistentement dgħajfa fir-riċerka u l-iżvilupp, li jagħmlu l-ilħiq tal-mira nazzjonali tal-intensità tar-riċerka u żvilupp tal-Ewropa 2020 ta' 2 % improbabbli ħafna. Din it-tendenza hija msaħħa permezz tar-rata ta' eżekuzzjoni baxxa u li qed tonqos tal-baġit pubbliku għar-riċerka u żvilupp. Filwaqt li l-governanza tal-politika nazzjonali dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni qed tiġi ssemplifikata, parzjalment permezz tal-Aġenzija Statali l-għdida għar-Riċerka, il-koordinazzjoni bejn il-livell nazzjonali u dak reġjonali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika għadha dgħajfa. L-iżvilupp ta' kultura ta' evalwazzjoni biex tivvaluta sistematikament l-effettività tal-programmi u tal-politiki ta' appoġġ se tippermetti t-tagħlim dwar il-politiki u toħloq sinerġiji fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni.
- (14) Il-kapaċità ta' innovazzjoni limitata tad-ditti Spanjoli hija spjegata wkoll mill-ispariġġ fil-ħiliet, li jaffettwa b'mod negattiv il-potenzjal fit-tul tat-tkabbir tal-produttività. Il-kwalifikazzjoni nieqsa u l-kwalifikazzjoni żejda fuq ix-xogħol huma mifruxa fi Spanja. Minkejja li tjebu b'mod sostanzjali tul dan l-aħħar deċennju, ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola huma ogħla sew mill-medja tal-Unjoni. Dawn, flimkien mar-riżultati edukattivi, ivarjaw bil-kbir minn reġjun għal ieħor u jistgħu jaffettwaw l-opportunitajiet indaqs. Programmi mmirati biex jindirizzaw dawn id-differenzi sa issa kellhom biss effetti limitati. Il-Patt Soċjali u Politiku Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni mmirat lejn riforma fil-fond tas-sistema edukattiva, għadu fil-fażi ta' negozjati. Sadanittant, l-iżvilupp professjonali tal-għalliema jrid jiġi sostnut billi jitnaqqsu l-kuntratti temporanji u permezz ta' iktar riżorsi għat-taħriġ tagħhom.

⁽¹⁾ European Commission (2018), The 2018 Pension Adequacy Report: current and future income adequacy in old age in the EU, Volume I and Volume II Joint Report prepared by the Social Protection Committee (SPC) and the European Commission (DG EMPL), Publications Office of the European Union, Luxembourg, 2018.

Fl-istess ħin, il-gradwati universitarji b'mod partikolari jiffaċċaw diffikultajiet biex isibu impjiegi adegwati, stabbli fis-suq tax-xogħol. Iktar kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni u n-negozju tista' ssaħħa l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-gradwati żgħażaġh, filwaqt li tippovdi lid-ditti bil-ħiliet meħtieġa biex itejbu l-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, il-proposta għal strateġija diġitali nazzjonali ġdida tirrikonoxxi l-bżonn li jkun hemm titjib fil-ħiliet diġitali. L-isfidi huma marbuta mal-għadd baxx ta' speċjalisti tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, kif ukoll biex jiġi promoss ir-rwol tas-sistema edukattiva fl-avvanz tal-ħiliet diġitali. It-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema f'ħiliet diġitali jista' jippermetti wkoll lill-kumpaniji Spanjoli biex jibqgħu kompetittivi f'ekonomija dejjem aktar diġitalizzata.

- (15) Id-differenzi regolatorji fl-ambjent tan-negozju ukoll jilagħbu parti f'li jżommu t-tkabbir tal-produttività mrażan. Fil-kuntest attwali, id-differenzi regolatorji u r-restrizzjonijiet fl-ambjent tan-negozju jikkontribwixxu biex iżommu l-"mark-ups" għoljin, inaqqsu l-mobilità ġeografika tal-kumpaniji u tal-ħaddiema u jrażżnu t-tkabbir tal-produttività. Il-Liġi dwar l-Unità tas-Suq, li kellha l-għan li tilqa' din l-isfida, ġiet implimentata biss b'mod parzjali. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dik il-Liġi fil-livell reġjonali u lokali jrid jitjeb u r-rwol tal-konferenzi settorjali jrid jissaħħa. Dik il-Liġi introduċiet il-prinċipju li l-konformità ma' ċerti rekwiżiti f'parti waħda mit-territorju tippermetti lin-negozji joperaw fit-territorju kollu. Fid-diversi sentenzi ppubblikati fl-2017, il-Qorti Kostituzzjonali sostniet li dan il-prinċipju mhux validu fl-assenza ta' standards minimi komuni jew ekwivalenti għall-aċċess għal attività ekonomika jew għall-eżerċizzju tagħha. Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi, it-twaqqif ta' standards komuni jew ekwivalenti konsistenti fit-territorju kollu jista' jgħin biex jiġu ssodisfati l-oġġettivi ta' dik il-Liġi. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn il-livelli differenti ta' amministrazzjoni jenħtieġ li titjeb fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni biex l-effetti negattivi tal-frammentazzjoni fuq in-negozji jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv. Il-ħidma tal-Kumitat għal Regolamentazzjoni Aħjar, li ġie stabbilit biex jiżgura li dik il-legalizzazzjoni kienet allinjata mal-*acquis* tal-Unjoni dwar is-servizzi, jenħtieġ li tiġi aċċellerata. Ir-restrizzjonijiet li jaffettwaw ċerti professjonijiet regolati bħal periti u inġiniera ċivili kienu enfasizzati wkoll fil-Pakkett għas-Servizzi adottat f'Janar 2017 u sa issa ma ttehdet l-ebda miżura speċifika biex jiġu indirizzati.
- (16) B'mod aktar ġenerali, it-titjib fil-kwalità tal-istituzzjonijiet jista' jsahha il-fiducia fl-ekonomija Spanjola u jimplifika l-gwadanji mill-miżuri li ġew adottati biex iżidu t-tkabbir tal-produttività. Sar progress fit-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti, u fid-dikjarazzjoni tal-assi u tal-kunflitti ta' interess. L-ambjent tan-negozju gawda wkoll minn progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għalkemm għad fadal xi tħassib f'dan il-qasam. Il-perċezzjonijiet tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja ttejbew wkoll fost iċ-ċittadini u n-negozji. L-isforzi biex tkompli tittejjeb l-effettività tas-sistema ġudizzjarja għadhom għaddejjin u jenħtieġ li jtkomplew. Għalkemm sar xi progress f'dan il-qasam wiesa', l-isfida sabiex titrawwem fiducia fl-istituzzjonijiet fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni għadha hemm.
- (17) Aktar titjib fl-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u tal-ilma se jrawwem koeżjoni territorjali, integrazzjoni aħjar fis-suq komuni u tkabbir tal-produttività. Il-konnessjonijiet transfruntiera tat-trasport u tal-enerġija, kif ukoll l-infrastruttura tal-ilma, jiffaċċaw diskrepanzi fl-investment. Jista' jsir użu aħjar mill-infrastrutturi ferrovjarji tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Il-gejġijiet differenti li jikkoeżistu fi Spanja, fil-Portugall u fi Franza huma ostaklu kritiku għall-konnettività aħjar tal-ferroviji, għalkemm taqsimiet ġodda li jużaw il-gejġ standard prevalenti ġew kompluti riċentement. Wieħed isib ukoll nuqqasijiet fil-konnessjonijiet ferrovjarji tal-merkanzija bejn il-portijiet prinċipali mal-kosti tal-Atlantiku u tal-Mediterran u ż-żoni industrijali interni. Konnettività insuffiċjenti tpedixxi wkoll integrazzjoni aktar mill-qrib fis-swieq tal-elettriku u tal-gass tal-Unjoni. Hemm bżonn ta' iktar investment fl-infrastruttura biex titjeb il-ġestjoni tal-ilma, pereżempju biex jiġi trattat l-ilma mormi, jitnaqqsu tnixxijiet fin-netwerks u tittejjeb il-provvista tal-ilma. Dan se jwassal għal benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali fi Spanja.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Spanja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Spanja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Spanja iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn nru (1) sa (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Spanja tiegħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Tiżgura l-konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/984 billi tagħti avviż taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, inkluż permezz ta' miżuri biex issaħħu l-oqfsa fiskali u tal-akkwist pubbliku fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni. Wara dan, tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx 0,6 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,65 % tal-PDG. Tuża qligħ mhux mistenni biex taċċellera t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn pubbliku.
2. Tiżgura li s-servizzi għall-impjieg u soċjali jkollhom il-kapaċità jipprovdu appoġġ effettiv għal dawk li qed ifittxu x-xogħol, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aħjar ma' min iħaddem. Trawwem tranżizzjonijiet lejn kuntratti indefiniti. Ittejjeb l-appoġġ lill-familji u żżid l-effettività fi skemi ta' garanzija tal-introjtu, billi tindirizza diskrepanzi ta' kopertura, tissimplifika s-sistema ta' skemi nazzjonali u tnaqqas id-differenzi fil-kondizzjonijiet ta' aċċess għas-sistemi reġjonali. Tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u d-disparitajiet reġjonali f'termini ta' riżultati edukattivi, b'mod partikolari billi tappoġġa aħjar lill-istudenti u lill-għalliema.
3. Iżżid l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni u twestaq b'mod sistematiku evalwazzjonijiet ta' politiki ta' appoġġ f'dan il-qasam biex tiżgura l-effettività tagħhom. Iżżid il-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni u n-negozji bl-għan li jitnaqqas l-ispariġġ fil-ħiliet eżistenti. Ittejjeb l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Unità tas-Suq billi tiżgura li, fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni, ir-regoli li jmexxu l-aċċess u l-eżerċizzju għal attivitajiet ekonomiċi, b'mod partikolari għas-servizzi, ikunu konformi mal-prinċipji ta' din il-Liġi u billi ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Franza u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Franza**

(2018/C 320/09)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat bix-xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li Franza tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn isfel, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet (1) u (2).
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għal Franza ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress ta' Franza biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress ta' Franza lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li Franza għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet joriġinaw minn dejn pubbliku kbir u kompetizzjoni dgħajfa fil-kuntest ta' tkabbir tal-produttività baxx. Ir-riskju ta' effett negattiv fuq l-ekonomija Franċiża, u minħabba d-daqs tagħha, ta' effetti konsegwenzjali negattivi fuq l-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (4) Fil-25 ta' April 2018, Franza ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Wara l-korrezzjoni f'waqtha u durabbi tad-defiċit eċċessiv u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/xxx ⁽²⁾ li tabroga l-proċedura ta' defiċit eċċessiv, Franza tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tranżizzjonali fir-rigward tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tiegħu, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika minn -2,6 % tal-PDG fl-2017 għal +0,3 % tal-PDG fl-2022. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,4 % tal-PDG — mhuwiex ippjanat li jinkiseb fiż-żmien kopert mill-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni jonqos minn 97,0 % fl-2017 għal 89,2 % fl-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri neċessarji biex jappoġġaw il-miri pplanati tad-defiċit mill-2019 'il quddiem għadhom ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lil Franza tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ⁽³⁾ ma taqbiżx il-1,2 % fl-2018, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Fl-istess ħin, ġie ddikjarat li l-valutazzjoni tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju 2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tal-eżiti baġitarji tal-2018 se jkollhom bżonn li jikkunsidraw l-għan tal-kisba ta' pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm biex issaħħa l-irkupru li għaddej kif ukoll biex tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-saħħa tal-irkupru fi Franza li tat il-konsiderazzjoni dovuta għall-isfidi ta' sostenibbiltà tagħha, imwettqa fil-kuntest tal-opinjoni tagħha dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2018 ta' Franza, ma hemm bżonn li jitqies l-ebda element addizzjonali f'dak ir-rigward. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018.
- (8) Fl-2019, fid-dawl tal-fatt li d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG ta' Franza huwa 'l fuq minn 60 % tal-PDG u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni pproġettata hija ta' 0,6 %, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett jinħtieġ li ma taqbiżx il-1,4 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, mingħajr l-ebda tibdil fil-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2019 u matul l-2018 u 2019 meħudin flimkien. Prima facie, Franza mhijiex prevista tikkonforma mar-regola tranżizzjonali fir-rigward tad-dejn fl-2018 u l-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa mill-2018 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-użu ta' kwalunkwe gwadann mhux previst biex ikompli jnaqqas il-proporzjon tad-dejn pubbliku jkun prudenti.
- (9) Il-livell ta' nfiq pubbliku fi Franza huwa l-ogħla fl-Unjoni. Il-proporzjon tal-infiq għandu jilħaq 56,0 % tal-PDG fl-2018, 10,6 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-Unjoni. Filwaqt li l-istrateġija ta' konsolidament fis-snin riċenti bbenefikat prinċipalment minn rati tal-imgħax li kienu qed jonqsu u minn tnaqqis fl-investiment pubbliku, huwa improbabli li l-ambjent ta' rati baxxi ta' imgħax se jipprevali fit-terminu medju, u t-tnaqqis fl-investiment produttiv jista' jagħmel ħsara lill-potenzjal ekonomiku fil-futur. Ir-rieżamijiet tal-infiq mill-2014 'il quddiem ma

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/924 tat-22 ta' Ġunju 2018 li tabroga d-Deċiżjoni 2009/414/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fi Franza (ĠU L 164, 29.6.2018, p. 44).

⁽³⁾ L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

rendewx iffrankar sinifikanti u l-kisbiet fl-effiċjenza kienu limitati minħabba nuqqas ta' segwitu xieraq u livell baxx ta' sjeda politika. L-iktar strateġija riċenti tar-rieżami tal-infiq ġiet abbandunata u se tiġi sostitwita minn Azzjoni Pubblika 2022 (*Action Publique 2022*), li l-prinċipji tagħha huma stabbiliti fil-mandat mogħti mill-Gvern f'Ottubru 2017. Huwa previst li l-Kumitat tal-Azzjoni Pubblika 2022 (*Comité Action Publique 2022*) għandu jipproduċi rapport qabel is-sajf tal-2018 u janalizza l-miżuri possibbli li hemm bżonn li jittieħdu. Madankollu, għadhom ma ġewx proposti miżuri speċifikati b'mod ċar u ffrankar ġdid f'dan il-qafas se jasal biss mill-2020 'il quddiem. L-isforzi biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tal-konsolidazzjoni fiskali fit-terminu qasir sa medju jistgħu jibbenefikaw mill-implimentazzjoni rapida tal-miżuri ta' ffrankar fuq in-nefqa.

- (10) Fil-preżent, fi Franza jeżistu flimkien 37 skema tal-pensjoni differenti. Dawn jikkonċernaw gruppi differenti ta' ħaddiema u jiffunzjonaw skont settijiet ta' regoli differenti. L-unifikazzjoni progressiva tar-regoli ttejjeb it-trasparenza tas-sistema, iżżid il-ġustizzja interġenerazzjonali, u tiffaċilita l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-armonizzazzjoni tar-regoli tal-kalkoli tikkontribwixxi wkoll biex tiġi kkontrollata aħjar in-nefqa pubblika. Filwaqt li r-riformi tal-pensjonijiet diġà adottati huma mistennija li jnaqqsu l-livell tal-proporzjon tan-nefqa pubblika għall-pensjonijiet fit-tul, sistema ta' pensjonijiet iktar sempliċi u iktar effiċjenti tista' tiġġenera iktar tfaddil u tgħin biex tnaqqas ir-riskji tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-terminu medju. Skont studju reċenti mingħand *La Fondation pour la recherche sur les administrations et les politiques publiques (iFRAP)*, l-allinjament tal-iskemi tal-pensjoni differenti fis-settur pubbliku u f'dak privat jistgħu iġibu iktar minn EUR 5 biljun ta' ffrankar fin-nefqa pubblika sal-2022.
- (11) Ir-rata tal-qgħad naqset minn 10,4 % fl-2015 għal 9,4 % fl-2017 u huwa mbassar li se tkompli tonqos fis-snin li ġejjin, filwaqt li r-rata tal-impjeg ħdiedet għal 70,6 % fl-2017. Madankollu, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh, għall-ħaddiema bi ftit kwalifiki u għall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni (kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni ġenerazzjoni) għadhom relattivament aktar diffiċli. Fl-2017, 55,6 % biss tal-persuni mhux imwiela fl-UE (fl-età 20–64) kienu impjegati, li hija 17,0 punti perċentwali inqas miċ-ċifra għal dawk imwiela fi Franza. L-abitanti taż-żoni l-aktar żvantaġġati (*Quartiers de la politique de la ville*), inklużi l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, qed ikomplu jiffaċċaw diffikultajiet fis-suq tax-xogħol. Minkejja l-azzjoni politika, l-impatt tal-isfond soċjoekonomiku u ta' migrazzjoni fuq il-prestazzjoni edukattiva huma relattivament kbar u jfixklu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Hemm ukoll evidenza ta' Prattiki diskriminatorji fis-suq tax-xogħol. L-appoġġ effettiv ta' impjeg attiv, inkluż taħriġ fil-lingwa, konsulenza intensiva u appoġġ għar-reklutaġġ, u azzjoni iktar soda rigward Prattiki diskriminatorji, huwa importanti ħafna sabiex jitravmu opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol.
- (12) Il-liġi tax-xogħol tal-2016, li timmodernizza d-djalogu soċjali u tiżgura l-perkorsi professjonali, għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità tad-ditti li jaġġustaw għaċ-ċikli ekonomiċi u li tnaqqas il-proporzjoni ta' ħaddiema b'kuntratti temporanji. Filwaqt li iktar nies qed jiġu reklutati b'kuntratti indefiniti, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol għadha sfida u jenħtieġ li titrawwem it-tranżizzjoni lejn forom iktar indefiniti ta' impjeg. F'dan il-kuntest, huwa importanti li tiġi finalizzata l-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma ambizzjuża li għaddejja bħalissa, li jinkludi r-riforma tal-liġi tax-xogħol li ġiet adottata riċentement, ir-reviżjoni pjanata tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad, u r-riforma tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inklużi l-apprendistati.
- (13) L-implimentazzjoni gradwali tal-miżuri biex jitnaqqas il-porzjon ta' taxa fuq ix-xogħol tejbu l-kostkompetittività ta' Franza mill-2013 'il quddiem, iżda t-telf akkumulat tal-passat għadu ma ġiex irkuprat kompletament. Abbażi tal-paga medja, fl-2016 Franza kien għad kellha waħda mill-ogħla rati ta' kontribuzzjonijiet soċjali bħala proporzjon tal-ispejjeż lavorattivi totali fl-Unjoni. Il-miżuri politiċi eżistenti biex inaqqsu l-ispejjeż lavorattivi huma mistennija li jkomplu jiġu kkonsolidati u msaħħa mill-2019 'il quddiem, bil-konverżjoni, li ġiet imħabbra, tal-kreditu tat-taxxa għall-kompetittività u l-impjegji (CICE) fi tnaqqis ġeneralizzat tal-kontribuzzjonijiet soċjali għal min iħaddem u l-introduzzjoni ta' ribassi ulterjuri għal pagi iktar baxxi biex jitravwem l-impjeg ta' dawk bi ftit kwalifiki.
- (14) Il-paga minima Franċiża ilha ssegwi r-regola ta' indicijar tagħha, mingħajr ebda żieda *ad hoc*, mill-2013. Riżultat ta' dan, kibret iktar bil-mod mill-pagi ta' referenza (1,23 % fl-2017, meta mqabbla ma' 1,31 % għall-paga medja), f'kuntest ta' inflazzjoni dgħajfa u żidiet dgħajfa fil-pagi. Filwaqt li l-paga minima, meta mqabbla mal-paga medja, hija għolja f'termini internazzjonali, il-kost lavorattiv bil-paga minima tbaxxa b'mod sinifikanti permezz tat-tnaqqis mill-kontribuzzjonijiet soċjali. Dan it-tnaqqis se jkun intensifikat u jsir permanenti mill-2019. Filwaqt li indicijar tal-paga minima huwa importanti biex jippreserva l-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema, il-mekkaniżmu attwali (uniku fl-Unjoni) jista' jillimita l-aġġustamenti fil-pagi għal kundizzjonijiet li jinbidlu, b'konsegwenzi negattivi potenzjali fuq il-kompetittività. Grupp ta' esperti indipendenti jevalwa l-paga minima kull sena u jipprovi opinjonijiet mhux vinkolanti dwar l-iżvilupp tagħha. Fl-2017, il-grupp irrakkomanda li r-regola tal-indicijar tiġi riveduta, pereżempju billi jiġi limitat għal indicijar tal-inflazzjoni biss.

- (15) Is-sistema attwali ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali ma tappoġġax biżżejjed l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għax proporzjon sinifikanti ta' studenti huma orjentati lejn perkorsi bi prospettivi ta' impjieg limitati. Barra minn hekk, l-istudenti Franċiżi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jiksibu riżultati edukattivi ferm iktar baxxi mill-medja tal-Unjoni, filwaqt li daww il-edukazzjoni ġenerali jagħtu prestazzjoni ferm aħjar. F'dan il-kuntest, il-miżuri biex jitrawmu l-apprendistati, li huma assoċjati ma' prospettivi ta' impjieg aħjar, flimkien ma' miżuri biex itejbu r-riżultati bbażati fuq l-iskejjel, huma essenzjali biex jappoġġaw l-impjieg taż-żgħażaġ u jippromwovu l-ugwaljanza tal-opportunitajiet. Fl-istess ħin, it-titjib fl-aċċess għal taħriġ kontinwu għal persuni li qed ifittxu x-xogħol u daww bi ftit kwalifiki u biex tiġi promossa l-kisba ta' kwalifiki iktar għoljin, appoġġati minn gwida xierqa tat-taħriġ, huma wkoll importanti. Ir-riflessjoni ta' dawn l-isfidi u b'mod partikolari l-ħtieġa li tittejjeb il-governanza tas-sistema, jiġu żgurati r-rilevanza għas-suq tax-xogħol, il-kwalità u l-aċċess għal taħriġ u tranżizzjonijiet sikuri fis-suq tax-xogħol, fis-27 ta' April 2018 il-Gvern ippreżenta abbozz ta' liġi li tirriforma l-apprendistat u s-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali. Barra minn hekk, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 jikkonferma l-intenzjoni biex jiġi implimentat pjan ta' investiment ta' EUR 14 -il biljun għall-ħiliet u jwitti t-triq għal riforma komplimentari tal-edukazzjoni vokazzjonali inizjali bbażata fuq l-iskejjel.
- (16) B'mod ġenerali, is-sistema ta' protezzjoni soċjali tagħti riżultati tajbin. L-inugwaljanzi fl-introjtu huma inqas mill-medja tal-Unjoni u l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, minkejja żieda riċenti, għadu fl-livell relattivament baxx. Madankollu, xi gruppi, b'mod partikolari familji b'ġenitur wieħed, persuni mhux imwiġġa fl-Unjoni u persuni li jgħixu f'żoni urbani deprivati, jiffaċċaw riskju oġġa ta' faqar. L-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata għal persuni li jgħixu fil-faqar għadu kwistjoni ta' tħassib. Minkejja titjib riċenti, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali tibqa' f'xi żoni.
- (17) Minkejja r-riformi li għaddejjin bħalissa biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq il-kumpaniji u jiġi appoġġat l-investiment produttiv, is-sistema tat-taxxa Franċiża għadha kkaratterizzata b'livell ta' kumplessità għoli, fejn in-nefqiet tat-taxxa, it-taxxi ineffiċjenti u t-taxxi fuq il-produzzjoni qed jikkostitwixxu ostakli għal ambjent tan-negozju li jiffunzjona tajjeb. L-għadd kbir ta' nefqiet tat-taxxa (il-kreditu tat-taxxa, l-eżenzjonijiet, it-tnaqqis tat-taxxa) ipoġġi piż addizzjonali fuq in-negozji, u fuq l-SMEs b'mod partikolari, fil-forma ta' spejjeż tal-konformità aktar għoljin u aktar inċertezzi. Joħloq ukoll spejjeż ta' kontroll addizzjonali għall-amministrazzjoni tat-taxxa. In-nefqiet tat-taxxa se jkomplu jiżdienu fl-għadd u fil-valur taħt il-Liġi tal-Baġit 2018 u huma mistennija jilhqnu EUR 99,8 biljun fl-2018 (4,2 % tal-PDG), meta mqabbla ma' EUR 93 biljun fl-2017. Barra minn hekk, ġew identifikati madwar 192 taxxa li jrendu dħul baxx (inqas minn EUR 150 miljun fis-sena), iżda għadd limitat ħafna biss ġie eliminat mill-2014 'il quddiem⁽¹⁾. Fl-aħħar nett, Franza għandha livell għoli ħafna ta' taxxi fuq il-produzzjoni fl-Unjoni⁽²⁾ (3,1 % tal-PDG fl-2016) li jikkonsistu prinċipalment minn taxxi fuq il-kapital u fuq ix-xogħol li l-intrapriżi huma soġġetti għalihom minħabba li huma involuti fil-produzzjoni u indipendentement mill-prestazzjoni ekonomika tagħhom.
- (18) Is-servizzi tas-suq kienu jammontaw għal iktar minn 50 % tal-valur miżjud, 40 % tal-forza tax-xogħol u 20 % tal-valur miżjud tal-industrija tal-manifattura fl-esportazzjonijiet fl-2016. Madankollu, filwaqt li l-kompetizzjoni fis-servizzi tas-suq kellha impatt fuq l-ekonomija kollha, hija għadha mxekkla minn rekwiżiti regulatorji u piż amministrattiv, li jimpedixxu wkoll l-abbiltà tad-ditti li jikbru. Jekk ikunu ambizzjużi biżżejjed u jiġu implimentati bis-sħiħ, ir-riformi fil-qasam tas-servizzi jista' jkollhom impatt ekonomiku pożittiv sinifikanti. Permezz tal-prijorizzazzjoni tal-isforzi ta' riforma, huwa importanti li tiġi kkunsidrata l-importanza ekonomika u l-prestazzjoni tas-subsetturi tas-servizzi. Approċċ ibbażat fuq l-indikaturi li ntuża biex jidentifika r-riformi ta' prijorità fis-setturi tas-servizzi jenfasizza għadd ta' servizzi tan-negozju (attivajiet ta' arkitettura u ta' inġinerija, attivajiet legali u ta' kontabbiltà, servizzi amministrattivi u ta' appoġġ), negozju bl-imnut, akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, u s-saħħa. Fil-qasam speċifiku tas-servizzi professjonali, l-Att dwar it-Tkabbir, l-Attività u Opportunitajiet Indaqs (il-"liġi Macron") tas-6 ta' Awwissu 2015 naqqas ir-restrizzjonijiet f'għadd limitat ta' professjonijiet legali, l-iktar professjonijiet legali. Għad hemm lok għal riformi ulterjuri fis-servizzi finanzjarji. Riformi ulterjuri jista' jkollhom fil-mira restrizzjonijiet speċifiċi ta' dħul u ta' eżerċitar (pereż. ir-riżervi ta' attività, ir-restrizzjonijiet tad-drittijiet tal-vot, ir-restrizzjonijiet tal-parteċipazzjoni azzjonarja, ir-restrizzjonijiet multidixxiplinari u r-restrizzjonijiet tan-numerus clausus), li huma kkunsidrati eċċessivi. Riformi li jindirizzaw l-impedimenti ewlenin fit-tkabbir tad-ditti jistgħu jinkludu li jitneħħew l-effetti ta' livell limitu marbuta ma' kriterji relatati mad-daqs fir-regolamenti u li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji. Finalment, it-titjib tal-kopertura ta' Franza bi broadband rapidu jista' jtejjeb l-abbiltà tagħha li tibbenefika mill-ekonomija diġitali.
- (19) Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea, il-prestazzjoni tal-innovazzjoni ta' Franza għadha inqas minn dik tal-mexxejja tal-innovazzjoni tal-Unjoni, minkejja l-livell relattivament għoli ta' appoġġ pubbliku. B'mod partikolari, it-titjib fl-effiċjenza tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku inkluż il-kreditu tat-taxxa għar-riċerka u l-iżvilupp

⁽¹⁾ Inspection Générale des Finances (2014), *Les taxes à faible rendement*.

⁽²⁾ It-taxxi fuq il-produzzjoni għandhom jinftejmu bħala "taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni" skont EUROSTAT (il-kategorija D29).

(*Crédit d'Impôt Recherche*) jista' jistimola output aħjar tal-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet kontinwi jeħtieġ li jiddaħħlu fit-titjib tat-tfassil tal-appoġġ pubbliku għall-innovazzjoni. It-trasferiment tal-għarfien bejn ir-riċerka pubblika u n-negozji għadu ta' sfida u dan qed jillimita l-isfruttar kummerċjali tar-riżultati tar-riċerka. Meta mqabbla ma' pajjiżi oħra tal-UE, il-prestazzjoni ta' Franza hija baxxa fil-kopubblikazzjonijiet pubbliċi privati u fir-R&Ż pubbliċi ffinanzjati min-negozji. Hemm xi potenzjal biex jiġu msaħħa l-mekkaniżmi ta' trasferiment bejn l-akkademja u l-industrija billi tiġi ssimplifikata s-sħubija fir-riċerka u tiġi inċentivata l-mobilità tar-riċerkaturi.

- (20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Franza u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Franza fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Franza imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (21) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (22) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn nru (1) sa (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx il-1,4 % fl-2019, li jikkorrispondi ma' aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Tuża gwadanni mhux previsti biex taċċellera t-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn pubbliku. Timplimenta ffrankar fuq l-infiq fl-2018 u tispeċifika bis-sħiħ l-oġettivi u l-miżuri ġodda meħtieġa fil-kuntest tal-Azzjoni Pubblika 2022, biex dawn jissarrfu f'ffrankar konkret fuq l-infiq u f'miżuri ta' titjib fl-effiċjenza fil-baġit tal-2019. L-unifikazzjoni progressiva tar-regoli tar-reġimi ta' pensjonijiet differenti li jeżistu fil-preżent.
2. Twettaq ir-riformi tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, biex issaħħa ir-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol u ttejjeb l-aċċess għat-taħriġ, b'mod partikolari għal ħaddiema bi kwalifiki baxxi u persuni li qed ifittxu impjeg. Trawwem opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, inkluż għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni u persuni li jgħixu f'żoni żvantaġġati. Tiżgura li l-iżviluppi tal-paga minima jkunu konsistenti mal-ħolqien tal-impjegi u l-kompetittività.
3. Tissimplifika s-sistema tat-taxxa, billi tillimita l-użu tan-nefċiet tat-taxxa, tneħħi taxxi ineffiċjenti u tnaqqas it-taxxi fuq il-produzzjoni imposti fuq il-kumpaniji. Tnaqqas il-piż regolatorju u amministrattiv biex iżżid il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi u trawwem it-tkabbir tad-ditti. Iżżid l-isforzi biex tiżdied il-prestazzjoni tas-sistema tal-innovazzjoni b'mod partikolari billi ttejjeb l-effiċjenza ta' skemi ta' sostenn pubbliku u ssaħħa it-trasferiment tal-għarfien bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u d-ditti.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

(¹) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Kroazja**

(2018/C 320/10)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pozzizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegji,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Kroazja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih trid issir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għall-Kroazja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Huwa vvaluta l-progress tal-Kroazja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Kroazja lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha wkoll ġew ippubblikati fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wassliha biex tikkonkludi li l-Kroazja għadha qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi kbar, għalkemm dawn qed jitnaqqsu. Il-vulnerabbiltajiet huma marbutin ma' livelli għoljin ta' dejn pubbliku, privat u estern, kollha kemm huma denominati l-aktar f'muniti barranin. Il-livell ta' self improduttiv għadu għoli, b'mod partikolari għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji. It-tkabbir potenzjali tal-Kroazja għadu mhux biżżejjed biex jippermetti aġġustament durabbli u kumplessiv għax f'it kien hemm progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri politiċi biex jindirizzaw l-użu kroniku baxx tal-ħaddiema u t-tkabbir kajman tal-produttività. Il-kompetittività u l-investiment għadhom imxekkla minn ambjent ta' negozju restrittiv u l-frammentazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika xxekkel l-effiċjenza fis-servizzi pubbliċi.
- (3) Fis-26 ta' April 2018, il-Kroazja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tagħha. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 41.

- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissa l-Kroazja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Wara surplus tal-amministrazzjoni pubblika ta' 0,8 % tal-PDG fl-2017, il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 jipprevedi li l-bilanċ nominali se jinbidel f'defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2018 u mbagħad jitjeb gradwalment għal surplus ta' 0,5 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — id-defiċit strutturali ta' 1,75 % tal-PDG — huwa ppjanat li jkompli jiġi superat matul il-perjodu kollu ta' programmar. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni jonqos minn 78,0 % tal-PDG fl-2017 għal 75,1 % fl-2018 u jkompli jonqos sa 65,9 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, il-miri baġitarji previsti jidhru kawti. Skont il-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika se jilħaq 0,7 % u 0,8 % tal-PDG fl-2018 u l-2019, rispettivament.
- (6) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lill-Kroazja li tibqa' tirrispetta l-objettiv baġitarju fit-terminu medju tagħha fl-2018. Fuq il-bażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali għandu jilħaq - 0,3 % tal-PDG fl-2018 u - 0,6 % tal-PDG fl-2019, filwaqt li jibqa' jissupera l-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Skont il-previżjonijiet, il-Kroazja għandha tikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2018 u l-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Kroazja hija mistennija tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u l-2019.
- (7) L-adozzjoni ppjanata ta' leġiżlazzjoni ewlenija biex ittejjeb il-qafas fiskali tal-Kroazja suppost ilha li saret. In-nuqqasijiet fid-disinn tar-regola numerika fiskali jagħmluha ineffettiva għall-ippjanar tal-politika fiskali u r-rwol tal-Kummissjoni tal-Politika Fiskali bħala korp indipendenti għadu dgħajjef. Il-livell tad-dejn pubbliku għadu għoli fil-Kroazja u l-iskopertura tiegħu għar-riskji tal-valuta tisser li l-prattiki ta' ġestjoni tajba tad-dejn jibqgħu essenzjali. Fl-2017, il-funzjoni tal-immaniġġjar tad-dejn ġiet imsaħħa u ġiet prodotta strateġija tal-immaniġġjar tad-dejn, li tirrikjedi aġġornamenti regolari. L-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-proprietà li kienet diġà leġiżlata ġiet posposta mingħajr ebda indikazzjoni dwar jekk u meta din se tiġi implimentata. Dan iħalli lill-Kroazja bi proporzjon baxx ta' introjtu minn tassazzjoni rikorrenti fuq il-proprietà immobbli. It-taxxa rikorrenti fuq il-proprietà tagħti lok biex il-ġbir ta' dħul isir aktar favorevoli għat-tkabbir, filwaqt li jiżgura sors ta' dħul stabbli u prevedibbli għall-unitajiet tal-gvern lokali.
- (8) Is-suq tax-xogħol Kroat kompli jirkupra fl-2017. Minkejja dan, ir-rati tal-impjeg u tal-attività għadhom sostanzjalment inqas mill-medja tal-Unjoni, u dan ixejjel it-tkabbir potenzjali. Sa issa, l-età statutorja tal-irtirar hija ta' 62 sena għan-nisa, u 65 sena għall-irġiel. Il-konverġenza u ż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar qed isiru bil-mod, u ż-żewġ sessi se jdumu sal-2038 biex jilhq u l-età tal-irtirar ta' 67. Barra minn hekk, ħaddiema ikbar fl-età jistgħu jibbenefikaw minn diversi mezzi għal irtirar kmieni u s-sistema tal-pensjonijiet tinkludi għadd ta' skemi tal-pensjoni li jipprovdu kundizzjonijiet iktar favorevoli għall-irtirar. Ir-responsabbiltajiet tan-nisa għal ħadd ieħor jikkontribwixxu wkoll għall-parteċipazzjoni baxxa tagħhom fis-suq tax-xogħol. Il-medja baxxa tat-tul ta' żmien tal-ħajja tax-xogħol li tirriżulta timplika adegwatezza baxxa tal-pensjonijiet attwali u futuri u riskji ta' faqar relatati mal-anzjanità. Il-miżuri mħabbra biex jinkoraġġixxu ħajja tax-xogħol itwal għadhom ma ġewx implimentati.
- (9) Għalkemm fil-Kroazja hemm struttura għad-djalogu soċjali, l-interazzjoni attwali bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati matul il-proċess ta' tħejija tal-politika hija limitata u kienet ristretta kważi għal kollox għall-provvista ta' feedback bil-miktub dwar il-miżuri proposti mill-Gvern. Barra minn hekk, il-frammentazzjoni tat-trejdunjijs tillimita l-kapaċità ġenerali tagħhom li jinvolvu ruħhom fi djalogu soċjali.
- (10) Minkejja titjib riċenti, il-proporzjon tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għadha għolja, b'differenzi territorjali kbar bejn il-kontej. L-anzjani, il-persuni b'ħiliet baxxi u b'diżabbiltà huma affettwati b'mod

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

partikolari. Is-sistema ta' protezzjoni soċjali fiha nuqqasijiet fl-effikaċċja u l-ġustizzja. Il-benefiċċji soċjali għandhom kapacià limitata għat-tnaqqis tal-faqar. In-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u kapacià fiskali iktar baxxa tal-unitajiet tal-gvern lokali iktar foqra jwasslu għal provvediment inugwali tal-benefiċċji soċjali.

- (11) Il-Kroazja tinsab taħt il-medja tal-Unjoni fir-rigward tal-investiment fl-edukazzjoni, fl-edukazzjoni u fl-indukrar bikrija tat-tfal, fil-ħiliet bażiċi, fil-livell edukattiv terzjarju u fir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għas-suq tax-xogħol. Il-Kroazja nediet l-implimentazzjoni ta' diversi riformi deskritti fl-istrategġija dwar l-edukazzjoni, ix-xjenza u teknoloġija. Ir-riforma tal-kurrikuli skolastiċi x'aktarx se jkollha impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-edukazzjoni fil-Kroazja jekk tiġi implimentata bis-sħiħ u b'mod konsistenti ma' azzjonijiet oħra fl-istrategġija. Ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali tidher li hija limitata, kif suġġerit mill-fatt li iktar minn nofs il-persuni qiegħda rreġistrati huma gradwati minn edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali. Jeħtieġ koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet pubbliċi u min iħaddem biex titjeb l-identifikazzjoni tal-bżonnijiet tal-ħiliet. Is-sistema tal-edukazzjoni għall-adulti bil-għan li tgħin l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol hija kkaratterizzata minn għadd ta' fornituri li huwa kbir u mqassam b'mod inugwali madwar il-pajjiż, u programmi ta' taħlim li mhumiex ivalutati sew. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni għall-adulti u fi programmi edukattivi offruti bħala parti mill-politika attiva tas-suq tax-xogħol hija kritikament baxxa.
- (12) Il-frammentazzjoni territorjali tal-amministrazzjoni pubblika tal-Kroazja u d-distribuzzjoni wiesgħa tal-kompetenzi fil-livelli differenti tal-gvern huma ta' piż fuq l-effiċjenza tal-provvediment tas-servizz pubbliku u fuq in-nefqa pubblika. Diversi unitajiet lokali zġhar huma neqsin minn kapacià finanzjarja u amministrattiva adegwata biex iwettqu funzjonijiet deċentralizzati. L-indikaturi tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika juru prestazzjoni inqas mill-medja tal-Unjoni, li xxekkel it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi u użu iktar effiċjenti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. It-tnaqqis ippjanat tal-għadd ta' uffiċċji tal-fergħat lokali tal-amministrazzjoni ċentrali u s-simplifikazzjoni tas-sistema tal-aġenziji tal-istat reġġu ġew posposti. In-nuqqas ta' koerenza fl-oqfsa tal-iffissar tas-salarji tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi jimpedixxi t-trattament indaqs u l-kontroll tal-gvern fuq il-kont tal-pagi pubbliċi. Il-leġislazzjoni pplanata għall-armonizzazzjoni tagħhom reġġet ġiet posposta sa nofs l-2018. L-awtoritajiet ħadu l-ewwel passi biex jintegraw xi funzjonijiet bejn l-isptarijiet biex itejbu l-effiċjenza fil-provvediment tas-servizzi u l-aċċess għall-kura tas-saħħa. Madankollu, mudell ineffettiv tal-finanzjament tas-sistema tas-saħħa jirriżulta f'akkumulazzjoni ta' dejn, speċjalment fir-rigward tal-kura ta' pazjenti rikoverati.
- (13) L-intrapriżi tal-istat għad għandhom preżenza kbira fl-ekonomija. Il-miżuri biex il-governanza tagħhom titjeb avvanzaw bil-mod, u huma għadhom joperaw flivelli ta' produttività u ta' profittabbiltà baxxi. Ġiet adottata leġislazzjoni ġdida li tirregola l-immaniġġar u d-disponiment tal-assi tal-istat.
- (14) F'Novembru 2017, ġiet iffinalizzata analiżi indipendenti tal-kwalità tal-assi tal-Bank Kroat għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. Minħabba l-importanza tal-bank għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, kif ukoll l-involvement dejjem ikbar tiegħu fis-self dirett, is-sejbiet tal-analiżi jenħtieġ li jintużaw biex isaħħu l-qafas superviżorju u regolatorju u l-governanza tal-Bank.
- (15) Il-piż amministrattiv u l-imposti parafiskali għadhom ixekklu l-ambjent tan-negozju. It-tnaqqis fil-piż amministrattiv qed jagħmel progress kontinwu, iżda b'rimum bil-mod. It-tnaqqis fl-imposti parafiskali kien limitat u t-trasparenza hija baxxa, peress li la twettqu aġġornamenti regolari tar-reġistru u lanqas valutazzjonijiet tal-impatt tat-tnaqqis ippjanat.
- (16) Il-pjan ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni 2017–2018 jeħtieġ li jiġi implimentat bis-sħiħ sabiex jagħti riżultati għall-objettivi tal-istrategġija kontra l-korruzzjoni 2015–2020. Għad jeħtieġ li bosta elementi ewlenin jitjiebu, partikolarment l-iżvelar tal-assi u tal-kunflitti ta' interess, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-mezzi ta' rapportar ta' żvelar ta' informazzjoni protetta u l-kontroll effettiv tar-riskji fl-akkwist pubbliku, li għadu vulnerabbli għall-korruzzjoni minħabba proporzjon kbir ta' kuntrattar intern (in-house) minn entitajiet tal-istat.
- (17) Ir-regolamentazzjoni restrittiva tas-swieq tal-oġġetti u tas-servizzi, b'mod partikolari l-għadd kbir ta' professjonijiet irregolati wisq ixekkel il-kompetizzjoni. It-tnaqqis tar-regolamentazzjoni qed isir bil-mod fl-isfond ta' reżistenza qawwija minn gruppi ta' interess.
- (18) Proċedimenti tal-qorti twal u xogħol b'lura konsiderevoli jkomplu jkunu ta' piż fuq il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u konsegwentement fuq l-ambjent tan-negozju. It-tnaqqis osservat fix-xogħol b'lura kien prinċipalment riżultat ta' influż inqas ta' kawżi ġodda iktar milli minħabba riżoluzzjoni iktar mgħaġġla tal-kawżi. Minkejja t-titjeb, il-komunikazzjoni elettronika fil-litigazzjoni u fil-proċedimenti tal-insolvenza baqgħet mhux użata biżżejjed.

- (19) Bħalissa qed jitħejjew sforzi mmirati biex tiġi riformata s-sistema nazzjonali tax-xjenza u l-innovazzjoni permezz ta' Strateġija tal-Kroazja għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti. Ir-responsabbiltajiet politiċi li jappoġġjaw ix-xjenza u l-innovazzjoni jidhru mhux koordinati, u dan idgħajef l-implimentazzjoni tal-istrateġija politika. Bl-istess mod, l-universitajiet ewlenin għadhom strutturi ta' governanza frammentati ħafna u regoli ta' amministrazzjoni riġidi. Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' riċerka u s-settur tan-negozju hija dgħajfa. Ma jsir l-ebda monitoraġġ u evalwazzjoni sistematika tal-impatt tal-politiki tar-riċerka u tal-innovazzjoni fis-seħħ, u dan jipprevjeni milli jiġu stipulati l-prijoritajiet kif xieraq. Is-sistema ta' edukazzjoni terzjarja tista' tibbenefika minn inċentivi li jinkoraġġixxu l-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol.
- (20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Kroazja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kroazja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Kroazja, iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (21) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li l-Kroazja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (22) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond mill-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn nru (1) sa (4) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Kroazja tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Issaħħaħ il-qafas fiskali, inkluż billi ssaħħaħ il-mandat u l-indipendenza tal-Kummissjoni tal-Politika Fiskali. Tintroduċi taxxa rikorrenti fuq il-proprjetà.
2. Tiskoraġġixxi l-irtirar kmieni, tħaffef it-tranżizzjoni lejn età tal-irtirar statutorja iktar għolja u tallinja l-provvedimenti tal-pensjoni għal kategoriji speċifiċi mar-regoli tal-iskema ġenerali. Twettaq riforma tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u ttejjeb il-kwalità u r-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol kemm għaz-zgħażaġh kif ukoll għall-adulti. Tikkonsolida l-benefiċċji soċjali u ttejjeb il-kapaċità tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar.
3. Tnaqqas il-frammentazzjoni territorjali tal-amministrazzjoni pubblika, tissimplifika d-distribuzzjoni funzjonali tal-kompetenzi u ttejjeb il-kapaċità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tintroduċi oqfsa armonizzati tal-iffissar tal-pagi fl-amministrazzjoni pubblika u fis-servizzi pubbliċi.
4. Ittejjeb il-governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat, tintensifika l-bejgħ tal-intrapriżi tal-istat u tal-assi mhux produttivi. Tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż fuq in-negozji li joriġina minn imposti parafiskali, kif ukoll minn rekwiżiti amministrattivi u leġislattivi kkumplikati. Ittejjeb il-kompetizzjoni fis-servizzi tan-negozju u fil-professjonijiet regolati. Tnaqqas it-tul tal-proċedimenti tal-qorti u ttejjeb il-komunikazzjoni elettronika fil-qrati.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Italja**

(2018/C 320/11)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjeggi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li dvaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji l-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Italja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2018 għall-Italja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport vvaluta l-progress tal-Italja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Italja

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-risultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Italja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, il-livell għoli tad-dejn pubbliku u d-dinamiċi tal-produttività dgħajfin fit-tul jimplikaw riskji b'rilevanza transfruntiera, f'kuntest ta' stokk għoli imma li qed jonqos ta' self improduttiv u qgħad għoli minkejja li qed jonqos. Il-ħtieġa għal azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti avversi fuq l-ekonomija Taljana u fuq l-unjoni ekonomika u monetarja, minħabba d-daqs u r-rilevanza transfruntiera tal-ekonomija tal-Italja hija partikolarment importanti.

- (4) Fis-16 ta' Mejju 2018, l-Italja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess ħin.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) L-Italja bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Il-programm ta' Stabbiltà tal-2018, ippreżentat mill-Gvern preċedenti huwa bbażat fuq xenarju ta' tendenza bis-suppożizzjoni ta' ebda tibdil fil-leġiżlazzjoni. Id-defiċit nominali qed jiġi proġettat mill-awtoritajiet Taljani li jitjieb minn 2,3 % tal-PDG fl-2017 għal 1,6 % fl-2018, 0,8 % fl-2019, u pożizzjoni ta' baġit ġeneralment ibbilanċjat sal-2020. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju, li huwa pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali, hu pplanat li jintlaħaq sal-2020 u jinżamm fl-2021, filwaqt li l-bilanċ strutturali kkalkulat⁽²⁾ mill-ġdid juri defiċit strutturali żgħir (0,2 % tal-PDG) f'dawk is-sentejn. Wara li naqas ftit fl-2017 (sa 131,8 % tal-PDG, minn 132,0 % fl-2016), id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa proġettat fil-Programm ta' Stabbiltà għall-2018 li jonqos b'punt perċentwali wieħed tal-PDG għal 130,8 % fl-2018 u jilħaq 122,0 % tal-PDG fl-2021 bis-saħħa wkoll tad-dħul ipproġettat minn privatizzazzjoni ta' 0,3 % fis-sena bejn l-2018-20. Madankollu, il-miri tal-privatizzazzjoni ma kinux qegħdin jintlaħqu f'dawn l-aħħar snin. Fuq il-bażi ta' suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni jistenna tkabbir reali tal-PDG aktar baxx u defiċit ogħla għall-2019 milli fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Il-previżjoni tal-Kummissjoni ma tinkorporax l-effett taż-żieda fil-VAT (0,7 % tal-PDG), li daħlet fil-liġi bħala "klawżola ta' salvagwardja" biex jinkisbu l-miri baġitarji fl-2019.
- (7) Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji f'konformità mal-Artikolu 126(3) TFUE, minħabba nuqqas ta' konformità prima facie tal-Italja mar-regola tad-dejn fl-2016 u fl-2017. Ir-rapport ikkonkluda li, wara l-valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, il-kriterju tad-dejn kif iddefinit fit-Trattat u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97⁽³⁾ jenħtieġ li jitqies bħala li qed jiġi rrispettat fil-preżent, u li l-ftuħ ta' proċedura tad-defiċit eċċessiv mhijiex ġustifikata, b'mod partikolari fid-dawl tal-konformità ex post tal-Italja mal-parti preventiva fl-2017. Il-Kummissjoni se terġa' tivvaluta l-konformità fuq il-bażi ta' data ex post għall-2018 li għandha tiġi notifikata fir-rebbiegħa tal-2019.
- (8) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jindika li l-impatt baġitarju marbut mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u l-protezzjoni kontra riskji sismiċi huwa sinifikanti, u jipprovdii evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa eliġibbli addizzjonali fl-2017 ammontat għal 0,16 % tal-PDG b'rabta mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u 0,19 % tal-PDG rigward riskji relatati ma' riskji sismiċi. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, fis-sens li l-influss tar-refuġjati, u r-riskji sismiċi huma avvenimenti eċċezzjonali, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Italja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju għall-2017 tnaqqas biex jitqiesu dawn l-ispejjeż addizzjonali.

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(2) Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

- (9) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lill-Italja biex tiżgura rata ta' tnaqqis nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ⁽¹⁾ mill-inqas b' 0,2 % fl-2018, li tikkorrespondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Fl-istess ħin, għe ddikjarat li l-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 se jkollhom bżonn iqisu kif dovut l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li jinsab għaddej kif ukoll biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-saħħa tal-irkupru fl-Italja filwaqt li tqis b'mod xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà tagħha, imwettqa fil-kuntest tal-opinjoni tagħha dwar l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 tal-Italja, l-isforz fiskali strutturali ta' mill-inqas 0,3 % tal-PDG huwa meħtieġ għal 2018, mingħajr ebda marġni addizzjonali ta' devjazzjoni matul sena. Dan jikkorrispondi ma' rata ta' tkabbir nominali ta' nfiq pubbliku primarju nett li ma jaqbix il-0,5 %. Filwaqt li titqies il-valutazzjoni globali, fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018.
- (10) Fl-2019, fid-dawl tal-fatt li d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG tal-Italja jaqbeż is-60 % tal-PDG u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni hija ta' 0,5 %, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma għandhiex taqbeż 0,1 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li joriġina minn matriċi tar-rekwiżiti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jekk il-politiki ma jinbidlux, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit fl-2019 u għall-2018 u l-2019 meħuda flimkien. L-Italja prima facie mhix imbassra li tkun konformi mar-regola tad-dejn fl-2018 u l-2019. Aktar minn hekk, f'madwar 130 % tal-PDG, il-proporzjon tad-dejn pubbliku tal-Italja jimplika li hemm riżorsi kbar allokat biex ikopru l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn, għad-detriment ta' oqsma li jżidu t-tkabbir inklużi l-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-infrastruttura. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa fl-2018 biex l-Italja tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-użu ta' xi gwadann mhux previst biex jitnaqqas iktar il-proporzjon ta' dejn tal-gvern ġenerali jkun rispons prudenti.
- (11) In-nefqa tal-pensjonijiet tax-xjuħija fl-Italja, bħalissa madwar 15 % tal-PDG, issa hija fost l-ogħla fl-Unjoni. Ir-responsabbiltajiet impliċiti li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni kienu mrażżna mill-aħħar riformi fil-pensjonijiet, u teġbu s-sostenibbiltà fit-tul tal-Italja kif ukoll billi aġġustaw bil-mod il-mod l-età tal-irtirar mal-istennija tal-għomor. Madankollu, kemm il-baġit tal-2017 kif ukoll tal-2018 kien fihom dispożizzjonijiet li parzjalment regġġghu lura dawk ir-riformi. L-Italja għandha sehem ikbar ta' popolazzjoni li għandha aktar minn 65 sena, mill-medja tal-Unjoni. Dan huwa mistenni li jżied aktar maż-żmien, li se jiddeterjora l-proporzjon tad-dipendenza tax-xjuħija tal-Italja. Għalhekk, l-infiq fuq il-pensjonijiet huwa pproġettat li jżied matul il-perjodu medju. Is-sehem għoli ta' pensjonijiet tax-xjuħija fl-infiq pubbliku jillimita wkoll l-infiq soċjali l-ieħor, inkluż fil-għieda kontra l-faqar, u l-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir bħall-edukazzjoni, li s-sehem tagħha fin-nefqa ilu jonqos sa mill-bidu tas-snin 2000. Filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji ta' ekwità u proporzjonalità, iffrankar imdaqqs jista' jinkiseb billi ssir interventzjoni fuq l-intitolamenti għoljin tal-pensjoni mhux milħuqa b'kontribuzzjonijiet.
- (12) Is-sistema tat-taxxa tal-Italja tistrieħ hafla fuq il-kapital u x-xogħol, li għandha effetti negattivi fuq it-tkabbir ekonomiku. Minkejja l-estensjoni reċenti ta' inċentivi tat-taxxa mmirati, il-piż tat-taxxa fuq il-fatturi tal-produzzjoni għadu fost l-ogħla fl-Unjoni, u jiskoraġġixxi l-investiment u l-impjiegi. Hemm lok biex dan jitnaqqas b'mod baġitarju newtrali billi dan jitmexxa fuq bażijiet tat-taxxa li huma inqas detrimental għat-tkabbir, bħat-taxxi fuq il-proprjetà u l-konsum. Taxxa rikorrenti fuq l-ewwel proprjetà għet revokata fl-2015, inkluż għal familji aktar sinjuri. Barra minn hekk, il-valuri tal-proprjetà kadastrali huma fil-biċċa l-kbira skaduti, u r-riforma sabiex jiġu allinjati ma' valuri attwali tas-suq għadha pendenti. L-għadd u d-daqs ta' nefqiet tat-taxxa, b'mod partikolari fil-każ ta' rati ta' taxxa mnaqqs fuq il-valur miżjud, huma partikolarment għolja u s-simplifikazzjoni tagħhom għet posposta għal darb'oħra minkejja li huma meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Hemm ukoll lok biex jitnaqqas il-piż fuq kumpaniji konformi u l-unitajiet domestiċi billi titnaqqas il-kumplexità tal-kodiċi tat-taxxa u jżied il-livell ġenerali ta' konformità fiskali. L-estensjoni ta' fatturazzjoni elettronika obligatorja għat-tranżazzjonijiet kollha fis-settur privat mill-2019 hija pass pożittiv f'din id-direzzjoni. Madankollu, il-limiti legali għal ħlasijiet fi flus kontanti żdiedu, li jista' jiskoraġġixxi l-użu ta' pagamenti elettroniċi li n-natura obligatorja tagħhom tista' ttejjeb il-konformità fiskali. L-Istitut Nazzjonali Taljan tal-Istatistika jistma li l-ekonomija klandestina tammonta għal madwar 12,6 % tal-PDG fl-2015 iżda ma għet ippjanata l-ebda azzjoni strateġika biex tindirizza din l-isfida. Madwar 15,9 % tal-impjiegi totali huwa parzjalment jew kompletament mhux iddikjarati, b'massimi li joqorbu lejn il-50 % f'xi setturi.

(1) L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (13) L-investiment naqas drastikament waqt il-kriżi u għadu ma rritornax għal-livelli tal-2007. Minkejja żieda fl-2017, il-livell ta' investiment għadu baxx meta mqabbel ma' pajjiżi oħra tal-Unjoni. L-investiment privat kien partikolarment baxxu miżmum lura minħabba fatturi strutturali. Dawn jinkludu ambjent tan-negozju anqas favorevoli, restrizzjonijiet finanzjarji relatati ma' swieq kapitali sottożviluppati, indeboliment tas-self bankarju, u nuqqas ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħliet minħabba, fost raġunijiet oħra, l-eżodu ta' mħuħ u taġġim tul il-ħajja limitat. Assi intanġibbli, bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema, huma kruċjali għall-produttività u t-tkabbir ekonomiku u jistgħu jgħinu biex jispjegaw id-differenzi fil-produttività bejn il-pajjiżi. Madankollu, l-investiment f'dawn l-assi jibqa' taħt il-medja tal-Unjoni. Dan huwa minħabba n-numru kbir ta' kumpaniji ċkejnkna, in-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni tal-Italja f'setturi intensivi fl-għarfien, diġitizzazzjoni u ħliet diġitali limitati. Fl-istess ħin, b'mod ġenerali l-infiq pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp ġie mnaqqas. Il-finanzjament ta' kumpaniji żgħar u ta' daqs medju għadu dipendenti bil-kbir fuq is-settur bankarju, u s-self għadu baxx minkejja l-ispejjeż ta' finanzjament fl-livelli storikament baxxi. Hemm ukoll differenzi reġjonali kbar fl-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, fit-teħid ta' inċentivi reċenti ta' politika għal kumpaniji innovattivi u fil-kwalità tal-edukazzjoni. Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni kurrenti tar-riżultati tal-miżuri industrijali differenti stabbiliti taħt "Finanzi għat-Tkabbir" u l-"Industrija/Intrapriża 4.0", jidher li huwa xieraq li jiġi stabbilit qafas ta' politika fit-tul biex isostni l-investiment li huwa kapaċi jsaħħaħ il-fatturi differenti li jappoġġaw l-innovazzjoni, bħad-disponibbiltà tal-kreditu, il-bażi ta' riċerka b'saħħitha, il-livell għoli ta' edukazzjoni u l-kwalifiki adatti. Jidher ukoll xieraq li jiġu kkunsidrati d-differenzi eżistenti reġjonali fl-industrija u s-sistemi edukattivi.
- (14) L-effiċjenza ta' sistema tal-ġustizzja tal-Italja tjebet biss ftit f'dawn l-aħħar snin, u t-tul tal-proċedimenti għadu sors ta' tħassib, speċjalment fil-livell ogħla tal-istanzi. Pereżempju, fl-2016, it-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi kien għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni fl-istanzi kollha. Ix-xogħol b'lura kompli jżied fil-Qorti tal-Kassazzjoni (*Corte suprema di Cassazione*), fejn għadu fost l-ogħla per capita fl-Unjoni. Liġi abilitanti importanti għas-simplifikazzjoni tar-regoli proċedurali ċivili u l-introduzzjoni ta' deterrenza aktar b'saħħitha kontra litigazzjoni abbużiva ilha pendent quddiem il-Parlament Taljan għal sentejn. Barra minn hekk, fost il-miżuri adottati biex jevitaw il-litigazzjoni u tissaħħaħ id-dixxiplina proċedurali, il-proċedura simplifikata ("*rito sommario*") ma sarix dik awtomatika fil-qorti tal-appell, u l-użu tal-filtru tal-inammissibbiltà għall-appelli għadha inkonsistenti u limitata għat-tieni istanza, u b'hekk naqset milli ddaħħal it-tnaqqis mistenni f'kawżi li jkunu deħlin. Pjuttost, fl-2016, in-numru ta' kawżi ġodda ċivili żdiedu kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni istanza anki minħabba r-rati ta' appell li żdiedu b'mod kostanti. Sehem dejjem jikber ta' appelli tal-Kassazzjoni ġew iddikjarati inammissibbli fl-2016, li jikkonferma t-tendenza reċenti taż-żieda. Il-kapaċità tal-Qorti tal-Kassazzjoni biex tindirizza l-influss tal-kawżijiet kienet affettwata b'mod negattiv fil-kuntast ta' żieda sinifikanti f'kawżijiet mhux kriminali f'kawżi li jkunu deħlin primarjament minħabba kawżijiet ta' tassazzjoni (li jistgħu jikkompromettu r-rwol taġġim). L-infurzar xieraq ta' regoli proċedurali, inkluż kontra l-abbuż ta' litigazzjoni, jista' jikkontribwixxi wkoll għal amministrazzjoni effiċjenti u soda tal-ġustizzja.
- (15) Il-korruzzjoni tibqa' sfida ewlenija fl-ambjent tan-negozju tal-Italja u l-akkwist pubbliku. L-Italja tejbet il-qafas taġġim kontra l-korruzzjoni billi rrevediet l-istatut tal-limitazzjonijiet taġġim, estendiet il-protezzjoni tal-informaturi għall-ħaddiema tas-settur privat u allinjat aħjar ir-reat ta' korruzzjoni fost il-partijiet privati ma' standards internazzjonali. Filwaqt li r-riforma adottata fl-istatut tal-limitazzjonijiet ma twaqqafx it-termini ta' preskrizzjoni wara kundanna fl-ewwel istanza, kif rakkomandat mill-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, din tista' tnaqqas l-ambitu għal litigazzjoni kriminali abbużiva bħala tattika ta' dewmien mill-avukati f'kawżijiet ogħla. Bħala tali, din tista' tnaqqas tħassib għal żmien li kawżijiet ta' korruzzjoni jiskadilhom iż-żmien wara kundanna fl-ewwel istanza. It-trażżin tal-korruzzjoni tista' tittejjeb billi tiżded l-effiċjenza tal-ġustizzja kriminali. Fl-2014, l-Italja kellha l-ikbar numru ta' kawżi ġodda u pendent kriminali fl-Unjoni fit-tieni u t-tielet istanza, ukoll minħabba waħda mill-ogħla rati ta' appelli tal-Kassazzjoni. Dan irriżulta f'wieħed mill-itwal proċessi kriminali. L-inċentivar ta' proċeduri mħaffa u l-iskoraġġiment tal-abbużi fil-proċessi jistgħu jgħinu biex jagħmlu l-ġustizzja kriminali u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni jkunu aktar effikaċi. Barra minn hekk, l-Awtorità Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni għandha rwol ewleni fl-implimentazzjoni tal-qafas ġdid kontra l-korruzzjoni.
- (16) Żieda fil-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika Taljana jkollha impatt pożittiv fuq l-ambjent tan-negozju u l-investiment u l-kapaċità tad-ditti biex jisfruttaw l-oportunitajiet ta' innovazzjoni. Il-varjazzjoni reġjonali kbira fis-rispons tal-amministrazzjonijiet lejn il-kumpaniji tissuġġerixxi li l-intraprendituri foqasma speċifiċi jiffaċċjaw ostakli kbar meta jsir in-negozju. Fl-2015, ġiet adottata liġi abilitanti għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, li għandha l-potenzjal li ttejjeb l-effiċjenza għall-benefiċċju tal-ekonomija. Sa tmiem l-2017, l-implimentazzjoni tar-riforma tlestiet u issa teħtieġ l-infurzar, b'mod partikolari fir-reġjuni bl-inqas prestazzjoni. Dwar l-intrapriżi pubbliċi, ir-riforma għandha l-għan li tiżgura allinjament aħjar bejn ir-regoli li jirregolaw l-intrapriżi pubbliċi u entitajiet privati. L-oġettivi ddikjarati jenħtieġ li: jirrazzjonalizzaw l-intrapriżi pubbliċi permezz ta' fużjonijiet, konsolidazzjonijiet ta' dawk mhux profittabbli u privatizzazzjonijiet; żieda fl-effiċjenza tal-intrapriżi li jifdal; u tiġi

evitata l-proliferazzjoni futura tal-impriżi pubbliċi mhux essenzjali. L-infurzar ta' qafas ġdid huwa kruċjali biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, servizzi pubbliċi lokali huma protetti mill-kompetizzjoni (u mis-suq), u dan iħalli impatt fuq l-effiċjenza, il-kwalità tas-servizzi u jwassal għal nuqqas ta' sodisfazzjon tal-konsumaturi. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tal-2015 kienet tipprevedi wkoll qafas ġdid ta' riforma tal-ġestjoni tas-servizzi pubbliċi lokali. Madankollu, f'Novembru 2016, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li l-proċedura segwita biex jiġu adottati xi digriet leġiżlattivi ma kinitx kostituzzjonali, inkluża dik dwar is-servizzi pubbliċi lokali. Billi l-iskadenza ta' dan id-digriet skadiet f'Novembru 2016, hija meħtieġa inizjattiva leġiżlattiva ġdida.

- (17) It-titjib fl-ambjent tan-negozju għandu jiffaċilita l-intraprenditorija, filwaqt li qafas ta' kondizzjonijiet aħjar għall-kompetizzjoni jiffavorixxi allokazzjoni aktar effiċjenti ta' riżorsi u żieda fil-produttività. Il-liġi tal-kompetizzjoni annwali tal-2015 ġiet adottata f'Awwiww 2017 u trid tiġi implimentata kif suppost. Madankollu, ostakli sinifikanti għall-kompetizzjoni għadhom jippersistu f'ċerti setturi, bħal fis-servizzi professjonali, it-trasport pubbliku lokali, il-ferrovija u l-bejgħ bl-imnut. Iż-żieda tal-proċessi kompetittivi għall-għoti ta' kuntratti ta' servizzi pubbliċi u konċessjonijiet għal aċċess għall-prodotti pubbliċi se jkollu impatt pożittiv fuq il-kwalità tas-servizzi. Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, il-benefiċċji tar-riforma reċenti se jiddependu fuq it-tlestija fil-ħin tar-riforma, applikazzjoni konsistenti tal-pjanijiet għall-akkwist elettroniku u l-aggregazzjoni u l-attivazzjoni tal-korp ċentrali tal-aggregazzjoni għall-koordinazzjoni tal-politika (*Cabina di regia per gli appalti pubbliċi*).
- (18) Il-fiduċja tas-suq fil-banek Taljani żdiedet wara l-miżuri meħudin fl-2017 biex jittrattaw id-diversi banek iktar dgħajfa. Bis-saħħa ta' kundizzjonijiet ekonomiċi mtejba u superviżjoni tal-pressjoni, sar progress fit-tnaqqis ta' self improduttiv, iżda l-istokk għadu għoli. Dan jillimita l-profittabbiltà tal-banek u l-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw il-kapital internament. Il-pass li bih is-self mhux produttiv qed jiġi dispost, li jinkludi l-approfondiment tas-suq sekondarju għal self mhux produttiv, jeħtieġ li jinżamm sabiex tissaħħaħ aktar l-istabbiltà finanzjarja u l-estensjoni tal-kreditu għall-ekonomija reali. Jinħtieġ ukoll li jkun appoġġat aktar ristrutturar u konsolidazzjoni tal-karta tal-bilanċ, inkluż għall-banek żgħar u banek tat-tieni saff. Dan jinkludi l-indirizzar ta' tal-profittabbiltà strutturalment baxxa tal-banek permezz ta' tnaqqis ta' spejjeż komprensivi u l-mudell tan-negozju ta' ottimizzazzjoni.
- (19) Filwaqt li d-diversi riformi tal-governanza korporattiva għadhom għaddejjin, l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi kbir ta' kooperattivi kbar u banek mutwi żgħar se jirfdu s-saħħa ġenerali tas-settur bankarju. L-oqfsa ta' insolvenza u esklużjoni għadhom mhumieħ jappoġġaw biżżejjed ir-ristrutturar tas-self mhux produttiv. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni fil-pront tal-miżuri leġiżlattivi meħtieġa għar-riforma tal-insolvenza għandha tgħin biex tindirizza d-dgħufijiet strutturali. Il-miżuri adottati fl-2016 sabiex jaċċelleraw l-infurzar tal-kollateral mill-banek għadhom mhumieħ qed jintużaw. Il-qafas għal infurzar tal-kollateral barra l-qorti għadu mhux kompletament applikabbli għall-familji u sar applikabbli biss reċentement għall-kumpaniji.
- (20) Minkejja l-progress minħabba l-bosta miżuri ta' politika adottati matul dawn l-aħħar snin, l-aċċess għall-finanzjament għadu ostaklu importanti għal investimenti u finanzjamenti għat-tkabbir, b'mod partikolari għal kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Il-finanzjament tal-kumpaniji għadu fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-banek, filwaqt li s-suq kapitali għadu sottożviluppat meta mqabbel ma' pajjiżi oħra tal-Unjoni. Is-sehem ta' finanzjament tal-ekwiżità fost l-impriżi żgħar u ta' daqs medju huwa partikolarment baxx, meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni. L-introduzzjoni tal-"kwota għall-ekwiżità korporattiva" kienet riforma importanti, iżda r-rata ta' referenza kienet sussegwentement innaqqsa, li attenwat l-impatt pożittiv tagħha. It-tiħiħ tal-aċċess għall-finanzjament ibbażat fuq is-suq għall-kumpaniji jkunu ingredjent essenzjali fid-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament tal-kumpaniji sabiex jappoġġa l-investiment u t-tkabbir.
- (21) L-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol ġew modifikati konsiderevolment f'dawn l-aħħar snin. Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol qed ikomplu jitjiebu, billi l-għadd ta' impjegati fix-xogħol żdied minn 1,2 % fl-2017 għal aktar minn 23 miljun ruħ, lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Ir-rata tal-impjegati (età 20-64 sena) telgħet għal aktar minn 62 % s-sena li għaddiet, għalkemm fil-biċċa l-kbira xprunata minn impjegati temporanji. Madankollu, din għadha ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Ir-rata tal-qgħad naqset għal 11,2 % fl-2017 iżda t-total ta' sigħat maħduma huwa konsiderevolment inqas minn dawk ta' qabel ir-reċessjoni. Minkejja t-titjib, il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġh għadu għoli, li jippreżenta riskji għall-koeżjoni soċjali u t-tkabbir. Il-proporzjon ta' żgħażaġh barra mill-impjeg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ, 20,1 % fl-2017, kien għadu fost l-oġhla fl-Unjoni, b'differenzi reġjonali kbar u persistenti.

- (22) L-innegozjar fil-livell territorjali jew tal-kumpanija għadu limitat, ukoll minħabba l-prevalenza ta' negozji żgħar fl-Italja. Dan jista' jevita li l-pagi jadattaw malajr għall-kundizzjonijiet ekonomiċi lokali. Fi tmiem Frar 2018, Confindustria u t-tliet oqsma prinċipali tat-trejdjunjins Taljani (Cgil, Cisl u Uil) iffirmaw ftehim qafas, li enfasizza r-rwol ta' negozjar tat-tieni livell, billi żied iċ-ċertezza legali permezz tal-istipular ta' regoli aktar ċari għal rappreżentanza tas-sħab soċjali fin-negozjati. Ir-roħs tat-taxxa bbażat fuq iżied fil-paga relatat mal-produttività stabbilit minn ftehimiet tat-tieni livell ġie msaħħaħ fl-2017, iżda huwa diffiċli li tiġi evalwata l-effettività tiegħu. Filwaqt li l-għadd totali ta' ftehimiet kollettivi qed jiżdied, proporzjon żgħir biss minnhom huwa ffirmat mit-trade unions prinċipali u l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem.
- (23) Ir-riforma tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol deskritti permezz tal-Att dwar l-Impjiegi ffit għamlet progress fl-2017. It-taħriġ u l-kwalifikazzjoni mill-ġdid huma partikolarment importanti fid-dawl ta' aktar flessibilità fis-suq tax-xogħol Taljan u s-sehem li qed jiżdied ta' kuntratti temporanji. Standards tas-servizzi vinkolanti b'mod ġenerali għadhom ma ġewx implimentati u s-servizzi tal-impjiegi għandhom nuqqas ta' persunal u nuqqas ta' monitoraġġ adegwat, għalkemm il-liġi Baġitarja l-ġdida għall-2018 allokat riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali għas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi għar-reġjuni. Żieda fl-għadd ta' persunal u żgurar li huma kwalifikati biżżejjed għas-servizzi tal-impjiegi u s-servizzi soċjali, huma wkoll kruċjali għall-implimentazzjoni korretta tal-iskema introdotta fl-2018 kontra l-faqar u għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li għandha l-għan li tippovdi liż-żgħażaġh li jeħtiġilhom l-għajnuna b'offerta ta' impjieg jew taħriġ adegwat f'waqtu.
- (24) Il-proporzjon ta' nisa li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, għalkemm qed jiżdied, għadu wieħed mill-aktar baxxi fl-Unjoni. L-impatt ta' miżuri reċenti, iċċentrati fuq mezz ta' pagament, mingħajr test tal-mezz, fi flus għal kull tifel/tifla li titwieled, ma ġiex ivvalutat mill-awtoritajiet Taljani. L-evidenza tissuġġerixxi li dawn it-trasferimenti ta' flus jistgħu ma jkunux effettivi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, x'aktarx mhux se jżidu r-rata tat-twelid, li ilha għal xi żmien tista' għadha flivelli baxxi ħafna matul dawn l-aħħar 20 snin. Strateġija komprensiva biex tirrikonċilja l-ħajja tal-familja u x-xogħol hija nieqsa. Dawn in-nuqqasijiet huma riflessi min-nuqqas ta' bilanċ bejn is-sessi fit-tfassil tal-liv tal-ġenituri, arranġamenti flessibbli tax-xogħol u provvista insuffiċjenti ta' kura tat-tfal adegwata, affordabbli u ta' kwalità u tas-servizzi ta' kura.
- (25) L-introduzzjoni ta' miżuri biex jgħollu l-kapital uman u l-ħiliet, jgħinu fit-titjib tal-impjegabbiltà u biex jilhqnu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fil-ġejjieni. Il-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni skolastika fl-Italja qed titjeb, iżda għad hemm differenzi reġionali kbar. Il-proporzjon ta' studenti li jtitlqu mill-iskola mingħajr kwalifiki għadu oġhla mill-medja tal-Unjoni, b'mod partikolari fost l-istudenti li twieldu barra l-pajjiż (30,1 % meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 19,4 %). L-implimentazzjoni tar-riforma skolastika għadha miexja tajjeb, u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qegħdin jtitjebu. L-edukazzjoni terzjarja, li għandha nuqqas serju ta' finanzi u fejn l-infiq pubbliku jammonta għal anqas minn 0,4 % tal-PDG, hija kkaratterizzata minn rati għolja ta' tluq bikri mill-iskola u perjodi ta' studju mtawwla. Bħala konsegwenza, il-kisba edukattiva hija fost l-aktar baxxi fl-Unjoni (26,9 % tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 30 u 34 sena). Ir-rata ta' parteċipazzjoni fi programmi ta' taħlim għall-adulti qed tiżdied iżda għadha fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, speċjalment għal adulti b'livell baxx ta' ħiliet. Jenħtieġ li jiġu promossi t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, filwaqt li daww li jħaddmu jinħtieġ li jkun mħeġġa jipprovdu aktar opportunitajiet ta' taħlim għall-forza tax-xogħol. L-implimentazzjoni tal-"istrateġija għall-ħiliet" nazzjonali komprensiva li tnediet f'Ottubru 2017 se tkun kruċjali.
- (26) Bil-maqlub tat-tendenza tal-Unjoni, ir-rata ta' nies fir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kompliet tiżdied u kienet 30 % fl-2016, ferm oġhla mill-medja tal-Unjoni. Din toqot b'mod speċjali t-tfal, il-ħaddiema temporanji u l-ħaddiema migranti. L-inugwaljanza fid-dħul hija għolja u qed tiżdied. Fl-2016, l-introjt tal-ogħla 20 % tal-unitajiet domestiċi kien 6,3 darba oġhla minn tal-20 % l-aktar foqra. Dan il-proporzjon huwa saħansitra oġhla għall-persuni fl-età tax-xogħol, peress li l-impatt ta' ridistribuzzjoni tal-pensjonijiet huwa eskluż. L-introduzzjoni ta' skema ġdida permanenti biex tindirizza l-faqar (*Reddito di Inclusione*) tirrappreżenta pass kbir 'il quddiem fil-politika soċjali. Imfassla bħala trasferiment universali għall-persuni li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet ta' faqar, l-iskema hija mistennija li iżjed l-impatt attwalment baxx tal-benefiċċji soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar. L-iskema hija bbażata fuq mekkaniżmi ta' governanza solidi u se tkun suġġetta għal evalwazzjoni sistematika. Fuq kollox, hija tippredvi wkoll tisħiħ sostanzjali tal-persunal tas-servizzi soċjali tal-pajjiż. Kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn is-servizzi soċjali u s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, kif ukoll l-allokkazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti, se tkun kruċjali għall-implimentazzjoni bla xkiel tar-riforma. L-iskema tinkorpora l-iskema preċedenti tal-assistenza għall-qgħad (ASDI), bħala l-ewwel pass lejn ir-razzjonalizzazzjoni tal-infiq soċjali. L-Italja permezz tas-sistema tal-kura tas-saħħa tippovdi kopertura universali u s-saħħa tal-popolazzjoni hija ġeneralment tajba; madankollu, il-ħtiġijiet awtodikjarati u mhux issodisfati għall-kura medika huma għoljin, u d-differenzi bejn ir-reġjuni fl-organizzazzjoni u l-kwalità tal-għoti tal-kura jippersistu. L-Italja għamlet xi sforzi biex jiġi żgurat aċċess xieraq għall-kura tas-saħħa, inkluż billi jiġi rivedut u mwessa' l-benefiċċju statutorju minimu tal-pakkett ta' servizzi ta' kura.

- (27) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Italja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Italja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Italja imma qieset ukoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (28) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (29) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tiegħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix 0,1 % fl-2019, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Tuża qligħ mhux mistenni biex tħaffef it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali. Tnaqqas it-tassazzjoni minn fuq ix-xogħol, fost l-oħrajn billi tnaqqas l-infiq u tirriforma l-valuri katastali mhux aġġornati. Jiżdiedu l-isforzi biex tiġi indirizzata l-ekonomija klandestina, inkluż billi jissaħħaħ l-użu obbligatorju ta' pagamenti elettroniċi permezz ta' limiti legali aktar baxxi għal ħlasijiet bi flus kontanti. Tnaqqas is-sehem ta' pensjonijiet tax-xjuħija fl-infiq pubbliku sabiex jinħoloq spazju għal infiq soċjali ieħor.
2. Tnaqqas it-tul ta' proċessi ċivili fl-istanzi kollha billi ssaħħaħ u tissimplifika r-regoli proċedurali, inklużi dawk taħt konsiderazzjoni mil-leġislatur. Tikseb prevenzjoni aktar effettiva u t-trażżin tal-korruzzjoni billi jitnaqqas it-tul tal-proċeduri penali u timplimenta l-qafas ta' kontra l-korruzzjoni l-għdid. Tiżgura l-infurzar tal-qafas il-għdid għal impriżi pubbliċi u żżid l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi lokali. Tindirizza r-restrizzjonijiet għall-kompetizzjoni, inkluż fis-servizzi, anki permezz ta' liġi tal-kompetizzjoni annwali għida.
3. Iżżomm il-pass tat-tnaqqis tal-istokk għoli ta' self improduttiv u tappoġġa aktar ristrutturar u konsolidazzjoni tal-karti tal-bilanċ tal-banek, inkluż għal banek żgħar u ta' daqs medju, u minnufih timplimenta r-riforma tal-insolvenza. Ittejjeb l-aċċess għal finanzi għal kumpaniji bbażati fuq is-suq.
4. Tħaffef l-implimentazzjoni tar-riforma tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex tiżgura aċċess ugwali għal għajjnuna effettiva għat-tiftix għal xogħol u għat-taħriġ. Tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' strateġija komprensiva, tirrazzjonalizza l-politiki għall-appoġġ tal-familji u żżid il-kopertura ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal. Tistimula r-riċerka, l-innovazzjoni, il-ħiliet diġitali u l-infrastruttura permezz ta' investment immirat aħjar u tiżdied il-parteċipazzjoni f'edukazzjoni terzjarja vokazzjonali.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Ċipru**

(2018/C 320/12)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjeggi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Qieset il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn Ċipru kien identifikat bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenhntieg li Ċipru jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) (3) u (5) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018 għal Ċipru ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress ta' Ċipru biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

l-progress ta' Ċipru lejn il-miri nazzjonali tiegħu tal-Ewropa 2020. Inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, u r-riżultati ġew ippublikati fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li Ċipru għaddej minn żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, huwa essenzjali li l-pajjiż jindirizza l-istokk kbir ta' żbilanċi fil-forma ta' sporġenza debitorja privata, pubblika u esterna, u l-livell għoli ta' self improduttiv.

- (4) Fid-19 ta' April 2018, Ċipru ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 fit-30 ta' April 2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa Ċipru qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u huwa soġġett għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Gvern jippjana surplus baġitarju f'termini nominali ta' madwar 1,7 % tal-PDG fl-2018 u ftit inqas minn 2,0 % tal-PDG matul il-perjodu tal-programm. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju, stabbilit f'pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali, huwa ppjanat li jintlaħaq matul 2018-2021. Wara li naqas għal madwar 97,5 % tal-PDG fl-2017, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jilħaq 105,6 % fl-2018 u li jonqos b'mod konsistenti wara dan, għal 88 % sal-2021, skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Ir-riskji assoċjati mas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi ppreżentati fil-Programm ta' Stabbiltà huma 'l isfel, fil-parti l-kbira marbuta mal-ammont għoli ta' self improduttivi fis-settur finanzjarju.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda li Ċipru jibqa' fl-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018. Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali massima netta fl-infiq primarju tal-gvern (²) ta' 1,9 % fl-2018, ekwivalenti għal aġġustament ta' bilanċ strutturali ta' 0,4 % tal-PDG. Abbażi tal-previżjoni tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2018, il-bilanċ strutturali huwa previst li jirreġistra surplus ta' 0,8 % tal-PDG fl-2018 u 0,5 % tal-PDG fl-2019, 'il fuq mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Ċipru huwa previst li jikkonforma mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2018 u r-regola tad-dejn fl-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li Ċipru huwa previst li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u l-2019. Fl-istess ħin, l-iżviluppi fin-nefqa għandhom ikunu segwiti b'attenzjoni fit-terminu qasir u medju, b'mod partikolari fid-dawl ta' riskji futuri eventwali għar-robustezza tad-dħul.
- (8) Minkejja sforzi reċenti dwar servizzi ta' governanza elettronika, kwalità regolatorja u mobilità tal-persunal, l-ineffiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika tibqa' ta' sfida u għandha impatt fuq l-ambjent tan-negozju. Proposti leġiżlattivi ewlenin li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kwistjoni għadhom pendenti. Dawn jinkludu abbozzi ta' liġijiet dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u tal-gvernijiet lokali. Nuqqasijiet fil-qafas ta' governanza għal entitajiet li jappartjenu għall-Istat jistgħu jiffaċilitaw l-akkumulazzjoni ta' obligazzjonijiet kontinġenti pubbliċi u jxekklu l-kapaċità tal-investiment f'utilitajiet importanti, bħat-telekomunikazzjoni u l-enerġija. It-trażżin tal-kont tal-pagi tas-settur pubbliku kien fattur sinifikanti fil-konsolidament fiskali f'Ċipru. Iżda, il-ftehim kollettiv attwali li jillimita l-pagi fis-settur pubbliku jiskadi fl-2018 u soluzzjoni iktar permanenti għadha nieqsa.
- (9) Strateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni u pjan ta' azzjoni ġew adottati f'Diċembru 2017. Il-korp eżistenti kontra l-korruzzjoni jibqa' nieqes mir-riżorsi, iżda l-Gvern qed jikkonsidra t-twaqqif ta' aġenzija indipendenti ġdida. Diversi inizjattivi leġiżlattivi, bħall-abbozzi ta' liġijiet dwar il-protezzjoni tal-informatur, il-lobbjar u dikjarazzjoni tal-assi, bħalissa jinsabu taħt skrutinju parlamentari u, jekk jiġu adottati, jgħinu wkoll biex isaħħu l-qafas nazzjonali kontra l-korruzzjoni.

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(²) L-infiq nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (10) Kif indikat fir-rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro tal-2018, il-ġlieda kontra strateġiji tal-ippjanar tat-taxxa aggressivi hija essenzjali biex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji, biex ikun hemm trattament ġust tal-kontribwenti tat-taxxa u biex jiġu ssalvagwardjati l-finanzi pubbliċi. L-effetti sekondarji ta' strateġiji ta' ppjanar tat-taxxa aggressivi tal-kontribwenti bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni. Il-livelli għolja ta' pagament ta' dividendi u imgħax (relativi għall-PDG) jissuġġerixxu li r-regoli tat-taxxa ta' Ċipru qed jiġu sfruttati minn kumpaniji li jeżerċitaw ippjanar aggressiv tat-taxxa. In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq pagamenti 'l barra mill-pajjiż (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni għal residenti ta' pajjiżi terzi) minn dividendi, imgħax u, f'bosta każijiet, pagamenti ta' royalties minn kumpaniji bbażati f'Ċipru għal residenti ta' pajjiżi terzi jista' jwassal biex daww il-pagamenti jevadu t-taxxa kompletament, jekk ma jkunux suġġetti għat-taxxa fil-ġurisdizzjoni riċeventi. In-nuqqas ta' tali taxxi, flimkien mar-regoli ta' residenza tat-taxxa korporattiva, jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Filwaqt li reġimi ta' tnaqqis ta' mgħax nozzjonali jgħinu biex tonqos l-inklinazzjoni lejn il-konverżjoni tad-dejn fekwità, jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet ta' evażjoni tat-taxxa, jekk ma jkunx hemm regoli effettivi kontra l-abbuż. Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-passi pożittivi reċenti li ġew imħabbra jew adottati (jiġifieri r-reviżjoni mħabbra ta' regoli tat-taxxa korporattiva residenzjali, tibdil ippjanat dwar dispożizzjonijiet ta' pprezzar ta' trasferiment. Abbażi ta' skambji reċenti, il-Kummissjoni se tkompli d-djalogu kostruttiv tagħha biex tiġġieled kontra l-istrateġija ta' ppjanar aggressiv tal-kontribwenti tat-taxxa.
- (11) Ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja jkomplu jaffettwaw l-infurzar ta' kuntratti u r-riżoluzzjoni rapida ta' kawżi ċivili u kummerċjali. Proċedura ċivili diffiċli u infurzar dgħajfef tad-deċiżjonijiet tal-qrati huma ta' piż fuq l-inċentivi tal-banek biex jużaw oqfsa ta' insolvenza u preklużjoni biex inaqqsu l-ammont ta' self improduttiv tagħhom. Serje ta' riformi bdew jindirizzaw il-problemi l-iktar serji fis-sistema tal-ġustizzja, b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni baxxa tal-qrati u n-nuqqas ta' taħriġ tul il-ħajja għall-imħallfin.
- (12) L-użu ta' oqfsa ġodda ta' insolvenza u preklużjoni għadu limitat, li jimmina l-isforzi ta' tnaqqis tas-self improduttiv. Twaqqaf grupp ta' ħidma ta' partijiet ikkonċernati biex jirrevedi l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-oqfsa. Ittiegħdu miżuri amministrattivi biex inaqqsu x-xogħol b'lura fil-ħruġ ta' titoli ta' proprjetà. Madankollu, l-akkumulazzjonijiet jibqgħu għoljin u għadha nieqsa soluzzjoni strutturali li tindirizza l-inadegwatezzi tas-sistema ta' tranżazzjoni tal-proprjetà (jiġifieri l-ħruġ u t-trasferiment ta' titoli tal-proprjetà).
- (13) Il-livell għoli ta' self improduttiv jibqa' l-vulnerabbiltà ewlenija tas-settur bankarju u dan jaffettwa l-provvista tal-kreditu. Il-banek għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' impedimenti fit-tisħiħ tal-pretensjonijiet tagħhom fuq selliefa li jkunu fallew u d-dixxiplina dgħajfa ta' ripagament għadha problematika. Fl-2017, is-self improduttiv naqas, għalkemm b'mod mhux ugwali fost il-banek, bħala riżultat tar-ristrutturar tad-dejn permezz ta' tħassir u skambju ta' dejn ma' assi. Għad fadal inċertezzi dwar is-sostenibbiltà tal-pannijiet ta' tnaqqis tal-banek, hekk kif ir-riinadempjenza tas-self u r-ristrutturar jibqgħu għoljin u l-iskopertura diretta tal-banek għas-suq immobiljari qed tiżdied. Dawn il-fatturi jindikaw il-ħtieġa għal implimentazzjoni malajr ta' strateġija iktar komprensiva biex jitħaffef it-tindif tal-karti tal-bilanċ tal-banek, b'kunsiderazzjoni għall-konsegwenzi soċjali għal gruppi vulnerabbli u inċentivi mfassla sew biex tissaħħaħ id-dixxiplina tar-ripagament. Bħala parti minn din l-istrateġija, emendi leġislattivi biex jippermettu għall-infurzar effettiv tal-pretensjonijiet u biex jiffaċilitaw il-bejgħ ta' self jidher neċessarju, inkluż dwar protezzjoni għal min jissellef u l-introduzzjoni ta' rkanti elettroniċi. Barra minn hekk, il-kapaċità ta' governanza u amministrattiva ta' assigurazzjoni u superviżjoni tal-fond tal-pensjoni għadhom baxxi. Il-Gvern biħsiebu jippreżenta proposti leġislattivi biex jindirizza din il-kwistjoni matul l-2018.
- (14) L-implimentazzjoni tal-pan ta' azzjoni għal tkabbir wassal għal xi progress fl-oqsma ta' investimenti strateġiċi, l-intraprenditorija u regolamentazzjoni aħjar. Madankollu, riformi importanti waqfu, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' liċenzji li jawtorizzaw proġetti ta' investment. L-aċċess għal finanzjament tjejb, permezz ta' xi titjib fir-rekwiżiti tal-kollateral, iżda jibqa' kwistjoni ewlenija, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Miżuri ta' appoġġ finanzjarju huma bbażati fuq għotjiet, fil-biċċa l-kbira. Sorsi alternattivi ta' finanzjament bħall-kapital ta' riskju, finanzjament permezz tal-ekwità u finanzjament kollettiv, jibqgħu marġinali għan-negozji Ċiprijotti. Sforzi ta' privatizzazzjoni, immirati biex jattiraw investimenti barranin li jtejjbu l-produttività, f'bosta każijiet huma sospiżi u biss uħud mill-proġetti ta' privatizzazzjoni qed javvanzaw b'mod gradwali (pereż il-port ta' Larnaca).
- (15) L-impjeg qed jiżdied u l-qgħad qed jonqos b'rata mgħaġġla, għalkemm jibqa' għoli fost iż-żgħażaġ u daww li ilhom mingħajr impjeg fit-tul. Ikomplu l-isforzi biex titjeb il-kapaċità amministrattiva tas-servizzi pubbliċi tal-impjeg. Madankollu, il-forniment ta' servizzi lil min iħaddem, il-kategorizzazzjoni tal-kljien, il-gwida u l-attivazzjoni personalizzati, inkluż għal dawn li jirċievu dħul minimu garantit, jibqgħu ta' sfida. Il-proporzjon

taż-żgħażaġh (età 15-24) mhux impjegati, f'edukazzjoni, jew taħriġ għadu fost l-ogħla fl-Unjoni. Il-miżuri ta' lħiq u assistenza personalizzata f'waqtha għaż-żgħażaġh huma limitati, kif ikkonfermat mill-għadd baxx tagħhom fi skemi ta' attivazzjoni rilevanti.

- (16) Il-modernizzazzjoni tas-settur tal-edukazzjoni avvanza iżda għad fadal sfidi sostanzjali. Żviluppi reċenti pożittivi jinkludu revizzjoni fil-fond tal-curricula tal-iskejjel u l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' ħatra għall-għalliem. In-nefqa fl-edukazzjoni hija 'l fuq mill-medja tal-Unjoni, li juri impenn sod fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja. Madankollu, il-kisbiet fl-edukazzjoni għadhom baxxi u t-tluq bikri mill-iskola, għalkemm inqas mill-medja tal-Unjoni, żdied b'mod sinifikanti. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali hija baxxa, ir-riforma tas-sistema tal-evalwazzjoni tal-għalliem għadha pendenti u proporzjoni għoli ta' gradwati terzjarji jkomplu jaħdmu f'impjeg li ma jirrikjedix neċessarjament lawrija akkademika.
- (17) Ċipru għamel progress sostanzjali fil-kura tas-saħħa billi adotta leġislazzjoni biex jstabilixxi s-Sistema Nazzjonali ġdida tal-Kura tas-Saħħa. Is-sistema l-ġdida għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess, tintroduċi kopertura universali tas-saħħa, tnaqqas il-livell għoli ta' pagamenti mill-but u żżid l-effiċjenza fl-għoti tal-kura fis-settur pubbliku. Qabel ma tibda taħdem bis-sħiħ fl-2020, is-sistema għadha qed tiffaċċja sfidi kbar ta' implimentazzjoni u investment. Għandhom ikomplu l-isforzi għal salvagwardja kontra spejjeż possibbli li jkunu akbar minn dawk ippjanati, il-modernizzazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza tal-fornituri tal-kura tas-saħħa, inkluż il-kura tas-saħħa primarja, l-introduzzjoni tas-Saħħa-e u t-twaqqif ta' Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Mediċini. Il-livell tal-kura fit-tul huwa baxx u jibqa' ta' sfida meta titqies it-tixjib tal-popolazzjoni.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Ċipru u ppublikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Ċipru fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Ċipru iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija li Ċipru huwa mistenni jikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Ċipru jieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Jadotta riformi leġislattivi ewlenin biex itejjeb l-effiċjenza fis-settur pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u tal-governanza tal-entitajiet li huma proprjetà tal-Istat u tal-gvernijiet lokali.
2. Iżid l-isforzi biex itejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudikatura billi jirrevedi l-proċeduri ċivili, iżid l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati u jwaqqaf sistema ta' ġustizzja elettronika operazzjonali bis-sħiħ. Jieħu miżuri biex jrendi operazzjonali bis-sħiħ l-oqfsa ta' insolvenza u preklużjoni u jiżgura sistemi affidabbli u rapidi għall-ħruġ ta' titoli ta' proprjetà u t-trasferiment ta' drittijiet ta' proprjetà immobbli.
3. Iħaffef it-tnaqqis tas-self improduttivi billi jimplementa strateġija komprensiva, inkluż emendi leġislattivi li jippermettu l-infurzar effettiv tal-pretensjonijiet u l-faċilitazzjoni tal-bejgħ ta' self. Jintegra u jsaħħaħ is-supervizzjoni tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u ta' fondi tal-pensjonijiet.
4. Jagħti prijorità għall-implimentazzjoni tal-elementi ewlenin tal-pjan ta' azzjoni għat-tkabbir, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni rapida ta' investimenti strateġiċi, u jieħu miżuri addizzjonali biex itejjeb l-aċċess għal finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Itejjeb il-prestazzjoni tal-impriżi tal-Istat inkluż billi jkompli bl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' privatizzazzjoni.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

5. Ilesti r-riformi mmirati biex iżidu l-kapaċità u l-effettività tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg u jsaħħaħ l-ilħiq u l-appoġġ għall-attivazzjoni għaż-żgħażaġħ li mhumiex f'impjieg, fl-edukazzjoni jew f'taħriġ. Ilesti r-riforma tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-evalwazzjoni tal-għalliema u azzjonijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Jieħu miżuri biex jiżgura li s-Sistema Nazzjonali tal-Kura tas-Saħħa ssir operazzjonali bis-sħiħ fl-2020, kif ippjanat.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Latvja**

(2018/C 320/13)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil-Latvja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, jenħtieġ li l-Latvja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn taħt, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet (1) u (2).
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għal-Latvja kien ippubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport vvaluta l-progress tal-Latvja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Latvja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (4) Il-Latvja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 fil-11 ta' April 2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018 fis-16 ta' April 2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Latvja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2018, il-Gvern qed jippjana deterjorament tal-bilanċ nominali minn defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017 għal defiċit ta' 0,9 % tal-PDG kemm fl-2018 kif ukoll fl-2019 qabel ma jitjeb għal 0,4 % tal-PDG fl-2020 u l-2021. Dan il-perkors huwa mistenni li jkun konsistenti mal-oġettiv baġitarju fit-terminu medju ta' żmien ta' defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG u d-devjazzjonijiet permessi bbażati fuq ir-riforma tal-pensjonijiet u l-klawsola ta' riforma strutturali għas-settur tas-saħħa. Il-bilanċ strutturali rikalkulat ⁽²⁾ huwa smat li se jiżdied minn - 1,2 % tal-PDG fl-2017 għal - 1,7 % tal-PDG fl-2018, qabel ma jinżel għal - 1,5 % tal-PDG fl-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa pproġettat li jonqos minn 40,1 % tal-PDG fl-2017 għal 36 % tal-PDG sal-2021. Il-projezzjonijiet ta' tkabbir tal-PDG tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jidhru li huma partikolarment favorevoli għall-2018 u plawsibbli għall-2019, kif imqabbel mal-previżjoni tal-Kummissjoni. Ir-riskji għall-pożizzjoni baġitarja jixxaqilbu lejn in-negattiv marbut mal-previżjoni ottimista ta' rendiment ta' miżuri biex itejbu l-konformità mar-regoli tat-taxxa.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda li l-Latvja tilħaq l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018, filwaqt li jitqiesu t-tolleranzi marbuta mal-implimentazzjoni tar-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet u ta' riformi strutturali li għalihom qed tingħata devjazzjoni temporanja. Dan huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali massima netta tal-infiq primarju tal-gvern ⁽³⁾ ta' 6,0 % fl-2018, li tikkorrispondi għal deterjorament permess fil-bilanċ strutturali ta' 0,3 % tal-PDG. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018. Madankollu, minħabba rieżultat aħjar milli mistenni għall-2017, dan ir-riskju jista' jkun aktar baxx fl-2018. Fl-istess ħin, l-għodda tal-plawżibbiltà bbażata fuq il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018 tindika grad għoli ta' inċertezza għall-estimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għal-Latvja abbażi tal-metodoloġija komuni. Jekk jiġu kkonfermati, dawn il-fatturi se jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni ex post għall-2018 fir-rebbiegħa tal-2019.
- (8) Fl-2019, jenħtieġ li l-Latvja tilħaq l-oġettiv baġitarju tagħha għall-perjodu medju, b'kont meħud tal-benefiċċju temporanju relatat mal-implimentazzjoni ta' riforma strutturali fis-settur tal-kura tas-saħħa mogħtija għall-2017-2019. Dan huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali massima netta tal-infiq primarju tal-gvern ta' 4,3 % fl-2019, li tikkorrispondi għal titjib meħtieġ fil-bilanċ strutturali ta' 0,4 % tal-PDG. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2019 u matul l-2018 u l-2019 meħuda flimkien. Kollox ma' kollox il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2018 'il quddiem se jkunu meħtieġa aktar miżuri sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) L-inugwaljanza fl-introjtu fil-Latvja hija għolja. Il-proporzjon bejn l-introjti ta' 20 % tal-popolazzjoni l-iktar sinjura mal-ifqar 20 % kien ta' 6,3 fl-2017, fost l-oġhla fl-Unjoni, billi r-ridistribuzzjoni permezz tas-sistema taxxa-benefiċċju hija aktar baxxa. Is-sistema fiskali tal-Latvja ġiet ristrutturata u l-progressività tat-taxxa fuq id-dħul personali żdiedet; madankollu, il-porzjon tat-taxxa fuq il-persuni b'paga baxxa għadu relattivament għoli u jiskoraġġixxi l-impjiegi formali. Ir-riforma fiskali hija limitata f'termini ta' ċaqliq tat-tassazzjoni għal sorsi oħra li huma inqas detrimentalni għat-tkabbir u l-kisba tal-oġettiv ta' politika ddikjarat li jiżdied is-sehem tad-dħul mit-taxxa fil-PDG. Is-sehem baxx tad-dħul mit-taxxa fil-PDG jillimita r-riżorsi għal provvista ta' servizzi pubbliċi sostenibbli u l-inklużjoni soċjali. Il-potenzjal ta' dħul minn tassazzjoni tal-proprietà u tal-kapital mhuwiex użat biżżejjed meta mqabbel mal-pajjiżi l-oħrajn tal-Unjoni. Minkejja li sar xi progress fil-għieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa, il-konformità mat-taxxa tibqa' sfida serja.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

⁽³⁾ L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (10) Dgħufijiet fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali huma riflessi fil-proporzjon għoli ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u jindika l-isfidi dwar id-dħul minimu, il-pensjonijiet u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà. Ir-rati tal-faqar fost il-persuni b'diżabbiltà u l-anzjani żdiedu f'dawn l-aħħar snin u huma fost l-ogħla fl-Unjoni. Ir-riforma tal-livell minimu tal-introjtu, imħabbra fl-2014, ma ġietx implimentata, u jista' jkollha effett negattiv fuq l-ifqar konsumaturi domestiċi. L-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali żdiedet biss bi ftit u għadha baxxa. Il-pensjonijiet minimi tax-xjuħija qatt ma żdiedu mill-2006. Is-sehem ta' persuni li qegħdin jiffaċċjaw privazzjoni ta' alloġġ estrema hija fost l-ogħla fl-Unjoni u l-akkomodazzjoni soċjali hija skarsa.
- (11) Is-suq tax-xogħol qiegħed jissikka minħabba żviluppi demografiċi negattivi u l-emigrazzjoni. Filwaqt li t-tkabbir tal-impjeggi qed isir limitat minħabba provvista ta' ħaddiema li qed tonqos, l-opportunitajiet tax-xogħol ivarjaw bejn ir-reġjuni u l-livelli tal-ħiliet. Ir-riforma kurrikulari fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ bil-għan li tarmonizza l-edukazzjoni ma' ħtiġijiet ta' ħiliet kontemporanji mxiet 'il quddiem. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi implimentata bis-sħiħ ir-riforma u biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ kemm inizjali kif ukoll kontinwa. L-implimentazzjoni ta' approċċ ġdid ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol beda, bl-involvement tas-sħab soċjali u l-kumpaniji. Madankollu, ftit student huma reġistrati fl-iskema. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim żdiedet biss bi ftit u l-involvement ta' daww qiegħda f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol hija aktar baxxa minn dik f'ħafna Stati Membri oħra. Dan huwa sors ta' tħassib kbir fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad fost il-ħaddiema bi ftit kwalifiki. F'kuntest usa', it-tisħiħ tal-kapaċità tal-imsieħba soċjali hija importanti biex jitrawwem l-involvement tagħhom.
- (12) Qed iseħħu riformi fis-sistema tas-saħħa. Iż-żieda tal-finanzjament għal kura tas-saħħa hija mistennija li tindirizza xi restrizzjonijiet għall-aċċess marbuta ma' limiti annwali ta' servizz u żmien twil ta' stennija. Madankollu, il-finanzjament pubbliku tal-kura tas-saħħa jibqa' sew taħt il-medja tal-Unjoni u l-miżuri biex iżidu l-effiċjenza għad iridu jiġu implimentati, inklużi miżuri effettivi ta' prevenzjoni, ir-razzjonalizzazzjoni tas-settur tal-isptarijiet, it-tisħiħ tal-kura primarja u l-immirar ta' ġestjoni tal-kwalità. Ir-riżultati tas-saħħa huma relattivament baxxi u l-aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa bi prezz raġonevoli għal kulħadd jibqa' ta' tħassib. Il-ħlasijiet għolja mħallsa miċ-ċittadin innifsu u t-tqassim tas-servizzi tas-saħħa f'żewġ gruppi ta' servizzi ("sħiħ" u "minimu") iġib ir-riskji li jnaqqas l-aċċess ta' ċerti gruppi u li jwassal għal riżultati negattivi għas-saħħa.
- (13) Id-dgħufijiet fil-kwalità regolatorja u l-effiċjenza u l-effettività baxxa tal-amministrazzjoni pubblika huma ta' detriment fuq l-ambjent tan-negozju. Fl-2017 il-Gvern adotta pjan ta' riforma ambizzjuż għal settur pubbliku iżgħar u aktar professjonali, bl-għan li jtejjeb l-effiċjenza permezz ta' tnaqqis fil-persunal u ċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' appoġġ, it-tisħiħ ta' ħlas ibbażat fuq il-prestazzjoni u ż-żieda fit-trasparenza. Dan il-pjan huwa limitat għall-amministrazzjoni ċentrali, filwaqt li titjib sinifikanti fl-effiċjenza jista' jittwettaq ukoll fil-livell muniċipali. Intrapriżi tal-istat, li huma responsabbli għal parti konsiderevoli għall-ekonomija, huma koordinati fil-livell tal-gvern. Filwaqt li l-kumpaniji li huma proprjetà tal-gvern ċentrali huma soġġetti għal qafas ta' governanza korporattiva ċentralizzata, portijiet, u intrapriżi li huma proprjetà tal-muniċipalitajiet jibqgħu barra minn dan il-mekkaniżmu.
- (14) Il-korruzzjoni għadha qed tostakola l-ambjent kummerċjali tal-Latvja, u l-prevenzjoni tal-kunflitti tal-interess għadha riġida u formalistika. Id-dewmien biex ikun hemm leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-informaturi huwa ta' detriment fuq ir-responsabbiltà u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-Regolament tal-proċess ta' insolvenza ġie msaħħaħ b'mod sinifikanti tul dawn l-aħħar snin, li llimita l-opportunitajiet għall-abbużi. Madankollu, il-Kunsill għall-Ġudikatura ħeġġeġ l-investigazzjoni ta' akkużi ta' abbużi tal-passat fil-falliment tas-sistema billi rreveda ċerti każijiet. Huwa rrakkomanda li jittejbu l-kwalifiki tal-imħallfin għall-valutazzjoni u r-reviżjoni disponibbli għall-miżuri dixiplinarji.
- (15) Il-banek Latviani li jservu klijenti mhux residenti huma esposti għal riskju għoli ta' involviment fil-ħasil tal-flus. Dan joħloq sfidi għall-integrità, u tista' tkun ta' ħsara għar-reputazzjoni, tas-sistema finanzjarja tal-Latvja u jaffettwa b'mod negattiv l-investment u t-tkabbir ekonomiku. Il-qafas ta' kontra l-ħasil ta' flus, reċentement ġie msaħħaħ; se jkun meħtieġa sforzi kontinwi biex jinkiseb titjib sostenibbli. Il-Latvja reċentement adottat liġi bil-għan li tillimita b'mod sinifikanti l-esponiment tal-Latvja għar-riskji ta' ħasil tal-flus fis-settur finanzjarju. Elementi fundamentali qed itejbu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u jrażżnu tranżazzjonijiet ma' kumpaniji fittizji. Il-konsegwenzi tal-liġi u l-effettività tagħha jeħtieġ li jiġu ssorveljati.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Latvja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Latvja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u

soċjoekonomika sostenibbli fil-Latvja imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni ⁽¹⁾ tiegħu hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1).

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Latvja tiegħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tilħaq l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2019, filwaqt li jitqiesu t-tolleranzi marbuta mal-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li għalihom qed tingħata devjazzjoni temporanja. Tnaqqas it-tassazzjoni għal dawk bi dħul baxx billi tmexxiha fuq sorsi oħra, partikolarment il-kapital u l-proprjetà, u billi ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa.
2. Ittejjeb l-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu, pensjonijiet tax-xjuħija minimi u l-appoġġ ta' dħul minimu għal persuni b'diżabbiltà. Iżżid ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u ttejjeb il-ħiliet ta' ħaddiema bi ftit kompetenzi professjonali u persuni li qed ifittxu impjieg. Iżżid l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa.
3. Issaħħaħ l-effiċjenza tas-settur pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtoritajiet lokali u l-intrapriżi tal-istat. Isaħħaħ ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika billi ttiproteġi lill-informaturi, tipprevjeni kunflitti ta' interess u ssegwi r-riżultati tal-valutazzjoni li għaddejja ta' dawn l-aħħar proċedimenti ta' insolvenza.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Litwanja**

(2018/C 320/14)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil-Litwanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Litwanja tenħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn isfel, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni (1).
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għal-Litwanja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Litwanja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Litwanja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (4) Il-Litwanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 fis-26 ta' April 2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018 fit-30 ta' April 2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Litwanja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2018, il-Gvern qiegħed jippjana li jżomm is-surplus ta' 0,6 % tal-PDG mill-2018 sal-2020, qabel ma hu proġettat li jonqos għal 0,3 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit ta' 1 % tal-PDG f'termini strutturali — hu ppjanat li jiġi ssodisfat matul il-perjodu tal-programm. Fl-2016 u l-2017, il-Litwanja nġhatat ukoll devjazzjoni temporanja marbuta mal-implimentazzjoni tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet u tar-riformi strutturali. Dawn id-devjazzjonijiet huma riportati għal perjodu ta' tliet snin. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG mistenni li jinżel minn 39,7 % tal-PDG fl-2017 għal 35,3 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ppjanati bilanċ favorevoli mill-2019 'il quddiem għadhom ma ġewx speċifikati biżżejjed.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, għall-2017, il-Kunsill irrakkomanda lill-Litwanja biex iżżomm l-għan baġitarju fit-terminu medju tagħha fl-2018, b'kont meħud tal-konċessjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet u tar-riformi strutturali li għalihom ingħatat devjazzjoni temporanja. Dan huwa kostanti ma' rata ta' tkabbir nominali massima tan-nefqa netta primarja tal-gvern ⁽²⁾ ta' 6,4 % fl-2018, li tikkorrispondi għal deterjorazzjoni permessa fil-bilanċ strutturali ta' 0,6 % tal-PDG. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, id-defiċit strutturali tal-Litwanja mistenni, huwa mbassar li jilħaq -0,7 % tal-PDG fl-2018 u 0,6 % tal-PDG fl-2019. Il-bilanċ strutturali huwa għalhekk previst li se jibqa' oġhla mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju matul is-sentejn. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Litwanja hija mistennija li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u fl-2019.
- (8) Id-dħul mit-taxxi ambjentali u t-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà għadhom anqas mill-medja tal-Unjoni. Il-Litwanja wettqet riforma tas-sistema tat-taxxa fuq il-proprjetà tagħha, li introduċiet element ta' progressività fis-sistema, u abolixxiet l-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa għall-faħam u l-kokk użati għal finijiet ta' tisħin. Madankollu, għad fadal skop li ttejjeb il-konformità tat-taxxa u twessa' l-bażi tat-taxxa għal sorsi oħra li huma inqas dettrimentali għat-tkabbir. Minkejja li l-Litwanja għamlet progress f'dawn l-aħħar snin dwar it-titjib tal-ġbir tat-taxxa, id-diskrepanza tagħha fit-taxxa fuq il-valur miżjud għadha fost l-akbar fl-Unjoni. Il-Litwanja qed tieħu passi ulterjuri biex tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa u ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, u miżuri implimentati riċentement qed juru riżultati pożittivi bikrija. Żieda ulterjuri fil-konformità tat-taxxa tgħolli d-dħul tal-baġits u tikkontribwixxi biex ittejjeb il-ġustizzja tas-sistema tat-taxxa.
- (9) Bl-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' indicijar tal-pensjonijiet fl-2018, li torbot il-pensjonijiet mat-tkabbir tal-kont tal-pagi, is-sehem tan-nefqa pubblika għall-pensjonijiet fil-PDG hija mistennija li tibqa' fissa sal-2040. Dan se jiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet Litwana. Madankollu, dan huwa l-aktar minħabba tnaqqis fil-proporzjon ta' benefiċċji billi l-ispejjeż totali tal-pagi huma mbassra li jiżdiedu b'ritmu aktar bil-mod mis-salarji minħabba tnaqqis rapidu fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Dan iqajjem tħassib dwar l-adeqwatezza tal-pensjonijiet, li diġà huma fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Lanqas ma huwa ċar kif din ir-riforma se taħdem fil-prattika peress li l-Gvern huwa legalment obligat li jipproponi miżuri f'każ ta' tnaqqis fil-proporzjon ta' sostituzzjoni. Jekk ir-rata ta' sostituzzjoni tibqa' l-istess, in-nefqa totali fuq il-pensjonijiet bħala sehem mill-PDG tiżdied bi kważi 45 % sa deċennju wara l-2040, li tpoġġi piż fuq il-finanzi pubbliċi. Għalhekk huwa importanti li jiġu ċċarati l-inċertezzji legali fuq il-leġiżlazzjoni dwar il-pensjonijiet u biex jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tiġi indirizzata l-adeqwatezza baxxa tagħha.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross f'is finanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (10) Is-suq tax-xogħol qiegħed jissikka malajr bħala riżultat ta' tkabbir ekonomiku b'saħħtu, iżda wkoll minħabba żviluppi demografiċi negattivi u emigrazzjoni, li diġà wasslu għal nuqqas ta' ħiliet. Sitwazzjoni bħal din titlob sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ li tista' tipprovdi lil kulħadd bil-ħiliet meħtieġa. Filwaqt li r-riformi mnedija matul l-aħħar sena huma pass fid-direzzjoni t-tajba, huwa importanti li l-Litwanja timplimenta dawn ir-riformi biex ittejjeb ir-riżultati tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħha. Ir-regoli ta' finanzjament u l-akkreditazzjoni tal-edukazzjoni terzjarja tal-Litwanja qed jgħinu biex jżied in-numru ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja, iżda fl-istess ħin taw kontribut għal tħassib dwar il-kwalità, il-frammentazzjoni u r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol. Il-konsolidazzjoni tal-universitajiet li għaddeja bħalissa, jekk tkun ikkomplementata b'tibdil fir-regoli tal-akkreditazzjoni u ta' finanzjament, għandhom jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali. Barra minn hekk, il-persjonijiet demografiċi persistenti affettwaw l-effiċjenza tas-sistema edukattiva u għamlu aktar urġenti l-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess ekwu għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva. Biex jindirizzaw il-prestazzjoni taħt il-medja tal-istudenti fil-Litwanja fil-ħiliet bażiċi, hemm bżonn li jsiru riformi fit-taħriġ inizjali tal-għalliema, il-karrieri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ikkomplementati minn riformi oħra fuq il-kwalità.
- (11) Il-parteċipazzjoni baxxa tal-adulti fit-tagħlim fil-Litwanja tindika li t-tagħlim tal-adulti għadu mhux żviluppat biżżejjed u mhux jippermetti li l-ekonomija tibbenefika minn titjib tal-ħiliet, l-innovazzjoni u integrazzjoni aħjar ta' dawk żvantaġġati fis-suq tax-xogħol (pereżempju, il-persuni avvanzati fl-età, qiegħda jew adulti mhux attivi). Minkejja l-investiment fl-infrastruttura, il-kontenut tal-kurrikulu tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ ħafna drabi jkun skadut filwaqt li l-allinjament mal-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol lokali u reġjonali jista' jkun żviluppat aktar. It-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol għadu fil-fażi inizjali u jista' jiġi estiż. Miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol fihom offerta kbira, iżda din l-offerta tista' tiġi mtejba aktar. Ir-riformi reċenti u l-miżuri meħuda f'dan il-qasam ma kellhomx riżultati sinifikanti sa issa. F'kuntest usa', it-tisħiħ tal-kapaċità tal-imsieħba soċjali huwa importanti biex jitravwem l-involviment tagħhom.
- (12) L-isfidi fir-riżultati tal-kura tas-saħħa jippersistu; dawn qed ikollhom impatt negattiv fuq il-produttività, il-kompetittività tal-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja. L-għoti tas-servizzi tas-saħħa għadu wisq ċentrat fuq l-isptar, u dan jagħti lok għal aktar tisħiħ tal-kura primarja. Aktar razjonalizzazzjoni tar-riżorsi flimkien ma' miżuri li jtejjbu kemm il-kwalità tal-kura fl-isptar kif ukoll dik primarja huma ta' importanza ewlenija biex il-kura tas-saħħa tkun iżjed effettiva. Linji ta' politika għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard għandhom irazznaw mgħiba riskjuża b'mod aktar qawwi u rapidu. Madankollu, l-iskala ta' dawn il-politiki għadha żgħira, filwaqt li l-kollaborazzjoni transsettorjali hija sottożviluppata u r-responsabbiltà għar-riżultati mhix integrata b'mod suffiċjenti fil-livell muniċipali. Livell għoli ta' dipendenza fuq il-ħlas mill-but, livell baxx ta' l-infiq fuq is-saħħa u allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi qed jillimitaw l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa.
- (13) Il-proporzjon għoli ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, flimkien mal-inugwaljanza fid-dħul għoli, jibqgħu sfidi ewlenin għal-Litwanja li jtellfu l-prospetti għat-tkabbir ekonomiku. Huma jheddu wkoll il-koeżjoni soċjali u jistgħu jgħolqu l-emigrazzjoni. Minkejja tkabbir ekonomiku kontinwu, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà, it-tfal, il-familji b'ġenitur wieħed u l-persuni qiegħda qed jiffaċċjaw l-ogħla riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali. Is-setgħa korrettiva tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji Litwana hija waħda mill-aktar baxxi fl-Unjoni. Filwaqt li ttieħdu passi inizjali importanti biex jiġi miġġieled il-faqar u l-inugwaljanza fid-dħul, il-pajjiż għad għandu triq twila sabiex jikkonverġi lejn il-medji tal-faqar u l-inugwaljanza tal-Unjoni. Il-proporzjon ta' taxxa relattivament tqil fuq dawk bi dħul baxx jista' jillimita l-inċentiv għax-xogħol u jżid ir-riskju ta' faqar u inugwaljanzi. Il-livelli tal-faqar u l-inugwaljanza jista' jibbaxxa billi jsiru inċentivi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fost persuni minn gruppi vulnerabbli u dawk bi dħul baxx, u billi tiżied is-setgħa korrettiva tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji sostnuti minn għbir aħjar tat-taxxi. Miżuri bħal dawn jistgħu wkoll iżidu s-sens ta' ġustizzja soċjali.
- (14) Wara li ġiet imrażżna sa mill-2012, it-tkabbir fil-produttività reġa' tela' fl-2017, biex ittaffew il-persjonijiet fuq il-kompetittività tal-kost. Madankollu, dan it-titjib huwa xprunat l-aktar mis-settur privat. Sar biss progress limitat fit-titjib tal-effiċjenza tal-investiment pubbliku. B'mod partikolari, l-effiċjenza tan-nefqa fuq ir-R&Ż pubbliċi u l-kooperazzjoni bejn in-negozji u x-xjenza għadhom baxxi. Barra minn hekk, l-investiment pubbliku fir-R&Ż naqas b'mod sinifikanti fl-2016. Koordinazzjoni u governanza frammentata tal-politika ta' riċerka u innovazzjoni twassal għal ineffiċjenzi u tippreveni n-negozji milli jibbenefikaw bis-sħiħ minn diversi skemi ta' appoġġ. Aktar progress fir-riforma li għaddeja bħalissa dwar l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-settur tar-riċerka pubbliku għandu jgħin biex jinkiseb użu aħjar tar-riżorsi disponibbli.

- (15) Il-Litwanja għamlet progress fit-tisħiħ tal-qafas ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni permezz tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-lobbying u l-protezzjoni tal-informaturi kemm għal ħaddiema tas-settur pubbliku kif ukoll dak privat. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni għadha sfida. Il-korruzzjoni fis-settur tas-saħħa għadha tqajjem tħassib, minkejja r-riżultati pożittivi tal-programm tal-Gvern "idejn nodfa".
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Litwanja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Litwanja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-relevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Litwanja iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li l-Litwanja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Litwanja tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Ittejjeb il-konformità tat-taxxa u twessa' l-bażi tat-taxxa għal sorsi oħra li huma inqas detrimentali għat-tkabbir. Tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tiġi indirizzata l-adegwatezza tal-pensjonijiet.
2. Ittejjeb il-kwalità, l-effiċjenza u r-relevanza tas-suq tax-xogħol għall-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim tal-adulti. Ittejjeb il-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa billi timxi minn kura fl-isptar għall-kura barra mill-isptar, issaħħaħ il-miżuri għall-prevenzjoni tal-mard, inkluż fuq livell lokali, u ttejjeb il-kwalità u l-affordabbiltà tal-kura. Ittejjeb it-tfassil tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji sabiex jitnaqqsu l-faqar u l-inugwaljanza fid-dħul.
3. Tistimula t-tkabbir tal-produttività billi ttejjeb l-effiċjenza tal-investment pubbliku, u tiżgura koordinazzjoni governattiva effiċjenti tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni u tindirizza lakuni u ineffiċjenzi fmiżuri pubbliċi li jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozji.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Lussemburgu**

(2018/C 320/15)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tiġid tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih il-Lussemburgu ma ġiex identifikat bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnexxjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Lussemburgu jenħtieġ li jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (2) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018 għal-Lussemburgu ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Dan ir-rapport iwwaluta ċertu progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Lussemburgu lejn il-miri nazzjonali tiegħu tal-Ewropa 2020.
- (4) Fit-30 ta' April 2018, il-Lussemburgu ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2018 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tiegħu. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Lussemburgu qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2018, il-Gvern qed jippjana tnaqqis fis-surplus nominali minn 1,5 % tal-PDG fl-2017 għal 1,1 % tal-PDG fl-2018, segwit minn kważi żieda kostanti minn hemm 'il quddiem, sakemm jintlaħaq surplus ta' 2,4 % tal-PDG fl-2022. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — se jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perjodu kollu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG mistenni li jibqa' ferm taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG. L-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli għall-perjodu li jwassal għall-2020 u plawsibbli minn hemm' il quddiem. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jirreġistra surplus ta' 0,8 % tal-PDG fl-2018 u 0,3 % tal-PDG fl-2019, aktar baxx, b'mod partikolari għall-2019, milli fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, iżda għadu ogħla mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hu previst li l-Lussemburgu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u fl-2019.
- (7) L-ekonomija tal-Lussemburgu qed tkompli tiżdied b'mod stabbli u kellha prestazzjoni aħjar mill-medja taż-Żona tal-Euro mir-reċessjoni globali tal-2009. Is-settur finanzjarju jibqa' l-mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku u qed ikompli jkun sod u profittabbli. Dan huwa rifless f'surplus kbar kemm fil-bilanċ tas-servizzi kif ukoll il-bilanċ ġenerali tal-kont kurrenti. Is-settur estern tal-kontribuzzjoni relattiva għal tkabbir tal-PDG reali kien jirrappreżenta medja ta' 61 % fl-2013-2016, minkejja bilanċ kummerċjali negattiv rikorrenti. Il-Lussemburgu huwa kreditur nett għall-bqija tad-dinja u fi tmiem l-2016, l-assi esterni gross u l-obbligazzjonijiet laħqu EUR 10,5 triljun. L-awtoritajiet nazzjonali implimentaw aktar miżuri ta' sorveljanza u makroprudenzjali u l-intermedjarji finanzjarji kkonċernati qed jaġġustaw mal-qafas ta' politika nazzjonali u tal-Unjoni li qed jinbidlu.
- (8) Kif indikat fir-Rakkomandazzjoni taż-Żona tal-Euro, il-ġlieda kontra strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa hija essenzjali sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn id-ditti, jiġi provdut trattament ġust ta' min iħallas it-taxxa u jiġu salvagwardjati l-finanzi pubbliċi. Effetti konsegwenzjali ta' strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Minkejja d-daqs tas-settur finanzjarju tiegħu, il-livell għoli ta' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties bħala perċentwal tal-PDG jissuġġerixxu li r-regoli fiskali tal-pajjiż huma użati minn kumpaniji li jinvolvu ruħhom f'ippjanar aggressiv tat-taxxa. Il-biċċa l-kbira tal-investment dirett barrani huwa miżmum mill-"entitajiet bi skop speċjali". In-nuqqas ta' taxxi miżmuma fuq interessi u royalties li jħallu l-pajjiż (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni għal residenti ta' pajjiż terz) u l-eżenzjoni minn taxxi minn ras il-ġhajn fuq ħlasijiet ta' dividendi taħt ċerti ċirkostanzi jista' jwassal biex dawk il-pagamenti jevadu t-taxxa kompletament, jekk huma wkoll mhux soġġetti għat-taxxa fil-ġurisdizzjoni riċeventi. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-passi pożittivi meħuda mil-Lussemburgu (pereżempju l-adozzjoni ta' sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi konformi mar-regoli internazzjonali). Skont skambji reċenti mal-awtoritajiet tal-Lussemburgu, il-Kummissjoni ser tkompli d-dialogo kostruttiv tagħha fil-ġlieda kontra l-istrateġiji tal-ippjanar tat-taxxa aggressivi.
- (9) Għal għexieren ta' snin, l-awtoritajiet tal-Lussemburgu raw kif għamli biex jidiversifikaw l-ekonomija, billi żviluppaw numru ta' setturi inkluż l-industrija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u s-settur tal-ispazju. Meta wieħed iqis il-livell għoli tal-kosti lavorattivi, l-attivitajiet b'valur miżjud ogħla joffru l-potenzjal li jiżbolkaw is-sorsi alternattivi ta' tkabbir. Għalhekk, id-diversifikazzjoni b'suċċess tal-ekonomija tal-Lussemburgu tiddependi ħafna, fuq is-setturi li huma anqas sensitivi għal-livelli tal-kosti lavorattivi. Fil-biċċa l-kbira, dawn huma bbażati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li hemm tendenza li jippreżentaw intensità ogħla ta' teknoloġija u ta' għarfien. Din l-istrateġija ġiet imsaħħa dan l-aħħar. Proġetti kbar ta' investment pubbliku, inklużi r-R&Ż

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

u regolamenti tas-suq, fost miżuri oħra, qed jiġu implimentati biex jiġu żviluppati dawn is-setturi ta' prijorità. Bejn l-2000 u l-2016, il-Lussemburgu żied in-nefqa fir-R&Ż pubblika tiegħu b'ħames darbiet, u li tilħaq 0,60 % tal-PDG. Dawn l-investimenti wasslu lil-Lussemburgu biex jibni rapidament sistema tar-riċerka pubblika li taħdem tajjeb. Madankollu, filwaqt li l-investment fir-R&Ż pubbliku huwa ogħla mill-medja taż-Żona tal-Euro, l-investment privat fir-R&Ż u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni, kif imkejla permezz tat-Tabella ta' valutazzjoni tal-innovazzjoni Ewropea, kompli jonqos. L-istruttura tal-ekonomija tal-Lussemburgu jispjega parzjalment l-intensità tar-R&Ż kummerċjali iżjed baxxa meta mqabbla mal-bqija tad-dinja, billi s-setturi li jirrappreżentaw l-akbar parti tal-PDG tal-Lussemburgu, jiġifieri servizzi u, b'mod partikolari, is-settur finanzjarju, tradizzjonalment jinvestu inqas fir-R&Ż. Madankollu, din ix-xejra hija iżjed qawwija fil-Lussemburgu meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni u l-intensità tar-R&Ż kummerċjali naqset għal 0,64 % tal-PDG fl-2016, minn 1,5 % tal-PDG fl-2000. Ix-xejra ta' tnaqqis ta' investment privat tindika li għad hemm ostakli f'dan il-qasam. Dan jindika wkoll nuqqas ta' effett ta' lieva minn sforzi ta' R&Ż pubbliċi fuq l-investment tan-negozju. Konsegwentement, il-bini ta' kapaċitajiet tar-riċerka pubblika jeħtieġ li jiġi integrat aħjar f'approċċ komprensiv fl-ekosistema tal-innovazzjoni. Fl-2017, għet adottata liġi għidha li għedded l-iskemi ta' għajjnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' għajjnuna pubblika disponibbli.

- (10) Il-Lussemburgu huwa mistenni li ma jilħaqx il-mira tiegħu għall-2020 li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. It-tniġġis tal-arja u l-konġestjoni tat-traffiku fis-siġhat l-aktar intensivi huma problemi kbar għall-pajjiż, u b'hekk tiġi ggravata l-konċentrazzjonijiet tad-diossidu tan-nitroġenu u l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra. Fl-2015, aktar minn nofs l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġew mis-settur tat-trasport. Il-livell baxx ta' tassazzjoni fuq il-fjuwil tat-trasport, l-għadd kbir ta' karozzi tal-kumpanija u l-livell għoli tal-prezzijiet tad-djar huma fost il-fatturi prinċipali li jstimulaw livelli għoljin tal-użu tal-karozzi u żieda fl-għadd ta' ħaddiema transfruntiera. Ir-rati tat-taxxa fuq il-fjuwil tat-trasport huma fost l-aktar baxxi fl-Unjoni u jipprovdu inċentiv għal żieda fil-konsum tal-fjuwil, inkluż il-bejgħ transfruntiera. Madankollu, il-miżuri riċenti inkoraġġew l-iżvilupp ta' mobbiltà iktar sostenibbli, b'mod partikolari permezz tar-riforma tat-taxxa tal-2016, iżda wkoll permezz ta' investment sostanzjali fit-trasport pubbliku. L-aktar sfidi urġenti huma b'mod partikolari biex jikkompletaw u jaġġornaw l-infrastrutturi tal-ferroviji.
- (11) Il-Lussemburgu jibqa' impenjat biex inaqqas aktar ir-restrizzjonijiet regolatorji fis-settur tas-servizzi tan-negozju. Miżuri riċenti ffokaw b'mod partikolari fuq il-professjonijiet ta' periti u inġiniera, u ġew imħabbra riformi addizzjonali biex inaqqsu aktar ir-restrizzjonijiet fuq dawn iż-żewġ professjonijiet. Barra minn hekk, l-hekk imsejħa liġi omnibus adottata f'Marzu 2017 introduċiet miżuri ta' simplifikazzjoni amministrattiva (jiġifieri li tippermetti għal screening orizzontali għal proċeduri amministrattivi). Madankollu, fadal ostakli regolatorji fis-settur tas-servizzi għan-negozju. In-nuqqas ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-ekwivalenza speċifika għal rekwiżiti ta' assigurazzjoni professjonali, li tippermetti kopertura ta' assigurazzjoni ekwivalenti minn fornituri ta' servizzi minn Stati Membri oħra jistgħu jkunu sors ta' restrizzjonijiet. Il-professjoni tal-avukati hija partikolarment affettwata minn regolamenti li huma restrittivi ħafna meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ta' din l-attività riżervata għandha impatt fuq il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza legali minn avukati jew fornituri oħra ta' servizzi, b'mod partikolari għas-servizzi online. Restrizzjonijiet oħra jinkludu rekwiżiti dwar il-forma ġuridika u l-parteċipazzjoni azzjonarja, ir-regoli dwar l-inkompatibbiltà u r-restrizzjonijiet multidixxiplinari.
- (12) Għad hemm tħassib dwar is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi minħabba żieda għolja prevista fl-ispejjeż marbutin mat-tixjiħ. Il-Lussemburgu għandu żieda kbira pproġettata fil-proporzjon tal-popolazzjoni tal-anzjani li se tkun dipendenti sal-2070 u, skont il-projezzjonijiet tal-2016 tal-Ispettorat Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, il-bilanċ operazzjonali tas-sistema tal-pensjonijiet se jkun qed jopera defiċit sal-2023. Madankollu, il-bilanċi favorevoli attwali u tal-passat tas-sistema tal-pensjonijiet ġew imfaddla u r-riżervi akkumulati se jippermettu l-vijabbiltà tas-sistema għal perjodu ta' aktar minn 20 sena. Skont ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018, l-ispejjeż marbuta mal-età mistennija jiżdedu bi 13-il punt perċentwali tal-PDG bejn l-2016 u l-2070, u b'hekk jaqzbu l-limiti tas-sostenibbiltà u b'mod partikolari huma xprunati mill-pensjonijiet (8,9 punti perċentwali tal-PDG). In-nefqa fuq is-saħħa u l-kura fit-tul bħala proporzjon tal-PDG hija waħda mill-ogħla fost l-Istati Membri. Minkejja r-riforma adottata fl-2017, tali nefqa hija pproġettata li tiżdied bi 3 punti perċentwali mil-livell attwali sal-2070.
- (13) Ir-rata ta' impjeg tal-anzjani għadha partikolarment baxxa u aktar miżuri huma meħtieġa biex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom u l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol. Dan huwa importanti wkoll biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Skemi ta' rtirar kmieni li jħeġġu l-ħaddiema biex jitolqu l-impjeg għadhom mifruxa ħafna, b' 59,2 % ta' attribwiti ġodda tal-pensjonijiet huma pensjonijiet bikrin tax-xjuħija. Il-liġi li tissopprimi l-iskema ta' rtirar kmieni għaddiet f'Diċembru 2017 iżda l-impatt nett tagħha fuq l-età medja effettiva tal-irtirar u fuq in-nefqa mhuwiex ċert billi tiffaċilita l-kundizzjonijiet fuq skemi ta' rtirar kmieni. Dan ir-riżultat dgħajef fis-suq tax-xogħol jista' jiġi attribwit parzjalment ukoll għal diżinċentivi finanzjarji għax-xogħol, li huma relattivament għolja għal dan il-grupp. L-inkoraġġiment tal-impjeg tal-ħaddiema kbar fl-età jeħtieġ strateġija komprensiva li tinkludi miżuri biex jgħinu lill-ħaddiema jibqgħu jaħdmu għal żmien itwal. Il-"Patt tal-Età", abbozz ta' liġi ppreżentat lill-Parlament f'April 2014, li għandu l-għan li jħeġġeġ lill-kumpaniji b'aktar minn 150 impjegat

biex jimpjegaw u jżommu l-ħaddiema aktar avvanzati fl-età, għadu ma ġiex adottat. F'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni, il-Lussemburgu jeħtieġ li jindirizza l-impatt qawwi tal-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti fuq ir-riżultati tagħhom fl-edukazzjoni. Dan huwa importanti wkoll sabiex jirrispondi għad-domanda kbira għal ħliet speċjalizzati ħafna.

- (14) Il-prezzijiet tal-proprjetà komplew jżiedu. Dan jista' jdgħajef l-abbiltà tal-Lussemburgu biex jattira u jżomm il-forza tax-xogħol b'ħliet speċjalizzati, li proporzjon kbir minnha huwa maġmūl minn persuni li mhumiex ċittadini. Il-prezzjonijiet tal-prezzijiet tad-djar huma riżultat ta' diskrepanza fundamentali bejn il-provvista u d-domanda. Fuq in-naħa tal-provvista, nuqqas ta' art disponibbli u nuqqas ta' inċentivi għal sidien privati biex ibigħu l-art jew bini jidhru li jirrappreżentaw ostaklu għall-ħolqien ta' djar ġodda. Hija meħtieġa aktar ħidma biex tinkoraġġixxi l-investment fl-akkomodazzjoni, billi jżiedu l-inċentivi għall-promozzjoni ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli, bit-titjib tal-proċeduri amministrattivi tal-għoti tal-permessi tal-bini u l-għoti ta' akkomodazzjoni soċjali affordabbli. Ir-riforma tat-taxxa fuq il-qligħ minn bejgħ ta' proprjetà immobbli adottata dan l-aħħar u l-aġġornament tal-programm ta' akkomodazzjoni soċjali x'aktarx li jżid il-provvista tad-djar, minħabba x-xejra kontinwa lejn prezzijiet oġhla. Fuq in-naħa tad-domanda, rata għolja ta' tkabbir tal-popolazzjoni u l-impjegji qed iżidu l-prezzijiet. Is-sitwazzjoni tas-swieq tad-djar tkabbar ukoll il-problema tat-traffiku u tat-tniġġis. Barra minn hekk, iż-żieda fil-prezzijiet tad-djar għandha riperkussjonijiet fuq id-dejn tal-unitajiet domestiċi, u dan wassal għal tħassib dwar is-sostenibbiltà tad-dejn tal-familji. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi zdieg b'mod rapidu matul l-aħħar 10 snin u laħaq madwar 165 % tal-introjtu disponibbli fl-2016, li jirrifletti l-inflazzjoni tal-proprjetà immobbli, billi madwar 80 % tad-dejn tal-unitajiet domestiċi jirriżulta minn self ipotekarju. Madankollu, il-Lussemburgu diġà introduċa miżuri makroprudenzjali rilevanti biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja. Wara l-proposti tal-kumitat nazzjonali għar-riskju sistemiku, il-Gvern reċentement ippreżenta wkoll abbozz ta' liġi li jipprovi qafas għal miżuri bażati fuq is-self, biex tiġi evitata akkumulazzjoni ta' vulnerabbiltà tal-unitajiet domestiċi, għalkemm dan l-abbozz ta' liġi għad irid jiġi approvat mill-Parlament.
- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Lussemburgu u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Lussemburgu fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Lussemburgu iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li l-Lussemburgu huwa mistenni jikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Iżid ir-rata tal-impjeg tal-persuni mdaħħla fl-età billi jtejjeb l-opportunitajiet ta' impjeg tagħhom u l-impjegabbiltà filwaqt li jkompli jitrażżan l-irtirar bikri, bil-ħsieb li jtejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.
2. Inaqqas aktar ir-restrizzjonijiet regolatorji fis-settur tas-servizzi tan-negozju.

Maġmūl fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Ungerija**

(2018/C 320/16)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn l-Ungerija ma kinitx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018 għall-Ungerija ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Ungerija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽²⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Ungerija lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (3) Fit-30 ta' April 2018, l-Ungerija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (5) Bħalissa l-Ungerija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tagħha, il-Gvern qed jippjana deterjorament fid-defiċit nominali minn 2,0 % fl-2017 għal 2,4 % fl-2018 u titjib gradwali wara għal 0,5 % tal-PDG sal-2022. L-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 1,5 % tal-PDG — huwa pplanat li jintlaħaq sal-2020. Fuq il-bażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat⁽¹⁾, l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju se jintlaħaq sal-2022. Skont il-Programm ta' Konverġenza, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment għal kemxejn taħt is-60 % sa tmiem l-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli, li johlqo riskji notevoli għall-implimentazzjoni tal-miri tad-defiċit.
- (6) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 jindika li l-impatt fuq il-baġit tal-miżuri relatati mas-sigurtà fl-2017 huwa sinifikanti, u jipprovi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, l-infiq addizzjonali eliġibbli fl-2017 ammonta għal 0,17 % tal-PDG għal miżuri relatati mas-sigurtà. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (UE) Nru 1466/97 ikopru dan l-infiq addizzjonali, fis-sens li l-influss tar-refuġjati huwa avveniment mhux tas-soltu, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi tal-Ungerija huwa wieħed sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju għall-2017 tnaqqas biex jitqiesu l-ispejjeż addizzjonali relatati mas-sigurtà.
- (7) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill rrakkomanda lill-Ungerija tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-oġġettiv fit-terminu medju fl-2017, sakemm l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju ma jintlaħaqx b'inqas sforz. Fuq il-bażi tad-data tar-riżultati għall-2017, l-Ungerija nstabet li qiegħda f'devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju. F'konformità mal-Artikolu 121(4) TFUE u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kummissjoni ħarġet avviż lill-Ungerija fit-23 ta' Mejju 2018 li devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju ġiet osservata fl-2017. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni⁽²⁾ sussegwenti lill-Ungerija li tikkonferma l-ħtieġa għall-Ungerija biex tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett⁽³⁾ ma taqbiżx it-2,8 % fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1 % tal-PDG. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm ir-riskju ta' devjazzjoni mill-isforz rakkomandat.
- (8) Fl-2019, fid-dawl tal-fatt li d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG tal-Ungerija huwa 'l fuq minn 60 % tal-PDG u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni proġettata hija ta' 2,3 %, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett jenħtieġ li ma taqbiżx il-3,9 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,75 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li miżuri ulterjuri sinifikanti se jkunu meħtieġa mill-2018 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fid-dawl tal-previżjonijiet fiskali li qed jiddeterjoraw b'mod qawwi, f'konformità mar-rakkomandazzjoni indirizzata lill-Ungerija fit-22 ta' Ġunju 2018 bil-għan li tikkoreġi d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv fit-terminu medju.
- (9) Ir-rata ġenerali tal-impjeg tjebet b'mod sinifikanti u x-xejra ekonomika favorevoli tipprovi opportunità favur ir-reintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol, b'mod partikolari tal-persuni qiegħda. Id-diskrepanza fl-impjeggi bejn l-irġiel u n-nisa hija wiesgħa, speċjalment fil-grupp tal-età 25-39, li tista' tiġi spjegata parzjalment minħabba l-provvediment limitat ta' indukrar tat-tfal ta' kwalità. Il-livell ta' parteċipazzjoni fl-indukrar tat-tfal għal tfal taħt l-età ta' 3 snin huwa ferm anqas mill-mira ta' Barcellona u mill-medja tal-Unjoni. Għalkemm l-iskema tax-xogħlijiet pubbliċi tibqa' l-politika attiva ewlenija tas-suq tax-xogħol, il-fatt li l-għadd ta' parteċipanti fiha naqas b'mod sinifikanti jirrappreżenta żvilupp pożittiv. Madankollu, l-iskema għadha mhijiex iffokata biżżejjed u l-effettività tagħha fl-integrazzjoni mill-ġdid tal-parteċipanti fis-suq tax-xogħol miftuħ għadha limitata meta titqies is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol. Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jiffokaw iktar fuq titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma sottożviluppati.
- (10) Il-proporzjon ta' persuni friskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali naqas sa 26,3 % fl-2016, iżda għadu ogħla mill-medja tal-Unjoni. It tfal b'mod ġenerali huma iktar esposti għall-faqar minn gruppi ta' età oħrajn. Il-livell ta' benefiċċji tal-introjtu minimu huwa anqas minn 50 % tal-limitu tal-faqar għal unità domestika b'membri wieħed,

(1) Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

(2) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-Ungerija (ĠU C 223, 27.6.2018, p. 1).

(3) L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nafqa huma esklużi.

li jagħmlu l-iktar wieħed baxx fl-UE. L-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-qgħad hija baxxa ħafna: it-tul ta' żmien massimu ta' tliet xhur tagħhom huwa kklassifikat bħala l-iqsar fl-UE, u jirrappreżenta biss madwar kwart taż-żmien medju meħtieġ minn dawk li qed ifittxu xogħol biex isibu impjieg. Barra minn hekk, il-livelli ta' pagament huma fost l-iktar baxxi fl-UE.

- (11) L-istrutturi u l-proċessi Ungeriżi tad-djalogu soċjali għadhom sottożviluppati u ma jippermettux involviment sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika. In-nuqqasijiet fl-impenn tal-partijiet ikkonċernati u t-trasparenza limitata għandhom impatt fuq il-bażi tal-evidenza u fuq il-kwalità tat-tfassil ta' politika, filwaqt li joħlqu inċertezza għall-investituri u jnaqqsu r-rata tal-konverġenza.
- (12) Ġew implimentati miżuri biex itejbu s-sistema tat-taxxa, iżda għad hemm xi problemi. Għalkemm qed jonqos, il-porzjon ta' taxa fuq ix-xogħol, speċjalment għal ċerti gruppi b'introjtu baxx, għadu għoli meta mqabbel ma' pajjiżi oħra tal-Unjoni. Il-kumplessità ġenerali tas-sistema tat-taxxa, flimkien mal-preżenza kontinwa ta' taxxi speċifiċi għal setturi distorsivi, tibqa' punt dgħajef. Huma essenzjali miżuri kontra l-istrategġiji ta' ppjanar aggressiv tal-kontribwenti biex jimpedixxu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn id-ditti, jipprovdu trattament ġust tal-kontribwenti u jissalvagwardjaw il-finanzi pubbliċi. L-effetti sekondarji ta' strategġiji ta' ppjanar aggressiv tal-persuna taxxabli bejn l-Istati Membri jirrikjedju azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-Ungerija tirreġistra dħul u ħruġ ta' kapital relattivament għoljin permezz ta' entitajiet bi skop speċjali, li mhumiex konnessi mal-ekonomija reali. In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq pagamenti ta' dividend, ta' interessi u ta' royalties li joħorġu mill-pajjiż (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni għal residenti ta' pajjiżi terzi), li jsiru minn kumpaniji bbażati fl-Ungerija jista' jwassal biex dawk il-pagamenti jaħarbu t-taxxa għalkollox, jekk ma jkunux soġġetti għal taxa fil-ġurisdizzjoni reċipjenti. Il-Kummissjoni tieħu nota li l-Ungerija tirrikonoxxi li pagamenti li joħorġu mill-pajjiż, jekk użati ħażin, jistgħu jwasslu għal ipplanar aggressiv tat-taxxa. Fuq il-bażi ta' skambji riċenti, il-Kummissjoni se tkompli d-djalogu kostruttiv tagħha biex tiġġieled kontra strategġiji ta' ppjanar fiskali aggressiv tal-kontribwenti.
- (13) L-ostakli regolatorji fis-servizzi, u partikolarment fin-negozju bl-imnut, għandhom impatt fuq il-prestazzjoni tas-settur u jfixxlu r-riallokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, il-produttività u l-innovazzjoni. Hemm xejra kontinwa li ċerti servizzi jiġu fdati lil ditti tal-Istat maħluqa speċjalment għal dan il-għan, għad-detriment tal-kompetizzjoni miftuħa. In-nuqqas ta' prevedibbiltà tal-qafas legali hija problema ulterjuri, speċjalment fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, li fis-snin riċenti kellu jħabbat wiċċu ma' bidliet frekwenti fir-regolamenti. Billi r-regolamenti proposti huma spiss imfassla apposta għall-fatturat jew l-erja kummerċjali, huma jaffettwaw prinċipalment katini ta' bejgħ bl-imnut barranin. Dan iżid l-inċertezza fost l-operaturi tan-negozji u jista' jiskoraġġixxi l-investment. Huwa meħtieġ ambjent regolatorju stabbli li jiffavorixxi l-kompetizzjoni. Ir-regolamentazzjoni restrittiva tal-professjonijiet għadha għolja fl-Ungerija, b'mod partikolari fir-rigward ta' professjonijiet ewlenin bħall-kontabilità u s-servizzi legali.
- (14) Għad fadal tħassib rigward il-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. F'konformità ma' diversi indikaturi, jidher li l-esponiment tal-Ungerija għall-korruzzjoni żdied matul l-aħħar snin u r-riskji tal-korruzzjoni jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tat-tkabbir tal-pajjiż b'mod negattiv. Il-funzjonament tas-servizz tal-prosekuzzjoni huwa ta' importanza kruċjali biex jiġġieled il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus u filwaqt li miżuri biex jiġġieldu l-korruzzjoni fil-livelli baxxi jidhru li ġew applikati b'ċertu suċċess, ma hemmx biżżejjed enfasi fuq impenn għal investigazzjonijiet f'każijiet ta' livelli għoljin. Trasparenza limitata u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal-informazzjoni jkomplu jostakolaw il-miżuri għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Ittieħdu passi sinifikanti fir-rigward tal-akkwist pubbliku, imma hemm lok sabiex it-trasparenza u l-kompetizzjoni fil-proċess tas-sejthiet għall-offerti jkomplu jitjiebu. Dan jista' jinkiseb billi, fost l-oħrajn, id-data miksuba mis-sistema ta' akkwist elettroniku ssir aċċessibbli għall-pubbliku.
- (15) Ir-riżultati edukattivi tal-ħiliet bażiċi huma ferm inqas mill-medja tal-Unjoni, speċjalment għal tfal bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat. L-istudenti jiġu strimjati kmieni ftipi ta' skejjel differenti, b'distakki kbar fir-riżultati edukattivi u fil-perkorsi lejn l-impjieg. Tfal żvantaġġati, inklużi tfal Rom, għandhom it-tendenza li jkunu kkonċentrati fl-iskejjel sekondarji vokazzjonali, li huma kkaratterizzati minn livelli iktar baxxi fil-ħiliet bażiċi u rati ogħla ta' tluq bikri mill-iskola, u l-persuni li jtemmu dawn l-iskejjel bħala medja jirċievu pagi iktar baxxi. Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola żdiedet għal medja ta' 12,4 %, u hija partikolarment għolja fost it-tfal Rom. Dawn l-isfidi huma partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità. L-ammont ta' applikanti li qed jikkien u rati għolja ta' tluq bikri mill-iskola fl-edukazzjoni terzjarja se jkomplu jrażżnu r-rati ta' kisbiet fi żmien meta d-domanda għal ħaddiema b'livell għoli ta' kwalifiki qiegħda tikber.
- (16) Minkejja sforzi li għaddejjin bħalissa biex titjeb is-saħħa pubblika, riżultati ħżiena fil-qasam tas-saħħa, aggravati minn stili ta' ħajja dannużi għas-saħħa, jippersistu, filwaqt li għandhom impatt negattiv fuq il-kapital uman. Il-livelli baxxi ta' nfiq fil-kura tas-saħħa, flimkien ma' allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi, jillimitaw l-effettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa Ungeriża. Dan, flimkien ma' dipendenza qawwija fuq hlasiġiet mill-but, għandu implikazzjonijiet negattivi fuq l-ekwità għall-aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva

ta' kwalità tajba. In-nuqqas ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa jxekkel ukoll l-aċċess għall-kura, għalkemm żidiet riċenti fis-salarji naqqsu din l-isfida. L-isforzi tar-riformi li għaddejjin bħalissa huma ffokati biex jindirizzaw l-użu eċċessiv tas-servizzi tal-kura fl-isptarijiet, fejn kawża primarja ta' dan hija li l-fornituri tal-kura primarja mhumiex mgħammra sew biex jaġixxu bħala gwardjani effettivi. Razzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-użu tar-riżorsi tal-isptarijiet, flimkien ma' investimenti mmirati biex isaħħu s-servizzi tal-kura primarja, jistgħu jippermettu t-tnaqqis fid-differenzi fl-aċċess għall-kura, jixprunaw it-titjib fl-effiċjenza u jtejbu r-riżultati tas-saħħa b'mod effettiv.

- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ungerija u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ungerija fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza ta' għom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli lill-Ungerija iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tiegħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Fl-2018, tiżgura konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-għan li tikkoreġi d-devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju. Fl-2019, tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx it-3,9 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,75 % tal-PDG.
2. Tkompli tissimplifika s-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi tnaqqas taxxi speċifiċi għas-setturi. Ittejjeb il-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' djalogu soċjali effettiv u impenn ma' partijiet interessati oħrajn u permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt regolari u adegwati. Tirrinforza l-qafas kontra l-korruzzjoni, issaħħaħ l-isforzi tal-prosekuzzjoni u ttejjeb it-trasparenza u l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, fost l-oħrajn billi tiżviluppa aktar is-sistema ta' akkwist elettroniku. Issaħħaħ il-kompetizzjoni, l-istabbiltà regolatorja u t-trasparenza fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari tal-bejgħ bl-imnut.
3. Tillibera r-riżervi tax-xogħol billi ttejjeb il-kwalità tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Ittejjeb ir-riżultati edukattivi u żżid il-parteċipazzjoni tal-gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom, fedukazzjoni ordinarja inklużiva u ta' kwalità. Ittejjeb l-adeqwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u tal-benefiċċji tal-qgħad.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ta' Malta**

(2018/C 320/17)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija ħadet kont dovut tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li jirrikjedi analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽²⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, Malta jinħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn isfel, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni (1). Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2018 għal Malta ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport jivvaluta l-progress ta' Malta biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress ta' Malta lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (3) Fit-13 ta' April 2018, Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.
- (5) Bħalissa Malta qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2018, il-Gvern jippjana li jżomm surplus f'termini nominali matul il-perjodu 2018-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini tal-PDG — jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni pożittivi tul il-perjodu tal-programm kollu. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jibqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG u li jonqos gradwalment minn 50,8 % tal-PDG fl-2017 għal madwar 36 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li huwa l-bażi ta' dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawisibbli għall-2018-2019 u favorevoli għall-2020-2021. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali previst li jirreġistra surplus ta' 0,6 % tal-PDG fl-2018 u ta' 1,1 % tal-PDG fl-2019, ogħla mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. B'mod ġenerali, il-Kunsill hu tal-opinjoni li Malta hi proġettata li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u fl-2019. Fl-istess ħin, jinħtieġ li l-iżviluppi tan-nefqa jiġu mmonitorjati bir-reqqa fit-terminu qasir u fit-terminu medju, partikolarment fid-dawl ta' riskji futuri possibbli għar-robustezza tad-dħul.
- (6) Kif indikat fir-rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro tal-2018, il-ġlieda kontra strateġiji tal-ippjanar tat-taxxa aggressivi hija essenzjali biex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji, biex ikun hemm trattament ġust tal-kontribwenti tat-taxxa u biex jiġu ssalvagwardjati l-finanzi pubbliċi. Effetti kollaterali tal-istrateġiji tal-ippjanar tat-taxxa aggressivi bejn l-Istati Membri jitolbu azzjoni kkoordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni. In-nuqqas ta' taxxi miżmuma fuq dividendi, interessi u royalties diretti barra mill-pajjiż (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni għal residenti ta' pajjiż terz) magħmula minn kumpaniji bbażati f'Malta jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn dawk il-pagamenti jevitaw it-taxxi kompletament, jekk dawn ukoll ma jkunux soġġetti għat-taxxa fil-pajjiż destinatarju. Filwaqt li r-reġim il-ġdid ta' Malta ta' Tnaqqis ta' Mgħax Nozzjonali jgħin biex titnaqqas id-distorsjoni bejn id-dejn u l-ekwità, regoli kontra l-abbuż mhux suffiċjenti, flimkien ma' rata relattivament għolja u reġim abbażi tal-istokk, jistgħu jipprovdu opportunitajiet għall-evitar tat-taxxa. L-eżistenza ta' xi dispożizzjonijiet fit-trattati bilaterali dwar it-taxxa bejn Malta u Stati Membri oħra, flimkien mas-sistema tat-taxxa ta' Malta, fejn kumpanija residenti iżda mhux domiċiljata f'Malta tiġi intaxxata abbażi tas-sors u tar-rimessa, jistgħu jintużaw minn kumpaniji biex iwettqu prattiki għall-evitar tat-taxxa. Il-Kummissjoni tinnotta l-impenn ta' Malta fil-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa mill-kontribwenti. Skont skambji reċenti, il-Kummissjoni ser tkompli d-djalogu kostruttiv tagħha fil-ġlieda kontra l-istrateġiji tal-ippjanar tat-taxxa aggressivi.
- (7) Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi f'Malta tibqa' sfida. Dan huwa prinċipalment minħabba l-impatt baġitarju tal-ispiża relatata mat-tixjib, bħalma huma l-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul u l-pensjonijiet. Is-sistema tal-pensjonijiet qiegħda tiffaċċa l-isfida doppja li tinkiseb is-sostenibbiltà filwaqt li jiġi żgurat introjtu adegwat wara l-irtirar. Il-prospetti għal sostenibbiltà fit-tul fin-nefqa fuq il-pensjonijiet tjebru, prinċipalment minħabba valutazzjoni aktar pożittiva rigward il-potenzjali ta' tkabbir fit-tul ta' Malta. Madankollu, il-miżuri introdotti fil-baġit tal-2016 kellhom biss impatt limitat fuq is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, li għalhekk tibqa' sfida sinifikanti. Barra minn hekk, minkejja l-introduzzjoni ta' miżuri li jtejbju l-adeqwatezza tal-pensjonijiet, li l-kopertura tad-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi għadha għolja. Il-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa tjebet u l-ħinijiet ta' stennija qed jitnaqqsu. Madankollu, għad fadal sfidi fir-ridistribuzzjoni tar-riżorsi u l-attivajiet mill-kura fl-isptar għall-kura primarja. Ix-xenarju istituzzjonali tal-ġhoti tal-kura primarja qed ipoġġi pressjoni kemm fuq il-kura fl-isptar kif ukoll fuq il-kura ta' emerġenza. Il-kura fl-isptar u l-kura primarja mhumieq ikkoordinati sew u l-kura ta' emerġenza għadha mhix qed tintuża b'mod effiċjenti. L-aċċess għal mediċini innovattivi għadu sfida, ukoll f'termini baġitarji. Ittieħdu inizjattivi biex jissodisfaw it-talba dejjem tikber fis-sistema ta' kura fuq żmien twil, bħall-inċentivar ta' kura bbażata fil-komunità u kura fid-djar.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (8) Sar xi progress fit-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali. Madankollu, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għadha tidher nieqsa mill-persunal u għad hemm tħassib dwar il-kapaċità tagħha li tissorvelja s-sistema finanzjarja kbira transkonfinali, b'mod partikolari fis-segment mhux bankarju tagħha. Barra minn hekk, filwaqt li s-settur tas-servizzi (b'mod partikolari, l-industrija tal-logħob tal-ażżard fuq l-internet) ikkontribwixxiet b'mod sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku sostnut tal-pajjiż, din tista' toħloq sfidi għall-integrità tas-sistema finanzjarja, u teħtieġ qafas b'saħħtu kontra l-ħasil tal-flus. Reċentement Malta ttrasponiet ir-raba' Direttiva Kontra l-ħasil tal-Flus; l-effettività tal-implimentazzjoni tagħha għad trid tiġi evalwata. Barra minn hekk, wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali, reċentement l-awtoritajiet Maltin ippreżentaw strateġija integrata għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Fost azzjonijiet oħra, ġie stabbilit Kumitat ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, magħmul minn rappreżentanti tal-gvern u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra. Madankollu, għad fadal sfidi dwar l-iżgurar ta' implimentazzjoni xierqa u infurzar effettiv tal-qafas regolatorju li ġie adottat reċentement.
- (9) Fil-kuntest tat-tkabbir ekonomiku qawwi u tar-riformi favur l-impjeg tan-nisa u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, ir-riżultati tas-suq tax-xogħol ta' Malta komplew jitjiebu. Madankollu, il-livell għoli ta' diskrepanzi fl-impjegji bejn l-irġiel u n-nisa u l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol li għandhom 'il fuq minn 30 sena u ta' persuni b'diżabbiltà jibqgħu sfida. Id-disinn ta' leave tal-paternità u tal-ġenituri għadu relattivament dgħajef iżda huwa importanti għal responsabbiltajiet ta' kura u appoġġ akbar għan-nisa biex jaħdmu. L-iskarsezzi tal-ħaddiema qed jżiedu u għadu jippersisti nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet. Parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol Maltija għad għandha rati baxxi ta' kwalifiki, filwaqt li d-dipendenza fuq ħaddiema barranin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet qed tiżdied. L-inizjattivi ta' politika li qed jiġu implimentati fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-inklużjoni soċjali huma mistennija jkomplu, iżda jeħtieġ li jsiru permezz tal-informazzjoni li tfeġġ minn monitoraġġ bażat fuq ir-riżultati u evalwazzjoni.
- (10) Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola, li kienet ta' 18,6 % fl-2017 għadha l-ogħla fl-Unjoni b'titjib żgħir meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Malta għandha wkoll l-ogħla rata tat-tluq bikri mill-iskola ta' nies b'diżabbiltà, li hija ta' 50 %, id-doppju tal-medja tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-eżiti tat-tagħlim huma influwenzati ħafna mill-isfond soċjoekonomiku, it-tip ta' skola u l-istatus ta' diżabbiltà. Id-differenza fil-prestazzjoni fix-xjenza bejn studenti mill-iskejjel bl-aktar prestazzjoni baxxa u dawk bl-aktar prestazzjoni għolja hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni u darba u nofs daqs il-medja tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi. Il-proporzjoni ta' studenti b'riżultati baxxi fil-matematika, ix-xjenza u l-qari huwa r-raba' l-ogħla fl-Unjoni. Hemm bżonn ta' approċċ komprensiv li jtejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u tnaqqas l-inugwaljanzi fir-riżultati edukattivi bejn gruppi soċjali u tipi ta' skejjel differenti.
- (11) It-tkabbir ekonomiku robust żied il-pessjoni fuq l-infrastruttura u r-riżorsi naturali. B'mod partikolari, is-settur tat-trasport bit-triq qed iħabbat wiċċu ma' sfidi kbar tal-infrastruttura u ta' sostenibbiltà fit-tul. In-nuqqas ta' infrastruttura tat-trasport u żieda fl-ispejjeż tal-konġestjoni huma ta' ostaklu għall-investment. Iż-żieda fin-numru ta' vetturi u fit-traffiku jwasslu għal aktar emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għandhom effett negattiv fuq il-kwalità tal-arja. Dawn jistgħu wkoll ikollhom impatt negattiv fuq it-turiżmu, li jirrappreżenta pilastru importanti tal-ekonomija ta' Malta. Għalhekk, il-ħtieġa li tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-infrastruttura timxi id f'id mal-bżonn għal soluzzjonijiet tat-trasport nadif. Fl-2016, il-Gvern adotta Strateġija Nazzjonali għat-Trasport b'orizzont sal-2050 u Pjan Ġenerali għat-Trasport Operattiv sal-2025. Huwa ħabbar ukoll proġett ta' EUR 700 miljun għat-titjib tan-netwerk tat-toroq. Flimkien, dawn il-miżuri huma mistennija li jnaqqsu l-ispejjeż ekonomiċi tal-konġestjonijiet b'anqas minn 20 %. Żieda fl-attività ekonomika tista' taggrava l-konġestjoni eżistenti fl-infrastruttura, u tpoġġi saħansitra aktar pressjoni fuq ir-riżorsi ambjentali. Barra minn hekk, il-pjan jonqos milli jistabbilixxi objettiv ċar għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport u ma jipproponix sistema effettiva ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri rrappurtati (minbarra ċiklu ta' rieżami ta' ħames snin). Huwa għalhekk importanti li jiġu stabbiliti objettivi u jiġu implimentati miżuri biex jitnaqqsu b'mod sostanzjali l-konġestjoni u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport sal-2025, u li jippermettu l-monitoraġġ perjodiku tal-progress.
- (12) Minħabba l-isfidi maħluqa mid-daqs tal-pajjiż u l-istatus ta' gżira, il-bżonn ta' progress lejn ekonomija aktar ċirkolari huwa partikolarment konvinċenti. Investment intelliġenti jista' jgħin biex titnaqqas il-pessjoni fuq ir-riżorsi naturali vulnerabbli tal-gżira. Pereżempju, jekk ma jiġux indirizzati, id-diffikultajiet rigward ir-rimi ta' skart mill-konstruzzjoni u d-demolizzjoni jistgħu jnaqqsu l-kwalità tal-ambjent u l-pajjiż isir anqas attraenti bħala destinazzjoni turistika. Filwaqt li Malta baqgħet fil-grupp t'isfel għall-prestazzjoni fl-eko-innovazzjoni (is-sitta u għoxrin fl-Unjoni fl-2016 mit-tmintax-il post fl-2013, skont l-indiċi tal-Eko-innovazzjoni), hija għandha

l-potenzjal li timmobilizza investment li jiġġenera jew li jadotta soluzzjonijiet innovattivi biex ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija fil-konstruzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni tal-iskart u l-ilma tad-drenaġġ. B'mod partikolari, hemm bżonn ta' titjib fil-ġestjoni tal-iskart flimkien ma' investment f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-konstruzzjoni u d-demolizzjoni u l-implimentazzjoni ta' kontrolli għall-prevenzjoni ta' landfill illegali jew rimi fil-baħar tal-iskart mill-konstruzzjoni u tad-demolizzjoni.

- (13) Is-sistema tal-ġustizzja qed tkompli tiffaċċa sfidi fir-rigward tal-effiċjenza tagħha u hemm in-neċessità ta' qafas legali u istituzzjonali msaħħa għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni biex jiġi żgurat kuntest kummerċjali ta' kwalità għolja. Nuqqasijiet fil-governanza fil-qafas kontra l-korruzzjoni jista' jaffettwa b'mod negattiv il-klima kummerċjali u jaffettwa b'mod negattiv l-investment. L-effettività tal-isforzi li qed tagħmel Malta biex tiġġieled il-korruzzjoni jeħtieġ li tittejjeb, speċjalment rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. It-titjib tal-qafas ta' governanza hija kruċjali biex tinżamm ir-reputazzjoni u l-attrazzjoni ta' Malta bħala għall-investimenti internazzjonali.
- (14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Malta u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Malta fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Malta imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li Malta hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Issaħħa il-qafas globali ta' governanza permezz tat-tisħiħ tas-sorveljanza nazzjonali ta' impriżi finanzjarji orjentati internazzjonalment liċenzjati f'Malta, billi tiżgura l-infurzar effettiv tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus u billi tkompli ssaħħa il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
2. Tiżgura s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa u tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż billi tgħolli l-età statutorja tal-irtirar u billi tillimita l-irtirar antiċipat.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tan-Netherlands u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tan-Netherlands**

(2018/C 320/18)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lin-Netherlands bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, in-Netherlands jenħtieġ li jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (2) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiżi tal-2018 dwar in-Netherlands ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Dan ivvaluta xi progress li għamlu n-Netherlands biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu li kien hemm għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tan-Netherlands rigward il-miri nazzjonali tagħhom ta' Europa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li n-Netherlands qed jesperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, minn fost l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, in-Netherlands għandhom l-akbar surplus fil-kont kurrenti fuq medja ta' tliet snin, f'termini ta' PDG. Is-surplus jissuġġerixxi allokazzjoni mhux ottimali tar-riżorsi, u tista' tittieħed l-opportunità biex it-tkabbir u l-ġid jiżiedu. Id-dejn privat huwa għoli, speċifikament l-ammont tad-dejn ipotekarju tal-unitajiet domestiċi u tal-impreżi multinazzjonali. Il-karti bilanċjali twal tal-unitajiet domestiċi jżidu l-vulnerabbiltà quddiem hasdjet finanzjarji.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (4) In-Netherlands ippreżentaw il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħhom tal-2018 fit-30 ta' April 2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħhom tal-2018 fis-26 ta' April 2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) In-Netherlands bħalissa jinsabu fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Gvern, fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2018 qed jippjana tnaqqis fil-bilanċ pożittiv tal-gvern ġenerali, minn 1,1 % tal-PDG fl-2017 għal 0,3 % tal-PDG fl-2021. L-oġettiv baġitarju fit-terminu medju – defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG – jibqa' jiġi ssodisfat matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG hu mistenni li jonqos gradwalment għal 44,0 % tal-PDG fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Abbażi tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali proġettat li jonqos minn surplus ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017 għal defiċit ta' 0,1 % tal-PDG fl-2018 u ta' 0,3 % tal-PDG fl-2019, ogħla mill-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mbassar li se jibqa' fuq xejra soda 'l isfel u taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat. Kollox ma' kollox il-Kunsill huwa tal-opinjoni li n-Netherlands huma previsti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u fl-2019. Fl-istess ħin, filwaqt li jiġi rrispettat l-oġettiv fit-terminu medju, għad hemm lok biex jintużaw politiki fiskali u strutturali biex joħlqu l-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.
- (7) In-Netherlands għandhom settur tar-riċerka u l-iżvilupp effiċjenti u b'sistema edukattiva u bażi xjentifika bi prestazzjoni għolja jipprovdu bażi soda biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u t-tkabbir tal-kapaċità permezz tal-edukazzjoni u attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Investiment addizzjonali sostanzjali ġie mħabbar li jista' jgħin jistabbilizza l-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp pubbliċi u privati. Jekk in-Netherlands humiex se jilhqqu l-miri tagħhom ta' Ewropa 2020, b'mod partikolari fuq l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u fuq l-enerġija rinnovabbli, jibqa' inċert.
- (8) Sfida ċentrali fl-indirizzar tal-livelli għolja ta' dejn tal-unitajiet domestiċi hija s-suq tad-djar, fejn riġiditajiet u inċentivi li joħlqu distorsjonijiet li akkumulaw matul deċennji jagħtu l-forma lix-xejriet tal-finanzjament tad-djar u dawk tat-tfaddil settorjali. Sa mill-2012, sensiela ta' miżuri ġew implimentati li, parzjalment, jindirizzaw din is-sitwazzjoni. Fl-2017, il-Gvern ħabbar pjanijiet biex jaċċellera t-tnaqqis fid-deduccjibbiltà tat-taxxa fuq l-imgħax ipotekarju li jibda fl-2020. Madankollu, in-nuqqas ta' suq li jiffunzjona tajjeb għas-segment tan-nofs tas-suq tal-kiri jinkoraġġixxi lill-familji biex jixtru pjuttost milli jikru, li jwassal għal proporzjonijiet għoljin ta' dejn meta mqabbel mad-dħul u tal-vulnerabbiltà finanzjarja f'ta' żgħira. Is-settur tal-akkomodazzjoni soċjali huwa wieħed mill-akbar fl-Unjoni iżda l-akkomodazzjoni mhijiex dejjem okkupata minn dawk verament fil-bżonn. Unitajiet domestiċi bi dħul għoli jibqgħu fakkomodazzjoni soċjali, billi l-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni soċjali ma jżidux il-kirjiet malajr daqs kemm legalment jistgħu. Filwaqt li l-Gvern ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jappoġġa l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli fis-suq privat tal-kera, pjanijiet konkreti għal tali appoġġ għadhom ma ġewx ikkomunikati sa issa.
- (9) Kif indikat fir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa hija essenzjali biex timpedixxi d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni bejn id-ditti, tipprovdi trattament ġust lill-kontribwenti u tissalvagwardja l-finanzi pubbliċi. L-effetti sekondarji ta' strateġiji ta' pjanar aggressiv tal-persuna taxxabli bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni. Il-livell għoli ta' dividendi, royalties u pagamenti ta' imgħax li jsiru permezz tan-Netherlands jissuġġerixxi li r-regoli tat-taxxa tal-pajjiż huma użati minn kumpaniji li jinvolvu ruħhom f'ippjanar aggressiv tat-taxxa. Proporzjon kbir tal-istokk tal-investiment dirett barrani huwa miżmum mill-"entitajiet bi skop speċjali". In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq outbound royalties (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni għal residenti ta' pajjiż terz) u l-pagamenti ta' imgħax jista' jwassal biex dawk il-pagamenti jevadu t-taxxa kompletament, jekk huma wkoll mhux soġġetti

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

għat-taxxa fil-ġurisdizzjoni riċeventi. In-nuqqas ta' regoli kontra l-abbuż, speċjalment fil-każ ta' entitajiet ibridi, jista' jiffaċilita wkoll l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-impenn tan-Netherlands biex jiġġieldu kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa kif stabbilit fl-aġenda ta' riforma dwar it-tassazzjoni, inkluż taxxi minn ras il-ġhajn fuq pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties f'każ ta' abbuż jew ħlasijiet għal ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa, huwa pass importanti sabiex jinaqqas l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u għandu jiġi implimentat malajr u segwit mill-qrib. Skont skambji reċenti mal-awtoritajiet Netherlandiżi, il-Kummissjoni ser tkompli d-djalogo kostruttiv tagħha fil-ġlieda kontra l-istrategġiji tal-ippjanar tat-taxxa aggressivi.

- (10) Minkejja r-rata baxxa ta' qgħad u rati għolja ta' postijiet tax-xogħol battala, it-tkabbir tal-pagi nominali kien moderat għal 1,5 % fl-2017. Dan huwa taħt il-livell li seta' jkun mistenni bbażat fuq l-inflazzjoni, il-produttività u l-qgħad. Tkabbir moderat tal-pagi jista' jkun parzjalment marbut maż-żidiet bil-mod fil-produttività, impjegji vakanti fis-suq tax-xogħol u ż-żieda fis-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Fl-2017, il-Gvern adotta diversi miżuri fiskali, li jnaqqsu l-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol u jimmiraw għal żieda netta tad-dħul disponibbli ta' unità domestika ta' dawkl jaħdmu. Aktar tisħiħ tad-dħul disponibbli nett ta' unità domestika billi jinħolqu l-kundizzjonijiet biex jiġi promoss it-tkabbir tal-pagi u r-riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet sabiex tagħmilhom aktar trasparenti, aktar ġusti bejn il-ġenerazzjonijiet u aktar reżiljenti għax-xokkijiet iwasslu biex tiġi appoġġata d-domanda domestika u jikkontribwixxu għall-ibbilanċjar mill-ġdid fiż-Żona tal-Euro.
- (11) It-tkabbir reċenti fl-impjegji jista' jiġi attribwit fil-biċċa l-kbira tiegħu għal żieda fl-għadd ta' persuni impjegati b'kuntratti temporanji u l-persuni li jaħdmu għal rashom. Il-perċentwal għoli u li qed jiżdied ta' kuntratti temporanji kif ukoll iż-żieda rapida ta' persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati magħhom jistgħu jiġu spjegati fil-kuntest tad-differenzi kbar fir-regolamenti li japplikaw għax-xogħol, fil-protezzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll tad-differenzi bejn il-ġurislażzjoni tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali. Għalkemm ittieħdu xi miżuri u riċentement ġew imħabbra xi oħrajn, xi wħud minn dawn il-fatturi għadhom jagħtu inċentivi finanzjarji lill-impjegati biex jibdeu jaħdmu għal rashom jew jiffavorixxu biex dawn jiġu ingaġġati b'kuntratt temporanju. Barra minn hekk, l-infurzar ta' miżuri li jindirizzaw l-impjegati indipendenti fittizji ġie sospiż sal-2020. Il-persuni li jaħdmu għal rashom bosta drabi ma jkunux assigurati biżżejjed kontra d-diżabbiltà, il-qgħad u x-xjuħija. Dan jista' jaffettwa s-sostenibbiltà tas-sistema tas-sigurtà soċjali fuq medda twila ta' żmien.
- (12) Minkejja suq tax-xogħol li jaħdem tajjeb b'mod ġenerali, għad hemm potenzjal mhux sfruttat tax-xogħol. B'mod partikolari l-għadd kbir ta' xogħol part-time tan-nisa u s-sitwazzjoni tal-impjeg ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni jibqgħu sfida importanti. Ir-rata ta' impjeg tal-migranti mhux imwiela fl-UE hija 20,6 punt perċentwali inqas minn dik għal persuni li twieldu fin-Netherlands, u differenza saħansitra ikbar għan-nisa li ma twieldux fl-UE.
- (13) Iż-żieda f'dawn l-aħħar snin fir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi seħħet parzjalment għax żdied l-iffrankar fit-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet (l-iskemi privati supplimentari obligatorji), li kkontribwixxa għalih l-ambjent regolatorju. It-tqassim intragenerazzjonali u interġenerazzjonali adegwat tal-ispejjeż u tar-riskji lil hinn mir-regoli adottati dwar l-indiċjar u l-ilqugħ finanzjarju (il-qafas ta' valutazzjoni finanzjarja) jgħin lill-unitajiet domestiċi biex jallokaw il-mezzi finanzjarji tagħhom b'modi li jgħinu aktar it-tkabbir. Il-Gvern ikkonferma l-intenzjoni tiegħu li jirrifirma b'mod sostanzjali t-tieni pilastru tal-pensjonijiet biex itejjeb il-kopertura u joħloq ambjent aktar trasparenti, aktar flessibbli u sistema statistikament aktar ġusta. Fir-rigward tas-sostenibbiltà fiskali, Rapport dwar it-Tixjijih tal-2018 jindika li hemm riskju medju għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul, billi l-infiq fil-kura fit-tul huwa pproġettat li jiżdied minn 3,5 % għal 6,0 % tal-PDG sal-2070.
- (14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tan-Netherlands u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiżi tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lin-Netherlands fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fin-Netherlands imma qieset ukoll il-grad tal-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri.
- (15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li n-Netherlands huma mistennija jikkonformaw mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (16) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li n-Netherlands jieħdu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Filwaqt li jiġi rrispettat l-objettiv fit-terminu medju, jużaw politiki fiskali u strutturali biex ikabbru l-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Jieħdu miżuri biex titnaqqas id-distorsjoni favur id-dejn għall-unitajiet domestiċi u d-distorsjonijiet li jifdal fis-suq tad-djar, b'mod partikolari billi jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-settur tal-kiri privat.
2. Inaqqsu l-inċentivi għall-użu ta' kuntratti temporanji u dawk li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li jippromwovu protezzjoni soċjali adegwata għal dawk li jaħdmu għal rashom, u jindirizzaw l-impjeg indipendenti fittizju. Joħolqu kundizzjonijiet biex jippromwovu aktar tkabbir fil-pagi reali, b'rispett tar-rwol tas-sħab soċjali. Jieħdu miżuri biex jagħmlu t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet aktar trasparenti, aktar ġust bejn il-ġenerazzjonijiet u aktar reżiljenti għax-xokkijiet.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Awstrija**

(2018/C 320/19)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Ġie kkunsidrat b'mod xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, proklamati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn l-Awstrija ma kinitx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽²⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnexjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Awstrija tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (2) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018 għall-Awstrija ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Awstrija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Awstrija lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (4) L-Awstrija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 fil-25 ta' April 2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018 fil-21 ta' Marzu 2018. Biex jitqiesu l-konnexjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Awstrija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2018, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit nominali se jitjieb minn 0,7 % tal-PDG fl-2017 għal surplus ta' 0,4 % tal-PDG fl-2022. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG sal-2017 — għandu jintlaħaq fl-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG hu mistenni li jonqos gradwalment minn 78,1 % tal-PDG fl-2017 għal 62,2 % tal-PDG fl-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli għall-2018, u plawsibbli wara. Ir-riskji ewlenin sottostanti għall-ippjanar baġitarju fit-terminu medju huma xi miżuri ta' politika diskrezzjonali previsti mill-2020, bħar-riforma mħabbra tat-taxxa fuq l-introjtu personali, li l-effetti baġitarji netti tagħha għadhom ma ġewx speċifikati sew.
- (7) Il-Programm ta' Stabbiltà jindika li l-impatt baġitarju marbut mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati kif ukoll mal-miżuri relatati mas-sigurtà huwa sinifikanti, u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa eliġibbli addizzjonali fl-2017 ammontat għal 0,03 % tal-PDG b'rabta mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati filwaqt li ma kienx hemm iktar spejjeż fuq miżuri relatati mas-sigurtà. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, minħabba l-fatt li l-influss ta' refuġjati kif ukoll il-gravità tat-treddida tat-terroriżmu huma ċirkustanzi mhux tas-soltu, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Awstrija huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju għall-2017 tnaqqas biex jitqiesu l-ispejjeż addizzjonali relatati mar-refuġjati u mas-sigurtà.
- (8) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda li l-Awstrija tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2018 ikun limitat għall-provvediment marbut mal-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u tal-miżuri relatati mas-sigurtà. Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali massima ta' nefqa primarja netta tal-gvern ta' 3,3 % fl-2018, ekwivalenti għal deterjorament permess fil-bilanċ strutturali ta' 0,2 % tal-PDG. Filwaqt li jitqiesu l-marġnijiet mogħtija, il-previżjoni tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2018 tindika riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-reqwizit fl-2018, u fl-2017 u fl-2018 flimkien.
- (9) L-Awstrija għandha tikseb l-għan baġitarju tagħha fit-terminu medju fl-2019, filwaqt li tqis il-marġnijiet marbuta mal-avvenimenti mhux tas-soltu li għalihom ingħatat devjazzjoni temporanja. Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali massima ta' nefqa primarja netta tal-gvern ta' 2,9 %, korrispondenti għal titjib fil-bilanċ strutturali ta' 0,3 % tal-PDG. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, jekk il-politiki ma jinbidlux, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dan ir-reqwizit għall-Awstrija fl-2019, minħabba d-devjazzjoni fl-2018 u l-2019 meta dawn jitqiesu flimkien. Fl-istess ħin, l-Awstrija hija prevista li tkun qrib b'0,1 % tal-PDG mill-objettiv fit-terminu medju tagħha fl-2019. Barra minn hekk, huwa previst li l-Awstrija tikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2018 u fl-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Awstrija għandha tkun lesta biex tiegħu miżuri ulterjuri biex tiżgura l-konformità fl-2018 u li miżuri ulterjuri neċessarji se jkun meħtieġa fl-2019 biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (10) Skont ir-rapport tal-2018 dwar it-Tixjiħ, iż-żieda proġettata fin-nefqa tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul tindika li hemm riskju medju għas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju u fit-tul. In-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet tal-Awstrija huwa oġġla mill-medja tal-Unjoni (13,8 % meta mqabbla ma' 11,2 % tal-PDG fl-2016) u hija mistennija li tiżied aktar sal-2070 (0,5 % kontra - 0,2 % tal-PDG). Riformi reċenti, pprovdew b'suċċess, inċentivi għall-irtirar iktar tard. Madankollu, mingħajr żieda fl-età statutorja tal-irtirar, l-akkumulazzjoni ulterjuri

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

ta' drittijiet għal benefiċċji matul il-ħajja tax-xogħol estiża ma ttejjibx is-sostenibbiltà fit-tul. Fl-età ta' 60 sena, l-età statutorja tal-irtirar tan-nisa hija wkoll fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. L-età statutorja tal-irtirar tan-nisa se taġġusta biss gradwalment mill-2024, u tinkiseb armonizzazzjoni mal-età statutorja tal-irtirar tal-irġiel biss fl-2033. B'mod ġenerali iż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar u r-restrizzjoni tal-irtirar bikri għandhom jiżguraw is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet fil-kuntest ta' tixjiħ demografiku.

- (11) In-nefqa fuq il-kura tas-saħħa pubblika hija oġhla mill-medja tal-Unjoni (7 % meta mqabbla ma' 6,8 % tal-PDG fl-2016) u hija mistennija li tiżdied aktar mill-medja tal-Unjoni (1,3 % kontra 0,9 % tal-PDG), u dan għandu jżid in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa għal 8,3 % tal-PDG sal-2070. In-nefqa fuq il-kura fit-tul hija proġettata li tirdoppja minn 1,9 % għal 3,8 % tal-PDG sal-2070. L-introduzzjoni tal-limiti tan-nefqa permezz tal-Liġi dwar l-Ugwalizzazzjoni Finanzjarja tal-2017 u r-riforma dwar it-tiħiħ tal-kura tas-saħħa primarja kif ukoll it-tnaqqis tad-dipendenza fuq is-settur tal-isptarijiet bdew jindirizzaw il-kwistjoni tas-sostenibbiltà. Madankollu, l-għadd persistentement għoli ta' aġenziji tal-assigurazzjoni tas-saħħa jipprovdni indikazzjoni ta' ffrankar potenzjali ulterjuri fl-ispejjeż ta' governanza u amministrattivi. B'żieda ma' dan, proċeduri tal-akkwist pubbliku iktar effettivi (pereżempju proċeduri għall-offerti mill-Unjoni kollha, l-użu ta' kriterji ta' aġġudikazzjoni oħra minbarra l-prezz u l-aggregazzjoni transreġjonali tal-offerti) jistgħu jtejjbu l-kwalità u l-kosteffiċjenza. Fil-qasam tal-kura fit-tul, miżuri ta' politika reċenti bħad-deċiżjoni tal-abolizzjoni tar-rikors għall-assi privati ta' persuni biex jiffinanzjaw il-kura fit-tul ta' pazjenti rikoverati huma mistennija jżiedu, iktar milli jillimitaw, in-nefqa f'dan il-qasam.
- (12) Il-Liġi tal-Ugwaljanza Finanzjarja tal-2017 ikkontribwixxiet biex tissimplifika r-relazzjonijiet fiskali bejn il-livelli differenti tal-gvern billi tat bidu għal finanzjament orjentat lejn il-funzjonijiet, is-simplifikazzjoni tad-distribuzzjoni ta' trasferimenti intergovernattivi, u l-assenjazzjoni ta' sors proprju ta' dħul għall-Istati. Madankollu, minkejja dawn l-isforzi ta' riforma, il-qafas fiskali għadu opak u d-diskrepanza sinifikanti bejn ir-responsabbiltajiet għan-nefqa u għall-ġbir tad-dħul għadha tippersisti, u dan jipprovdni inċentivi dgħajfa biex tiżdied l-effiċjenza fil-livell sottonazzjonali.
- (13) Minkejja r-riforma tat-taxxa tal-2016, il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol għadu għoli u huwa mistenni li jiżdied b'mod gradwali maż-żmien jekk il-kategoriji tat-taxxa ma jiġux indiċjati skont l-inflazzjoni. Dawk bi dħul oġhla bbenefikaw minn riforma relattivament ħafna aktar milli dawk bi dħul baxx u l-piż tat-taxxa għal dawk bi dħul baxx għadu għoli. Ir-riforma tat-taxxa bbenefikat ukoll lill-irġiel aktar milli lin-nisa. Min-naħa l-oħra, sorsi ta' dħul jitqiesu li huma inqas detrimental għat-tkabbir, bħat-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, jidhru mhux uttilizzati biżżejjed, l-iktar minħabba bażi tat-taxxa li fil-biċċa l-kbira għadha żmienha. Id-dħul mit-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà fl-Awstrija huwa baxx ħafna, u jammonta għal 0,2 % tal-PDG meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 1,6 % tal-PDG fl-2016. Billi tisposta l-piż tat-taxxa mix-xogħol għal sorsi ta' dħul inqas detrimental jista' jgħin biex tiġi indirizzata din il-problema.
- (14) Is-suq tax-xogħol jaħdem tajjeb, madankollu, għad baqa' sfidi għal gruppi speċifiċi, (pereżempju, nisa u persuni bi sfond ta' migrazzjoni). Minkejja r-rata għolja ġenerali ta' nisa f'impjieg, l-eżiti tas-suq tax-xogħol f'termini ta' impjieg full-time jibqgħu pjuttost dgħajfa. Ir-rata ta' impjieg part-time tan-nisa (20-64 sena), 47,9 % fl-2017, tibqa' fost waħda mill-oġhla fl-Unjoni (medja tal-Unjoni: 31,1 %). Il-kwistjonijiet relatati mal-aċċess għall-indukrar tat-tfal formali, inkluż b'mod partikolari barra miż-żona urbana, jikkontribwixxu għal dan l-eżitu. Is-sehem għoli ta' nisa f'impjieg part-time, li huwa fil-parti l-kbira r-riżultat ta' nisa li jwettqu ħidma importanti li bla ħlas bħall-indukrar tat-tfal u l-familjari, kif ukoll qligħ iktar baxx għal impjieg imħallas bis-siegħa, jikkontribwixxu għal diskrepanza għolja b'mod persistenti bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa. Dan tal-aħħar għandu impatt dirett fuq l-akkumulazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni tan-nisa, li jirriżulta f'diskrepanza kbira fil-pensjoni.
- (15) Ir-riżultati tat-tagħlim għal studenti żvantaġġati ma tjbux. Għad fadal distakk wiesa' fil-prestazzjoni bejn l-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni u dawk mingħajru. Testijiet nazzjonali fl-2016 ikkonfermaw li madwar kwart tal-istudenti tat-tmien sena ma jissodisfawx jew jissodisfaw biss parzjalment l-istandards edukattivi fil-Ġermaniż. L-ittestjar internazzjonali reċenti kkonferma wkoll distakk dejjem jikber għal dawk li għandhom sfond soċjoekonomiku dgħajfef jew ta' migrazzjoni. Meta wieħed iqabbel ir-riżultati tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-2012 u tal-2015, il-proporzjoni ta' studenti li jkollhom riżultati baxxi żdied fit-tliet oqsma ewlenin li ġew mistħarrġa, jiġifieri fil-matematika, il-qari u x-xjenza. L-istudenti nattivi jkollhom prestazzjoni aqwa mill-migranti tal-ewwel ġenerazzjoni b'livell ekwivalenti għal kważi tliet snin ta' skola.
- (16) Filwaqt li l-produttività hija għolja fl-Awstrija, it-tkabbir tal-produttività kien dgħajfef matul dawn l-aħħar snin minkejja l-isforzi konsiderevoli tal-Awstrija, bħal pereżempju l-investment fir-R&Ż u t-titjib fil-qafas għal negozji ġodda. L-ingranaġġ li jibqa' għall-appoġġ tat-tkabbir tal-produttività huma relatati mad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, mat-tkabbir tal-kumpaniji u mal-kompetizzjoni fis-servizzi. L-Awstrija għandha ħafna ostakli għall-aċċess

u regoli restrittivi fuq l-eżerċitar ta' servizzi tan-negozju u fuq il-professjonijiet regolati. Dawn jinkludu rekwiżiti ta' parteċipazzjoni azzjonarja, attivitajiet riżervati estensivi u restrizzjonijiet interdixiplinari. Sforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-piżijiet u l-evalwazzjoni pplanata tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ tal-Awstrija (*Gewerbeordnung*) huma strumenti importanti biex jindirizzaw din il-kwistjoni.

- (17) Aktar kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi tista' tikkontribwixxi biex tindirizza l-isfidi tal-Awstrija fit-tixrid tat-teknoloġġi diġitali u tal-mudelli ta' negozju, b'mod partikolari fost intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Id-diġitalizzazzjoni ta' dawn l-intrapriżi hija partikolarment importanti fl-Awstrija minħabba li jiffirmaw is-sisien tal-ekonomija Awstrijaka. Inizjattivi bħal "KMU Digital" u "AT: net" u l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Diġitali għall-Awstrija huma importanti. Kwistjoni oħra tirrigwarda t-tkabbir tal-kumpaniji u b'mod partikolari ta' kumpaniji innovattivi ħafna. Finanzjament fi stadju iktar tard, bħall-forom ta' kapital ta' riskju u aċċess għas-swieq kapitali pubbliċi għat-tkabbir, huwa diffiċli. Kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir huma kruċjali għat-tixrid ta' teknoloġġi u ta' mudelli kummerċjali ġodda, inklużi dawk diġitali, u b'hekk għat-tkabbir tal-produttività.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Awstrija u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Awstrija fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Awstrija imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tikseb l-għan baġitarju fit-terminu medju fl-2019, filwaqt li tqis il-marġnijiet marbuta mal-avvenimenti mhux tas-soltu li għalihom ingħatat devjazzjoni temporanja. Tiżgura s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura fit-tul u tal-pensjoni, inkluż billi tiżdied l-età statutorja tal-irtirar u billi l-irtirar kmieni jiġi ristrett. Is-servizzi pubbliċi jsiru aktar effiċjenti, inkluż permezz tal-allinjament tar-responsabbiltajiet għall-finanzjament u għall-infiq.
2. Jitnaqqas il-porzjon tat-taxxa, b'mod partikolari għal dawk b'introjtu baxx permezz ta' bidla tal-piż tat-taxxa għal sorsi ta' dħul li jkunu ta' inqas ħsara għat-tkabbir. Ittejjeb l-eżiti tas-suq tax-xogħol għan-nisa. Titjib fil-ħiliet bażiċi għal żgħażaġh żvantaġġati u persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Appoġġ għat-tkabbir billi tistimula d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi u t-tkabbir tal-kumpaniji u billi tnaqqas l-ostakli regolatorji fis-settur tas-servizzi.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja għall-2018 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja għall-2018**

(2018/C 320/20)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Polonja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiżi tal-2018 dwar il-Polonja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Polonja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Polonja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (3) Fis-26 ta' April 2018, il-Polonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess ħin.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdi iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320).

- (5) Bħalissa l-Polonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2018, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali minn defiċit ta' 1,7 % tal-PDG fl-2017 għal 0,7 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju, defiċit ta' 1,0 % tal-PDG f'termini strutturali, mhux mistenni li jintlaħaq sal-2021, jiġifieri fil-Programm ta' Konverġenza. Il-bilanċ strutturali ⁽¹⁾ kkalkulat mill-ġdid juri defiċit ta' 1,3 % tal-PDG fl-2021. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos minn 50,6 % tal-PDG fl-2017 għal 50,4 % tal-PDG fl-2018 u għal 46,0 % sal-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa kawt fl-2018 u plawżibbli minn hemm 'il quddiem.
- (6) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill rakkomanda li l-Polonja tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali ta' nefqa primarja netta tal-gvern ⁽²⁾ ma taqbiżx 3,7 % fl-2018, ekwivalenti għal aġġustament annwali strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Fl-istess ħin, ġie ddikjarat li l-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tal-eżiti tal-baġit tal-2018 se jkollhom iqisu l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm biex jissaħħaħ l-irkupru li għaddej kif ukoll li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni kwalitattiva tas-setgħa tal-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-Polonja, filwaqt li qieset b'mod xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà tagħha. Fuq il-bażi ta' dan, ġie konkluż li ma jenħtieġx li jitqiesu elementi addizzjonali. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm ir-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament irrakkomandat fl-2018.
- (7) Fl-2019, fid-dawl tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' 1,5 % tal-PDG, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma jenħtieġx li taqbeż l-4,2 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li joriġina mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit fl-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2018 jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (8) Fit-terminu medju u fit-tul, il-Polonja se tiffaċċja pressjonijiet fuq in-nefqa f'diversi oqsma, b'mod partikolari marbutin mat-tixjib tal-popolazzjoni, li jirrikjedi mekkaniżmi ġodda biex jiġu vvalutati l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq pubbliku u biex tiġi ffaċilitata r-riallokazzjoni tar-riżorsi. Għal dan il-għan, il-Gvern beda l-ħidma fuq ir-riforma tal-proċess baġitarju, b'mod partikolari biex jissaħħaħ il-qafas baġitarju fit-terminu medju, u jiġu inkorporati l-analizzjiet tal-infiq fil-proċess baġitarju. Il-Polonja hija l-uniku Stat Membru mingħajr kunsill fiskali indipendenti żviluppat u mingħajr ebda pjanijiet biex jinħoloq wieħed, anki jekk istituzzjonijiet indipendenti eżistenti jkopru xi wħud mill-funzjonijiet tipikament issodisfati mill-kunsilli fiskali. Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 jidentifika li l-Polonja ma għamlet l-ebda progress biex tillimita l-użu estensiv ta' rati mnaqqs għal taxxa fuq il-valur miżjud. Madankollu, il-Ministeru tal-Finanzi Pollakk qed jaħdem biex għas-simplifikazzjoni dwar kif ir-rati applikabbli jiġu assenjati għall-oġġetti u s-servizzi.
- (9) Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol Pollakk kien b'saħħtu f'dawn l-aħħar snin u r-rati tal-impjiegi komplew jiżiedu. Madankollu, il-parteċipazzjoni ta' ċerti gruppi fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa, tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi u tal-anzjani, baqgħet baxxa meta mqabbla ma' Stati Membri oħra. Diversi miżuri ta' politika riċenti kellhom it-tendenza li jnaqqsu l-inċentiv għax-xogħol, speċjalment għal nisa u anzjani. Is-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Polonja ma tippovdix biżżejjed inċentivi għall-bidu ta' xogħol. Filwaqt li l-benefiċċji tat-tfal naqqsu l-faqar u l-inugwaljanza, diġà kellhom effett negattiv fuq il-parteċipazzjoni tal-ġenituri, l-aktar in-nisa, fis-suq tax-xogħol minħabba li d-daqs u t-test tal-mezzi limitat jinnewtralizzaw l-inċentivi tax-xogħol inkorporati f'benefiċċji soċjali oħra. Il-fatt li r-rata tar-reġistrazzjoni tal-indukrar formali tat-tfal għal tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin għadha fost l-aktar baxxa fl-Unjoni ikompli jostakola l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. L-appoġġ limitat disponibbli għall-persuni li jipprovdu l-kura fit-tul iżommhom milli jidħlu fis-suq tax-xogħol. It-tnaqqis fl-età statutorja tal-irtirar ħeġġet lil xi ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien biex joħorġu mid-dinja tax-xogħol. Il-migrazzjoni minn pajjiżi terzi qed tgħin biex tintlaħaq iż-żieda fid-domanda għal ħaddiema.
- (10) Rotta kumplimentari biex tappoġġa kemm il-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol u l-kapaċità innovattiva tal-ekonomija għandha tħejji lill-istudenti u lill-adulti b'ħiliet u kompetenzi adegwati li jappoġġaw l-impjiegi f'suq

⁽¹⁾ Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

⁽²⁾ In-nefqa primarja netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li huma korrisposti bis-sħiħ minn dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fuq in-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

tax-xogħol li qiegħed jinbidel rapidament. Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija ħafna aktar baxxa mill-medja tal-Unjoni. Dan, flimkien ma' ċerti nuqqasijiet fil-ħiliet diġitali, kif ukoll fil-ħiliet tal-litteriżmu u l-matematika, b'mod partikolari fost l-adulti b'edukazzjoni anqas minn terzjarja, qed ifixkel l-impjegabbiltà tagħhom. Sa liema punt il-miżuri ta' politika introdotti reċentement u għadhom ipplanati, bħal bidliet fl-organizzazzjoni tal-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni vokazzjonali u l-edukazzjoni oġhla, se jkollhom impatt fuq il-livelli tal-ħiliet għadu mhuwiex magħruf.

- (11) Il-Polonja kompliet tiegħu l-miżuri biex tindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol permezz ta' limitazzjoni tal-possibbiltà li l-impjegati temporanji jiġu abbużati, żieda fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fuq kuntratti tax-xogħol mhux standard u l-introduzzjoni ta' paga minima fis-siegħa għal xi wħud minn dawn il-kuntratti. L-għadd u s-sehem ta' kuntratti permanenti ilhom jiżdiedu sa minn tmien l-2016, madankollu is-sehem tal-kuntratti temporanji għadhom fost l-oġhla fl-Unjoni. Xi bidliet leġislattivi addizzjonali rilevanti għad-dualità fis-suq tax-xogħol jistgħu jiġu inklużi fil-Kodiċi tax-Xogħol riformat. Il-kopertura ta' sigurtà soċjali tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u li għandhom ċerti kuntratti mhux standard tirrappreżenta kwistjoni potenzjali, speċjalment mill-perspettiva tal-adeqwatezza tal-pensjonijiet futuri tagħhom. Fl-2015 ġew introdotti diversi miżuri biex itejbu l-kopertura tas-sigurtà soċjali ta' dawk li jaħdmu għal rashom u dawk impjegati b'kuntratti atipiċi.
- (12) L-età medja tal-irtirar żdiedet f'dawn l-aħħar snin, li jirrifletti r-riformi tal-passat, bħal tneħħija ta' għażliet ta' rtirar bikri u żieda gradwali tal-età statutorja tal-irtirar. Kontinwazzjoni ta' żieda fl-età effettiva ta' rtirar hija kruċjali għal tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, u biex tiġi żgurata l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet. Madankollu, it-tnaqqis riċenti tal-età statutorja tal-irtirar għal 60 sena għan-nisa u 65 sena għall-irġiel imur fid-direzzjoni opposta. Għall-kuntrarju, l-età tal-irtirar tal-imħallfin nisa u l-irġiel ta' qrati ordinarji kienet stabbilita għal 65, li huwa konformi mat-talba tal-Kummissjoni. Is-sistema tas-sigurtà soċjali speċjali għall-bdiewa, li qed tiġi ssussidjata għal spiża ta' madwar 1 % tal-PDG, hija fost ir-raġunijiet għal mobbiltà baxxa fis-suq tax-xogħol u l-qgħad mistur fl-agrikoltura.
- (13) Access aħjar għall-kura tas-saħħa u żieda fl-effikaċja tagħha huma meħtieġa sabiex jitjebu r-riżultati tas-saħħa fil-Polonja. Il-ħtiġijiet awtodikjarati u mhux issodisfati għall-kura medika jikklassifikaw fost l-oġhla fl-Unjoni, u ż-żmien ta' stennija għal ċerti interventi huma partikolarment twal. In-numru ta' sodod fl-sptarijiet huwa relattivament għoli u mhuwiex imqassam bl-aħjar mod ġeografikament. Il-kura tas-saħħa out-patient u dik primarja ġeneralment mhumix żviluppata biżżejjed, u t-tobba jkunu inċentivati biex jgħaddu l-investigazzjonijiet u t-trattamenti lil speċjalisti. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet joħloq pjuttost sfida, minħabba li l-livell ta' finanzjament pubbliku u l-għadd ta' tobba u infermiera f'ċerti speċjalizzazzjonijiet fil-Polonja huma ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Fl-2017, saru xi sforzi biex ir-riżorsi tal-kura tas-saħħa jitqassmu b'mod aktar effiċjenti, iżda l-effetti ta' dawn il-miżuri għad irid joħorġu.
- (14) Iż-żieda tal-kapaċità tal-ekonomija għall-innovazzjoni hija kruċjali biex il-Polonja tkun tista' tavanza fil-katina ta' valur mondjali, biex b'hekk ikun hemm sostenn tal-potenzjal biex jittejjbu l-istandards tal-għajxien. Dan jirrikjedi azzjoni ta' politika f'diversi oqsma fi proċess gradwali ta' diversi snin. L-oqsma ta' politika rilevanti prinċipali jinkludu l-bini tal-fiduċja fl-ambjent regolatorju, li jipprovi inċentivi għan-nefqa ta' negozju fuq ir-R&Ż, tisħiħ tal-bażi xjentifika, inkluż permezz ta' riformi tal-edukazzjoni terzjarja u l-inkoraġġiment għal fluss qawwi ta' għarfien u kooperazzjoni mill-qrib bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet ta' riċerka. Dan tal-aħħar jinvolvi wkoll l-iżgurar ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-kummerċjalizzazzjoni ta' riċerka, żviluppata u appoġġati minn fondi pubbliċi. Diġà ġew implimentati għadd ta' miżuri ta' politika f'dawn l-oqsma, u oħrajn huma pplanati mill-Gvern.
- (15) Il-pass mgħaġġel ta' bidla regolatorja u l-użu limitat ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u soċjali dwar numru ta' liġijiet ewlenin qed ikollhom impatt fuq il-kwalità tal-leġislażzjoni u qed iżidu l-inċertezza għan-negozji. Il-garanzija tal-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura huma essenzjali wkoll f'dan il-kuntest. Huwa mfakkar li f'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta motivata biex jiġi determinat li hemm riskju ċar ta' ksar serju mill-Polonja tal-istat tad-dritt. Iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà tal-politiki regolatorji, tat-taxxa u politiki oħra u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet huma fatturi importanti li jistgħu jippermettu żieda fir-rata tal-investment. Valutazzjonijiet tal-impatt solidi ex-ante u ex-post u konsultazzjonijiet pubbliċi mfassla tajjeb u soċjali u eżerċitati jistgħu jgħinu biex titjeb il-kwalità tal-leġislażzjoni, tiġi limitata l-ħtieġa għal emendi sussegwenti u b'dan il-mod tiżdied il-prevedibbiltà tal-ambjent regolatorju. Dan jista' jgħin ukoll biex jiġu limitati l-effetti sekondarji negattivi possibbli ta' liġijiet ġodda fi żmien qasir, bħal pereżempju ż-żieda temporanja fil-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw minn bidla fir-regolamenti tat-taxxa.

- (16) In-netwerk tat-toroq żviluppa b'mod mgħaġġel permezz tal-fondi tal-Unjoni, iżda r-rata ta' fatalità fit-toroq għadha fost l-ogħla fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-bliet qed jiffaċċjaw sfidi ta' mobbiltà li dejjem qed tikber, bħall-konġestjoni u t-tniġġis tal-arja li nħolqu biż-żieda tal-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri u s-sehem kbir ta' vetturi qodma. L-inċentivi attwali biex jintużaw mezzi ta' trasport kollettivi, b'emissjonijiet baxxi mhumieq biżżejjed biex jindirizzaw dawn l-isfidi. L-implimentazzjoni ta' proġetti ferrovjarji kko-finanzjati mill-Unjoni għadha tiffaċċja ostakli ewlenin prinċipalment minħabba l-kapaċità limitata fis-settur tal-kostruzzjoni u n-nuqqasijiet istituzzjonali tal-amministratur tal-infrastruttura ferrovjarja. Għalkemm il-Gvern qed jippjana aġġornament tad-dokument strateġiku rilevanti, attwalment hemm nuqqas ta' informazzjoni disponibbli fuq viżjoni strateġika għall-iżvilupp fit-tul tan-netwerks tat-trasport fil-modi kollha lil hinn mill-2023. Ir-rwoli rispettivi tagħhom se jkunu identifikati b'mod ċar u attribwiti f'dan id-dokument. Barra minn hekk, minkejja l-investimenti f'dawn l-aħħar snin, għadhom jippersistu ostakli u nuqqasijiet fin-netwerks tal-enerġija u fl-infrastruttura.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Polonja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Polonja fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Polonja iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx l-4,2 % fl-2019, li tikkorrispondi mal-aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Tieħu passi biex ittejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku, inkluż billi jitjieb il-proċess baġitarju.
2. Tieħu miżuri biex iżżid il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż billi ttejjeb l-aċċess għall-kura tat-tfal u trawwem ħiliet li huma rilevanti għas-suq tax-xogħol, speċjalment permezz ta' taġħlim għall-adulti, u tneħħi l-ostakli għal aktar tipi ta' impjiegi permanenti. Tiżgura s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet billi jittieħdu miżuri biex tiżdied l-età effettiva ta' rtirar u billi jiġu riformati l-iskemi preferenzjali tal-pensjonijiet.
3. Issaħħaħ il-kapaċità innovattiva tal-ekonomija, inkluż l-appoġġ għal kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet ta' rikerka. Ittejjeb l-ambjent regolatorju, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u soċjali effikaċi fil-proċess leġiżlattiv.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Portugall**

(2018/C 320/21)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Ħadet kont dovut tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Portugall bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih trid issir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnexxjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, jenħtieġ li l-Portugall jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) hawn isfel.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għall-Portugall ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Portugall biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Portugall lejn il-miri nazzjonali tiegħu tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha wkoll ġew ippubblikati fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Portugall għaddej minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, stokkijiet kbar ta' obligazzjonijiet esterni netti, dejn privat u pubbliku u proporzjon għoli ta' self improduttiv huma vulnerabbiltajiet f'kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività. Pożizzjoni prudenti tal-kont kurrenti

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

u li jinżammu l-kisbiet fil-kompetittività huma meħtieġa biex jiġi żgurat l-aġġustament tal-obbligazzjonijiet esterni netti. Il-proporzjon tad-dejn privat baqa' jonqos minn livelli għoljin minħabba li reġa' beda t-tkabbir nominali u flussi negattivi żgħar ta' kreditu, u d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa proġettat li qabad xejra 'l isfel, f'kuntest ta' bżonnijiet persistenti ta' diżingranaġġ. L-interventi fis-settur finanzjarju għenu biex jitnaqqsu r-riskji għall-istabbiltà, għalkemm il-banek baqgħu penalizzati minn profittabbiltà baxxa u stokk kbir (għalkemm qed jonqos) ta' self improduttiv. Biex ikun hemm prospetti aħjar fir-rigward tal-kompetittività, tad-diżingranaġġ u tat-tkabbir potenzjali huwa essenzjali li jkun hemm tkabbir akbar fil-produttività. Il-qgħad ilu jonqos b'pass mgħaġġel matul diversi snin. Għad fadal lakuni fil-politika, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati biex jitnaqqas l-għadd ta' self improduttiv u biex jitjeb l-ambjent tan-negozju. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' diversi pjanijiet ta' riforma, inkluż miżuri li jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u riformi fiskali strutturali biex titjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, se jkollhom bżonn jiġu mmonitorjati.

- (4) Fis-27 ta' April 2018, il-Portugall ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tiegħu. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jipproġetta xejra 'l isfel soda għad-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Portugall jinkludi impeni kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-terminu medju u jkopri l-isfidi identifikati fir-rapport tal-pajjiż 2018. B'mod partikolari, iħabbar il-miżuri fl-oqsma tal-kwalifiki u l-innovazzjoni, li jistgħu jtejjbu l-produttività u jżidu l-valur tal-esportazzjonijiet Portugiżi. L-istrateġija ppreżentat biex jitnaqqas is-self improduttiv flimkien mal-azzjoni għall-promozzjoni tal-kapitalizzazzjoni tad-ditti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tas-sitwazzjoni tad-dejn tal-ekonomija Portugiża u tnaddaf il-karti tal-bilanċ tal-banek. B'kollox, l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi ppreżentati għandha tinfed il-korrezzjoni tal-iżbilanċi.
- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa l-Portugall qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn tranżizzjonali. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2018, il-Portugall qed jippjana li jilħaq defiċit nominali ta' 0,7 % tal-PDG u ta' 0,2 % tal-PDG fl-2018 u fl-2019, rispettivament, u li jtejjbu aktar għal surplus ta' 1,4 % tal-PDG fl-2021. Dawn il-pjanijiet ma jinkludux l-impatt potenzjali li jżid id-defiċit tal-miżuri ta' appoġġ għall-banek mill-2019 'il quddiem. Hu ppjanat li l-objettiv baġitarju fit-terminu medju – surplus strutturali ta' 0,25 % tal-PDG – irid jintlaħaq sal-2020. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jipproġetta li d-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG jilħaq 122,2 % fl-2018 u 118,4 % fl-2019, li mbagħad ikun ta' 107,3 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma msejsa dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli għall-2018, iżda favorevoli għas-snin ta' wara. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu sostnuti l-miri ppjanati b'rabta mad-defiċit mill-2018 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed.
- (7) Il-Programm ta' Stabbiltà 2018 tal-Portugall jindika li l-impatt baġitarju tan-nirien fil-foresti fuq skala kbira li sehew fl-2017 kien sinifikanti u jeħtieġ evidenza adegwata tal-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. B'mod partikolari, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jindika li l-baġit 2018 jinkludi nefqa eċċezzjonali li tammonta għal madwar 0,07 % tal-PDG fir-rigward ta' miżuri preventivi għall-protezzjoni tat-territorju nazzjonali kontra n-nirien fil-foresti. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 jistabilixxi nefqa relatata mal-ġestjoni tal-emerġenzi, ikklassifikata bħala miżuri ta' darba, u għall-prevenzjoni. Minħabba n-natura integrata ta' dawn in-nefġiet u minħabba r-rabta diretta man-nirien fil-foresti fuq skala kbira tal-2017, it-trattament speċifiku tan-nefqa tal-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti għandu jkun ikkunsidrat f'applikazzjoni tal-"klausola ta' avveniment mhux tas-soltu". Skont il-Kummissjoni, in-nefqa addizzjonali eliġibbli fl-2018 tammonta għal 0,07 % tal-PDG għal miżuri preventivi. Il-provvedimenti stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, minħabba li nirien fil-foresti fuq skala kbira bla preċedent huma meqjusa avvenimenti mhux tas-soltu, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Portugall huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx kompromess jekk tingħata devjazzjoni temporanja mit-triq ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Valutazzjoni finali, inkluż dwar ammonti eliġibbli, se jsir fir-rebbiegħa 2019 abbażi tad-data osservata għall-2018 kif approvduti mill-awtoritajiet Portugiżi.

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (8) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lill-Portugall biex jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ⁽¹⁾ ma teċċedix 0,1 % fl-2018, u dan jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' mill-anqas 0,6 % tal-PDG. Fl-istess waqt, ġie ddikjarat li l-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-risultati baġitarji tal-2018 se jkollhom bżonn iqisu kif dovut l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li għaddej kif ukoll għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-saħħa tal-irkupru fil-Portugall, filwaqt li tqisu b'mod xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà tiegħu, li twettqet fil-kuntest tal-opinjoni tagħha dwar l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 tal-Portugall, ma jeħtieġ li jitqies l-ebda element addizzjonali f'dan ir-rigward. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat fl-2018 u matul l-2017 u l-2018 meħuda flimkien.
- (9) Fl-2019, bil-ħsieb ta' dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG ta' aktar minn 60 % u marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni pproġettata ta' 1,3 % tal-PDG tal-Portugall, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett jinħtieġ li ma taqbiżx il-0,7 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jekk il-linji politiċi ma jinbidlux, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2019 u matul l-2018 u l-2019 meħuda flimkien. Fl-istess ħin il-Portugall huwa previst li se jikkonforma mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2018 u fl-2019. Kolloxx ma' kolloxx il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2018 'il quddiem ser ikunu meħtieġa miżuri sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-użu ta' kwalunkwe dħul mhux previst biex jitnaqqas iktar il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika jkun rispons prudenti.
- (10) L-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku jiddependi fuq konsolidazzjoni fiskali sostenibbli permezz ta' titjib strutturali fil-finanzi pubbliċi, li jrid jinkiseb permezz ta' għbir aktar b'qawwi tad-dħul u kontrolli fuq l-infiq. Biex jitjiebu l-kontrolli fuq l-infiq, huwa kruċjali li jkun hemm infurzar effettiv tal-liġi tal-kontroll tal-impjenji, implimentazzjoni f'waqtha u stretta tal-liġi qafas tal-baġit u analiżi tal-infiq u l-isforzi ta' razjonalizzazzjoni kontinwi. L-ippjanar u l-implimentazzjoni baġitarji għadhom ta' sfida konsiderevoli partikolarment fis-settur tas-saħħa, fejn il-ħlasijiet tard (arretrati) għadhom wisq, u dan jindika wkoll dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-kontabilità u tal-prassi manijerjali. Għal konsolidazzjoni fiskali sostenibbli, jenħtieġ li jiġu indirizzati l-ispejjeż għoljin marbutin max-xjuħija u li qed jiżdiedu. Fit-terminu medju, riskji fiskali akbar relatati max-xjuħija huma mistennija li jkunu marbutin mal-ispejjeż tal-finanzjament tal-pensjonijiet, filwaqt li l-ispejjeż relatati mas-saħħa se jżidu l-pressjoni fit-terminu twil. Passi biex titjeb is-sostenibbiltà fit-terminu medju tas-sistema tal-pensjonijiet, flimkien ma' strateġija komprensiva biex jiġu indirizzati l-ispejjeż marbuta mas-saħħa tax-tixjiħ għandhom jgħinu biex daww ir-riskji jiġu indirizzati.
- (11) B'mod simili, il-kontroll tan-nefqa, il-ġestjoni tad-dejn u t-titjeb tas-sostenibbiltà kumplessiva finanzjarja tal-impriżi tal-Istat jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-titjib strutturali tal-finanzi pubbliċi. Għalkemm id-dħul nett kumplessiv għadu negattiv, ir-risultati operazzjonali tal-intrapriżi tal-istat ġeneralment tjiebu f'dawn l-aħħar snin, għajr fis-settur tas-saħħa, fejn marru għall-aġġar. Total tad-dejn mhux konsolidat tal-korporazzjonijiet pubbliċi inkluż fl-amministrazzjoni pubblika wkoll għadu għoli, ta' 18,3 % tal-PDG fi tmien l-2017. Qed jibdeu jintużaw miżuri biex jitjeb il-monitoraġġ tal-intrapriżi tal-istat, iżda l-impatt tagħhom għadu jrid jidher. Ġestjoni kontinwa tad-dejn u pjan ta' rikapitalizzazzjoni tal-intrapriżi tal-istat għandu jnaqqas id-dejn u jbaxxi l-kostijiet tal-imgħax, iżda inċentivi tajba jistgħu jissaħħu billi jiġi żgurat qafas prevedibbli u trasparenti għal trasferimenti baġitarji limitati.
- (12) L-irkupru tas-suq tax-xogħol Portugiż għadu għaddej, f'konformità mal-prestazzjoni ekonomika aħjar. L-ekonomija żiedet aktar minn 150 000 impjieg fl-2017 u r-rata tal-impjieg (bejn l-20 u l-64 sena) zdediet sa 73,4 % fl-2017, lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Ir-rata tal-qgħad naqset b'mod konsiderevoli u issa hija inqas mill-medja taż-żona tal-euro. Ir-rata tal-qgħad fit-tul naqset b'mod rapidu, għalkemm għadha relattivament għolja. Barra mill-politiki attivi tas-suq tax-xogħol fis-seħħ, l-eżenzjonijiet mis-sigurtà soċjali u servizz pubbliku tal-impjieg li huwa ta' mudell tal-appoġġ personalizzat għal daww li qed ifittxu impjieg, il-Portugall qiegħed jimplimenta wkoll punti ta' waqfa waħda għall-impjieg fl-2018. Dan jista' jkollu rwol ewlieni biex il-miżuri ta' attivazzjoni jilhqqu firxa usa'. L-indikaturi tal-faqar u tal-inugwaljanza komplew jitjiebu wkoll. Ir-rata "ta' daww

(1) In-nefqa primarja netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li huma korrisposti bis-sħiħ minn dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fuq in-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali” komplot toqrob lejn il-medja tal-Unjoni u s-sehem tal-introjtu ta' daww l-aktar fqar, 20 %, żdied mill-2015 'l hawn. Madankollu, il-livell tal-inugwaljanza tal-introjtu għadu għoli. Barra minn hekk, l-effettività tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) biex jaqilgħu lin-nies mill-faqar hija baxxa, l-adegwatezza tal-iskema tal-introjtu minimu (għalkemm aħjar) għadha limitata u l-affordabbiltà tad-djar hija sfida dejjem tikber għal familji bi dħul baxx.

- (13) Minkejja żieda sinifikanti fl-għadd ta' impjegati permanenti fl-2017, il-proporzjon ta' impjegati temporanji għadu stabbli għal 22 %, u dan huwa wieħed mill-ogħla livelli fl-Unjoni. Fl-2017, madwar 82 % tal-impjegati temporanji kienu f'din is-sitwazzjoni kontra qalbhom. Filwaqt li għadd dejjem akbar ta' persuni qed jiċċaqalqu minn impjegati temporanji għal wieħed permanenti, il-kuntratti temporanji baqgħu n-norma għall-persuni qiegħda li jsibu impjegati. Barra minn hekk, id-distakk (diġà wiesgħa) fil-pagi bejn l-impjegati temporanji u daww permanenti kiber matul il-kriżi. Miżuri biex jipromwovi l-ħolqien ta' impjegati permanenti (pereżempju *Contrato-Emprego*) u eżenzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet soċjali għal min jimpjega persuni minn gruppi vulnerabbli kienu effettivi iżda ma kellhomx biżżejjed kopertura. Xi aspetti tal-leġislazzjoni tal-protezzjoni tal-impjegati u ineffiċjenzi fil-proċeduri tal-qrati jistgħu jiskoraġġixxu r-reklutaġġ b'kuntratti indefiniti. Madankollu, ma hemm l-ebda azzjoni attwali ppjanata biex tirrieżamina l-qafas legali tas-sensji. Il-Gvern qed jippjana miżuri biex jindirizza s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol permezz ta' diskussjoni tripartitika mal-išhab soċjali.
- (14) Il-livelli kumplessivi tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol adulta għadhom fost l-aktar baxxi fl-Unjoni u jxekklu l-potenzjal tal-innovazzjoni u tal-kompetittività tal-pajjiż. Dawn jinkludu l-ħiliet diġitali: fl-2017, kienu biss 50 % ta' -ċittadini ta' bejn is-16-il sena u l-74 sena li kellhom ħiliet diġitali bażiċi jew aħjar (kontra l-medja tal-Unjoni ta' 57 %). Qed jiġu introdotti programmi f'dan ir-rigward (b'mod partikolari *Qualifica* u l-inizjattiva tal-kompetenzi diġitali nazzjonali *Incode 2030*), iżda l-effettività tagħhom f'li jtejbju l-ħiliet bażiċi tal-ħaddiema (numeriċi, litterali u diġitali) u fl-aħħar mill-aħħar jgħollu l-produttività se jiddependu fuq il-kopertura u l-kwalità tat-taħriġ offrut, jiġifieri jmorru lil hinn mir-rikonoxximent tal-ħiliet. Filwaqt li l-evidenza turi li ż-żidiet ta' dan l-aħħar fil-paga minima (li jammontaw għal żieda kumulattiva ta' 18,3 % mill-2014) ma xelkx ir-rata tal-impjegati fost il-ħaddiema bi ftit ħiliet, iż-żieda sostanzjali fl-għadd ta' impjegati koperti, sa 20,4 % fit-tielet kwart tal-2017, irriżultaw f'żieda tal-kompresjoni tal-pagi. Dan jhedded li jnaqqas primjum tal-pagi tal-ħiliet, b'mod partikolari bejn lill-ħaddiema bi ftit ħiliet u daww b'ħiliet medji u b'hekk jitnaqqsu l-inċentivi għal persuni b'livell baxx ta' ħiliet biex jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-Gvern qed jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi fil-paga minima flimkien mas-šhab soċjali.
- (15) It-tluq bikri mill-iskola għadu ogħla mill-medja tal-Unjoni, iżda qabad xejra 'l isfel fit-terminu twil, parzjalment bis-saħħa ta' miżuri li qed jiġu implimentati biex jinkoraġġixxu għas-suċċess edukattiv u jnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola. L-eżiti edukattivi għadhom jitjiebu, iżda hemm tħassib dwar l-ekwiżità peress li l-proporzjonijiet ta' daww li jiksbu biss livelli batuti jvarjaw b'mod sinifikanti bejn il-kwartili soċjoekonomiċi baxxi u daww għoljin. Daww li jiksbu edukazzjoni terzjarja (età bejn 30 u 34 sena) naqsu minn 34,6 % fl-2016 għal 33,9 % fl-2017, ferm taħt il-mira nazzjonali ta' 40 % sal-2020. Minkejja l-livell għoli ta' impjegabbiltà tax-xjenza, tal-ingerinija, tat-teknoloġija u tal-gradwati fil-matematika, huma biss ftit daww l-istudenti li jidħlu f'dawn l-oqsma.
- (16) Minkejja l-iżviluppi pożittivi fis-Sistema Portugiża għar-Riċerka u l-Innovazzjoni f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari f'termini ta' kwantità u kwalità tar-riżorsi umani u produzzjoni xjentifika, kumplessivament fadal ostakli sinifikanti fil-ħolqien ta' kultura u ta' kundizzjonijiet abilitanti għal kooperazzjoni akbar bejn id-dinja akkademika u l-impriżi. Dawn jinkludu ostakli għat-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija, għall-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka kif ukoll għax karrera fir-riċerka ma tinentivax biżżejjed riċerkaturi biex jespjoraw direzzjonijiet ta' "riċerka intraprenditorjali" u l-opportunitajiet għal kollaborazzjoni mal-industrija. Żieda fis-sensibilizzazzjoni u ċ-ċarezza tal-proprietà intellettwali fir-relazzjoni bejn l-akkademja u d-dinja tan-negożju tista' tikkontribwixxi biex jonqos il-ħin tal-eżekuzzjoni tal-objettivi kuntrattwali, il-monetizzazzjoni ekonomika tal-għarfien xjentifiku kif ukoll il-potenzjal ekonomiku tagħhom.
- (17) Strateġija komprensiva għal tnaqqis aktar mgħaġġel tal-assi improduttivi qiegħda tiġi implimentata. Dan għen biex il-proporzjon ta' self improduttiv jonqos minn 17,2 % tas-self gross fl-aħħar tal-2016 għal 13,3 % fir-raba' kwart tal-2017. Is-self korporattiv improduttiv huwa ta' tħassib partikolari, peress li dan huwa responsabbli għal madwar żewġ terzi tal-istokk totali tas-self improduttiv; il-proporzjon ta' self korporattiv improduttiv għadu għoli fil-livell ta' 25,2 % tas-self gross. Is-soluzzjoni tal-assi ħżiena hija essenzjali biex tillibera l-provvista ta' kreditu għal investimenti ġodda u għat-tkabbir sostenibbli. Madankollu, il-proċeduri għal ditti mhux solventi u swieq sekondarji illikwidati għall-assi ħżiena għadhom ta' tfixkil sinifikanti biex jitnaqqas il-proporzjon tas-self improduttiv. Għalkemm żidiet fil-kapital, flimkien mal-isforzi li għaddejjin biex jitnaqqsu l-kostijiet, u xi żviluppi pożittivi aktar reċenti dwar is-self improduttiv, qed itejbu l-prospetti tas-settur finanzjarju, l-profitabbiltà għadha baxxa, l-iskopertura għad-dejn sovrana għolja u l-bafers kapitali dgħajfa.

- (18) L-aċċess għall-finanzjament għadu sfida ewlenija għall-ekonomija Portugiża. Il-kisba ta' aċċess stabbli għall-finanzjament, u b'mod partikolari għal kapital ta' ekwità, hija meqjusa bħala waħda mill-isfidi ewlenin għall-intrapriżi Portugiżi, u hija amplifikata mill-perssonijiet tad-diżingranaġġ. F'termini relattivi, sorsi alternattivi ta' finanza għadhom fitit li xejn rilevanti. Fis-snin reċenti, tnedew programmi u linji ta' kreditu ġodda, flimkien ma' aktar simplifikazzjonijiet tal-ambjent kummerċjali, iżda għad hemm lok għal titjib. Fl-istess ħin, għalkemm qed jonqsu, is-self improduktiv u d-dejn korporattiv għadhom għoljin u allokkazzjoni aħjar tal-kapital lejn ditti aktar produttivi tkun ta' benefiċċju għall-ambjent tal-investiment.
- (19) Minkejja progress fl-introduzzjoni ta' simplifikazzjoni amministrattiva għal kwistjonijiet trasversali li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u tan-negozji, ostakli regolatorji u amministrattivi speċifiċi għas-setturi għadhom ixejjel l-investiment u l-allokkazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Ħeġġa ġdida fil-flussi tax-xogħol proċedurali billi jittqassu l-iskadenzi għat-teħid tad-deċiżjonijiet, derogar mill-prinċipju tal-approvazzjoni taċita f'każijiet limitati ħafna biss u s-sostituzzjoni tal-iskemi ta' awtorizzazzjoni li jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' dokumenti multipli b'"dikjarazzjonijiet responsabbli" huma riformi f'setturi speċifiċi tasew meħtieġa f'dan ir-rigward. Imposti amministrattivi fis-settur tal-kostruzzjoni għandhom jinġiebu fi proporzjon mal-ispejjeż reali. Filwaqt li l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku għadha limitata, il-Kodiċi rivedut tal-Akkwist Pubbliku jimmira lejn li jipromwovi t-trasparenza, il-kompetizzjoni u l-ġestjoni aħjar tal-kuntratti pubbliċi. L-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda għandha tkun immonitorjata, inkluż l-impatt tar-regoli aktar stretti dwar l-użu tal-aġġudikazzjonijiet diretti. Għalkemm is-sistema ġudizzjarja Portugiża qed tkompli ttejjeb l-effiċjenza tagħha, it-tul tal-proċedimenti fil-qrati amministrattivi għadu problema. Barra minn hekk, il-korruzzjoni u n-nuqqas ta' trasparenza għadhom perċepiti min-negozji bħala oqsma ta' tħassib. Filwaqt li kompla l-progress fir-rigward tal-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni, sforzi biex titjeb il-kultura tal-integrità fl-istituzzjonijiet pubbliċi s'issa għadhom ma wrewx riżultati suffiċjenti.
- (20) Ftut li xejn saru riformi regolatorji mill-programm ta' assistenza finanzjarja 'l hawn, u dan waqqaf jew xi drabi anki reġġa' lura riformi miftiehma f'dak il-kuntest. Il-gruppi korporattivi huma pprojbiti milli jipprovdu diversi servizzi professjonali. Id-digriet li jirregolaw ċerti servizzi kummerċjali professjonali, b'mod partikolari s-servizzi legali, huma inqas ambizzjużi mil-liġi qafas f'aspetti deċiżivi, bħal pereżempju, il-forma ġuridika, il-parteċipazzjoni azzjonarja, il-ġestjoni, ir-reklamar u l-prattiki multidixxiplinari. Riforma fl-awtorizzazzjoni u fir-reġistrazzjoni tal-fornituri ta' servizzi tal-kostruzzjoni fitit li xejn ġiet ikkomentata minn tħaffif tal-kontrolli tas-servizzi ta' installazzjoni u tal-kontrolli tal-bini.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Portugall u ppubblikatha fir-rapport speċifiku tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Portugall fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Portugall, iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur.
- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (23) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn nru (1) sa (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall jieħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix 0,7 % fl-2019, u dan jikkorrispondi ma' aġġustament strutturali annwali ta' mill-anqas 0,6 % tal-PDG. Juża d-dħul mhux mistenni biex id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG jonqos aktar malajr. Isaħħaħ il-kontroll tal-infiq, il-kosteffettività u l-ibbaġitjar adegwat, b'mod partikolari fis-settur tas-saħħa, b'enfasi fuq it-tnaqqis tal-arretrati fl-isptarijiet. Itejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tal-impriżi tal-Istat, b'mod partikolari billi jiżdied id-dħul nett kumplessiv tagħhom u billi jnaqqas id-dejn.
2. Jipromwovi ambjent li jħeġġeġ ir-reklutaġġ b'kuntratti indefiniti, inkluż billi jirrieżamina l-qafas ġuridiku f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Iżid il-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni adulta, inkluż il-litteriżmu diġitali, billi jsaħħaħ u jifrex aktar il-kopertura tal-komponent tat-taħriġ fil-programmi tal-kwalifiki għall-adulti. Iżid l-għadd ta' daww li jidħlu għal edukazzjoni għolja, speċjalment fl-oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Iżid l-effiċjenza tal-proċedimenti tal-insolvenza u tal-irkupru u jnaqqas it-tfixkil għas-suq sekondarju tas-self improduttiv. Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għan-negozji. Inaqqas il-piż amministrattiv billi jqassar l-iskadenzi proċedurali, billi juża aktar l-approvazzjoni taċita u jnaqqas ir-rekwiżiti ta' preżentazzjoni ta' dokumenti. Ineħħi r-restrizzjonijiet regolatorji persistenti billi jiżgura implimentazzjoni xierqa tal-liġi qafas għall-professjonijiet regolati ħafna. Iżid l-effiċjenza tal-qradi amministrattivi, fost l-oħrajn billi jnaqqas it-tul tal-proċedimenti.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija tal-2018**

(2018/C 320/22)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Rumanija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport dwar il-pajjiż tal-2018 għar-Rumanija ġie ppublikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tar-Rumanija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽²⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Rumanija lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (3) Fl-10 ta' Mejju 2018, ir-Rumanija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2018 u fil-14 ta' Mejju 2018, il-Programm ta' Konverġenza 2018 tagħha. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (5) Bħalissa r-Rumanija tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2018, il-Gvern jippjana defiċit nominali ta' 2,95 % tal-PDG fl-2018, u li wara dan it-tnaqqis gradwali tiegħu, għal 1,45 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju, defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG, mhuwiex mistenni li jintlaħaq sal-2021, li huwa t-tmiem tal-perjodu tal-programm. Il-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid huwa mistenni li jilħaq it-2,1 % fl-2021. Skont il-Programm ta' Konverġenza, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jilħaq l-40 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. Barra minn hekk, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri pplanati tad-defiċit ma ġewx speċifikati biżżejjed.
- (6) Fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") li fl-2016 seħħet devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv fit-terminu medju fir-Rumanija. Fl-isfond tad-devjazzjoni sinifikanti stabbilita, fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lir-Rumanija biex tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ⁽¹⁾ ma taqbiżx it-3,3 % fl-2017, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Fil-5 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill osserva li r-Rumanija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 u għaldaqstant ħareġ rakkomandazzjoni riveduta. Fir-rakkomandazzjoni l-ġdida, il-Kunsill talab lir-Rumanija biex tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata nominali ta' tkabbir tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx it-3,3 % fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,8 % tal-PDG. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill ⁽²⁾ osserva li r-Rumanija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-5 ta' Diċembru 2017. Fuq il-bażi tad-data tar-riżultati tal-2017 instab li r-Rumanija kienet f'devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat fl-2017.
- Fuq il-bażi tal-Artikolu 121(4) TFUE u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, fit-23 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni ħarġet twissija lir-Rumanija li fl-2017 ġiet osservata devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill ⁽³⁾ adotta Rakkomandazzjoni sussegwenti li tikkonferma l-ħtieġa li r-Rumanija tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata nominali ta' tkabbir tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx it-3,3 % fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,8 % tal-PDG. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbieġha tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni minn din ir-rakkomandazzjoni fl-2018.
- (7) Rigward l-2019, fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lir-Rumanija biex tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata nominali ta' tkabbir tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx il-5,1 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,8 % tal-PDG. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbieġha tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit fl-2019. Barra minn hekk, il-previżjoni tar-rebbieġha tal-2018 tal-Kummissjoni tippredvi defiċit tal-gvern ta' 3,4 % u 3,8 % tal-PDG għall-2018 u l-2019, ogħla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. B'mod globali, il-Kunsill huwa tal-fehma li mill-2018 se jkunu meħtieġa miżuri sinifikanti ulterjuri biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, minħabba prospettiva fiskali li qed tmur pjuttost għall-ahar, konformi mar-rakkomandazzjoni indirizzata lir-Rumanija fit-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju.
- (8) L-ippjanar baġitarju tar-Rumanija jinjora b'mod regolari l-preskrizzjonijiet tal-qafas fiskali tagħha, minkejja l-ħtieġa għal politika fiskali responsabbli. Il-liġi dwar ir-responsabbiltà fiskali tar-Rumanija tittrasponi l-Patt Fiskali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ir-regoli huma mfasla tajjeb iżda fil-prattika huma sikwit injorati. Fl-2016, id-defiċit strutturali żdied 'il fuq mill-objettiv fit-terminu medju, bi ksur tar-regola tad-defiċit. Iż-żewġ baġits tal-2017 u tal-2018 immiraw lejn defiċit nominali ta' madwar 3 % tal-PDG, li jimplika deterjorament tal-bilanċ strutturali kontra r-regola. Iż-żewġ emendi tal-baġit li saru fl-2017 ma kinux konformi mar-regoli li jipprojbixxu żidiet tal-limiti massimi tad-defiċit nominali u primarji u żidiet fil-persunal u n-nefqa totali tal-gvern matul is-sena fiskali rispettivament. Barra minn hekk, bħall fi snin preċedenti, fl-2017 l-aġġornament tal-istrategġija fiskali nġhata lill-Parlament ferm wara l-iskadenza statutorja, u b'hekk naqas milli jipprovdi prospettiva fit-tul għall-ippjanar baġitarju.

⁽¹⁾ In-nefqa primarja netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li huma korrisposti bis-sħiħ minn dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fuq in-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

⁽²⁾ Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/923 tat-22 ta' Ġunju 2018 li tistabilixxi li ma tieħdet ebda azzjoni effettiva mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 (ĠU L 164, 29.6.2018, p. 42).

⁽³⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkorreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 223, 27.6.2018, p. 3).

- (9) Il-konformità tat-taxxa tibqa' baxxa, b'mod partikolari t-taxxa fuq il-valur miżjud. F'din l-aħħar sena, ir-Rumanija kisbet progress limitat fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż ripetuta biex tissaħħa il-konformità u l-ġbir tat-taxxa. Fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud, id-differenza bejn id-dħul teoretikament mistenni u dak attwalment miġbur għadha għolja ħafna. Sabiex titjeb il-konformità, l-awtoritajiet introduċew il-pagamenti maqsuma. Dan mhuwiex obbligatorju ħlief għal kumpaniji insolventi u l-kontribwenti b'obligazzjonijiet sinifikanti pendenti tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Madankollu, il-miżura għadha trid tagħti riżultati sinifikanti. L-introduzzjoni ta' cash registers elettroniċi mqabbdin mas-sistema tat-teknoloġija tal-informatika tal-amministrazzjoni tat-taxxa għadha tenhtiegħ l-implimentazzjoni.
- (10) Is-saħħa tas-settur finanzjarju kompli jitjeb, iżda ċerti żviluppi jenhtiegħ monitoraġġ. Is-settur bankarju huwa kapitalizzat tajjeb u l-kwalità tal-assi tjobbet. Madankollu, diversi inizjattivi leġiżlattivi li għaddejjin, li jirriskjaw li jaffettwaw b'mod negattiv iċ-ċessjoni ta' self improduttiv u l-kreditu u l-investment, jenhtiegħ monitoraġġ mill-qrib. It-tnaqqis riċenti fil-kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru ffinanzjati minn qabel taffa t-tħassib fiskali fit-terminu qasir, iżda jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi fuq l-iżvilupp tas-swieq kapitali.
- (11) Is-suq tax-xogħol kien limitat minħabba t-tkabbir fl-impjiegi flimkien ma' tnaqqis fil-forza tax-xogħol minħabba t-tixji demografiku u l-emigrazzjoni. Fl-istess ħin ir-Rumanija għandha potenzjal sostanzjali mhux użat ta' xogħol, u diversi gruppi bħaż-żgħażaġh, ir-Roma, il-persuni qiegħda fit-tul u nies b'diżabbiltà isibu diffikultà biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol. F'din l-aħħar sena, ir-Rumanija għamlet ftit progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex issaħħa il-politiki ta' attivazzjoni mmirati u s-servizzi pubbliċi integrati, b'enfasi fuq dawk li huma l-aktar bogħod mis-suq tax-xogħol. Minkejja aktar inċentivi finanzjarji għal skemi ta' mobbiltà, il-parteċipazzjoni fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol baqgħet baxxa ħafna, u l-piż amministrattiv kien għoli. Il-programmi ta' ħidma pubblika ta' interess lokali ftit li xejn għamlu sforzi biex jipprovdu ħliet rilevanti u appoġġ għal tranżizzjonijiet fimpjiegi standard. Ma hemm l-ebda ġestjoni tal-każijiet għall-persuni li ilhom qiegħda u dawk li jirċievu assistenza soċjali. Il-kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-fornituri ta' servizzi soċjali u edukattivi u dawk esterni rispettivament kienet limitata.
- (12) Ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali kien għoli ħafna. Familji bit-tfal, persuni b'diżabbiltà, ir-Roma, u l-popolazzjoni rurali kienu pjuttost affettwati. Għad hemm inugwaljanza għolja fir-rigward tal-introjtu, anki minħabba l-impatt baxx tas-sistema tal-benefiċċju tat-taxxi fuq il-mitigazzjoni tal-inugwaljanza fid-dħul tas-suq. L-indiċi ta' referenza soċjali, li jipprovdi punt ta' referenza meta jiġu kkalkulati l-aktar benefiċċji soċjali importanti, mill-2008 għadu ma ġiex aġġornat. Il-liġi tal-inklużjoni minimu, skedata għad-dħul fis-seħħ fl-2018, kieku kienet iżżid il-kopertura u l-adeqwatezza tal-assistenza soċjali. Madankollu, id-dħul fis-seħħ tagħha ġiet posposta għal aktar minn sena. L-età ta' rtirar aktar baxx għan-nisa tirriżulta f'intitolamenti tal-pensjoni aktar baxxi, li jaggrava l-faqar fost l-anzjani u d-diskrepanza bejn fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa.
- (13) L-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi ekonomiċi u soċjali kien limitat ħafna. Il-fehmiet tas-sħab soċjali ta' spiss ma jiġux ikkunsidrati anki meta dawn jikkonverġu. Qafas ta' negozjar kollettiv tar-Rumanija ma jwassalx għal sistema li tiffunzjona tajjeb ta' relazzjonijiet industrijali. Id-djalogu soċjali huwa kkaratterizzat minn livell baxx ta' negozjar kollettiv, speċjalment fil-livell settorjali u sħubija baxxa ta' trejtdunjins u organizzazzjonijiet ta' impjegaturi. Il-limiti ta' rappreżentanza għolja u d-definizzjoni vaga tas-setturi huma fost l-ostakli ewlenin għal djalogu soċjali aktar effettiv. L-emendi leġiżlattivi biex jitjeb il-qafas ftit li xejn kellhom progress sa issa.
- (14) F'dawn l-aħħar ftit snin, il-paga minima żdiedet ripetutament b'mod diskrezzjonali. Mill-2015, il-paga minima żdiedet b'aktar minn 60 %. Fl-2017, madwar 30 % tal-ħaddiema jaqilgħu l-paga minima, li jimplika tqassim tal-pagi b'mod kompressat ħafna. Proposta għal mekkaniżmu oġġettiv għal żidiet fil-paga minima ġiet approvata mis-sħab soċjali, iżda ma ġiex applikata mill-Gvern.
- (15) Il-provvediment tal-ħliet mhux qed ilaħħaq mal-ħtiġijiet tal-ekonomija. Il-livelli ta' kisbiet baxxi fil-ħliet bażiċi u f'ħliet diġitali għandhom impatt negattiv fuq il-kompetittività, l-impjiegi u l-konverġenza. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti kienet baxxa ħafna. Mekkaniżmu biex il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jirriflettu d-domanda għal ħliet għadu mhuwiex fis-seħħ, u l-kapaċità biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet futuri tal-ħliet u jiġi smat l-impatt mistenni ta' teknoloġiji ġodda hija dgħajfa. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jibqgħu t-tieni għażla alternattiva u mhumiex allinjati biżżejjed mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni regionali jew settorjali.
- (16) Il-prestazzjoni dgħajfa tas-sistema edukattiva tikkontribwixxi għall-inugwaljanza għolja tal-opportunitajiet u din idgħajf il-prospetti tat-tkabbir tar-Rumanija fit-tul. Il-provvediment tal-edukazzjoni formali inklużiva ta' kwalità u l-aċċess għaliha jgħolqu sfida b'mod partikolari għar-Roma u t-tfal f'żoni rurali. Il-metodoloġija ta' monitoraġġ

biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni skolastika għad trid tiġi żviluppata. Ir-rata ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ qed tonqos iżda għadha għolja. Qed jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' twissija bikrija biex jiġu identifikati tfal friskju li jitolqu kmieni mill-iskola, iżda l-enfasi fuq il-kwalità tal-edukazzjoni hija dgħajfa. Minkejja li ttieħdu ċerti miżuri, l-assigurazzjoni tal-kwalità fl-iskejjel u l-edukazzjoni għolja qed tirrappreżenta sfidi. Il-kisba tal-edukazzjoni terzjarja hija baxxa. L-investment fl-edukazzjoni huwa relattivament baxx, u b'mod partikolari l-iskejjel żvantaġġati ma għandhomx appoġġ xieraq.

- (17) L-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni tjebet, iżda għadha ma laħqitx l-istandards tal-Unjoni. L-aċċess għall-kura tas-saħħa jibqa' sfida, u jħalli impatti negattivi fuq l-iżvilupp tat-tfal, l-impjegabbiltà tal-ħaddiema u tixjiħ f'saħħtu. Il-finanzjament baxx u l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi jillimitaw l-effikaċja tas-sistema tal-kura tas-saħħa anki fl-isfond tan-nuqqas imdaqqas ta' tobba u infermiera. L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa limitat minħabba l-prevalenza ta' ħlasijiet informali u d-distanza għall-infrastruttura tas-saħħa. Ir-Rumanija għamlet xi progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex jitrażżnu l-ħlasijiet informali, u qed jiġi implimentat mekkaniżmu ta' monitoraġġ, madankollu l-impatt konkret tiegħu għad irid jiġi vvalutat. Fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex issir tranżizzjoni għall-kura ambulatorja kien hemm progress limitat sa issa. L-implimentazzjoni li hija għaddejja tal-istrateġija tas-saħħa nazzjonali hija mxekkla minn tibdil tal-prijoritajiet u nuqqas ta' ppjanar ta' investment.
- (18) L-ippjanar strateġiku, il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tal-impatt regolatorju għadhom dgħajfa fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki. Dan idgħajef il-kwalità u l-prevedibbiltà tar-regolazzjoni. Barra minn hekk, bidliet frekwenti fil-leġiżlazzjoni, bħall-emendi għall-kodiċi fiskali, ixekklu l-ambjent tan-negozju. L-involvement tal-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi huwa dgħajef, u rament jiġi applikat djalogu ġenwin, madankollu hemm strutturi istituzzjonali rilevanti disponibbli. Il-mekkaniżmu biex jiġu indirizzati l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati f'konsultazzjonijiet pubbliċi ma jiżgurax segwitu xieraq tagħhom. Eżempju riċenti u speċifiku huwa n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-proposta approvata mis-sħab soċjali għal mekkaniżmu oġġettiv biex tiżdied il-paga minima, li kieku kienet tindirizza rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż. Ma nkisbu l-ebda riżultati tanġibbli fir-riformi tal-amministrazzjoni pubblika. Kien hemm dewmien fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-amministrazzjoni pubblika. Is-segretarjat ġenerali tal-gvern għandu rwol limitat fil-kontroll tal-kwalità tat-tfassil tal-politika.
- (19) Il-kwalità fqira tal-infrastruttura, inkluż it-trasport, l-iskart u l-ilma mormi, tillimita l-prospetti tat-tkabbir tar-Rumanija. L-investment pubbliku huwa kkaratterizzat minn effiċjenza baxxa partikolarment fit-tħejjija tal-proġetti u l-prijoritizzazzjoni. Il-kundizzjoni ġenerali u l-affidabbiltà tal-infrastrutturi tat-toroq, tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma għadhom dgħajfa u r-riforma tas-settur tat-trasport miexi bil-mod ħafna. Il-progress fir-riforma tal-ġestjoni tal-iskart huwa bil-mod wisq, filwaqt li s-setturi tal-iskart solidu u l-ilma mormi qed jiffaċċjaw sfidi simili. Il-pjan prinċipali tat-trasport u l-pjan nazzjonali tal-immaniġġar tal-iskart huma maħsuba biex jipprovdju pjan direzzjonali stabbli għall-investimenti u jsaħħu l-kapaċità amministrattiva fis-setturi, iżda l-allinjament ta' tħejjija tal-proġetti bi ppjanar strateġiku sa issa kien limitat. Sar progress limitat fir-Rumanija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex issaħħa il-prijoritizzazzjoni tal-proġetti u t-tħejjija tal-investment pubbliku.
- (20) L-akkwist pubbliku effiċjenti u trasparenti huwa essenzjali biex jiġu indirizzati sfidi ta' politika ewlenin għar-Rumanija, inkluż l-infiq pubbliku effiċjenti, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u t-trawwim tal-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rumanija għamlet xi progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż rigward l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-akkwist pubbliku, iżda l-pjan għadu ma ġiex implimentat b'mod sħiħ. Fl-istess ħin, it-titjib tal-effiċjenza u l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku, awditu effettiv u l-kontroll tal-frodi għadhom joħlqu sfidi. Is-sostenibbiltà tal-miżuri meħuda u l-irreversibbiltà tar-riformi jenħtieġu monitoraġġ kontinwu. L-isfidi tal-effiċjenza u t-trasparenza marbutin mal-akkwist pubbliku japplikaw b'mod partikolari għall-investimenti f'infrastruttura kbira tal-kura tas-saħħa fl-isptarijiet reġjonali ta' Iași, Cluj u Craiova.
- (21) L-intrapriżi tal-Istat għandhom rwol ċentrali fis-setturi tal-infrastruttura kritika bħall-enerġija u t-trasport ferrovjarju. Madankollu, il-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja tagħhom hija aktar dgħajfa minn dik tal-ekwivalenti fis-settur privat. Dan laħħar il-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-Istat iddgħajfet b'mod sostanzjali, li reġġgħet lura l-progress li sar fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mill-2015 u l-2016. Mhux biss l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida kienet qed tinżamm lura, iżda għaddejjin tentattivi biex għadd ta' kumpaniji jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, kien hemm dewmien fil-pubblikazzjoni ta' data finanzjarja dwar l-intrapriżi tal-Istat. B'riżultat ta' dan, il-kundizzjonijiet ewlenin biex jiġi promoss l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi qed jiġu mfixkla, u hemm lok għal distorsjoni fid-deċiżjonijiet ta' investment. Fi Frar 2018, il-Qorti Kostituzzjonali talab lill-Parlament biex jirrevedi l-eżenzjonijiet ta' hawn fuq.

- (22) L-iżviluppi matul is-sena li għaddiet, fil-biċċa l-kbira, ħallew dubju fuq l-irreversibbiltà u s-sostenibbiltà tal-progress sostanzjali tar-Rumanija fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja tagħha u l-indirizzar tal-korruzzjoni flivelli għolja. L-indipendenza ġudizzjarja qed tiġi kkontestata u qed issir pressjoni fuq istituzzjonijiet ġudizzjarji u dwar il-qafas legali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, filwaqt li l-progress fuq il-kumpliment tal-isfidi qed jinżamm aktar lura. L-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni għall-2016-2020 biex jiġu żviluppati miżuri ulterjuri biex tiġi evitata u miġġielda l-korruzzjoni miexxa 'l quddiem fil-livell tekniku iżda jenħteġ appoġġ politiku aktar tanġibbli, minħabba li kwistjonijiet ta' korruzzjoni u kwistjonijiet ta' governanza fis-settur pubbliku jippersistu fil-livelli kollha u huma fost l-akbar sfidi għall-ambjent tan-negożju.
- (23) Skont il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika, il-Kummissjoni tkompli timmonitorja r-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija. Għalhekk dawn l-oqsma mhumiex koperti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għar-Rumanija iżda huma rilevanti għall-iżvilupp ta' ambjent soċjoekonomiku pożittiv fil-pajjiż.
- (24) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Rumanija u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Rumanija fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Rumanija iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (25) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tiżgura konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018, bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Tiżgura l-applikazzjoni sħiħa tal-qafas fiskali. Issaħħaħ il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa.
2. Tikkonkludi r-riforma ta' dħul minimu ta' inklużjoni. Ittejjeb il-funzjonament tad-djalogu soċjali. Tiżgura l-istipular tal-paga minima bbażata fuq kriterji oġġettivi. Ittejjeb il-ħiliet u l-provvediment ta' edukazzjoni formali ta' kwalità, b'mod partikolari għar-Roma u t-tfal f'żoni rurali. Ittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa, inkluż permezz tal-bidla għall-kura ambulatorja.
3. Iżżid il-prevedibbiltà tat-teħid ta' deċiżjonijiet billi tinforza l-użu sistematiku u effettiv ta' valutazzjoni tal-impatt regolatorju u l-konsultazzjoni u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi. Ittejjeb it-tħejjija u l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti infrastrutturali kbar u tħaffef l-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari t-trasport, is-setturi tal-iskart u tal-ilma mormi. Ittejjeb it-trasparenza u l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku. Issaħħaħ il-governanza korporattiva ta' intrapriżi tal-Istat.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tas-Slovenja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tas-Slovenja**

(2018/C 320/23)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjeggi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lis-Slovenja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li s-Slovenja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn isfel, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni (1).
- (3) Ir-rapport dwar il-pajjiż tal-2018 għas-Slovenja ġie ppublikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tas-Slovenja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tas-Slovenja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll rieżami fid-dettall skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati wkoll fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li s-Slovenja mhux qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.
- (4) Is-Slovenja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018 fit-13 ta' April 2018 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018 fis-26 ta' April 2018. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ippogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa s-Slovenja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn tranżizzjonali. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ġie ppreżentat minn Gvern temporanju u huwa bbażat fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Skont dan, il-Gvern qed jistenna li s-surplus nominali se jiżdied għal 0,4 % tal-PDG fl-2018 u wara jilħaq 0,9 % tal-PDG fl-2021. L-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju – surplus ta' 0,25 % tal-PDG – huwa ppjanat li jinkiseb sal-2021 f'xenarju ta' ebda bidla fil-politika. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 69,3 % tal-PDG fl-2018 u jkompli jonqos għal 58,3 % tal-PDG fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill rakkomanda li s-Slovenja tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali ta' nefqa primarja netta tal-gvern ⁽²⁾ ma taqbiżx 0,6 % fl-2018, ekwivalenti għal aġġustament annwali strutturali ta' 1,0 % tal-PDG. Fl-istess ħin, ġie ddikjarat li l-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 se jkollhom bżonn iqisu kif dovut l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li jinsab għaddej kif ukoll biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-saħħa tal-irkupru fis-Slovenja filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà tagħha, imwettqa fil-kuntest tal-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2018 tas-Slovenja, għall-2018 jenħtieġ sforz fiskali strutturali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG, mingħajr ebda marġni addizzjonali ta' devjazzjoni matul sena. Dan jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma taqbiżx il-1,5 %. Filwaqt li jitqies dan fil-valutazzjoni globali, abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament irrakkomandat lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018.
- (8) Fl-2019, bil-ħsieb ta' dejn pubbliku tas-Slovenja bħala proporzjon tal-PDG li jaqbeż is-60 % u marġni pożittiva tal-potenzjal tal-produzzjoni pproġettata ta' 4,1 % tal-PDG, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma jenħtiġx li taqbeż it-2,2 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 1,0 % tal-PDG, li joriġina mill-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-istess ħin, hemm sinjali qawwija li l-kapaċità mhux użata fl-ekonomija hija sottovalutata, b'inflazzjoni li mistennija li tilħaq it-2 % fl-2019, rata baxxa ta' impjeggi oġġla mil-livell ta' qabel il-kriżi u żieda fl-investment wara tnaqqis qawwi matul is-snin tal-kriżi. Barra minn hekk, l-għodda tal-plawżibbiltà tindika wkoll li hemm livell għoli ta' inċertezza tal-istimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni bbażat fuq il-metodoloġija komuni. Fuq il-bażi ta' dan, aġġustament strutturali annwali ta' 0,65 % tal-PDG, li jikkorrispondi għar-rata ta' tkabbir massima tal-infiq pubbliku primarju nett ta' 3,1 % jidher xieraq. Jekk il-politika ma jinbidlux, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit fl-2019 u għall-2018 u l-2019 meħudin flimkien. Huwa mistenni li s-Slovenja tkun konformi mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2018 u mar-regola tad-dejn fl-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2018 jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) Il-Gvern ippreżenta proposti biex jirrifirma s-sistema tal-kura tas-saħħa. L-abbozz tal-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa, li huwa l-parti ċentrali tar-riforma u se jiżgura l-finanzjament tas-sistema tas-saħħa fit-tul, ġie ppreżentat għal konsultazzjoni quddiem il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali f'Diċembru 2017, iżda ma ġie adottat qabel l-elezzjonijiet, li wassal għal inċertezza fil-prospetti għall-adozzjoni tiegħu. Bħalissa qed jifassal Abbozz tal-Att dwar il-Kura fit-Tul biex jagħmel il-kura fit-tul pilastru għdid ta' sigurtà soċjali komplimentari ma' sistemi ta' sigurtà soċjali oħrajn (il-kura tas-saħħa, il-kura soċjali, u s-sigurtà tal-pensjoni). Għadu mhuiwix ċar kif

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

is-Slovenja se żżid il-kosteffettività, l-aċċessibilità u l-kwalità tal-kura fil-futur. Fl-2017, ġew adottati l-proposti biex jiġu emendati l-Att dwar it-Tobba, l-Att dwar is-Servizzi tas-Saħħa u l-Att dwar id-Drittijiet tal-Pazjenti, tal-Att għad-Determinazzjoni tal-Miżuri ta' Intervent biex tiġi żgurata l-Istabbiltà Finanzjarja tal-Istituzzjonijiet tal-Kura tas-Saħħa Pubblika u issa jridu jiġu implimentati biex tiġi żgurata l-aċċessibilità u l-kwalità tal-kura. Ittieħdu passi inizjali biex tiġi implimentata l-fażi tal-Pjan Nazzjonali tal-Kura tas-Saħħa għall-2016-2025. Huwa pjanat li sal-2020 tiġi stabbilita sistema ta' valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u s-soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika (eHealth) iġebu l-monitoraġġ madwar il-pajjiż kollu. Barra minn hekk, huwa mistenni li l-benefiċċji minn akkwist pubbliku kkoordinat aħjar fil-kura tas-saħħa jgħinu biex l-akkwist pubbliku jsir aktar kosteffiċjenti.

- (10) FLulju 2017, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali adotta unanimament dokument imsejjaħ "Il-Punt tat-tluq għall-modernizzazzjoni tas-Sistema tal-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u d-Diżabbiltà fir-Repubblika tas-Slovenja". Huwa jiddeskrivi bosta miżuri dwar kif jistgħu jintlaħqu pensjonijiet adegwati u sistema ta' pensjoni sostenibbli u trasparenti. Madankollu, pjan ta' azzjoni konkret biex jiġu adottati dawk il-miżuri għadu mhux fis-seħħ u minkejja ftehim bejn is-sħab soċjali u l-Gvern biex tiġi adottata r-riforma sal-2020, il-perjodu ta' introduzzjoni għar-riforma għadu ma ġiex stabbilit. Għad fadal xi sfidi biex: tiġi żgurata s-sostenibilità u l-adegwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet billi tiġi aġġustata l-età statutorja tal-irtirar u jiġi promoss l-irtirar aktar tard; tissaħħaħ il-kopertura tal-iskemi tal-pensjoni supplimentari; jiġu indirizzati b'mod xieraq it-tibdil tal-karrieri u t-tnaqqis tar-riskji ta' faqar fix-xjuħija.
- (11) It-tkabbir ekonomiku kompli u x-xejriet soċjali u tas-suq tax-xogħol komplew jitjiebu. Ir-rata ta' nies fir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali naqas iżda għadu ogħla mill-medja tal-Unjoni għal persuni anzjani, u b'mod partikolari għan-nisa. L-impjiegi komplew jiżdiedu u l-qgħad naqas aktar. Madankollu, hemm sinjali ta' nuqqas ta' ħaddiema f'għadd ta' impjiegi vokazzjonali. Il-qgħad fit-tul għadu ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi u għadu jirrap-preżenta kważi nofs il-qgħad kollu. L-isfidi qed jippersistu, b'mod partikolari għall-ħaddiema akbar fl-età, li r-rati ta' attività u impjiegi tagħhom għadhom fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Is-soċjetà tas-Slovenja qed tixxjeh b'rata mgħaġġla, li jfisser li l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u l-provvista tax-xogħol qed jonqsu. Għaldaqstant minħabba din it-tendenza, il-gvern ħejja "Strateġija għal Tixxjeh Attiv", iżda għad hemm nuqqas ta' pjanijiet ta' azzjoni konkreti.
- (12) Il-popolazzjoni li qed tixxjeh tenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim li ilha tonqos mill-2010 u hija partikolarment baxxa fost dawk b'ħiliet baxxi u ħaddiema akbar fl-età. It-titjib tal-ħiliet permezz tat-tagħlim tul il-ħajja jżid il-possibilitajiet tal-impjiegi, speċjalment għal dawk b'anqas ħiliet u ħaddiema akbar fl-età. Ir-rata ta' impjiegi ta' ħaddiema b'anqas kwalifiki tjebet, iżda għadha taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi u l-medja tal-Unjoni. L-evalwazzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol turi li l-parti l-kbira tal-programmi sejrini tajjeb, madankollu kemm l-infiq f'dan il-qasam kif ukoll ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' persuni qiegħda fil-programmi jibqgħu limitati. Filwaqt li r-riforma tas-suq tax-xogħol tal-2013 għenet biċ-ċar ċerti gruppi vulnerabbli biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, l-impjiegi abbażi temporanja għadu problema.
- (13) Ġew adottati miżuri biex iġebu l-possibilitajiet ta' finanzjament għal ditti fis-Slovenja u jiġu pprovduti alternattivi għal krediti bankarji. Madankollu, id-dipendenza fuq il-kreditu bankarju jippreżenta sfida ta' finanzjament kontinwu, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li għalihom l-aċċess għall-finanzjament jibqa' jirrappreżenta ostaklu għat-tkabbir. Il-miżuri attwali għadhom ma wasslux għal titjib fil-finanzjament, partikolarment għall-kumpaniji innovattivi. Hemm għadd żgħir biss ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir fis-Slovenja u dawn ma għandhomx biżżejjed appoġġ biex jissaħħu. Il-kapital ta' riskju, bħala wieħed mill-forom ta' finanzjament ta' ekwità, qed jikber, iżda minn livell baxx ħafna. Il-kumpaniji innovattivi għandhom jibbenefikaw ukoll minn riċerka pubblika aktar effiċjenti, li bhaliha din qiegħda tixxekkel minn diffikultajiet biex jiġu nkoraġġuti talenti domestiċi u barranin u nuqqas ta' fondi bbażati fuq il-prestazzjoni. Il-livell ta' investment privat fis-Slovenja għadu relattivament baxx meta mqabbel ma' dak ta' pajjiżi li kien jisthooqilhom sforzi ffukati biex iġebu aktar il-kundizzjonijiet qafas għall-investment, b'mod partikolari f'oqsma li joffru potenzjal kbir biex tiżdied il-produttività.
- (14) In-negożji qed jinżammu lura mill-piż amministrattiv u regolatorju li għadu għoli. Il-burokrazija titqies bħala wieħed mill-aktar fatturi problematiċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' kif isir in-negożju fis-Slovenja. Dan huwa prinċipalment marbut mal-inċertezza u l-kumplessità tal-proċeduri tat-taxxa iżda mhux limitat għal dan il-qasam: fir-rigward ta' kawżi kummerċjali xorta waħda jenħtieġ madwar sena biex dawn jinstemgħu mill-qorti. Is-Slovenja ħolqot għodda li tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tinsab miexja 'l quddiem biex timplimentaha. Parti sinifikanti ta' din l-implimentazzjoni għadha ma twettqitx.

- (15) Bl-istess mod, is-Slovenja għadha kif bdiet tindirizza l-livell għoli tagħha ta' regolamentazzjoni restrittiva f'ċerti setturi ta' servizz. Saru riformi biex jiġu liberalizzati r-rekwiżiti professjonali għall-arkitetti u l-inginjera ċivili, iżda kwistjonijiet oħrajn identifikati mis-servizzi tal-Kummissjoni għadhom ma ġewx indirizzati. Ir-riformi se jkunu ta' benefiċċju anki għad-ditti tal-manifattura Sloveni, li jiddependu fuq il-kontribuzzjonijiet tas-servizzi kompetittivi.
- (16) L-akkwist pubbliku effiċjenti huwa essenzjali għall-kontroll tal-ispejjeż u t-titjib fil-kwalità fis-settur tas-saħħa tas-Slovenja. It-tkabbir tal-akkwist ċentralizzati kif ukoll forom oħrajn ta' aggregazzjoni tal-akkwist bħall-akkwist konġunt bejn l-isptarijiet, huwa kruċjali biex jiġu żgurati provvisti ta' kwalità tajba ta' prodotti innovattivi bi prezzijiet kompetittivi.
- (17) Is-Slovenja qed issib diffikultajiet minħabba n-nuqqas ta' effiċjenza fl-akkwist pubbliku. Il-kompetizzjoni bejn l-offerenti hija komparattivament baxxa, kif indikat min-numru baxx ta' offerenti li waslu għal kull sejħa għall-offerti u mill-proporzjon għoli ta' proċeduri nnegozjati mingħajr sejħa minn qabel. Dan tal-aħħar inaqqas ukoll it-trasparenza. Il-professionalizzazzjoni ta' daww involuti fl-akkwist huwa baxx u fit hemm salvagwardji kontra l-korruzzjoni u l-kollużjoni fost l-offerenti. B'mod partikolari, l-indipendenza tal-Kummissjoni Nazzjonali tar-Reviżjoni hija limitata, minħabba li l-proċedura ta' ħatra tal-membri tagħha. Filwaqt li huwa smat mill-awtoritajiet li l-kriminalità ekonomika u l-korruzzjoni ikkawżaw danni sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, xi riformi kontra l-korruzzjoni għadhom pendenti.
- (18) Is-Slovenja għadha tippreżenta livell għoli ta' involviment tal-istat fl-ekonomija, b'mod partikolari fis-settur finanzjarju. Il-pjanijiet ppubblikati qabel il-privatizzazzjoni ġew implimentati bil-mod. Il-progress fil-privatizzazzjoni jżid il-vijabbiltà tal-kumpaniji fit-tul u jnaqqas ir-riskji għall-finanzi pubbliċi.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovenja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-Slovenja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovenja iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni ⁽¹⁾ tiegħu hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovenja tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiż it-3,1 % fl-2019, li tikkorrispondi mal-aġġustament strutturali annwali ta' 0,65 % tal-PDG. Tadotta u timplimenta l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa u r-riforma pplanata tal-kura fit-tul. Tiżgura s-sostenibbiltà u l-adekwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż billi jżid l-età statutorja tal-irtirar u billi tirrestrinġi l-irtirar kmieni. Iżżid l-impjegabbiltà ta' daww b'ħiliet baxxi u ħaddiema aktar anzjani permezz ta' tagħlim tul il-ħajja u miżuri għal dħul fid-dinja tax-xogħol.
2. Tiżviluppa sorsi alternattivi ta' finanzjament għal kumpaniji li qed jikbru b'rata mgħaġġla. Tnaqqas l-ostakli għal dħul fis-suq permezz tar-reviżjoni tar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Prodotti u limitazzjoni fil-piż amministrattiv. Issaħħa il-kompetizzjoni, il-professionalizzazzjoni u s-sorveljanza indipendenti fl-akkwist pubbliku. Twettaq il-privatizzazzjonijiet skont il-pjanijiet eżistenti.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tas-Slovakkja**

(2018/C 320/24)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pozzizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx is-Slovakkja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fl-isfond tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, is-Slovakkja jenħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, kif rifless fir-rakkomandazzjonijiet hawn taħt, b'mod partikolari (1).
- (3) Ir-rapport dwar il-pajjiż tal-2018 għas-Slovakkja ġie ppublikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport iwwaluta l-progress tas-Slovakkja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tas-Slovakkja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (4) Fil-25 ta' April 2018, is-Slovakkja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2018, kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tagħha. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa s-Slovakkja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2018, il-Gvern qed jippjana biex itejjeb id-defiċit nominali għal 0,8 % tal-PDG fl-2018 u gradwalment aktar għal 0,0 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — huwa mistenni li jintlaħaq fl-2020. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, tal-2018 id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment minn 49,3 % fl-2018 għal 43,3 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu sostnuti l-miri ppjanati b'rabta mad-defiċit mill-2019 'il quddiem ma ġewx speċifikati bis-sħiħ. Il-baġit jinkludi kategorija ta' nfiq mhux speċifikata li jissejjaħ riżervi baġitarji, li jirrappreżenta sehem mhux negliġibbli (0,7 % tal-PDG) u jista' jintuża għal operazzjonijiet ad hoc, u b'hekk titnaqqas il-prevedibbiltà fl-implimentazzjoni tal-baġit.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lis-Slovakkja biex tiżgura li r-rata nominali ta' tkabbir tal-infiq pubbliku primarju nett ⁽²⁾ ma taqbiżx it-2,9 % fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Il-premessi ddikjaraw li l-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 se jkollhom bżonn iqisu kif dovut l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li jinsab għaddej u wkoll biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-saħħa tal-irkupru fis-Slovakkja, filwaqt li tqiesu b'mod xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà tagħha, l-ebda elementi addizzjonali f'dan ir-rigward ma jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni. Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebtegħa tal-2018, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn din ir-rakkomandazzjoni fl-2018.
- (8) Fl-2019, bil-ħsieb tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni pproġettata tas-Slovakkja ta' 1,2 % tal-PDG, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett jenħtieġ li ma taqbiżx l-4,1 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,5 % tal-PDG li joriġina mill-matriċi tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jekk ma jinbidlux il-politiki, is-Slovakkja tkun friskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2019, minħabba d-devjazzjoni fl-2018 u l-2019 meħuda flimkien. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2018 jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) Il-finanzi pubbliċi tas-Slovakkja għadhom jaffaċċjaw riskji fit-terminu twil. In-nefqa fuq is-saħħa għadha tippreżenta riskju għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, minħabba li ż-żieda tal-kosteffettività tal-kura tas-saħħa fis-Slovakkja għadha sfida. Fuq medda twila ta' żmien, l-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa għandu jiżdied b'1,2 punti perċentwali tal-PDG, ogħla mill-medja taż-żieda stmata ta' 0,9 punti perċentwali għall-Unjoni. Fis-sistema tal-pensjonijiet kien hemm titjib gradwali fis-sostenibbiltà fit-tul tagħha primarjament minħabba żieda awtomatika fl-età tal-irtirar, li naqqset iż-żidiet fl-infiq mistennija marbutin mal-età fit-tul.
- (10) Għalkemm ittieħdu xi passi biex titjeb il-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tar-rieżami tal-infiq b'Valur għall-Flus, il-potenzjal li jiġi razzjonalizzat l-użu tar-riżorsi baqa' sinifikanti. Il-pjanijiet għal riforma ambizzjuża tal-kura tas-saħħa li jippermettu s-simplifikazzjoni tas-servizzi, il-ġestjoni aħjar tar-riżorsi tal-isptarijiet u sistema aktar effiċjenti ta' kura mhu qed juru l-ebda sinjali ta' progress. Il-konsum tas-servizzi tal-isptarijiet għadu għoli, b'rati għolja ta' kura fl-isptar għal mard kroniku u rati ta' rilaxx mill-isptar ogħla mill-medja tal-Unjoni, flimkien ma' rati relattivament baxxi ta' okkupanza tas-sodod. Filwaqt li

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

t-tisħiħ tas-settur tal-kura primarja jista' jiffaċilita l-piż kbir fuq l-isptarijiet, is-sistema tbatu minn nuqqas ta' tobbja tal-familja, li qed tmur għall-aġar bid-distribuzzjoni ġeografika mhux ugwali tagħhom. Il-kompożizzjoni skont l-età tat-tobba tal-familja jqajjem ukoll tħassib rigward il-provvista futura tagħhom. Fl-aħħar nett, għadd ta' dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa, bħal pereżempju l-introduzzjoni sħiħa ta' sistema ta' hlax ta' gruppi relatati mad-dijanjożi u t-tħaddim effettiv tas-sistema tas-saħħa elettronika għandhom fil-fażi tat-tfassil tagħhom. Dawn x'aktarx jiffaċċjaw aktar dewmien u sfidi ta' implimentazzjoni fil-futur.

- (11) Id-dħul fiskali qed jiżdied minħabba t-kabbir ekonomiku rapidu u qed isiru sforzi biex titjeb il-konformità tat-taxxa u jitneħħa d-distakk kbir fit-taxxa tal-valur miżjud tas-Slovakkja. Filwaqt li l-inċentivi fiskali li jipprovmovu r-R&Ż żdiedu, it-tassazzjoni fuq il-proprjetà tibqa' sors ta' dħul dgħajfef. Programm kontinwu ta' rieżamijiet tal-infiq għall-oqsma ewlenin kollha ta' nfiq pubbliku qed juri li huwa għodda effettiva u rigoruża biex titjeb il-kosteffettività fin-nefqa tal-gvern.
- (12) L-iżvilupp pożittiv fis-suq tax-xogħol ikompli, ikkaratterizzati minn żieda fl-impjegi u livelli storikament baxxi ta' qgħad. Madankollu, il-qgħad fit-tul għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni, li jaffettwa gruppi partikolarment żvantaġġati bħal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, iż-żgħażaġh u r-Rom marġinalizzati. Bħala riżultat tat-titjeb fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, bdew jidhru rapporti ta' nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati f'xi setturi tal-ekonomija. Id-differenzi reġjonali fis-suq tax-xogħol huma evidenti, b'konċentrazzjoni ta' qgħad ogħla fil-Lvant tas-Slovakkja u konċentrazzjoni ta' nuqqas ta' ħaddiema fil-parti tal-Punent tal-pajjiż. Is-Slovakkja bdiet timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha rigward l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul, bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-pjan jintroduċi b'mod partikolari servizzi personalizzati, konsulenza soċjali, u sistema bażika ġdida ta' tfassil ta' profili. Madankollu, l-implimentazzjoni għadha ma wasslitx għal titjeb strutturali sinifikanti. Għad hemm lakuni fil-kooperazzjoni ma' sħab privati u organizzazzjonijiet mhux governattivi biex titħaffef il-ħidma fuq il-każijiet tas-servizzi pubbliċi tal-impjegi, filwaqt li l-għoti ta' konsulenza individwalizzata għadu fi stadju bikri. Barra minn hekk, is-segmentazzjoni approssimattiva tal-persuni qiegħda fit-tul ma sservix bi sħiħ bħala għodda għal referenzer sussegwenti għall-miżuri ta' dħul fid-dinja tax-xogħol. It-taħriġ u l-programmi ta' rikwalifikazzjoni ssaħħew, iżda għadhom mhumiex biżżejjed u l-mira tagħhom, li tirrigwarda persuni qiegħda fit-tul u gruppi żvantaġġati għadha limitata. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim għadha baxxa ħafna u l-edukazzjoni li toffri opportunità oħra għal gruppi żvantaġġati mhijiex żviluppata biżżejjed. Il-kriterji ta' eliġibilità għall-benefiċċji tal-qgħad huma stretti u t-tul ta' żmien tal-benefiċċji huwa qasir. Dan jirriżulta f'kopertura baxxa tal-persuni qiegħda fit-tul, li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad.
- (13) Id-diskrepanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-impjegi u fil-pagi hija ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni. Ir-rata baxxa tal-impjegi tan-nisa fl-età riproduttiva tirrifletti l-fatt li l-liv tal-ġenituri twil rari jeħduh l-irġiel, u dan flimkien ma' użu baxx ta' arranġamenti ta' xogħol flessibbli u affordabbiltà u aċċess limitati għall-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal. Partikolarment rigward it-tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin, ir-rati tar-reġistrazzjoni għal indukrar tat-tfal huma baxxi ħafna.
- (14) Is-sistema edukattiva ma tikkontribwixxix biżżejjed għall-iżvilupp soċjoekonomiku tas-Slovakkja, u mhijiex iffinanzjata biżżejjed fil-livelli kollha. Il-kwalità tar-riżultati edukattivi, il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni ordinarja inklużiva u l-integrazzjoni effettiva ta' studenti minn sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati fl-edukazzjoni u t-taħriġ jippreżentaw sfidi urġenti. L-eżiti edukattivi u l-livell ta' ħiliet bażiċi għadhom dgħajfa meta mqabbla ma' standards internazzjonali, u huma affettwati sew mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. It-tluq bikri mill-iskola huwa baxx, iżda qed jiżdied u d-disparitajiet reġjonali fit-tluq kmieni mill-iskola huma evidenti. Minkejja l-pjanijiet biex jiżdiedu s-salarji tal-għalliema b'6 % kull sena sal-2020, il-professjoni tal-għalliema għadha mhijiex attraenti biżżejjed, parzjalment minħabba n-nuqqas ta' taħriġ inizjali kif ukoll opportunitajiet ta' żvilupp professjonali. L-implimentazzjoni ta' miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-istudenti Rom fl-edukazzjoni ordinarja inklużiva hija dgħajfa ħafna minħabba n-nuqqas ta' appoġġ finanzjarju u monitoraġġ kif ukoll nuqqas ta' taħriġ tal-għalliema rigward kwistjonijiet interkulturali.
- (15) L-amministrazzjoni pubblika għadha mxejjla minn nuqqas ta' effiċjenza u punti ta' konġestjoni kkawżati minn nuqqas ta' kooperazzjoni interministerjali u n-newtralità politika dgħajfa tas-servizz ċivili. L-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizz Ċivili qed tingħata bidu bil-mod, iżda l-impatt tagħha fuq it-titjeb tal-ġestjoni tar-riżorsi umani għad irid jiġi determinat. Rigward il-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni, il-kapaċità u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni għadhom limitati u r-rotazzjoni fil-persunal għadha għolja, parzjalment minħabba ċ-ċiklu politiku. Dan madankollu qed jiġi indirizzat billi jissaħħa ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru li jaġixxi bħala fattur stabilizzanti fuq il-kontinwità u l-għarfien espert istituzzjonali fl-organizzazzjonijiet implimentattivi.

- (16) Il-Fondi SIE huma kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin biex jittejjbu l-kompetittività, it-tkabbir u l-impjegi fis-Slovakkja. Is-Slovakkja għaddiet minn telf ta' EUR 26 miljun ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-2017, l-aktar minħabba problemi fl-applikazzjoni tal-kriterji tal-għażla u l-għażla ta' evalwaturi, kif ikkonfermat mill-verifiki li saru. Jekk ma jittiħdux miżuri xierqa sabiex titħaffef l-implimentazzjoni, hemm riskju għoli li parti oħra mill-allokkazzjoni tal-finanzjament tintilef. Filwaqt li r-rata tal-għażla tal-proġetti issa qabżet nofs l-allokkazzjoni totali għall-perjodu attwali ta' programmazzjoni, l-implimentazzjoni fil-prattika rriżultat fi ħlasijiet lil benefiċjarji li jammontaw biss għal 11 % tal-allokkazzjoni.
- (17) Livell baxx ta' effikaċja tal-amministrazzjoni pubblika jirriżulta wkoll f'setturi oħrajn, inklużi dawk tal-enerġija u l-ambjent. Ir-rati ta' riċiklaġġ huma baxxi ħafna u l-kwalità tal-arja għadha relattivament baxxa. Il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tippreżenta sfida li qiegħda dejjem tikber. Is-settur tal-enerġija jbati minn regolamentazzjoni żejda u l-politiki dwar l-enerġija mhumiex għal kollox konformi mal-oġġettivi tal-klima u l-enerġija tal-Unjoni.
- (18) Is-Slovakkja ħadet passi importanti biex tikseb sistema tal-akkwist pubbliku li tiffunzjona tajjeb. Saru sforzi biex jiġu introdotti kriterji ta' aġġudikazzjoni għall-kwalità. L-għodod elettroniċi obligatorji biex isiru l-proċeduri ta' akkwist pubbliku jenħtieġ li jkunu fis-seħħ sa Ottubru 2018. Għalkemm mhux bl-aktar mod effiċjenti, saru verifiki komprensivi minn qabel fuq il-proġetti kollha ffinanzjati permezz tal-Fondi SIE. Madankollu, għadha ma nkisbitx prestazzjoni sodisfaċenti fl-oqsma tal-kontrolli interni, it-trasparenza, id-diġitalizzazzjoni, il-professjonalizzazzjoni u l-akkwist pubbliku strateġiku u ambjentalment sostenibbli. Dan huwa rifless fil-punteġġi tas-Slovakkja marbutin ma' prattiki mhux kompetittivi, li minkejja xi titjib jibqgħu xi ftit oġhla mill-medja tal-Unjoni. Barra minn hekk, għad hemm sinjali limitati biss tal-impenn fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Aktar minn nofs in-negozji għandhom il-perċezzjoni li l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku ġestit mill-awtoritajiet nazzjonali hija mifruxa.
- (19) Il-korruzzjoni, il-proċeduri amministrattivi kumplessi, ir-regolamentazzjoni tan-negozju eċċessiva u li tinbidel malajr u t-tħassib dwar il-governanza tad-diversi korpi regolatorji jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ambjent tan-negozju tas-Slovakkja. Filwaqt li s-Slovakkja waqgħet kemxejn lura fxi paraguni internazzjonali, hija identifikat għadd ta' miżuri biex ittejjeb il-kwalità tal-ambjent tan-negozju u ssaħħa l-investment. Is-Slovakkja saħħet ukoll il-qafas tagħha għall-valutazzjoni tal-impatt regolatorju, u f'dawn l-aħħar snin żiedet l-użu tiegħu. Fl-aħħar nett, reċentement ġiet adottata RIA (Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju) 2020, strateġija ġdida għal regolamentazzjoni aħjar. Fadal ostakli regolatorji kbar fis-settur tas-servizzi tan-negozju b'livelli ta' restrizzjoni oġhla mill-medja tal-Unjoni għall-periti, l-inġiniera, il-konsulenti tat-taxxa, l-avukati, l-aġenti tal-privattivi, l-aġenti tal-proprjetà immobbli u l-gwidi turistiċi. Saru Rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-ostakli regolatorji fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2017 dwar rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali. Madankollu, is-Slovakkja ma rrapportat l-ebda progress fl-indirizzar ta' dawn ir-restrizzjonijiet.
- (20) B'mod ġenerali, ma sar l-ebda progress fit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-perċezzjonijiet tal-korruzzjoni għadha għolja u l-prosekuzzjonijiet għal reati bħal dawn komplew jonqsu. Il-perċezzjoni rigward il-korruzzjoni komplet tmur għall-aġħar wara l-qtal tal-ġurnalista investigattiv u s-sejbiet tiegħu dwar firxa wiesgħa ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-proporzjon ta' każijiet ta' livell għoli mressqa l-qorti huwa baxx ħafna. In-nuqqas ta' akkontabbiltà tal-pulizija u l-prosekuturi pubbliċi ma ġietx solvuta u jfixkel il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-investigazzjonijiet sensitivi ta' każijiet ta' korruzzjoni.
- (21) It-titjib fl-effikaċja tas-sistema ġudizzjarja, inkluża l-indipendenza, għadha sfida għas-Slovakkja, minkejja xi titjib fl-effiċjenza. It-tħassib dwar l-indipendenza tal-ġudikatura għadu jippersisti, inkluż il-proċessi tal-ħatra għall-imħallfin fil-livelli kollha tal-ġudikatura.
- (22) Għalkemm it-tisħiħ tal-innovazzjoni jista' jagħti spinta lill-kompetittività u jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija bbażata fuq l-għarfien, il-kapaċità tas-Slovakkja għall-innovazzjoni tibqa' moderata, b'intensità ta' R&Ż tan-negozju li hija baxxa ħafna (0,40 % tal-PDG fl-2016). Filwaqt li s-Slovakkja għandha settur kbir tal-manifattura fis-settur tat-teknoloġija avvanzata/medja, il-kumpaniji multinazzjonali dominanti sa issa wrew interess limitat fit-twettiq ta' attivitajiet ta' R&Ż u l-perċentwal ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jagħmlu innovazzjonijiet interni kien ħafna inqas fis-Slovakkja (13,9 %) minn dak tal-Unjoni kollha kemm hi (28,8 %) fl-2016.
- (23) L-investimenti pubbliċi fir-riċerka u l-innovazzjoni żdiedu sew bejn l-2009 u l-2015 minħabba l-użu tal-Fondi SIE. Madankollu ma ntlaħaqx il-potenzjal sħiħ ta' dawn l-investimenti minħabba n-nuqqas ta' effiċjenza fl-ambjent tar-riċerka tas-Slovakkja. Minkejja r-rwol imsaħħaħ tal-Uffiċċju tal-Viċi Prim Ministru għall-koordinazzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, il-governanza kumplessiva tal-politika f'dan il-qasam hija dgħajfa. In-natura

frammentata tas-sistema u l-qafas ta' governanza dgħajfa, bir-responsabbiltajiet maqsuma bejn diversi ministeri u aġenziji ta' implimentazzjoni, li ħafna drabi mhumiex koordinati sew, twassal għal posponiment regolari ta' riformi. Il-miżuri biex jissaħħu t-trasferiment tal-għarfien u l-kapaċitajiet għar-riċerka fl-industrija, u titjeb il-koperazzjoni bejn in-negozju u l-akkademja qed jimxu 'l quddiem iżda bil-mod.

- (24) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovakkja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-Slovakkja fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovakkja iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, minħabba l-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (25) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovakkja tiegħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix 4,1 % fl-2019, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Timplimenta miżuri biex iżjed il-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa, u tiżviluppa strateġija aktar effettiva tal-kura tas-saħħa tal-forza tax-xogħol.
2. Issaħħa il-miżuri għat-titjeb tal-ħiliet, inkluż it-taħriġ immirat ta' kwalità u tas-servizzi individwalizzati għal gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari billi jinkisbu riżultati fil-pjan ta' azzjoni għall-persuni qiegħda fit-tul. Trawwem l-impjeg tan-nisa, speċjalment billi testendi l-indukrar tat-tfal ta' kwalità u affordabbli. Ittejjeb il-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni, inkluż billi żjed il-parteċipazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni ordinarja u minn kmieni fit-tfulija.
3. Iżjed l-użu ta' kriterji marbutin mal-kwalità u l-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja fl-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku. Tindirizza l-korruzzjoni, inkluż billi jiġi żgurat l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti u billi żjed il-livell tal-akkontabbiltà tal-pulizija u tal-prosekuzzjoni. Ittejjeb l-effettività tas-sistema ġudizzjarja, b'mod partikolari billi tissalvagwardja l-indipendenza fi proċeduri ta' ħatra tal-ġudikatura. Tnaqqas il-frammentazzjoni tas-sistema ta' riċerka pubblika u saħħa l-innovazzjoni tan-negozju, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Finlandja**

(2018/C 320/25)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Finlandja bħala wieħed mill-Istati Membri li dvaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro ⁽³⁾ ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Finlandja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet hawn isfel, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni (3).
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għall-Finlandja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Finlandja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Finlandja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (4) Fit-13 ta' April 2018, il-Finlandja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Attwalment, il-Finlandja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tiegħu, il-Gvern qed jippjana bilanċ nominali ta' -0,6 % tal-PDG fl-2018, mhux mibdul mis-sena preċedenti. Skont il-Gvern, il-bilanċ għandu jitjeb fl-2019 u fis-snin segwenti, filwaqt li jilħaq surplus żgħir fl-2020 u 2021. L-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali — ġie ssuperat fl-2017. Madankollu, id-defiċit strutturali rikalkulat ⁽²⁾ għandu jkun marġinalment ikbar, 0,6 % tal-PDG, fl-2018-2019 u jonqos iktar tard. Id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG laħaq l-ogħla livell ta' 63,6 % fl-2015 u naqas għal 61,4 % fl-2017. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-proporzjon tad-dejn se jkompli jonqos u se jilħaq is-56,7 % tal-PDG fl-2021. Jidher li x-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa ġeneralment plawsibbli. Ir-riskji ewlenin għall-projezzjonijiet baġitarji jirrigwardaw l-ispejjeż tal-bidu tas-servizzi ppjanati tar-riforma soċjali u tal-kura tas-saħħa, li jistgħu jkunu ogħla milli mistenni.
- (7) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 ifakkar li l-ispejjeż relatati mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati żdiedu u li dan l-impatt fuq il-baġit kien sinifikanti fl-2015-2016. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, l-ispejjeż għandhom jonqsu b'0,15 % tal-PDG fl-2017. Din iċ-ċifra ma ġietx ikkonfermata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u għalhekk ma ġietx meqjusa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, fl-2017, il-Finlandja nġhatat devjazzjoni temporanja ta' 0,5 % tal-PDG mill-perkors ta' aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju biex jitqiesu riformi strutturali ewlenin, b'mod partikolari, ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2017 u l-Patt tal-Kompetittività, b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Fl-2017, il-Finlandja nġhatat ukoll devjazzjoni temporanja ta' 0,1 % tal-PDG biex jitqies l-infiq nazzjonali fuq l-investment fi proġetti kofinanzjati mill-Unjoni. Fir-rigward tal-aħħar devjazzjoni, waħda mill-kriterji ta' eliġibbiltà hija li t-total tal-investment pubbliku ma jonqosx. Id-data dwar l-eżitu tal-baġit għall-2017 uriet tnaqqis fl-investment pubbliku fl-2017 meta mqabbel mas-sena preċedenti, filwaqt li huwa stmat li l-investment marbut ma' fondi tal-Unjoni baqa' stabbli. Għalhekk, il-Finlandja ma għadhiex titqies eliġibbli għal devjazzjoni temporanja ta' 0,1 % tal-PDG fir-rigward tal-infiq nazzjonali fuq l-investment fi proġetti kofinanzjati mill-Unjoni fl-2017. Id-devjazzjonijiet temporanji li fadal mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fil-prinċipju jiġu riportati sabiex ikopru perjodu ta' tliet snin. Għalhekk, id-devjazzjonijiet temporanji skont il-klawżoli tal-avvenimenti mhux tas-soltu u tar-riforma strutturali jammontaw għal 0,67 % tal-PDG fl-2018 u 0,5 % tal-PDG fl-2019.
- (8) Il-Kunsill rrakkomanda lill-Finlandja biex tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2018 tkun limitata għall-konċessjoni marbuta mal-impatt baġitarju ta' avvenimenti mhux tas-soltu (mogħtija fl-2016), kif ukoll għall-konċessjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali u investimenti (mogħtija fl-2017). Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali ta' nfiq pubbliku primarju nett ta' 1,9 % fl-2018, li tikkorrispondi ma' deterjorament permess fil-bilanċ strutturali b'0,1 % tal-PDG. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018, hemm riskju ta' xi devjazzjoni mill-aġġustament fiskali rakkomandat fl-2018. Madankollu, riżultat tal-eżitu aħjar milli mistenni għall-2017, id-distanza mill-objettiv fit-terminu medju hija attwalment prevista li tkun inqas mill-konċessjonijiet mogħtija marbuta ma' klawżoli ta' avvenimenti mhux tas-soltu u riforma strutturali. Jekk dan jiġi kkonfermat, dan għandu jitqies fil-valutazzjoni ex post għall-2018.
- (9) Fl-2019, fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-Finlandja jenħtieġ li tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2019 tkun limitata għal konċessjoni marbuta mal-impatt fuq il-baġit fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali li għalihom ingħatat devjazzjoni temporanja fl-2017. Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali ta' nfiq pubbliku primarju nett ta' 2,9 %, li tikkorrispondi ma' deterjorament permess fil-bilanċ strutturali b'0,2 % tal-PDG. Jekk il-politiki ma jinbidlux, il-Finlandja hija prevista li tikkonforma mar-rekwiżit għall-2019. Il-Finlandja hija prevista li tkun konformi mal-parametru

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2018 u l-2019. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Finlandja jeħtieġ li tkun lesta biex tiegħu miżuri ulterjuri biex tiżgura l-konformità fl-2018 u hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019.

- (10) Minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ u forza tax-xogħol li qed tonqos, l-infiq fuq il-pensjonijiet, fuq is-saħħa u fuq l-kura fit-tul għandu jiżdied minn 22 % tal-PDG fl-2016 għal 24 % tal-PDG sal-2030. Ir-riforma amministrattiva u r-riforma tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, li attwalment qed jiġu diskussi fil-Parlament, jimmiraw biex inaqqsu t-tkabbir tal-infiq f'dan il-qasam. Objettivi oħrajn jistgħu jkunu li jiġi żgurat aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u li jonqsu l-ħinjiet ta' stennija tal-pazjenti, speċjalment fiż-żoni iktar żvantaġġati jew remoti. Il-proporzjon ta' bżonnijiet mediċi mhux issodisfati awtodikjarati huwa ogħla mill-medja tal-Unjoni. B'mod partikolari, persuni barra mill-forza tax-xogħol qed jesperjenzaw diffikultajiet biex jiksbu l-kura medika meħtieġa. Mill-2020 'il quddiem, se jkun hemm livell għid ta' amministrazzjoni pubblika reġjonali, jiġifieri dak tal-kontej, li se jieħu ħsieb is-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa tal-Finlandja. Ir-riforma se tiġbor flimkien ir-riżorsi sabiex tippermetti l-użu effettiv tagħhom fil-livell tal-kontej. Jenħtieġ ukoll li l-użu akbar tas-servizzi diġitali u elettroniċi jid il-produttività. Fl-aħħar nett, is-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa primarja se jkunu disponibbli kemm minn ċentri soċjali u tas-saħħa pubbliċi, kif ukoll dawki privati. Dan se jagħti lill-pazjenti aktar libertà ta' għażla, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi mistennija twassal għall-iffrankar fl-ispejjeż. Il-kisba ta' dawn l-objettivi ambizzjużi se tiddependi wkoll fuq l-għażliet li jsiru matul il-fażi tal-implimentazzjoni tar-riforma.
- (11) B'74 % tat-total tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ta' bejn l-20 u l-64 fl-2017, ir-rata ta' impjeg kienet relattivament baxxa fil-Finlandja meta mqabbla mal-pari Nordiċi tagħha. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol kienet ukoll iktar baxxa, speċjalment għan-nisa, għall-irġiel bi ftit kwalifiki u għall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni. B'madwar 7,5 % tal-forza tax-xogħol totali fl-2017, ir-rata ta' qgħad strutturali kienet għolja. Għat-tkabbir tal-impjeg, u minkejja miżuri reċenti adottati mill-awtoritajiet Finlandiżi, għad fadal sfidi fl-adozzjoni ta' aktar inċentivi biex wieħed jaċċetta x-xogħol u ta' aktar politiki attivi tas-suq tax-xogħol.
- (12) L-inattività u n-nases tal-qgħad għadhom ostaklu għal użu aktar estensiv tal-forza tax-xogħol. Nassa sinifikanti tal-inattività tirriżulta mis-sistema ta' benefiċċji u l-kombinazzjoni ta' tipi differenti ta' benefiċċji. L-assistenza soċjali u l-benefiċċji għall-akkomodazzjoni jiffurmaw komponent sostanzjali ta' din in-nassa. Dawn u benefiċċji oħra jitnaqqsu rapidament, hekk kif jiżdied l-introjt, li joħloq ir-riskju li wieħed jibda jaħdem ma jippremjax biżżejjed lil dak li jkun mill-aspett finanzjarju. Il-kumplessità tar-regoli tal-benefiċċji kkombinata ma' prattiki amministrattivi huma meqjusa li jirriżultaw f'nases tal-qgħad jew "nases burokratiċi" sinifikanti. L-inċertezza marbuta mal-livell ta' benefiċċji u ż-żmien biex dawn jerġgħu jiġu stabbiliti tnaqqas il-għid lejn xogħol għal żmien qasir jew xogħol part-time. Finalment, minkejja r-ritmu tajjeb li qabad dan l-aħħar il-bini ta' djar ġodda, innuqqas ta' akkomodazzjonijiet affordabbli f'ċentri ta' tkabbir jista' jkun impediment addizzjonali għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-esperiment li għaddej bħalissa tal-introjt bażiku, li l-ewwel riżultati tiegħu huma mistennija fl-2019, x'aktarx se jipprovi xi informazzjoni biex tiġi riveduta s-sistema tas-sigurtà soċjali. Ġiet esplorata riforma fis-sistema tal-liv tal-ġenituri biex iżżid ir-rata tal-impjeg tan-nisa fl-età li jista' jkollhom it-tfal u biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Bħalissa qed jitħejja reġistru tal-introjt f'ħin reali u dan jista' jipprovi opportunità biex titjeb l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi u biex il-benefiċċji jiġi livellati b'mod effettiv.
- (13) Il-prattiki ta' kif jiġu stabbiliti l-pagi qed jinbidlu u qed jersqu lejn negozjar fil-livelli settorjali u lokali. Billi d-ditti spiss jiffaċċjaw diversi restrizzjonijiet, dan għandu jippermetti iktar divrenzjar fil-pagi bejn id-ditti, li jiżgura li ż-żidiet reali fil-pagi jkunu konformi mat-tkabbir fil-produttività, filwaqt li jappoġġaw riżultati aħjar fl-impjegi. Skont il-ftehimiet l-iktar reċenti dwar il-pagi li ġew konklużi tard fl-2017 u kmieni fl-2018, l-impjegaturi organizzati għandhom iktar opportunitajiet li jagħmlu negozjar lokali. F'każ ta' impjegaturi li mhumiex organizzati, għadhom jeżistu ostakli. Ġew osservati xi riżultati inizjali pożittivi, peress li l-status attwali tan-negozjati reċenti dwar il-pagi jindika riżultat b'impatt ġeneralment newtrali fuq il-kostkompetittività. Fil-prattika, minkejja l-assenza ta' koordinazzjoni formali dwar il-ftehimiet dwar il-pagi, jidher li qed jiżviluppa mudell Finlandiż, li jorbot iż-żidiet fil-paga fis-settur mhux kummerċjabbli maż-żidiet li jsir qbil dwarhom fis-settur kummerċjabbli.
- (14) Hekk kif l-attività u l-impjegi jirritornaw gradwalment għal-livelli ta' qabel il-kriżi, l-impjegabbiltà iktar baxxa tal-persuni qiegħda u ta' persuni mhux attivi x'aktarx se tkun ta' tħassib ewlieni li tista' tnaqqas ir-ritmu tal-irkupru fis-suq tax-xogħol, filwaqt li b'hekk ixxejjel is-sostenibbiltà fit-tul tas-soċjetà tal-benessri Finlandiża. Is-sitwazzjoni tesiggi attivitajiet xierqa u integrati u servizzi ta' riabilitazzjoni għall-persuni qiegħda u persuni mhux attivi. Fl-istess ħin, ir-riżorsi ddedikati għas-servizzi pubbliċi tal-impjegi, b'mod partikolari għall-attivitajiet ta' konsulenza, huma inqas mill-medja tal-Unjoni. Is-servizzi għal persuni qiegħda, speċjalment għal dawki bi prospettivi ta' impjeg iktar baxxi, huma mferrxa fost għadd ta' fornituri separati. L-integrazzjoni jew il-koordinazzjoni aħjar jistgħu jgħinu jipproduċu katina ta' servizzi bla intoppi (punt uniku ta' kuntatt għal persuni

qiegħda/mhux attivi). Jeħtieġ li jsiru sforzi kontinwi biex jiġi żgurat id-dħul mill-ġdid tal-persuni mhux attivi fis-suq tax-xogħol, speċjalment dawk fil-grupp ta' età ta' bejn il-25 u d-49 sena u tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Il-popolazzjoni tal-migranti tista' parzjalment tikkompensa għat-tnaqqis eżistenti fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, dment li jiġu integrati tajjeb fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà Finlandiża. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' ħaddiema qiegħed jiżdied, li x'aktarx huwa riflessjoni ta' bidla strutturali fl-ekonomija, bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Dan jissuġġerixxi li hemm bżonn ta' investiment kontinwu fit-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ vokazzjonali biex jiġu permessi l-mobbiltà professjonali u jitnaqqsu l-ispariġi fil-ħiliet.

- (15) Il-Gvern implimenta miżuri biex jipromwovi l-intraprenditorija u n-negozji ġodda u tejjeb ukoll id-disponibbiltà tas-self u tal-garanzji tal-esportazzjoni għall-intrapriżi żgħar u medji. Barra minn hekk, persuni qiegħda issa qed jirċievu benefiċċji tal-qgħad matul l-ewwel xhur minn meta jibdew negozju. Din l-iskema x'aktarx li tkun ta' suċċess jekk tkun ikkombinata ma' taħriġ u kkowċjar, filwaqt li t-tul ta' żmien qasir tagħha jista' jillimita l-impatt tagħha. Apparti dan, għad hemm xi dgħufijiet fil-protezzjoni soċjali tal-intraprendituri u ta' dawk li jaħdmu għal rashom u r-riskju ta' faqar għal persuni għal rashom fil-Finlandja huwa għoli mqabbel mal-impjegati.
- (16) Id-dejn tal-unitajiet domestiċi għadu flivell storikament għoli (67 % tal-PDG fl-2016). Id-dejn huwa fil-biċċa l-kbira b'rata varjabbli, li jikkostitwixxi riskju jekk ir-rati tal-imgħax jogħlew fit-terminu medju. Il-kreditu għall-konsumatur qed jiżdied rapidament u proporzjon li qed jiżdied minn dan is-self huwa mogħti minn banek barranin, istituzzjonijiet finanzjarji (apparti l-istituzzjonijiet tal-kreditu), kumpaniji żgħar tas-self u self bejn il-pari. L-Awtorità Superviżorja Finanzjarja Finlandiża adottat għadd ta' miżuri biex tiġi limitata ż-żieda fid-dejn tal-unitajiet domestiċi. Madankollu, ma huwa mistenni l-ebda diżingranaġġ attiv fi żmien qasir, speċjalment hekk kif ir-rati tal-imgħax għadhom baxxi u l-kunfidenza tal-konsumatur hija b'saħħitha. In-nuqqas ta' reġistru tal-kreditu (li jiġbor kemm informazzjoni pożittiva kif ukoll negattiva dwar id-debituri) komprensiv jista' jżomm lill-banek milli jkollhom viżjoni ċara tal-pożizzjoni tad-dejn ġenerali tal-unitajiet domestiċi.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Finlandja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Finlandja imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tikseb l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2019, filwaqt li tqis il-konċessjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali li għalihom hija mogħtija devjazzjoni temporanja. Tiżgura l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riforma amministrattiva bil-għan li tejjeb il-kosteffettività u l-aċċess ugwali għas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.
2. Ittejjeb l-inċentivi biex jiġi aċċettat ix-xogħol u tiżgura servizzi adegwati u integrati tajjeb għal persuni qiegħda u persuni inattivi.
3. Issaħħaħ il-monitoraġġ tad-dejn tal-unitajiet domestiċi billi twaqqaf sistema ta' reġistru tal-kreditu.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tal-Iżvezja**

(2018/C 320/26)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Fis-17 ta' Novembru 2017 hija kkunsidrat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-prijoritajiet tal-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Iżvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għall-Iżvezja ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Iżvezja biex tindirizza r-rakkomandazzjoni speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Iżvezja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-7 ta' Marzu 2018. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Iżvezja għaddeja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, is-sovravalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar flimkien maż-żieda kontinwa fid-dejn tal-unitajiet domestiċi jgħolqu riskji ta' korrezzjoni diżordinata. Id-dejn diġà għoli tal-unitajiet domestiċi għadu tiela'. Il-prezzijiet tad-djar ilhom jogħlew malajr u b'ritmu virtwalment mhux interrott għal madwar 20 sena. Fl-aħħar kwart tal-2017 ġie rreġistrat tkabbir negattiv. Madankollu, l-indikaturi tal-valutazzjoni jissuġġerixxu li l-prezzijiet tad-djar għadhom għoljin ħafna fir-relazzjoni mal-affarijiet fundamentali. Minkejja li l-banek jidher li huma kapitalizzati b'mod adegwat, korrezzjoni diżordinata tista' taffettwa wkoll is-settur finanzjarju peress li l-banek għandhom espożizzjoni dejjem tikber ta' self ipotekarju tal-unitajiet domestiċi. F'dan il-każ, ikun hemm riperkussjonijiet fuq il-pajjiżi ġirien minħabba l-interkonnessjonijiet finanzjarji sistemiċi. F'dawn l-aħħar snin ittiegħu miżuri biex jitrażżan it-tkabbir tad-dejn ipotekarju u tiżdied il-konstruzzjoni tad-djar. Madankollu, il-passi politiċi implimentati sa issa ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw is-sovravalutazzjoni fis-settur tal-abitazzjoni, u għad hemm lakuni politiċi kruċjali, partikolarment fir-rigward tal-inċentivi fiskali għal sjieda tal-akkomodazzjoni kif ukoll il-funzjonament tal-provvista tad-djar u s-suq tal-kera.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 261, 9.8.2017, p. 1.

- (3) Fis-27 ta' April 2018, l-Iżvezja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tagħha kif ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdi iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissa l-Iżvezja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2018, il-Gvern qed jippjana li jilħaq surplus ta' 1,0 % tal-PDG fl-2018 u li jkompli jirrispetta l-objettiv baġitarju fit-terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — matul il-perjodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jinżel għal 37,3 % fl-2018 u li jkompli jinżel għal 29,0 % fl-2021. It-tkabbir ekonomiku u finanzi pubbliċi sodi huma mistennija li jkun l-motivaturi ewlenin wara tnaqqis fid-dejn pubbliku bħal proporzjon tal-PDG. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2018 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li juri surplus ta' 0,7 % tal-PDG fl-2018 u surplus ta' 1,0 % tal-PDG fl-2019, 'il fuq mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 u fl-2019.
- (6) Id-dejn tal-unitajiet domestiċi kompli jżied minn livelli diġà għoljin. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi żdied b' 7,0 % fl-2017, u laħaq madwar 86 % tal-PDG u 184 % tad-dħul disponibbli — fost l-oġġla livelli fl-Unjoni. Wara li naqset xi ftit fl-2016, il-medja tal-proporzjon dejn-introjtu disponibbli għal mutwatarji tal-ipoteki ġodda reġġet żdiedet fl-2017 għal 411 %, li kien jirrappreżenta rekord ġdid. It-tkabbir fid-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa xprunat prinċipalment minn self ipotekarju oġġla, marbut ma' prezzijiet għoljin tad-djar u distorsjonijiet strutturali li jiffavorixxu investiment fil-proprietà ffinanzjat minn ipoteki. Il-livelli ta' dejn mhumiex imqasma b'mod ugwali, bir-riżultat li familji iżgħar u bi dħul baxx qed jiffaċċjaw piżijiet partikolarment għolja ta' dejn skont id-dħul tagħhom. F'dawn l-aħħar snin, l-Iżvezja implimentat bosta miżuri makroprudenzjali. Passi meħuda jinkludu l-istipular tal-limiti tal-proporzjon bejn is-self, aġġustament tal-limiti potenzjali tal-piżijiet ta' riskju, u introduzzjoni tar-regola tal-amortizzazzjoni tal-ipoteki formali f'Ġunju 2016. F'Marzu 2018, daħal fis-seħħ rekwiżit għal amortizzazzjoni msaħħa ġdid għal ipoteki ta' dejn għoli-introjtu disponibbli. L-Iżvezja adottat ukoll leġiżlazzjoni biex issaħħa il-mandat legali tal-awtorità makroprudenzjali (*Finansinspektionen*). Il-mandat il-ġdid beda jaħdem minn Frar 2018, li jippermetti lill-awtorità biex tirrispondi b'mod aktar f'waqt b'firxa usa' ta' miżuri potenzjali għar-riskji marbutin mat-tkabbir ta' dejn tal-unitajiet domestiċi. Il-passi tal-politika makroprudenzjali meħuda sa issa jidhru li kellhom impatt limitat fuq it-tkabbir tas-self ipotekarju. Il-limitazzjoni gradwali tat-tnaqqis fiskali fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki jew iż-żieda tat-taxxi rikorrenti fuq il-proprietà, jgħinu biex jitrażżan it-tkabbir fid-dejn tal-unitajiet domestiċi, iżda l-Gvern ma għamel l-ebda progress fuq dan.
- (7) Fl-2017, l-ekonomija Żvediża żdiedet b'mod qawwi b'madwar 2,4 %, xprunata minn domanda domestika b'saħħitha. L-investiment, xprunat minn investiment fl-akkomodazzjoni, kiber minn 6,0 % (sena wara sena) fl-ewwel tliet kwarti, li wassal għal kontribuzzjoni partikolarment qawwija. Minkejja żieda qawwija f'bini ġdid f'dawn l-aħħar snin, għad hemm nuqqas kontinwu ta' provvista, b'mod partikolari ta' djar affordabbli madwar il-bliet il-kbar. Nuqqas ta' akkomodazzjoni disponibbli u bi prezz affordabbli jillimita wkoll il-mobbiltà tas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni effettiva tal-migranti fis-suq tax-xogħol u jikkontribwixxi għal inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet.
- (8) Wara għoxrin sena ta' prezzijiet tad-djar li qed jogħlew malajr, fil-ħarifa tal-2017 kien hemm tnaqqis gradwali fis-suq tad-djar, iżda l-prezzijiet baqgħu 'il fuq mill-indikaturi bażiċi. Motivaturi ewlenin jinkludu inċentivi fiskali li jiffavorixxu s-sjieda tad-djar u d-dejn ipotekarju u kundizzjonijiet tal-kreditu akkomodanti flimkien ma' rati tal-amortizzazzjoni tal-ipoteki li għadhom relattivament baxxi. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni huwa marbut mal-inefficienzi strutturali, inkluż kompetizzjoni limitata fis-settur tal-kostruzzjoni minħabba l-ostakli għad-dħul għall-kumpaniji iżgħar u barranin u l-kapaċità ta' żviluppaturi kbar biex jikkontrollaw ir-riżorsi

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

tal-art. Hemm ukoll ostakli fl-użu effiċjenti tal-unitajiet eżistenti residenzjali. Fis-suq tal-keramika, kirjiet anqas minn dawg tas-suq jgħidli effetti "lock-in" u "insider/outsider". Fis-suq tas-sidien-okkupanti, it-taxxi fuq il-qligħ kapitali jnaqqsu l-mobbiltà tas-sidien ta' abitazzjonijiet. L-awtoritajiet Żvedeżi qed ikomplu jimplimentaw gradwalment il-pjan ta' 22 punt biex iżidu l-konstruzzjoni residenzjali u jtejbju l-effiċjenza tas-suq tal-akkomodazzjoni. Madankollu, l-ebda azzjoni sinifikanti ta' politika ma ttehdet biex tiġi introdotta aktar flessibbiltà fl-istipular tal-prezzijiet tal-kiri jew biex tiġi riveduta l-istruttura tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali.

- (9) L-ekonomija avvanzata tenhtiegħ ħaddiema b'ħiliet għolja; nuqqas ta' ħaddiema korrispondenti qiegħed jitfaċċa f'setturi bħall-konstruzzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, ix-xjenza, l-inġinerija u l-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni. F'dan il-kuntest, għad fadal sfidi, bħalma huma l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni, speċjalment in-nisa. Ir-rata ta' impjeg ta' nisa mhux imwiwda fl-UE huwa ferm aktar baxx mill-popolazzjoni ġenerali. Id-diskrepanza tal-prestazzjoni edukattiva bejn studenti minn sfond soċjoekonomiku differenti qiegħda tikber. L-integrazzjoni fis-sistema tal-iskola ta' studenti migranti li għadhom kif jaslu jirrikjedi monitoraġġ mill-qrib, anki n-nuqqas ta' għalliema li qed jikber.
- (10) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Iżvezja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Iżvezja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Iżvezja imma wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (11) Fl-isfond ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u huwa tal-opinjoni ⁽¹⁾ li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (12) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Iżvezja tieħu azzjoni fl-2018 u l-2019 biex:

1. Tindirizza r-riskji marbutin mal-livell għoli ta' dejn tal-unitajiet domestiċi billi tnaqqas gradwalment id-deduċibbiltà tat-taxxa tal-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki jew iżżid it-taxxi rikorrenti fuq il-proprietà. Iżżid il-konstruzzjoni residenzjali, fejn in-nuqqasijiet huma l-aktar urġenti, b'mod partikolari billi tneħħi l-ostakli strutturali għall-konstruzzjoni u ttejjeb l-effiċjenza tas-suq tal-akkomodazzjoni, inkluż billi tintroduċi aktar flessibbiltà fl-istipular tal-prezzijiet tal-kiri u tirrevedi l-istruttura tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Lulju 2018****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tar-Renju Unit**

(2018/C 320/27)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjeggi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2018. Fis-17 ta' Novembru 2017, hija kkunsidrat ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fit-22 ta' Marzu 2018. Fit-22 ta' Novembru 2017, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Renju Unit bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2018 għar-Renju Unit ġie ppubblikat fis-7 ta' Marzu 2018. Huwa vvaluta l-progress tar-Renju Unit fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017 ⁽³⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Renju Unit lejn il-miri nazzjonali tiegħu ta' Ewropa 2020.
- (3) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Sakemm Ftehim ta' Ħruġ ratifikat ma jstabbilixxix data oħra jew il-Kunsill Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li t-Trattati ma jibqgħux japplikaw f'data aktar tard, il-liġijiet primarji u sekondarji kollha tal-Unjoni, ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00 (CET). Ir-Renju Unit imbagħad isir pajjiż terz. In-negozjati għadhom għaddejnin sabiex jiġi żgurat ħruġ ordnat, inkluż perjodu ta' tranżizzjoni sa tmiem l-2020, li matulu l-liġi tal-Unjoni tkompli tapplika għar-Renju Unit, kif ukoll fih.
- (4) Fit-30 ta' April 2018, ir-Renju Unit ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tiegħu u l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 tiegħu. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

⁽¹⁾ ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠUL 306, 23.11.2011, p. 25).

⁽³⁾ ĠUC 261, 9.8.2017, p. 1.

- (5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) Bħalissa r-Renju Unit jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2017-2018, il-Gvern jistenna li d-defiċit nominali jaqa' minn 2,2 % tal-PDG fl-2017-2018 għal 1,8 % tal-PDG fl-2018-2019 u għal 1,7 % tal-PDG fl-2019-2020. Il-Programm ta' Konverġenza ma jinkludix objettiv baġitarju fit-terminu medju. Skont il-Programm ta' Konverġenza, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jiġi stabbilit b'mod ġenerali għal madwar 85,5 % mill-2017-2018 għall-2019-2020 qabel ma jerġa' jaqa' għal 84,8 % tal-PDG fl-2021-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfered dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Għalkemm il-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw il-miri tad-defiċit ipplanati huma speċifikati sew b'mod ġenerali, il-perssonijiet li qed jikbru fuq l-infiq tal-gvern f'għadd ta' oqsma johlolqu riskju għall-kisba tat-tnaqqis fl-iżbilanċ ipplanati.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lir-Renju Unit biex jiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ⁽²⁾ ma taqbiżx il-1,8 % fl-2018-2019, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG. Fl-istess ħin, il-Kunsill indika li għandha tingħata kunsiderazzjoni biex tinkiseb pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li għaddej kif ukoll is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tar-Renju Unit. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018, hemm riskju ta' ċerta devjazzjoni mir-rekwiżiti tal-parti preventiva fl-2018-2019.
- (8) Fl-2019-2020, bil-ħsieb ta' dejn pubbliku tar-Renju Unit bħala proporzjon tal-PDG ta' l fuq minn 60 %, u marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni pproġettata ta' 0,4 %, ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett jenħtieġ li ma taqbiżx il-1,6 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG, li joriġina mill-matriċi a' aġġustament miftiehma b'mod komuni tar-rekwiżiti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont il-politiki mhux mibdula, ir-Renju Unit huwa mistenni li jikkonforma mar-rekwiżit fl-2019-2020. Huwa mbassar prima facie li r-Renju Unit ikun konformi mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2018-2019 u fl-2019-2020 bħala riżultat tad-devjazzjoni annwali permessa ta' 0,25 %. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li r-Renju Unit irid ikun lest li jieħu miżuri ulterjuri sa mill-2018-2019 biex ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) Il-provvista netta annwali tal-akkomodazzjoni qed tkompli tiżdied fost firxa ta' inizjattivi tal-gvern biex jiġi stimulat is-suq tad-djar u rkupru ċikliku. Madankollu, din tibqa' ferm taħt l-estimi tad-domanda u r-Renju Unit għadu qed iħabbat wiċċu ma' sfida kbira biex jipprovi akkomodazzjoni xierqa. Dan huwa marbut ma' regolamentazzjoni stretta ħafna u kumplessa tas-suq tal-artijiet. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni u spejjeż għoljin tal-abitazzjoni huma kwistjonijiet partikolari f'żoni b'domanda għolja u li qed tikber. Il-Gvern jirrikonoxxi din il-problema u stabbilixxa objettivi ambizzjużi biex tiżdied il-provvista fis-snin li ġejjin. Fl-istess ħin, il-Gvern afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex jillimita l-iżvilupp madwar iċ-ċentri urbani. Is-sjeda tad-djar naqset b'mod sinifikanti għal gruppi ta' età iżgħar, li jikkontribwixxi għal inugwaljanza bejn il-ġenerazzjonijiet.
- (10) Il-produttività tax-xogħol hija baxxa u staġnata. Partijiet kbar tal-ekonomija ma jiffunzjonawx tajjeb fil-motivaturi prinċipali tal-produttività — il-ħiliet, l-investment u proċessi effiċjenti ta' negozju. In-netwerks tar-Renju Unit tatriq, tal-ferroviji u l-avjazzjoni għandhom ukoll perssonijiet ta' kapaċità sinifikanti u li dejjem qed jikbru.
- (11) Għalkemm il-figuri tas-suq tax-xogħol ewlenin jibqgħu jkunu fil-biċċa l-kbira pożittivi, għad hemm tħassib dwar il-kwalità ta' ċerti impjegji. Dan huwa marbut ma' kwistjonijiet dwar l-iżvilupp tal-ħiliet, ċerti forom atipiċi ta' xogħol, il-pagi, il-produttività, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-faqar fost dawk li għandhom l-età tax-xogħol. Kien hemm stqarrijiet ta' politika u żviluppi sinifikanti rigward dawn il-kwistjonijiet kollha. Il-koerenza

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽²⁾ L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

f'dawn il-politiki relatati hija importanti ħafna. F'dak li jirrigwarda l-ħiliet, ħafna mill-enfasi sa issa kien fuq l-apprendistati u r-riformi fis-settur tal-edukazzjoni teknika. Enfasi fuq il-kwalità għat-tnejn li huma jistgħu jipprovdur effett multiplikatur sostenibbli għas-soċjetà kif ukoll għall-ekonomija. Ir-Renju Unit huwa fost daww l-Istati Membri li diġà jissodisfaw aktar minn żewġ terzi tal-abbozz tal-kriterji fil-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi u, għaldaqstant it-twaqqif u s-sorveljanza tal-miri ta' kwalità, pereżempju permezz ta' stħarriġ dwar s-sitwazzjoni tal-gradwati huma fattibbli. Ir-riżorsi huma proporzjonati ma' daww allokati għal apprendistati u t-T-Levels (kwalifiki tekniċi ġodda) il-ġodda għal persuni li jitolqu kmieni mill-iskola huma meħtieġa għal għażliet ta' tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari għal daww li jinqabdu fl-istadju ta' impjeg fil-livell ta' dħul.

- (12) Il-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali jenħtegu wkoll attenzjoni biex jitmexxew 'il quddiem. Ir-riformi fil-kura tat-tfal qed jiġu implimentati iżda jistgħu jkunu meħtieġa dispożizzjonijiet addizzjonali, partikolarment għat-tfal taħt it-tliet snin. L-impatt ta' ċerti riformi tal-assistenza soċjali u t-tnaqqis għad iridu jinħassu b'mod sħiħ, b'mod partikolari fost il-familji.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2018, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Renju Unit u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2018. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2018, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Renju Unit fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Renju Unit iżda wkoll sa fejn jikkonformaw mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2018 u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Renju Unit jieħu azzjoni fl-2018 u fl-2019 biex:

1. Jiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma jaqbiżx il-1,6 % fl-2019-2020, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG.
2. Iżid il-provvista tad-djar, partikolarment foqsm tal-ogħla domanda, inkluż permezz ta' riformi addizzjonali għas-sistema tal-ippjanar.
3. Jindirizza l-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-progress permezz tal-istabbiliment ta' miri għall-kwalità u l-effettività tal-apprendistati u b'aktar investment fiż-żieda tal-ħiliet ta' daww li diġà jinsabu fis-suq tax-xogħol.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LÖGER

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT